MANWAL



# Manwal dwar il-liġi Ewropea li għandha x'taqsam mad-drittijiet tat-tfal

Edizzjoni tal-2022


FRA
EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

EUROPEAN COURT OF HUMAN RIGHTS
COUR EUROPÉENNE DES DROITS DE L'HOMME

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

Il-manuskritt għal dan il-manwal tlesta fi Frar 2022.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Kreditu għar-ritratt (kopertura u ġewwa): © iStockphoto

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill tal-Ewropa, 2026

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta’ elementi li mhumiex proprjetà tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill tal-Ewropa, jista’ jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali/il-Kunsill tal-Ewropa u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f’isem l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali/il-Kunsill tal-Ewropa ma hija responsabbli mill-użu li jista’ jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026

| | | | |
|---|---|---|---|
| KtE: | ISBN 978-92-871-9765-8 | | |
| FRA — print: | ISBN 978-92-9489-320-8 | doi:10.2811/99510 | TK-09-21-398-MT-C |
| FRA — PDF: | ISBN 978-92-9489-340-6 | doi:10.2811/888766 | TK-09-21-398-MT-N |

*Printed by Imprimerie Bietlot in Belgium*

Stampat fuq karta bbliċjata ħielsa mill-kloru (ECF)

Dan il-manwal ġie abbozzat bl-Ingliż. Il-Kunsill tal-Ewropa (KtE) u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) ma jieħdu l-ebda responsabbiltà għall-kwalità tat-traduzzjonijiet f’lingwi oħrajn. Il-fehmiet espressi f’dan il-manwal ma jorbtux lill-KtE u lill-QEDB. Il-manwal jirreferi għal għażla ta’ kummentarji u manwali. Il-KtE u l-QEDB ma jieħdu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tagħhom, u l-inklużjoni tagħhom fuq din il-lista ma tammonta għal ebda forma ta’ approvazzjoni ta’ dawn il-pubblikazzjonijiet. Aktar pubblikazzjonijiet huma elenkati fuq il-paġni tal-internet tal-librerija tal-QEDB fuq: echr.coe.int, u aktar materjali tar-riżorsi jistgħu jinstabu fuq coe.int/children.

EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

EUROPEAN COURT OF HUMAN RIGHTS
COUR EUROPÉENNE DES DROITS DE L'HOMME

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

# Manwal dwar il-liġi Ewropea li għandha x'taqsam mad-drittijiet tat-tfal

## Edizzjoni tal-2022

# Daħla

Din it-tieni edizzjoni tal-manwal dwar il-liġi Ewropea li għandha x'taqsam mad-drittijiet tat-tfal tħejjiet b'mod konġunt mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA, Fundamental Rights Agency) u mill-Kunsill tal-Ewropa (id-Diviżjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, id-Dipartiment tal-Karta Soċjali Ewropea u r-Reġistru tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem). Huwa l-ħames wieħed f'serje ta' manwali dwar il-liġi Ewropea mħejjija b'mod konġunt mill-organizzazzjonijiet tagħna. Il-manwali preċedenti kienu ddedikati għal liġi Ewropea relatata man-nondiskriminazzjoni, l-ażil, il-fruntieri u l-immigrazzjoni, il-protezzjoni tad-data u l-aċċess għall-ġustizzja.

Minn meta ppubblikajna l-ewwel edizzjoni fl-2015, kien hemm għadd ta' bidliet leġiżlattivi, kif ukoll każistika importanti rilevanti għad-drittijiet tat-tfal. Pereżempju, l-UE għall-ewwel darba lleġiżlat dwar il-garanziji proċedurali għat-tfal li huma persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE) iċċarat mistoqsijiet legali rigward kwistjonijiet bħar-ritorn ta' tfal ċittadini ta' pajjiż terz. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) tat għadd ta' sentenzi importanti, notevolment fl-oqsma tal-vjolenza kontra t-tfal u d-detenzjoni ta' tfal migranti.

It-tfal huma detenturi sħaħ tad-drittijiet tal-bniedem u dan il-manwal għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-istandards legali li jipproteġu u jippromwovu dawn id-drittijiet fl-Ewropa. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-obbligu tal-Unjoni li tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ir-regolamenti u d-direttivi tagħha, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-QĠUE, ikkontribwew biex tiġi ddeterminata aktar il-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet.

Fil-Kunsill tal-Ewropa, għadd kbir ta' konvenzjonijiet u l-korpi tat-trattat rispettivi tagħhom jiffokaw fuq aspetti speċifiċi tal-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, inklużi l-protezzjoni mill-abbuż u l-isfruttament sesswali, miċ-ċiberkriminalità, mit-traffikar u mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u l-protezzjoni tad-data. Dawn il-konvenzjonijiet jikkontribwixxu għat-titjib tal-protezzjoni mogħtija lit-tfal taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta Soċjali Ewropea, inkluż mill-ġurisprudenza tal-QEDB u d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Dan il-manwal huwa mfassal għal professjonisti legali, imħallfin, prosekuturi pubbliċi, awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal, u prattikanti u organizzazzjonijiet oħrajn responsabbli biex jiżguraw il-protezzjoni legali tad-drittijiet tat-tfal. Aħna fiduċjużi li dan il-manwal se jipprovdilhom l-għarfien meħtieġ biex jintegraw il-perspettiva tad-drittijiet tat-tfal fid-deċiżjonijiet u s-sitwazzjonijiet kollha tagħhom.

**Snežana Samardžić-Marković**

Direttur Ġenerali tad-Demokrazija
Kunsill tal-Ewropa

**Sirpa Rautio**

Direttur tal-Aġenzija
tal-Unjoni Ewropea
għad-Drittijiet Fundamentali

# Kontenut


DAĦLA .......... 3

ABBREVJAZZJONIJIET .......... 11

KIF TUŻA DAN IL-MANWAL .......... 13

1 INTRODUZZJONI GĦAL-LIĠI EWROPEA LI GĦANDHA X'TAQSAM MAD-DRITTIJIET TAT-TFAL: KUNTEST U PRINĊIPJI EWLENIN .......... 17

1.1. Kunċetti Prinċipali .......... 21

Punti ewlenin .......... 21

1.1.1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi Ewropea li għandha x'taqsam mad-Drittijiet tat-Tfal .......... 21

1.1.2. It-tfal bħala detenturi tad-drittijiet .......... 22

1.2. Sfond għad-drittijiet tat-tfal fl-Ewropa .......... 24

Punti ewlenin .......... 24

1.2.1. L-Unjoni Ewropea: l-iżvilupp tad-drittijiet tat-tfal u l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni .......... 24

1.2.2. Il-Kunsill tal-Ewropa: l-iżvilupp tad-drittijiet tat-tfal u l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni .......... 28

1.3. Il-liġi Ewropea li għandha x'taqsam mad-drittijiet tat-tfal u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal .......... 31

Punt ewlieni .......... 31

1.4. Ir-rwol tal-qrati Ewropej fl-interpretazzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tat-tfal .......... 34

Punti ewlenin .......... 34

1.4.1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea .......... 34

1.4.2. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem .......... 35

1.5. Il-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali .......... 36

Punt ewlieni .......... 36

2 ID-DRITTIJIET U L-LIBERTAJIET ĊIVILI .......... 39

2.1. Libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon .......... 41

Punti ewlenin .......... 41

2.2. Id-drittijiet tal-ġenituri u l-libertà tar-reliġjon tat-tfal tagħhom .......... 43

Punti ewlenin .......... 43

2.3. Il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni ... 46
Punt ewlieni ... 46
2.4. Id-dritt li persuna tinstema' ... 48
Punti ewlenin ... 48
2.5. Id-dritt għal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni ... 53
Punti ewlenin ... 53

3 UGWALJANZA U NONDISKRIMINAZZJONI ... 55
3.1. Il-liġi Ewropea tan-nondiskriminazzjoni ... 59
Punti ewlenin ... 59
3.2. Nondiskriminazzjoni bbażata fuq razza jew oriġini etnika ... 63
Punti ewlenin ... 63
3.3. Nondiskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità u l-istatus ta' immigrazzjoni ... 67
Punti ewlenin ... 67
3.4. Nondiskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilità ... 70
Punti ewlenin ... 70
3.5. Nondiskriminazzjoni bbażata fuq raġunijiet protetti oħrajn ... 74
Punti ewlenin ... 74

4 KWISTJONIJIET TA' IDENTITÀ PERSONALI ... 79
4.1. Reġistrazzjoni tat-twelid u d-dritt għal isem ... 81
Punt ewlieni ... 81
4.2. Id-dritt li persuna tkun taf l-oriġini tagħha ... 83
Punti ewlenin ... 83
4.2.1. Stabbiliment tal-paternità ... 84
4.2.2. Stabbiliment tal-oriġini ta' persuna: adozzjoni ... 88
4.3. Ċittadinanza ... 89
Punti ewlenin ... 89

5 IL-ĦAJJA TAL-FAMILJA ... 93
5.1. Id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata ... 95
Punti ewlenin ... 95
5.2. Id-dritt tat-tfal li l-ġenituri tagħhom jieħdu ħsiebhom ... 97
Punti ewlenin ... 97
5.3. Id-dritt li jinżamm kuntatt ... 100
Punti ewlenin ... 100

5.4. Tneħħija mhux xierqa ta’ tfal minn naħa għal oħra tal-fruntieri — ħtif ta’ minuri ........ 110
Punti ewlenin ........ 110

6 ĦARSIEN ALTERNATTIV GĦAL ĦARSIEN MINN FAMILJA U ADOZZJONI ..... 119
6.1. Ħarsien alternattiv: prinċipji ġenerali ........ 121
Punti ewlenin ........ 121
6.2. It-tqegħid tat-tfal taħt ħarsien alternattiv ........ 126
Punti ewlenin ........ 126
6.3. Adozzjoni ........ 131
Punti ewlenin ........ 131

7 IL-PROTEZZJONI TAT-TFAL KONTRA L-VJOLENZA U L-ISFRUTTAMENT ....... 139
7.1. Vjolenza d-dar, fl-iskejjel, online u f’ambjenti oħra ........ 143
Punti ewlenin ........ 143
7.1.1. L-ambitu tar-responsabbiltà tal-istat ........ 143
7.1.2. Abbuż fl-iskola ........ 148
7.1.3. Abbuż sesswali ........ 149
7.1.4. Vjolenza domestika u ttraskurar ta’ tfal ........ 155
7.2. Sfruttament tat-tfal ........ 159
Punt ewlieni ........ 159
7.2.1. Xogħol furzat ........ 159
7.2.2. Traffikar tat-tfal ........ 162
7.2.3. Sfruttament sesswali ........ 167
7.3. Gruppi b’riskju għoli ........ 170
Punt ewlieni ........ 170
7.4. Tfal niqsin ........ 173
Punt ewlieni ........ 173

8 DRITTIJIET EKONOMIĊI, SOĊJALI U KULTURALI U LIVELL TA’ GĦAJXIEN ADEGWAT ........ 177
8.1. Approċċi għal drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali ........ 181
Punti ewlenin ........ 181
8.2. Dritt għall-edukazzjoni ........ 183
Punti ewlenin ........ 183
8.2.1. Dritt għall-edukazzjoni ta’ tfal migranti ........ 186
8.3. Dritt għas-saħħa ........ 191
Punti ewlenin ........ 191

8.4. Dritt għal akkomodazzjoni ... 198
Punti ewlenin ... 198
8.5. Dritt għal livell ta’ ħajja adegwat u dritt għas-sigurtà soċjali ... 203
Punti ewlenin ... 203

9 MIGRAZZJONI U AŻIL ... 209
9.1. Dħul u residenza ... 213
Punti ewlenin ... 213
9.2. Valutazzjoni tal-età ... 218
Punti ewlenin ... 218
9.3. Riunifikazzjoni tal-Familja għal tfal mifrudin ... 220
Punti ewlenin ... 220
9.4. Detenzjoni ... 225
Punti ewlenin ... 225
9.5. Tkeċċija ... 230
Punti ewlenin ... 230
9.6. Aċċess għall-ġustizzja ... 236
Punt ewlieni ... 236

10 IL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI U TAL-KONSUMATURI ... 239
10.1. It-tfal u l-protezzjoni tad-data personali ... 241
Punti ewlenin ... 241
10.1.1. Id-dritt Ewropew dwar il-protezzjoni tad-data ... 241
10.2. Il-Protezzjoni tat-tfal bħala konsumaturi ... 249
Punti ewlenin ... 249
10.2.1. Drittijiet tal-konsumatur ... 249
10.2.2. Prattiċi kummerjali żleali li għandhom fil-mira tagħhom lit-tfal ... 251
10.2.3. Is-sigurtà tal-prodott ... 252
10.2.4. Provi kliniċi li jinvolvu t-tfal ... 253
10.2.5. Ikel maħsub għal trabi u tfal żgħar ... 254
10.2.6. Is-sigurtà tal-ġugarelli ... 254
10.2.7. Tfal u reklamar ... 255

11 ID-DRITTIJIET TAT-TFAL FI ĦDAN IL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI U PROĊEDIMENTI (MHUX ĠUDIZZJARJI) ALTERNATTIVI ... 257
11.1. Garanziji ta’ proċess ġust ... 259
Punti ewlenin ... 259

11.1.1. Parteċipazzjoni effettiva ..... 264
11.1.2. Aċċess għal avukat ..... 266
11.2. Drittijiet ta' delinkwenti żgħażagħ fir-rigward ta' detenzjoni ..... 268
Punti ewlenin ..... 268
11.2.1. Forom ta' detenzjoni (garanziji sostantivi u proċedurali) ..... 269
11.2.2. Kundizzjonijiet tad-detenzjoni ..... 273
11.2.3. Protezzjoni kontra abbuż jew trattament ħażin ..... 275
11.3. Protezzjoni ta' vittmi u xhieda minuri ..... 276
Punt ewlieni ..... 276
AKTAR QARI ..... 285
KAŻISTIKA ..... 299
KIF ISSIB KAŻISTIKA TAL-QRATI EWROPEJ ..... 311
STRUMENTI LEGALI RIFERUTI ..... 317
Strumenti legali tan-NU ..... 317
Strumenti legali tal-Kunsill tal-Ewropa ..... 317
Strumenti legali tal-EU ..... 320

# Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| CDENF | Kumitat ta' Tmexxija tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tat-Tfal |
| CRC | Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal |
| CRD | Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur |
| CRPD | Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità |
| ECSR | Il-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali |
| EDPB | Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data |
| ESC | Il-Karta Soċjali Ewropea |
| FCNM | Il-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali |
| FRA | L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali |
| GC | L-Awla Manja (tal-Qorti Ewropea Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) |
| GDPR | Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data |
| GRETA | Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin |
| ILO | Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol |
| KEDB | Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (magħrufa b'mod komuni bħala l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem) |
| KtE | Il-Kunsill tal-Ewropa |
| LGBTIQ | Persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru, intersesswali u queer |
| NGO | Organizzazzjoni mhux governattiva |
| NU | In-Nazzjonijiet Uniti |
| QEDB | Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem |
| QĠE | Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea |
| QĠUE | Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (qabel Diċembru 2009, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (QĠE)) |

| | |
|---|---|
| **TFUE** | It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| **TUE** | It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea |
| **UE** | L-Unjoni Ewropea |
| **ŻEE** | Iż-Żona Ekonomika Ewropea |

# Kif tuża dan il-manwal

Dan il-manwal jagħti ħarsa ġenerali lejn id-drittijiet fundamentali tat-tfal fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE) u tal-Kunsill tal-Ewropa (KtE). Huwa wiesa' fil-kamp ta' applikazzjoni u jaġġorna l-ewwel edizzjoni, ippubblikata fl-2015. Id-drittijiet tat-tfal huma qasam transsettorjali tal-liġi. Il-manwal jirrikonoxxi lit-tfal bħala detenturi tad-drittijiet tal-bniedem/fundamentali kollha, kif ukoll bħala suġġetti ta' regolamenti speċjali minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom. Huwa jiffoka fuq l-oqsma tal-liġi li huma ta' importanza speċifika għat-tfal.

Il-manwal huwa mfassal biex jassisti lill-prattikanti legali li jistgħu ma jkunux speċjalizzati fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal, inklużi avukati, imħallfin, prosekuturi, ħaddiema soċjali u oħrajn li jaħdmu ma' awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs, non-governmental organisations) u korpi oħrajn li jistgħu jiġu kkonfrontati bi kwistjonijiet legali relatati. Dan huwa punt ta' referenza kemm dwar id-dritt tal-UE kif ukoll tal-KtE relatati mal-oqsma tagħha, fejn jispjega kif kull kwistjoni hija regolata skont id-dritt tal-UE kif ukoll skont il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), il-Karta Soċjali Ewropea (ESC, European Social Charter) u strumenti oħrajn tal-KtE. Kull kapitolu jibda b'tabella tal-liġi applikabbli skont iż-żewġ sistemi legali Ewropej separati, li mbagħad tiġi deskritta b'rabta ma' kull suġġett kopert, sabiex il-qarrej ikun jista' jara fejn iż-żewġ sistemi legali jikkonverġu u fejn huma differenti. Fejn rilevanti, hemm ukoll referenzi għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC, Convention on the Rights of the Child) u strumenti internazzjonali oħrajn.

Il-prattikanti fi Stati mhux tal-UE li huma Stati membri tal-KtE u li b'hekk huma partijiet għall-KEDB jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni rilevanti għal pajjiżhom billi jmorru dritt għat-taqsimiet tal-KtE. Il-prattikanti fl-Istati Membri tal-UE se jkollhom bżonn jużaw iż-żewġ taqsimiet minħabba li dawk l-Istati huma marbuta biż-żewġ ordnijiet legali. Għall-qarrejja li jkollhom bżonn aktar informazzjoni dwar kwistjoni partikolari, tista' tinstab lista ta' referenzi għal materjal aktar speċjalizzat fit-taqsima "Aktar qari" tal-manwal.

L-applikazzjoni tal-liġi tal-KEDB tiġi ppreżentata permezz ta' referenzi qosra għal kawżi magħżula tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) relatati mas-suġġett kopert fil-manwal. Dawn intgħażlu minn sentenzi u deċiżjonijiet eżistenti tal-QEDB dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tat-tfal. Dan il-korp ta'

każistika huwa kkomplementat b'referenzi għal strumenti u standards rilevanti oħrajn tal-KtE.

Id-dritt tal-UE huwa ppreżentat f'miżuri leġiżlattivi li ġew adottati, f'dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati u, b'mod partikolari, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif interpretata fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE – magħrufa qabel Diċembru 2009 bħala l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (QĠE)).

Il-każistika deskritta jew iċċitata f'dan il-manwal tagħti eżempji ta' korp importanti ta' każistika kemm tal-QEDB kif ukoll tal-QĠUE. Il-manwal jinkludi, sa fejn huwa possibbli minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat u n-natura introduttorja tiegħu, l-iżviluppi legali sa Settembru 2021.

Il-manwal jibda b'kapitolu introduttorju, li jispjega fil-qosor ir-rwol taż-żewġ sistemi legali kif stabbilit mid-dritt tal-UE u tal-KtE, u fih 10 kapitoli sostantivi li jkopru l-kwistjonijiet li ġejjin:

- id-drittijiet u l-libertajiet ċivili;
- l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni;
- il-kwistjonijiet ta' identità personali;
- il-ħajja tal-familja;
- il-ħarsien alternattiv u l-adozzjoni;
- il-protezzjoni tat-tfal kontra l-vjolenza u l-isfruttament;
- id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali;
- il-migrazzjoni u l-ażil;
- il-protezzjoni tad-data personali u tal-konsumatur;
- id-drittijiet tat-tfal fi ħdan il-ġustizzja kriminali u l-proċedimenti alternattivi.

Kull kapitolu jagħmel kontroreferenzi għal suġġetti u kapitoli oħrajn, filwaqt li jipprovdi fehim aktar sħiħ tal-qafas legali applikabbli. Il-punti ewlenin huma ppreżentati fil-bidu ta’ kull taqsima.

# 1

# Introduzzjoni għal-liġi Ewropea li għandha x'taqsam mad-drittijiet tat-tfal: kuntest u prinċipji ewlenin



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikoli 24 u 32<br>It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 3(3) | **It-tfal bħala detenturi ta' drittijiet** | Il-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, l-Artikolu 4(d)<br>Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali (il-Konvenzjoni ta' Lanzarote), l-Artikolu 3(a) |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 24(2)<br>QĠUE, C-244/06, *Dynamic Medien Vertriebs GmbH vs Avides Media AG*, 2008<br>QĠUE, C-112/20, *M.A. vs État belge*, 2021 | **L-aħjar interessi tat-tfal** | Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote, l-Artikolu 30(1)<br>ECSR, *Il-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi (ICJ) u l-Kunsill Ewropew għar-Refuġjati u l-Eżiljati (ECRE) vs il-Greċja*, Nru. 173/2018, 2021 |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 24(1) | **Id-drittijiet tat-tfal għall-parteċipazzjoni u li jinstemgħu** | Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote, l-Artikolu 9<br>Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Dinjità tal-Bniedem fir-rigward tal-Applikazzjoni tal-Bijoloġija u l-Mediċina: Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina (il-Konvenzjoni ta' Oviedo), l-Artikolu 6 |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija (2011/93/UE) | **Il-protezzjoni mill-vjolenza u/jew mill-vjolenza sesswali** | KEDB, l-Artikoli 2 (id-dritt għall-ħajja), 3 (tortura, trattament inuman u degradanti) u 8 (integrità fiżika)<br>Il-Konvenzjoni ta’ Lanzarote |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 14(2) (id-dritt għall-edukazzjoni) | **Id-dritt li tirċievi edukazzjoni obbligatorja bla ħlas** | ESC (riveduta), l-Artikolu 17(2) (id-dritt għal protezzjoni soċjali, legali u ekonomika xierqa)<br>Il-Protokoll 1 għall-KEDB, l-Artikolu 2 |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 21 (nondiskriminazzjoni) | **Projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi tal-età** | KEDB, l-Artikolu 14 (projbizzjoni tad-diskriminazzjoni)<br>Il-Protokoll 12 għall-KEDB, l-Artikolu 1 |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 7 (ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja) u l-Artikolu 24(3) (il-kuntatt mal-ġenituri) | **Id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja** | KEDB, l-Artikolu 8 (id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja)<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Legali tat-Tfal Imwielda Barra miż-Żwieġ<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Adozzjoni tat-Tfal (riveduta)<br>Il-Konvenzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Personali fir-rigward tat-Tfal<br>Il-Konvenzjoni dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tat-Tfal<br>QEDB, *Maslov vs L-Awstrija* [GC], Nru. 1638/03, 2008 (id-deportazzjoni tar-rikorrent, li bħala minorenni kien ikkundannat għal reati kriminali) |

Dan il-kapitolu introduttorju jispjega kif il-liġi dwar id-drittijiet tat-tfal żviluppat fil-livell Ewropew, liema prinċipji ewlenin jiggwidaw l-applikazzjoni tagħha, u liema aspetti ewlenin tad-drittijiet tat-tfal huma indirizzati mil-liġi Ewropea. Dan jistabbilixxi l-isfond għall-analiżi speċifika għas-suġġett tal-kapitoli li ġejjin.

Il-KtE ġie fformat wara t-Tieni Gwerra Dinjija, bl-iskop li jlaqqa’ flimkien l-Istati Ewropej biex iħarsu d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Ewropa. Illum, il-KtE huwa magħmul minn 47 Stat Membru, inklużi l-Istati

Membri kollha tal-UE. Fl-1950, il-KtE adotta l-KEDB.[1] Il-KEDB kienet l-ewwel strument li jikkristallizza u jagħti effett vinkolanti lid-drittijiet stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-KEDB tapplika bl-istess mod għall-adulti u għat-tfal. Hija tistabbilixxi drittijiet assoluti, li l-Istati qatt ma jistgħu jiksru, bħad-dritt għall-ħajja jew il-projbizzjoni tat-tortura, u tipproteġi ċerti drittijiet u libertajiet li jistgħu jiġu ristretti bil-liġi biss meta jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika, pereżempju, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà jew id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja.

L-Artikolu 19 tal-KEDB stabbilixxa l-QEDB bħala mekkaniżmu ġudizzjarju biex jiżgura li l-Istati josservaw l-obbligi tagħhom skont il-KEDB.

Il-QEDB teżamina l-ilmenti minn individwi, gruppi ta' individwi jew persuni ġuridiċi li jallegaw ksur tal-KEDB. Hija tista' teżamina wkoll kawżi interstatali mressqa minn Stat Membru wieħed jew aktar tal-KtE kontra Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, minn meta daħal fis-seħħ il-Protokoll 16 għall-KEDB fl-1 ta' Awwissu 2018, l-ogħla qrati u tribunali ta' Stat Parti jistgħu jitolbu lill-Qorti tagħti opinjonijiet konsultattivi dwar kwistjonijiet ta' prinċipju relatati mal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet definiti fil-KEDB jew fil-protokolli għalia.

L-Istati għandhom obbligu internazzjonali li jiżguraw li l-uffiċjali tagħhom jikkonformaw mal-KEDB. L-Istati Membri kollha tal-KtE issa inkorporaw jew taw effett lill-KEDB fil-liġi nazzjonali tagħhom, li tirrikjedi li l-imħallfin u l-uffiċjali tagħhom jaġixxu f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-KEDB.

L-ESC[2] (riveduta fl-1996[3]) hija trattat ewlieni ieħor tad-drittijiet tal-bniedem tal-KtE għall-protezzjoni tad-drittijiet soċjali, b'dispożizzjonijiet speċifiċi għad-drittijiet tat-tfal. Ir-rispett tal-impenji skont il-karta mill-Istati Partijiet huwa soġġett għas-superviżjoni tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ECSR, European Committee of Social Rights), elett mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa biex jissorvelja l-konformità mal-karta taħt żewġ mekkaniżmi komplementari: permezz ta' lmenti kollettivi mressqa mis-sħab soċjali u mill-NGOs u permezz ta' rapporti nazzjonali mħejjija mill-Istati Kontraenti. Id-deċiżjonijiet

1 Il-Kunsill tal-Ewropa (1995), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, adottata fl-4 ta' Novembru 1950 u li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Settembru 1953.

2 Il-Kunsill tal-Ewropa (1961), Il-Karta Soċjali Ewropea, CETS Nru. 35, it-18 ta' Ottubru 1961.

3 Il-Kunsill tal-Ewropa (1996), Il-Karta Soċjali Ewropea (riveduta), CETS Nru. 163, it-3 ta' Mejju 1996.

u l-konklużjonijiet tal-ECSR iridu jiġu rrispettati mill-Istati anki jekk ma jkunux direttament infurzabbli fis-sistemi legali domestiċi.

L-UE evolviet minn tliet organizzazzjonijiet Ewropej stabbiliti fis-snin ħamsin (1950s). It-trattati oriġinali tal-Komunitajiet Ewropej ma kienu jinkludu l-ebda referenza għad-drittijiet tal-bniedem jew il-protezzjoni tagħhom. Madankollu, hekk kif bdew jidhru kawżi quddiem il-QĠE (issa l-QĠUE) li allegaw ksur tad-drittijiet tal-bniedem ikkawżat mil-liġi Komunitarja, fl-aħħar tas-snin sittin (1960s) u fil-bidu tas-snin sebgħin (1970s), il-Qorti żviluppat korp ta' liġijiet magħmula minn imħallfin magħrufa bħala l-"prinċipji ġenerali" ta' liġi Komunitarja. Skont il-QĠUE, dawn il-prinċipji ġenerali jirriflettu l-kontenut tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li jinsab fil-kostituzzjonijiet nazzjonali u fit-trattati dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-KEDB, u l-QĠUE tiżgura l-konformità tal-liġi Komunitarja ma' dawn il-prinċipji.

Is-sistema tal-UE għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem żviluppat mill-ġurisprudenza tal-QĠUE, permezz ta' emendi tat-Trattati sabiex tiġi afferma-ta l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE. It-Trattat ta' Maastricht inkluda referenza għall-KEDB u għat-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE, filwaqt li t-Trattat ta' Amsterdam ikkonferma li l-UE hija bbażata fuq dawk il-prinċipji (it-Trattat ta' Liżbona jelenkahom bħala "valuri" fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)).

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, adottata fis-sena 2000, tistabbilixxi firxa ta' drittijiet ċiviċi, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali. Meta t-Trattat ta' Liżbona daħal fis-seħħ fl-2009, il-karta kisbet l-istess valur legali bħat-Trattati, li jfisser li l-istituzzjonijiet tal-UE huma marbuta li jikkonformaw miegħu. L-Istati Membri tal-UE jridu jikkonformaw mal-karta meta jimplimentaw id-dritt tal-UE. Meta dawn ir-referenzi jitqabblu mal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet korrispondenti fil-kostituzzjonijiet nazzjonali, il-karta tidher li toffri sett ta' drittijiet tat-tfal dettaljati b'mod notevoli.[4]

4 Ara Toggenburg, G. N. (2019), 'Die Rechte der Kinder und der Mehrwert der EU-Grundrechtecharta', *Interdisziplinäre Zeitschrift für Familenrecht*, Awwissu 2019, pp. 263–265.

L-Istati Membri kollha tal-UE u l-Istati membri tal-KtE huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC).[5] Il-prinċipji ta' gwida tas-CRC, bħall-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal; il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, id-dritt għas-sopravivenza, il-ħajja u l-iżvilupp, u d-dritt tat-tfal li jinstemgħu, ġew inkorporati fi strumenti legali tal-UE u tal-KtE.

# 1.1. Kunċetti Prinċipali

**Punti ewlenin**

- Wild minuri huwa definit bħala kwalunkwe persuna taħt l-età ta' 18-il sena.
- It-tfal huma detenturi tad-drittijiet, mhux biss benefiċjarji tal-protezzjoni.

## 1.1.1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi Ewropea li għandha x'taqsam mad-Drittijiet tat-Tfal

Din it-taqsima tiffoka fuq l-istrumenti legalment vinkolanti adottati mill-KtE u mill-UE, kif ukoll il-każistika tal-QEDB, tal-QĠUE u ta' korpi ta' monitoraġġ rilevanti oħrajn. Fejn rilevanti, issir referenza għal sorsi Ewropej oħrajn li jinfluwenzaw l-iżvilupp tal-liġi Ewropea dwar id-drittijiet tat-tfal, inklużi dokumenti ta' politika ewlenin, linji gwida jew strumenti mhux vinkolanti oħrajn.

It-tfal bħala detenturi tad-drittijiet huma l-benefiċjarji tad-drittijiet tal-bniedem/fundamentali kollha u suġġetti ta' regolamenti speċjali, minħabba l-karatteristiċi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Ammont konsiderevoli ta' każistika Ewropea ġejja minn litigazzjoni mibdija mill-ġenituri jew minn rappreżentanti legali oħrajn tat-tfal, minħabba l-kapaċità ġuridika limitata tat-tfal. Filwaqt li dan il-manwal għandu l-għan li juri kif il-liġi takkomoda d-drittijiet speċifiċi tat-tfal, huwa juri wkoll l-importanza tal-ġenituri/tat-tuturi jew ta' rappreżentanti legali oħrajn u jagħmel referenza, fejn xieraq, għal fejn id-drittijiet u r-responsabbiltajiet huma vestiti bl-aktar mod prominenti fil-persuni li jindokraw it-tfal. F'każijiet bħal dawn, jiġi adottat l-approċċ tas-CRC, jiġifieri li

5 In-Nazzjonijiet Uniti, Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, adottata u miftuħa għall-iffirmar, ir-ratifika u l-adeżjoni permezz tar-Riżoluzzjoni 44/25 tal-Assemblea Ġenerali tal-20 ta' Novembru 1989, li daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Settembru 1990, f'konformità mal-Artikolu 49.

r-responsabbiltajiet tal-ġenituri jeħtieġ li jiġu eżerċitati fl-aħjar interessi tat-tfal bħala t-tħassib primarju tagħhom u b'mod konsistenti mal-kapaċitajiet li jevolvu tat-tfal.

## 1.1.2. It-tfal bħala detenturi tad-drittijiet

Skont id-dritt internazzjonali, is-CRC tistabbilixxi fl-Artikolu 1 tagħha li "tifel jew tifla tfisser kull persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena". Dan huwa l-parametru legali li qed jintuża bħalissa, anki fl-Ewropa, biex jiddefinixxi min jitqies bħala tifel/tifla.

**Skont id-dritt tal-UE**, ma hemm l-ebda definizzjoni formali unika ta' "tfal" stabbilita f'xi wieħed mit-trattati, fil-leġiżlazzjoni subordinata jew fil-każistika tagħhom. Il-maġġoranza tal-istrumenti legali tal-UE jużaw id-definizzjoni ta' tifel/tifla bħala persuna taħt it-18-il sena. Madankollu, hemm oħrajn li jużaw waħda usa'. Pereżempju, id-dritt tal-UE li jirregola d-drittijiet tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom jiddefinixxi "tfal" bħala "dixxendenti diretti li għandhom inqas minn 21 sena jew li huma dipendenti",[6] sabiex b'hekk essenzjalment japprova kunċett bijoloġiku u ekonomiku għall-kuntrarju ta' wieħed ibbażat fuq età minuri.

Xi liġijiet tal-Unjoni jattribwixxu drittijiet differenti lit-tfal skont l-età tagħhom. Id-Direttiva 94/33/KE dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol (id-Direttiva dwar il-Ħaddiema Żgħażagħ),[7] pereżempju, li tirregola l-aċċess tat-tfal għal u l-kundizzjonijiet ta' impjieg formali fl-Istati Membri kollha tal-UE, tagħmel distinzjoni bejn "żgħażagħ" (terminu ġenerali għall-persuni kollha taħt l-età ta' 18-il sena), "adolexxenti" (kwalunkwe persuna żagħżugħa ta' mill-inqas 15-il sena, iżda inqas minn 18-il sena, li ma għadhiex aktar soġġetta għall-edukazzjoni skolastika obbligatorja full-time) u "tfal" (definiti bħala dawk taħt l-età ta' 15-il sena, li huma fil-biċċa l-kbira pprojbiti milli jwettqu impjieg formali).

Oqsma oħra tad-dritt tal-UE, b'mod partikolari dawk l-oqsma li fihom l-azzjoni tal-UE tikkumplementa dik tal-Istati Membri (bħas-sigurtà soċjali,

6 Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru. 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, ĠU 2004 L 158, l-Art. 2(2)(c).

7 Id-Direttiva 94/33/KE tat-22 ta' Ġunju 1994 dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol, ĠU 1994 L 216/12, l-Art. 3.

l-immigrazzjoni u l-edukazzjoni), jirreferu għal-liġi nazzjonali biex jiġi ddeterminat min hu tifel/tifla. F'dan il-kuntest hija ġeneralment adottata d-definizzjoni tas-CRC.

**Taħt id-dritt tal-KtE**, il-biċċa l-kbira tal-istrumenti relatati mat-tfal jadottaw id-definizzjoni ta' tifel/tifla tas-CRC. Eżempji jinkludu l-Artikolu 4(d) tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin[8] jew l-Artikolu 3(a) tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali (il-Konvenzjoni ta' Lanzarote).[9]

Il-KEDB ma fihiex definizzjoni ta' tifel/tifla, iżda l-Artikolu 1 tagħha jobbliga lill-Istati biex jiggarantixxu d-drittijiet tal-Konvenzjoni għal "kulħadd" fi ħdan il-ġuriżdizzjoni tagħhom. L-Artikolu 14 tal-KEDB jiggarantixxi t-tgawdija tad-drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni "mingħajr diskriminazzjoni għal ebda raġuni", inklużi raġunijiet ta' età.[10] Il-QEDB aċċettat applikazzjonijiet minn u f'isem tfal, irrispettivament mill-età tagħhom.[11] Fil-ġurisprudenza tagħha, hija aċċettat id-definizzjoni ta' tifel/tifla tas-CRC,[12] fejn approvat il-kunċett ta' "taħt l-età ta' 18-il sena".

L-istess definizzjoni tapplika għall-ESC u l-interpretazzjoni tagħha mill-ECSR.[13]

8 Il-Kunsill tal-Ewropa, Konvenzjoni dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, CETS Nru. 197, is-16 ta' Mejju 2005.

9 Il-Kunsill tal-Ewropa, Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali, CETS Nru. 201, il-25 ta' Ottubru 2007.

10 QEDB, *Schwizgebel vs l-Iżvizzera*, Nru. 25762/07, l-10 ta' Ġunju 2010. Ara wkoll l-FRA u l-QEDB (2018), *Il-Manwal tad-dritt Ewropew tan-nondiskriminazzjoni*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet), it-23 ta' Marzu 2022, p. 103.

11 Ara, pereżempju, il-QEDB, *Marckx vs il-Belġju*, Nru. 6833/74, it-13 ta' Ġunju 1979, fejn ir-rikorrent minuri kellu sitt snin meta l-Qorti tat is-sentenza. Ara wkoll il-QEDB, *C vs il-Kroazja*, Nru. 80117/17, it-8 ta' Ottubru 2020.

12 Ara, pereżempju, il-QEDB, *Güveç vs it-Turkija*, Nru. 70337/01, l-20 ta' Jannar 2009; il-QEDB, *Çoşelav vs it-Turkija*, Nru. 1413/07, id-9 ta' Ottubru 2012.

13 ECSR, *Defence for Children International (DCI) vs in-Netherlands*, Ilment Nru. 47/2008, l-20 ta' Ottubru 2009, il-punt 25.

## 1.2. Sfond għad-drittijiet tat-tfal fl-Ewropa

**Punti ewlenin**

- Id-dritt tal-UE jipproteġi d-drittijiet tat-tfal permezz tal-liġi primarja u sekondarja f'oqsma diversi, bħall-protezzjoni tal-konsumatur, l-ażil u l-migrazzjoni, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kriminali u l-protezzjoni tad-data.
- Id-dritt tal-KtE huwa bbażat fuq diversi konvenzjonijiet li jiffokaw fuq id-drittijiet tat-tfal, kif ukoll strumenti ta' liġi mhux vinkolanti, bħar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Ministri.

Kemm l-UE kif ukoll il-KtE lleġiżlaw f'diversi oqsma rilevanti għad-drittijiet tat-tfal. Il-kooperazzjoni interistituzzjonali hija partikolarment b'saħħitha bejn il-KtE u l-UE. L-iżvilupp tad-dritt Ewropew huwa infurmat ukoll minn strumenti importanti adottati minn istituzzjonijiet internazzjonali, bħall-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.[14]

### 1.2.1. L-Unjoni Ewropea: l-iżvilupp tad-drittijiet tat-tfal u l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni

Storikament, ir-referenza għad-drittijiet tat-tfal fid-dritt tal-UE kienet immirata fil-biċċa l-kbira biex tindirizza aspetti speċifiċi relatati mat-tfal ta' inizjattivi ekonomiċi u politiċi usa', pereżempju fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur[15] u l-moviment liberu tal-persuni.[16] L-introduzzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fis-sena 2000, id-dħul fis-seħħ tat-Trattat

14 Ara, pereżempju, il-Kapitolu 5, li juri kif il-liġi tal-familja tal-UE li tirregola l-ħtif transfruntier tat-tfal taħdem mal-Konvenzjoni tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (il-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Ħtif ta' Minuri); Skont it-Termini ta' Referenza (2020–2021) tiegħu, il-Kumitat ta' Tmexxija għad-Drittijiet tat-Tfal (CDENF) għandu l-kompitu li jiżgura l-kooperazzjoni u s-sinerġiji mal-UE.

15 Pereżempju, id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, ĠU 2009 L 170, li tinforza miżuri ta' sikurezza għall-ġugarelli tat-tfal.

16 Pereżempju, id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru. 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, ĠU 2004 L 158.

ta' Liżbona fl-2009[17] u l-iżviluppi tal-politika strateġika, bħall-adozzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal 2021–2024, ipprovdew momentum ġdid għad-drittijiet tat-tfal fl-UE.

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, fl-1 ta' Diċembru 2009, il-karta tgawdi l-istess status legali bħat-trattati tal-UE (l-Artikolu 6 tat-TUE). Hija tobbliga lill-istituzzjonijiet tal-UE fl-azzjonijiet kollha tagħhom u lill-Istati Membri tagħha, meta jimplimentaw id-dritt tal-UE, biex jipproteġu d-drittijiet minquxa fih. Il-karta fiha l-ewwel referenzi dettaljati għad-drittijiet tat-tfal fil-livell kostituzzjonali tal-UE, inkluż permezz tar-rikonoxximent tad-dritt tat-tfal li jirċievu edukazzjoni obbligatorja bla ħlas (l-Artikolu 14(2)), projbizzjoni tad-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' età (l-Artikolu 21), u projbizzjoni ta' kwalunkwe tħaddim tat-tfal u xogħol ta' sfruttament taż-żgħażagħ (l-Artikolu 32). B'mod sinifikanti, il-karta fiha dispożizzjoni speċifika dwar id-drittijiet tat-tfal (l-Artikolu 24), li tartikola l-prinċipji ewlenin tad-drittijiet tat-tfal: id-dritt għal tali protezzjoni u kura kif meħtieġ għall-benesseri tagħhom (l-Artikolu 24(1); id-dritt li jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament u li l-fehmiet tagħhom jitqiesu f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom (l-Artikolu 24(1)); id-dritt li l-aħjar interessi tagħhom jitqiesu bħala kunsiderazzjoni primarja fl-azzjonijiet kollha relatati magħhom (l-Artikolu 24(2)); id-dritt li jinżammu relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri fuq bażi regolari, sakemm dan ma jkunx kontra l-interessi tagħhom (l-Artikolu 24(3); u d-dritt għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7). Meta dawn ir-referenzi jitqabblu mal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet korrispondenti fil-kostituzzjonijiet nazzjonali, il-karta tidher li toffri sett ta' drittijiet tat-tfal dettaljati b'mod notevoli.[18]

Skont l-Artikolu 51(2) tal-karta u l-Artikolu 6(1) tat-TUE, il-karta ma tistax testendi l-kompetenzi tal-UE jew timmodifika jew tistabbilixxi setgħa ġdida jew kompitu ġdid għall-UE.

It-Trattat ta' Liżbona saħħaħ il-potenzjal tal-UE li tmexxi 'l quddiem id-drittijiet tat-tfal, mhux l-inqas billi identifika l-"protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal" bħala objettiv ġenerali ddikjarat tal-UE (l-Artikolu 3(3) tat-TUE) u bħala aspett importanti tal-politika tar-relazzjonijiet esterni tal-UE (l-Artikolu 3(5) tat-TUE). Huma inklużi referenzi aktar speċifiċi għat-tfal fit-Trattat dwar il-Funzjonament

17 L-Artikolu 3, It-Trattat ta' Liżbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, iffirmat f'Liżbona, it-13 ta' Diċembru 2007, ĠU 2007 C 306.

18 Ara Toggenburg, G. N. (2019), 'Die Rechte der Kinder und der Mehrwert der EU-Grundrechtecharta', *Interdisziplinäre Zeitschrift für Familenrecht*, Awwissu 2019, pp. 263–265.

tal-Unjoni Ewropea (TFUE),[19] li jippermettu, lill-UE tippromulga miżuri leġiżlattivi mmirati lejn il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali u t-traffikar tal-bnedmin (l-Artikolu 79(2)(d) u l-Artikolu 83(1)).

Dan wassal għall-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija[20] u tad-Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu,[21] li fihom ukoll dispożizzjonijiet li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal vittmi. Barra minn hekk, id-Direttiva li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità tiddedika diversi dispożizzjonijiet għat-tfal.[22] Barra minn hekk, direttiva reċenti tistabbilixxi garanziji proċedurali għal tfal li huma persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali.[23]

B'mod parallel mal-iżviluppi legali, ħarġu strumenti ta' politika importanti dwar id-drittijiet tat-tfal, inizjalment fil-kuntest tal-aġenda ta' kooperazzjoni esterna tal-UE u mbagħad b'rabta ma' kwistjonijiet interni. Fl-2021, ġiet adottata l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal[24], kif ukoll miżuri speċifiċi biex jiġu miġġielda l-faqar tat-tfal u l-esklużjoni soċjali taħt il-Garanzija Ewropea għat-Tfal. Fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Kummissjoni tindirizza sfidi persistenti u emerġenti u tipproponi azzjonijiet ta' prijorità konkreti f'sitt oqsma ewlenin:

- il-parteċipazzjoni tat-tfal fil-ħajja politika u demokratika;
- l-inklużjoni soċjoekonomika, is-saħħa u l-edukazzjoni;
- il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal u l-iżgurar tal-protezzjoni tat-tfal;

19 Ara l-verżjonijiet konsolidati tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ĠU 2012 C 326.

20 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), id-Direttiva 2011/93/UE, ĠU 2011 L 335.

21 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), id-Direttiva 2011/36/UE, ĠU 2011 L 101.

22 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2012), id-Direttiva 2012/29/UE, ĠU 2012 L 315.

23 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2016), id-Direttiva 2016/800/UE, ĠU 2016 L 132/1.

24 L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2021), L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal 2021–2024.

- ġustizzja adattata għat-tfal;
- is-soċjetà diġitali u tal-informazzjoni;
- id-dimensjoni globali.

Spazju diġitali sikur, sigur u affidabbli huwa l-pedament tas-soċjetà diġitali Ewropea. It-tfal, b'mod speċjali, għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet mingħajr preċedent tal-era diġitali, sabiex isiru ċittadini diġitali kunfidenti, kompetenti u attivi. L-aġġornament tal-Istrateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal[25] (Strateġija BIK, Better Internet for Kids) fl-2022 se jipprovdi l-komponent tad-drittijiet diġitali tal-Istrateġija ġenerika dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Il-Garanzija għat-Tfal tindirizza l-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali permezz ta' miżuri fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa, fin-nutrizzjoni u fl-akkomodazzjoni.[26]

L-UE tista' tilleġiżla biss fejn ikollha kompetenza taħt it-Trattati (l-Artikoli 2-4 tat-TFUE). Billi d-drittijiet tat-tfal huma transsettorjali, il-kompetenza tal-UE jeħtieġ li tiġi ddeterminata fuq bażi ta' każ b'każ. Sal-lum, l-oqsma rilevanti għad-drittijiet tat-tfal fejn l-UE lleġiżlat b'mod estensiv huma:

- il-protezzjoni tal-konsumatur;
- l-ażil u l-migrazzjoni;
- il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kriminali;
- il-protezzjoni tad-data.

25 https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/european-strategy-better-internet-children

26 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2021), ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal, ST/9106/2021/INIT, ĠU 2021 L 223.

### 1.2.2. Il-Kunsill tal-Ewropa: l-iżvilupp tad-drittijiet tat-tfal u l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni

Sa mit-twaqqif tiegħu, il-KtE kellu mandat ċar biex jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem. It-trattat primarju tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem, irratifikat mill-Istati Membri kollha tal-KtE, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, jew il-KEDB u l-protokolli addizzjonali tagħha, fihom referenzi speċifiċi għat-tfal. Dawk ewlenin huma dawn li ġejjin: l-Artikolu 5(1)(d) jipprevedi d-detenzjoni legali tat-tfal għall-finijiet ta' superviżjoni edukattiva; l-Artikolu 6(1) jirrestrinġi d-dritt għal smigħ pubbliku fejn dan ikun fl-interess tal-minorenni; l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1 jipprevedi d-dritt għall-edukazzjoni u jitlob lill-Istati jirrispettaw il-konvinzjonijiet reliġjużi u filosofiċi tal-ġenituri fl-edukazzjoni tat-tfal tagħhom. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet ġenerali l-oħrajn kollha tal-KEDB huma applikabbli għal kulħadd, inklużi t-tfal. Xi wħud intwerew li għandhom rilevanza partikolari għat-tfal, pereżempju, l-Artikolu 8, li jiggarantixxi d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, u l-Artikolu 3, li jipprojbixxi t-tortura, it-trattament u l-pieni inumani u degradanti. Bl-użu ta' approċċi interpretattivi li jiffokaw fuq l-obbligi pożittivi inerenti fid-dispożizzjonijiet tal-KEDB, il-QEDB żviluppat korp kbir ta' każistika li tittratta d-drittijiet tat-tfal, inklużi referenzi frekwenti għas-CRC. Madankollu, il-QEDB tanalizza l-applikazzjonijiet fuq bażi ta' każ b'każ u, għalhekk, ma toffrix ħarsa ġenerali komprensiva lejn id-drittijiet tat-tfal taħt il-KEDB.

It-trattat ewlieni l-ieħor tal-KtE dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-ESC (riveduta fl-1996), jipprevedi l-protezzjoni tad-drittijiet soċjali, b'dispożizzjoni speċifika għad-drittijiet tat-tfal relatati. Dan fih żewġ dispożizzjonijiet ta' importanza partikolari għad-drittijiet tat-tfal: L-Artikolu 7 jistabbilixxi l-obbligu li t-tfal jiġu protetti minn sfruttament ekonomiku; l-Artikolu 17 jitlob lill-Istati jieħdu l-miżuri xierqa u meħtieġa kollha mfassla biex jiżguraw li t-tfal jirċievu l-kura, l-assistenza, l-edukazzjoni u t-taħriġ li jeħtieġu (inkluża l-edukazzjoni primarja u sekondarja bla ħlas), biex jipproteġu lit-tfal u ż-żgħażagħ minn negliġenza, vjolenza jew sfruttament u biex jipprovdu protezzjoni għat-tfal imċaħħda mill-appoġġ tal-familja tagħhom. L-implimentazzjoni tal-ESC tiġi ssorveljata mill-ECSR, li huwa magħmul minn 15-il espert indipendenti eletti mill-Kumitat tal-Ministri tal-KtE. L-ECSR jimmonitorja l-konformità tal-liġi u l-prattika nazzjonali mal-ESC.

Minbarra dan, il-KtE adotta għadd ta' trattati li jindirizzaw firxa ta' kwistjonijiet speċifiċi tad-drittijiet tat-tfal, inklużi dawn li ġejjin:

- Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote;
- Il-Konvenzjoni dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tat-Tfal;[27]
- Il-Konvenzjoni dwar l-Istatus Legali tat-Tfal Imwielda Barra miż-Żwieġ;[28]
- Il-Konvenzjoni dwar l-Adozzjoni tat-Tfal, riveduta fl-2008;[29]
- Il-Konvenzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Personali fir-rigward tat-Tfal;[30]
- Il-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul).[31]

Fil-livell ta' politika, il-KtE ilu mill-2006 jimplimenta l-programm "Nibnu Ewropa għat-Tfal u magħhom" – pjan ta' azzjoni trażversali li jinvolvi l-gvernijiet nazzjonali, is-soċjetà ċivili, l-UE, u organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet ikkonċernati oħrajn. Il-Kumitat ta' Tmexxija għad-Drittijiet tat-Tfal (CDENF, Comité Directeur pour les Droits de l'Enfant), stabbilit fl-2020 bħala s-suċċessur tal-Kumitat *ad hoc* preċedenti għad-Drittijiet tat-Tfal (2016–2019), jiggwida l-ħidma intergovernattiva f'dan il-qasam. Il-programm jippromwovi approċċ olistiku u integrat għad-drittijiet tat-tfal, billi jintegra d-drittijiet tat-tfal fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha tal-KtE.[32]

Taħt dan il-programm, il-Kumitat tal-Ministri tal-KtE adotta diversi strumenti ta' liġi mhux vinkolanti li joffru gwida prattika biex jikkomplementaw miżuri legali Ewropej vinkolanti rilevanti għat-tfal, inklużi:

---

27 Il-Kunsill tal-Ewropa (1996), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tat-Tfal, CETS Nru. 160, il-25 ta' Jannar 1996.

28 Il-Kunsill tal-Ewropa (1975), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Legali tat-Tfal Imwielda Barra miż-Żwieġ, CETS Nru. 85, il-15 ta' Ottubru 1975.

29 Il-Kunsill tal-Ewropa (2008), Il-Konvenzjoni dwar l-Adozzjoni tat-Tfal (Riveduta), CETS Nru. 202, is-27 ta' Novembru 2008.

30 Il-Kunsill tal-Ewropa (2003), Il-Konvenzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Personali fir-rigward tat-Tfal, CETS Nru. 192, il-15 ta' Mejju 2003.

31 Il-Kunsill tal-Ewropa (2011), Il-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, CETS Nru. 210, il-11 ta' Mejju 2011.

32 Il-Kunsill tal-Ewropa, Sit Web dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

- Rakkomandazzjoni dwar strateġiji nazzjonali integrati għall-protezzjoni tat-tfal mill-vjolenza;[33]
- *Linji gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal*;[34]
- *Linji gwida dwar kura tas-saħħa adattata għat-tfal*;[35]
- Rakkomandazzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal u servizzi soċjali adattati għat-tfal u l-familji;[36]
- Rakkomandazzjoni dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ taħt l-età ta' 18-il sena;[37]
- Rakkomandazzjoni dwar tfal b'ġenituri miżmuma l-ħabs;[38]
- Rakkomandazzjoni dwar tutela effettiva għal tfal mhux akkumpanjati u mifruda fil-kuntest tal-migrazzjoni;[39]
- Rakkomandazzjoni dwar linji gwida għar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali.[40]

Il-ħidma intergovernattiva tal-KtE fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal hija ggwidata minn strateġiji konsekuttivi għad-drittijiet tat-tfal. L-Istrateġija tal-KtE

33 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2009), Rakkomandazzjoni CM/Rec(2009)10 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar l-istrateġiji nazzjonali integrati għall-protezzjoni tat-tfal mill-vjolenza, it-18 ta' Novembru 2009.

34 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2010), *Linji gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal*, is-17 ta' Novembru 2010.

35 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2011), *Linji gwida dwar kura tas-saħħa adattata għat-tfal*, il-21 ta' Settembru 2011.

36 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2011), Rakkomandazzjoni Rec(2011)12 dwar id-drittijiet tat-tfal u servizzi soċjali adattati għat-tfal u l-familji, is-16 ta' Novembru 2011.

37 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2012), Rakkomandazzjoni Rec(2012)2 dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ taħt l-età ta' 18-il sena, it-28 ta' Marzu 2012.

38 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2018), Rakkomandazzjoni Rec(2018)5 dwar tfal b'ġenituri miżmuma l-ħabs, l-4 ta' April 2018.

39 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2019), Rakkomandazzjoni Rec(2019)11 dwar tutela effettiva għat-tfal mhux akkumpanjati u mifruda fil-kuntest tal-migrazzjoni, il-11 ta' Diċembru 2019.

40 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2018), Rakkomandazzjoni Rec(2018)7 dwar Linji Gwida għar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali, l-4 ta' Lulju 2018.

għad-Drittijiet tat-Tfal hija implimentata f'sinerġija mal-prijoritajiet u l-azzjonijiet proposti minn strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni oħrajn tal-KtE, bħall-Istrateġija dwar id-Diżabilità (2017–2023), l-Istrateġija kontra t-Terroriżmu (2018–2022), l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (2018–2023), il-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku għall-Inklużjoni tar-Rom u tat-Travellers (2020–2025), il-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u t-Teknoloġiji fil-Bijomediċina (2020–2025), l-Istrateġija għas-Settur taż-Żgħażagħ 2030 u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli fil-kuntest tal-migrazzjoni u l-ażil fl-Ewropa (2021–2025).[41]

L-Istrateġija l-ġdida għad-Drittijiet tat-Tfal (2022–2027) għandha sitt oqsma ta' prijorità ewlenin: il-libertà mill-vjolenza; l-opportunitajiet indaqs u l-inklużjoni soċjali; l-aċċess għat-teknoloġiji u l-użu sikur tagħhom għat-tfal kollha; il-ġustizzja adattata għat-tfal; l-għoti ta' vuċi lil kull tifel u tifla; u d-drittijiet tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u emerġenza.

## 1.3. Il-liġi Ewropea li għandha x'taqsam mad-drittijiet tat-tfal u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal

**Punt ewlieni**

- Il-liġi Ewropea dwar id-drittijiet tat-tfal hija fil-biċċa l-kbira bbażata fuq il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC).

Is-CRC tgawdi minn pożizzjoni importanti fil-livell Ewropew, billi l-Istati Membri kollha tal-KtE huma partijiet għall-konvenzjoni. Hija tistabbilixxi obbligi legali

41 Il-Kunsill tal-Ewropa, *L-Istrateġija dwar id-Diżabilità 2017–2023*, it-30 ta' Novembru 2016; il-Kunsill tal-Ewropa, *L-Istrateġija Kontra t-Terroriżmu (2018–2022)*, CM(2018)86, l-4 ta' Lulju 2018; il-Kunsill tal-Ewropa, *L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2018–2023*, is-7 ta' Marzu 2018; il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat dwar il-Bijoetika (DH-BIO), *Pjan ta' Azzjoni Strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u t-Teknoloġiji fil-Bijomediċina (2020–2025)*, CM(2019)198, it-18 ta' Diċembru 2019; il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri, *L-Istrateġija għas-Settur taż-Żgħażagħ 2030*, CM/RES(2020)2, it-22 ta' Jannar 2020; il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2020), *Pjan ta' Azzjoni Strateġiku tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Inklużjoni tar-Rom u tat-Travellers (2020–2025)*, it-22 ta' Jannar 2020; il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2021), *Pjan ta' Azzjoni dwar il-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli fil-kuntest tal-migrazzjoni u l-ażil fl-Ewropa (2021–2025)*, il-5 ta' Mejju 2021.

komuni fuq l-Istati Membri u ssawwar il-mod kif l-istituzzjonijiet Ewropej jiżviluppaw u japplikaw id-drittijiet tat-tfal.

B'dan il-mod, is-CRC saret il-bażi fundamentali għall-iżvilupp tal-liġi Ewropea dwar id-drittijiet tat-tfal, bir-riżultat li l-KtE u l-UE jużaw dejjem aktar l-influwenza tagħha. B'mod partikolari, l-integrazzjoni tal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tas-CRC fi strumenti vinkolanti u każistika fil-livell Ewropew tiftaħ kanali aktar effettivi ta' infurzar għal dawk li jkunu qed ifittxu li jinvokaw id-drittijiet tat-tfal fl-Ewropa. Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-konvenzjoni u l-protokolli fakultattivi tagħha u jipprovdi gwida dwar l-interpretazzjoni tas-CRC permezz tal-Kummenti Ġenerali tiegħu, huwa ta' importanza kbira għall-UE u għall-KtE. Referenzi speċifiċi għall-aktar dokumenti rilevanti tal-kumitat tan-NU huma inklużi f'dan il-manwal kollu.

L-UE ma tistax issir parti għas-CRC, minħabba li t-trattat ma jipprevedix li entitajiet għajr l-Istati jaderixxu magħha. Madankollu, l-UE tiddependi fuq il-"prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE" (prinċipji miktuba u mhux miktuba meħuda mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri) bħala sorsi tad-dritt tal-UE flimkien mat-Trattati tal-UE. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ikkonfermat li kwalunkwe obbligu li jirriżulta mis-sħubija fl-UE ma għandux ikun f'kunflitt mal-obbligi tal-Istati Membri derivati mill-kostituzzjonijiet domestiċi tagħhom u mill-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.[42] Konsegwentement, u hekk kif l-Istati Membri kollha tal-UE rratifikaw is-CRC, l-UE hija marbuta li taderixxi mal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tagħha, għall-inqas b'rabta ma' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-UE.

Dan l-obbligu huwa msaħħaħ minn trattati oħrajn tal-UE u b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-Artikolu 24 tal-karta huwa ispirat direttament mid-dispożizzjonijiet tas-CRC, inklużi tnejn mill-"prinċipji ġenerali tas-CRC",[43] b'mod partikolari l-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal (l-Artikolu 3 tas-CRC) u l-prinċipju tal-parteċipazzjoni tat-tfal (l-Artikolu 12 tas-CRC).[44] Fil-livell tal-UE, l-istrumenti leġiżlattivi relatati mat-tfal, kważi mingħajr eċċezzjoni,

42 Pereżempju, il-QĠUE, C-4/73, *J. Nold, Kohlen- und Baustoffgroßhandlung vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, l-14 ta' Mejju 1974.

43 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2003), Kumment Ġenerali Nru. 5 (2003): Miżuri ġenerali ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (l-art. 4, 42 u 44, il-para. 6), CRC/GC/2003/5, is-27 ta' Novembru 2003, il-paragrafu 12.

44 L-UE, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea (2007), Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ĠU 2007 C 303/17, l-14 ta' Diċembru 2007.

jinkludu referenza espliċita għall-Artikoli tas-CRC jew għall-prinċipji tagħha, bħal "l-aħjar interessi", id-dritt tat-tfal li jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet li jaffettwawhom, jew id-dritt li jkunu protetti mid-diskriminazzjoni. Il-QĠUE spiss irreferiet ukoll għall-konnessjoni bejn it-trattati tal-UE u s-CRC.[45]

Il-KtE, bħala organizzazzjoni, mhuwiex legalment marbut mis-CRC jew mill-protokolli fakultattivi tiegħu,[46] għalkemm l-Istati Membri kollha tal-KtE huma partijiet għal din il-konvenzjoni. Billi l-KEDB għandha tiġi interpretata f'armonija mal-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali, għandha titqies kwalunkwe regola rilevanti tad-dritt internazzjonali applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Partijiet għall-KEDB; b'mod aktar speċifiku, l-obbligi li tistabbilixxi l-KEDB fuq l-Istati Partijiet tagħha fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal iridu jiġu interpretati fid-dawl tas-CRC.[47] L-ECSR irrefera wkoll espliċitament għas-CRC fid-deċiżjonijiet tiegħu[48]. Minbarra dan, l-attivitajiet ta' ffissar tal-istandards u ta' tfassil tat-trattati tal-KtE huma influwenzati mill-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tas-CRC. Pereżempju, *il-Linji Gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal* huma infurmati direttament minn firxa ta' dispożizzjonijiet tas-CRC, biex ma nsemmux il-Kummenti Ġenerali ta' akkumpanjament tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal.[49]

---

45 Ara, pereżempju, il-QĠUE, C-112/20, *M.A. vs État belge*, il-11 ta' Marzu 2021, il-punt 37.

46 In-Nazzjonijiet Uniti (2000), Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar l-involviment tat-tfal f'kunflitt armat, Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali A/RES/54/263 tal-25 ta' Mejju 2000; in-Nazzjonijiet Uniti (2011), Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar proċedura ta' komunikazzjoni, Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali A/RES/66/138 tad-19 ta' Diċembru 2011; in-Nazzjonijiet Uniti (2000), Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pedopornografija, Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali A/RES/54/263 tal-25 ta' Mejju 2000.

47 QEDB, *Harroudj vs Franza*, Nru. 43631/09, l-4 ta' Ottubru 2012, il-punt 42.

48 ECSR, *Il-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi (ICJ) u l-Kunsill Ewropew għar-Refuġjati u l-Eżiljati (ECRE) vs il-Greċja*, Ilment Nru. 173/2018, il-21 ta' Jannar 2021, il-punt 158; ECSR, *L-Organizzazzjoni Dinjija kontra t-Tortura (OMCT) vs l-Irlanda*, Ilment Nru. 18/2003, is-7 ta' Diċembru 2004, il-punti 61–63; ECSR, *Defence for Children International (DCI) vs in-Netherlands*, Ilment Nru. 47/2008, l-20 ta' Ottubru 2009; ECSR, *International Federation of Human Rights Leagues (FIDH) vs Franza*, Ilment Nru. 14/2003, it-8 ta' Novembru 2004.

49 Ara n-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2007), *Kumment Ġenerali Nru. 10 (2007): Id-drittijiet tat-tfal fil-ġustizzja għall-minorenni*, CRC/C/GC/10, il-25 ta' April 2007; in-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2009), *Kumment Ġenerali Nru. 12 (2009): Id-dritt tat-tfal li jinstemgħu*, CRC/C/GC/12, l-1 ta' Lulju 2009; in-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2013), *Kumment Ġenerali Nru. 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li l-aħjar interessi tagħhom jittieħdu bħala kunsiderazzjoni primarja (l-art. 3, il-para. 1)*, CRC/C/GC/14, id-29 ta' Mejju 2013; in-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2021), *Kumment Ġenerali Nru. 25 (2021): dwar id-drittijiet tat-tfal b'rabta mal-ambjent diġitali*, CRC/C/GC/25, it-2 ta' Marzu 2021; in-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2019), *Kumment Ġenerali Nru. 24 (2019): Id-drittijiet tat-tfal fis-sistema tal-ġustizzja għat-tfal*, CRC/C/GC/24, it-18 ta' Settembru 2019.

# 1.4. Ir-rwol tal-qrati Ewropej fl-interpretazzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tat-tfal

**Punti ewlenin**

- Il-QĠUE, li spiss tislet mis-CRC, ħarġet deċiżjonijiet relatati mad-drittijiet tat-tfal f'oqsma bħall-migrazzjoni, il-moviment liberu, ir-residenza abitwali u n-nondiskriminazzjoni.
- Il-QEDB għandha ġurisprudenza vasta dwar id-drittijiet tat-tfal. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-kawżi jaqgħu taħt l-Artikolu 8 tal-KEDB, li jiggarantixxi d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja.

## 1.4.1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

F'kawżi dwar id-drittijiet tat-tfal, il-QĠUE sa issa rrieżaminat prinċipalment dawk li jissejħu referenzi preliminari (l-Artikolu 267 tat-TFUE). Dawn huma proċeduri fejn qorti jew tribunal nazzjonali jitolbu lill-QĠUE għal interpretazzjoni tad-dritt primarju tal-Unjoni (jiġifieri Trattati) jew dritt sekondarju tal-Unjoni (jiġifieri deċiżjonijiet u leġiżlazzjoni) ta' rilevanza għal kawża pendenti.

Il-QĠUE qed tagħti dejjem aktar sentenzi dwar id-drittijiet tat-tfal f'diversi oqsma, bħall-moviment liberu, iċ-ċittadinanza tal-UE, il-migrazzjoni, il-kura f'familja, ir-residenza abitwali, il-ħajja tal-familja u n-nondiskriminazzjoni.

Il-QĠUE rreferiet għas-CRC biex tiddetermina kif għandu jiġi interpretat id-dritt tal-UE b'rabta mat-tfal, pereżempju, fil-kawża *Dynamic Medien Vertriebs GmbH vs Avides Media AG*,[50] li fiha l-QĠUE invokat l-Artikolu 17 tas-CRC, li jħeġġeġ lill-Istati firmatarji jiżviluppaw linji gwida xierqa għall-protezzjoni tat-tfal minn informazzjoni ġġenerata mill-media u materjal li jagħmel ħsara lill-benesseri tagħhom.[51] Il-QĠUE rreferiet ukoll għall-Artikolu 3(1) tas-CRC dwar l-aħjar in-

50 QĠUE, C-244/06, *Dynamic Medien Vertriebs GmbH vs Avides Media AG*, l-14 ta' Frar 2008.

51 QĠUE, C-244/06, *Dynamic Medien Vertriebs GmbH vs Avides Media AG*, l-14 ta' Frar 2008, il-punti 42 u 52.

teressi tat-tfal, u r-riflessjoni tiegħu fl-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-kawża *M.A. vs État belge*.[52]

F'kawżi oħrajn, il-QĠUE alludiet għall-prinċipji ġenerali tad-drittijiet tat-tfal inkorporati wkoll fid-dispożizzjonijiet tas-CRC (bħall-aħjar interessi tat-tfal u d-dritt li jinstemgħu) biex tinforma s-sentenzi tagħha, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kawżi ta' ħtif transfruntier tat-tfal.[53]

Minbarra dan, l-UE tradizzjonalment kienet prudenti meta ġiet biex tagħti saħħa deċiżiva lis-CRC, b'mod partikolari f'oqsma politikament aktar sensittivi bħall-kontroll tal-immigrazzjoni,[54] għalkemm dan qed jinbidel fil-ġurisprudenza reċenti, kif diskuss fil-kapitoli li ġejjin. Mill-adozzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, ir-referenzi tal-QĠUE għall-Artikoli tagħha dwar id-drittijiet tat-tfal spiss ikunu jaqblu mar-referenzi għas-CRC, minħabba x-xebh bejn id-dispożizzjonijiet.

## 1.4.2. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Il-QEDB prinċipalment tiddeċiedi dwar rikorsi individwali mressqa f'konformità mal-Artikoli 34 u 35 tal-KEDB. Il-ġuriżdizzjoni tal-QEDB testendi għall-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-KEDB u l-Protokolli tagħha (l-Artikolu 32 tal-KEDB). Il-Protokoll Nru. 16 għall-KEDB, li daħal fis-seħħ fl-2018, jippermetti lill-ogħla qrati u tribunali tal-Istati Membri li rratifikaw it-test biex jitolbu lill-QEDB tagħti opinjonijiet konsultattivi dwar kwistjonijiet ta' prinċipju relatati mal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet definiti fil-KEDB jew fil-protokolli tagħha.

Il-QEDB għandha korp vast ta' ġurisprudenza dwar id-drittijiet tat-tfal, u eżaminat ħafna kawżi skont l-Artikolu 8 tal-KEDB (id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja), b'mod partikolari. Kawżi oħrajn relatati mad-drittijiet tat-tfal ġew eżaminati taħt firxa ta' garanziji tad-drittijiet tal-bniedem protetti mill-KEDB, bħall-projbizzjoni ta' trattament inuman jew degradanti (l-Artikolu 3 tal-KEDB) jew id-dritt għal proċess ġust (l-Artikolu 6 tal-KEDB).

52 QĠUE, C-112/20, *M.A. vs État belge*, il-11 ta' Marzu 2021, il-punt 37.

53 QĠUE, C-491/10 PPU, *Joseba Andoni Aguirre Zarraga vs Simone Pelz*, it-22 ta' Diċembru 2010. Ara wkoll il-Kapitolu 5.

54 QĠUE, C-540/03, *Il-Parlament Ewropew vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea* [GC], is-27 ta' Ġunju 2006.

Il-QEDB tirreferi regolarment għas-CRC meta tindirizza t-talbiet imressqa minn jew f'isem it-tfal. F'xi każijiet, il-prinċipji tad-drittijiet tat-tfal, kif artikolati mis-CRC, kellhom influwenza profonda fuq ir-raġunament tal-QEDB, b'mod partikolari fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Artikolu 6 tal-KEDB (id-dritt għal proċess ġust) b'rabta mat-trattament tat-tfal f'kunflitt mal-liġi (ara l-Kapitolu 11).

Eżempju: *Maslov vs l-Awstrija*[55] tikkonċerna d-deportazzjoni tar-rikorrent, li bħala minorenni kien ġie kkundannat għal għadd ta' reati kriminali. Il-QEDB sostniet li fejn kienu kkonċernati miżuri ta' tkeċċija kontra delinkwent minorenni, l-obbligu li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni kien jinkludi l-obbligu li tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni tat-tifel jew tifla, f'konformità mal-Artikolu 40 tas-CRC. Fil-fehma tal-QEDB, ir-riintegrazzjoni ma tinkisibx billi jinqatgħu r-rabtiet familjari jew soċjali tat-tfal permezz ta' tkeċċija[56]. B'hekk, is-CRC hija waħda mir-raġunijiet użati biex jiġi kkonstatat li t-tkeċċija kienet interferenza sproporzjonata mad-drittijiet tar-rikorrent skont l-Artikolu 8 tal-KEDB (ir-rispett għall-ħajja tal-familja).

## 1.5. Il-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

**Punt ewlieni**

- L-ECSR ħareġ opinjonijiet wara lmenti kollettivi f'diversi oqsma tad-drittijiet tat-tfal, inkluż dwar kawżi relatati mal-isfruttament, il-migrazzjoni jew it-tfal f'kunflitt mal-liġi.

Ir-regoli tal-ECSR dwar il-konformità tal-liġi u l-prattika nazzjonali mal-ESC, permezz tal-proċedura ta' lmenti kollettivi jew permezz tal-proċedura ta' rapportar nazzjonali.[57] L-organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali deżinjati jistgħu jipparteċipaw fi lmenti kollettivi kontra Stati li huma parti għall-ESC u aċċettaw il-proċedura tal-ilmenti. Sal-lum, l-ilmenti eżaminaw

55 QEDB, *Maslov vs l-Awstrija* [GC], Nru. 1638/0323, it-23 ta' Ġunju 2008.

56 *Ibid.*, il-punt 83.

57 ECSR, *Il-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi (ICJ) u l-Kunsill Ewropew għar-Refuġjati u l-Eżiljati (ECRE) vs il-Greċja*, Ilment Nru. 173/2018, is-26 ta' Jannar 2021.

kwistjonijiet li jikkonċernaw l-isfruttament ekonomiku tat-tfal,[58] l-integrità fiżika tat-tfal,[59] id-drittijiet tas-saħħa tat-tfal migranti,[60] l-aċċess għall-edukazzjoni minn tfal b'diżabilità,[61] it-tfal f'kunflitt mal-liġi[62] u d-drittijiet tat-tfal mhux akkumpanjati.[63]

Eżempju: Fil-kawża *Il-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi (ICJ) u l-Kunsill Ewropew għar-Refuġjati u l-Eżiljati (ECRE) vs il-Greċja*[64], l-ICJ u l-ECRE allegaw li l-Greċja naqset milli tiżgura l-protezzjoni ta' tfal migranti mhux akkumpanjati fil-Greċja u tfal migranti akkumpanjati fil-gżejjer tal-Eġew tal-Grigal minħabba li, *inter alia*, il-faċilitajiet ta' akkoljenza kienu ffullati żżejjed. L-ECSR sab li kien hemm ksur tal-ESC, minħabba n-nuqqas li tiġi pprovduta akkomodazzjoni adegwata u xierqa lit-tfal refuġjati u li jkunu qed ifittxu l-ażil fil-gżejjer, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni u kenn suffiċjenti fit-tul għal tfal refuġjati mhux akkumpanjati u li jkunu qed ifittxu l-ażil fil-kontinent, in-nuqqas ta' sistema ta' tutela effettiva għal tfal migranti mhux akkumpanjati u mifruda, id-detenzjoni ta' tfal migranti mhux akkumpanjati taħt l-iskema ta' "kustodja protettiva", in-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni u n-nuqqas li tiġi pprovduta kura tas-saħħa suffiċjenti għal tfal migranti akkumpanjati u mhux akkumpanjati fil-gżejjer.

58 ESCR, *Il-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi (ICJ) vs il-Portugall, Ilment Nru. 1/1998*, id-9 ta' Settembru 1999.

59 ESCR, *L-Organizzazzjoni Dinjija kontra t-Tortura (OMCT) vs il-Greċja*, Ilment Nru. 17/2003, is-7 ta' Diċembru 2004; ECSR, *Association for the Protection of All Children (APPROACH) Ltd. vs l-Irlanda*, Ilment Nru. 93/2013, l-4 ta' Frar 2013.

60 ESCR, *Defence for Children International (DCI) vs il-Belġju, Ilment Nru. 69/2011*, it-23 ta' Ottubru 2012.

61 ECSR, *Decision on the merits: Mental Disability Advocacy Centre (MDAC) vs il-Bulgarija*, Ilment Nru. 41/2007, it-3 ta' Ġunju 2008, il-punt 35.

62 ECSR, *Il-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi (ICJ) vs ir-Repubblika Ċeka*, Ilment Nru. 148/2017, l-20 ta' Marzu 2017.

63 ECSR, *Iċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Rom (ERRC) u l-Mental Disability Advocacy Centre (MDAC) vs ir-Repubblika Ċeka*, Ilment Nru. 157/2017, is-17 ta' Ġunju 2020.

64 ECSR, *Il-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi (ICJ) u l-Kunsill Ewropew għar-Refuġjati u l-Eżiljati (ECRE) vs il-Greċja*, Nru. 173/2018, il-21 ta' Jannar 2021.



# 2

# Id-drittijiet u l-libertajiet ċivili

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikoli 10 (libertà tar-reliġjon) u 14 (dritt għall-edukazzjoni) | **Il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon** | KEDB, l-Artikoli 9 (libertà tar-reliġjon) u 14 (projbizzjoni tad-diskriminazzjoni);<br>l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1 (id-dritt tal-ġenituri li jiżguraw it-tagħlim tat-tfal tagħhom f'konformità mal-kundanni tagħhom)<br>QEDB, *Dogru vs Franza*, Nru. 27058/05, 2008 (li tilbes maktur tar-ras Iżlamiku fi skola statali sekondarja)<br>QEDB, *Kervanci vs Franza*, Nru. 31645/04, 2008 (li tilbes maktur tar-ras Iżlamiku fi skola statali sekondarja)<br>QEDB, *Grzelak vs il-Polonja*, Nru. 7710/02, 2010 (alternattivi għall-edukazzjoni reliġjuża fi skejjel primarji u sekondarji)<br>QEDB, *Lautsi u Oħrajn vs l-Italja* [GC], Nru. 30814/06, 2011 (il-wiri ta' kurċifissi fi skejjel statali)<br>QEDB, *Osmanoğlu u Kocabaş vs l-Iżvizzera*, Nru. 29086/12, 2017 (eżenzjoni minn lezzjonijiet tal-għawm imħalltin obbligatorji)<br>QEDB, *Stavropoulos u Oħrajn vs il-Greċja*, Nru. 52484/18, 2020 (id-dritt li wieħed ma jkunx obbligat li juri t-twemmin tiegħu) |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 11 (il-libertà tal-espressjoni) | **Il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni** | KEDB, l-Artikolu 10 (il-libertà tal-espressjoni)<br>QEDB, *Handyside vs ir-Renju Unit*, Nru. 5493/72, 1976 (il-projbizzjoni ta' ktieb għat-tfal)<br>QEDB, *Gaskin vs ir-Renju Unit*, Nru. 10454/83, 1989 (aċċess għal fajl tal-każ miżmum matul it-tfulija) |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 24 (id-drittijiet tat-tfal)<br>Ir-Regolament Brussell IIa (riformulazzjoni) (2019/1111/UE)<br>Id-Direttiva dwar il-Garanziji Proċedurali (2016/800/UE)<br>Id-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal (2011/93/UE)<br>QĠUE, *Joseba Andoni Aguirre Zarraga vs Simone Pelz*, 2010 (id-dritt li persuna tinstema', il-ħtif internazzjonali ta' minuri) | **Id-dritt li persuna tinstema'** | KEDB, l-Artikolu 6 (proċess ġust)<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tat-Tfal, l-Artikoli 3, 4, 6 u 7<br>Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote, l-Artikoli 9 u 14<br>QEDB, *M. u M. vs il-Kroazja*, Nru. 10161/13, 2015 (id-dritt li persuna tinstema' f'każijiet ta' kustodja)<br>QEDB, *Sahin vs il-Ġermanja* [GC], Nru. 30943/96, 2003 (is-smigħ ta' minuri fil-qorti fi proċedimenti ta' aċċess) |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 12 (il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni) | **Id-dritt għal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni** | KEDB, l-Artikolu 11 (il-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni)<br>QEDB, *Christian Democratic People's Party vs il-Moldova*, Nru. 28793/02, 2006 (attendenza għal laqgħat f'postijiet pubbliċi) |

Il-persuni kollha, inklużi t-tfal, igawdu mid-drittijiet u l-libertajiet ċivili stipulati f'diversi strumenti, l-aktar notevoli l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-KEDB kif interpretati mill-QEDB. Dan il-kapitolu jippreżenta ħarsa ġenerali lejn id-drittijiet u l-libertajiet li għandhom impatt fuq id-drittijiet tat-tfal. Huwa janalizza d-dritt tat-tfal għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon (it-Taqsima 2.1), il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni (it-Taqsima 2.3), id-dritt tat-tfal li jinstemgħu (it-Taqsima 2.4) u d-dritt tal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni (it-Taqsima 2.5).

# 2.1. Libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon

**Punti ewlenin**

- Il-KEDB u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiggarantixxu l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, inklużi d-dritt li tbiddel ir-reliġjon jew it-twemmin u l-libertà li timmanifesta r-reliġjon jew it-twemmin fil-qima, fit-tagħlim, fil-prattika u fl-osservanza.

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiggarantixxi l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li persuna tbiddel ir-reliġjon jew it-twemmin tagħha u l-libertà, individwalment jew f'komunità ma' oħrajn, u fil-pubbliku jew fil-privat, li persuna timmanifesta r-reliġjon jew it-twemmin tagħha fil-qima, fit-tagħlim, fil-prattika u fl-osservanza. Id-dritt għal oġġezzjoni tal-kuxjenza huwa rikonoxxut ukoll f'konformità mal-liġi nazzjonali (l-Artikolu 10(2) tal-Karta).

**Skont id-dritt tal-KtE**, l-Artikolu 9 tal-KEDB jipprovdi d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon. Tliet dimensjonijiet tad-dritt għal-libertà tar-reliġjon ġew iddistillati mill-każistika tal-QEDB: id-dimensjoni interna; il-libertà li persuna tbiddel ir-reliġjon jew it-twemmin tagħha; u l-libertà li persuna timmanifesta r-reliġjon jew it-twemmin tagħha. L-ewwel żewġ dimensjonijiet huma assoluti, u l-Istati ma jistgħu jillimitawhom taħt ebda ċirkostanza.[65] Il-libertà li persuna timmanifesta r-reliġjon jew it-twemmin tagħha tista' tkun limitata jekk tali limitazzjonijiet ikunu preskritti bil-liġi, isegwu għan leġittimu u jkunu neċessarji f'soċjetà demokratika (l-Artikolu 9(2) tal-KEDB).

Fil-każistika tagħha, il-QEDB indirizzat il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon tat-tfal, prinċipalment b'rabta mad-dritt għall-edukazzjoni u s-sistema tal-iskejjel statali.

Eżempju: Il-kawżi ta' *Dogru vs Franza* u *Kervanci vs Franza*[66] jikkonċernaw l-esklużjoni ta' żewġt ibniet, ta' 11 u 12-il sena, mill-ewwel sena ta' skola statali sekondarja Franċiża, bħala riżultat tar-rifjut tagħhom li jneħħu l-velu

65 QEDB, *Darby vs l-Iżvezja*, Nru. 11581/85, it-23 ta' Ottubru 1990.

66 QEDB, *Dogru vs Franza*, Nru. 27058/05, l-4 ta' Diċembru 2008; QEDB, *Kervanci vs Franza*, Nru. 31645/04, l-4 ta' Diċembru 2008.

matul lezzjonijiet tal-edukazzjoni fiżika. Il-QEDB osservat li l-iskop tar-restrizzjonijiet fuq id-dritt tar-rikorrenti li jimmanifestaw il-konvinzjonijiet reliġjuzi tagħhom kien biex jimxu mar-rekwiżiti tas-sekulariżmu fl-iskejjel statali. Skont l-awtoritajiet nazzjonali, li tilbes velu, bħall-ħijab Iżlamiku, ma kienx kompatibbli mal-lezzjonijiet tal-isport għal raġunijiet ta' saħħa u sigurtà. Il-QEDB qieset dan bħala raġonevoli, billi l-iskola bbilanċjat il-konvinzjonijiet reliġjużi tar-rikorrenti mar-rekwiżiti għal protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u l-ordni pubbliku. Għaldaqstant, hija kkonkludiet li l-interferenza mal-libertà tal-istudenti li jimmanifestaw ir-reliġjon tagħhom kienet ġustifikata u proporzjonata mal-għan segwit. Għalhekk, hija ma sabet l-ebda ksur tal-Artikolu 9 tal-KEDB.

Eżempju: Il-kawża *Grzelak vs il-Polonja*[67] tikkonċerna n-nuqqas li student skużat minn tagħlim reliġjuż jingħata lezzjonijiet tal-etika u marki assoċjati. Matul l-edukazzjoni kollha tiegħu fil-livell primarju u sekondarju (bejn l-etajiet ta' seba' u 18-il sena), ir-rikorrent ma ngħatax tagħlim reliġjuż, skont ix-xewqat tal-ġenituri tiegħu, li kienu ddikjarati bħala anjostiċi. Minħabba li wisq ftit studenti kienu interessati, qatt ma ġiet organizzata klassi dwar l-etika, u huwa ngħata rapporti tal-iskola u ċertifikati li kellhom linja dritta minflok marka għar-"reliġjon/etika". Skont il-QEDB, in-nuqqas ta' marka għar-"reliġjon/etika" fuq ir-rapport tal-iskola tat-tifel kien jaqa' taħt l-ambitu tal-aspett negattiv tal-libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon, minħabba li r-rapport seta' jindika n-nuqqas tal-affiljazzjoni reliġjuża tiegħu. B'hekk ammonta għal forma ta' stigmatizzazzjoni mhux ġustifikata. Id-differenza fit-trattament bejn min ma jemminx li xtaq isegwi lezzjonijiet tal-etika u l-istudenti li segwew il-lezzjonijiet tar-reliġjon b'hekk ma kinitx ġustifikata oġġettivament u raġonevolment, u lanqas ma kien hemm relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi użati u l-għan segwit. Il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istat inqabeż f'din il-kwistjoni, minħabba li nkisret l-essenza stess tad-dritt tar-rikorrent li ma jimmanifestax ir-reliġjon jew il-konvinzjonijiet tiegħu, bi ksur tal-Artikolu 14 tal-KEDB meħud flimkien mal-Artikolu 9 tal-KEDB.

67 QEDB, *Grzelak vs il-Polonja*, Nru. 7710/02, il-15 ta' Ġunju 2010.

# 2.2. Id-drittijiet tal-ġenituri u l-libertà tar-reliġjon tat-tfal tagħhom

**Punti ewlenin**

- Il-ġenituri għandhom id-dritt li jiżguraw li l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal tagħhom ikunu konformi mal-konvinzjonijiet reliġjużi, filosofiċi u pedagoġiċi tagħhom.
- Il-ġenituri għandhom id-dritt u d-dmir li jipprovdu direzzjoni lit-tfal tagħhom fl-eżerċitar tad-dritt tat-tfal għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon b'mod konsistenti mal-kapaċitajiet li jevolvu tat-tfal.

Id-drittijiet tal-ġenituri fil-kuntest tal-libertà tar-reliġjon tat-tfal tagħhom huma indirizzati b'mod differenti fil-liġi Ewropea meta mqabbla mas-CRC.

**Skont id-dritt tal-UE**, irid jingħata r-rispett dovut lid-dritt tal-ġenituri li jiżguraw li l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal tagħhom ikunu konformi mal-konvinzjonijiet reliġjużi, filosofiċi u pedagoġiċi tagħhom (l-Artikolu 14(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali).

**Skont id-dritt tal-KtE**, b'mod partikolari l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1 għall-KEDB, l-Istati jridu jqisu l-konvinzjonijiet (reliġjużi) tal-ġenituri fl-edukazzjoni u t-tagħlim. Skont il-QEDB, dan id-dmir huwa wiesa', minħabba li japplika mhux biss għall-kontentut u l-implimentazzjoni tal-kurrikuli tal-iskejjel, iżda wkoll għat-twettiq tal-funzjonijiet kollha li jassumi Stat.[68] Dan jinkludi l-organizzazzjoni u l-finanzjament tal-edukazzjoni pubblika, l-iffissar u l-ippjanar tal-kurrikulu, it-twassil tal-informazzjoni jew l-għarfien inklużi fil-kurrikulu b'mod objettiv, kritiku u pluralistiku (biex b'hekk jipprojbixxi lill-Istat milli jagħmel indottrinazzjoni li tista' ma tirrispettax il-konvinzjonijiet reliġjużi u filosofiċi tal-ġenituri), kif ukoll l-organizzazzjoni tal-ambjent skolastiku, inkluża l-preżenza ta' simboli reliġjużi, bħal kurċifissi fi skejjel statali. Il-QEDB ikkunsidrat ukoll każijiet fejn l-interessi tat-tfal jistgħu jiġu f'kunflitt mal-interessi reliġjużi tal-ġenituri tagħhom fil-kuntest tal-edukazzjoni.

68 Ara l-każistika rilevanti tal-QEDB: QEDB, *Kjeldsen, Busk Madsen u Pedersen vs id-Danimarka*, Nri. 5095/71, 5920/72 u 5926/72, is-7 ta' Diċembru 1976; QEDB, *Valsamis vs il-Greċja*, Nru. 21787/93, it-18 ta' Diċembru 1996; QEDB, *Folgerø u Oħrajn vs in-Norveġja* [GC], Nru. 15472/02, id-29 ta' Ġunju 2007; QEDB, *Hasan u Eylem Zengin vs it-Turkija*, Nru. 1448/04, id-9 ta' Ottubru 2007; QEDB, *Lautsi u Oħrajn vs l-Italja* [GC], Nru. 30814/06, it-18 ta' Marzu 2011.

Eżempju: Il-kawża *Lautsi u Oħrajn vs L-Italja*[69] tikkonċerna l-wiri ta' kurċifissi fi klassijiet ta' skola statali. Ġenitur ilmentat li l-preżenza ta' kurċifissi fil-klassijiet tal-iskola statali li kienu jattendu t-tfal tagħha kienet tikser il-prinċipju tas-sekulariżmu li abbażi tiegħu hija xtaqet teduka lil uliedha. L-Awla Manja (GC) tal-QEDB sabet li kien f'idejn l-Istat, bħala parti mill-funzjonijiet tiegħu b'rabta mal-edukazzjoni u t-tagħlim, li jiddeċiedi jekk il-kurċifissi għandhomx ikunu preżenti fil-klassijiet tal-iskejjel statali jew le, u li dan kien jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1 għall-KEDB. Il-Qorti sostniet li fil-principju din id-deċiżjoni taqa' fi ħdan il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istat konvenut, u li ma hemm l-ebda kunsens Ewropew fuq il-preżenza ta' simboli reliġjużi fi skejjel statali. Huwa minnu li l-preżenza ta' kurċifissi fi klassijiet ta' skejjel statali — simbolu li bla dubju jirreferi għall-Kristjaneżmu — jagħti prominenza viżibbli fl-ambjent tal-iskola għar-reliġjon tal-maġġoranza tal-pajjiż. Madankollu, din mhijiex suffiċjenti fiha nnifisha biex tindika proċess ta' indottrinazzjoni min-naħa tal-istat konvenut. Fil-fehma tal-QEDB, kurċifiss fuq ħajt huwa essenzjalment simbolu passiv li ma jistax jitqies li għandu influwenza fuq l-istudenti komparabbli għal dik tad-diskors jew tal-parteċipazzjoni f'attivitajiet reliġjużi. Għaldaqstant, l-Awla Manja kkonkludiet li, meta ddeċidew li jżommu l-kurċifissi fil-klassijiet tal-iskejjel statali fejn jattendu t-tfal tar-rikorrenti, l-awtoritajiet aġixxew fil-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom u b'hekk irrispettaw id-dritt tal-ġenituri li jiżguraw li l-edukazzjoni u t-tagħlim ikunu konformi mal-konvinzjonijiet reliġjużi u filosofiċi tagħhom.

Eżempju: Il-kawża *Osmanoğlu u Kocabaş vs l-Iżvizzera*[70] tikkonċerna ġenituri Musulmani li ġew immultati talli rrifjutaw li jippermettu lil uliedhom bniet jipparteċipaw f'lezzjonijiet obbligatorji tal-għawm imħallta fl-iskola primarja tagħhom. Ir-rikorrenti lmentaw li dan kien jammonta għal ksur tad-dritt tagħhom li jimmanifestaw ir-reliġjon tagħhom skont l-Artikolu 9 (billi l-Protokoll Nru. 1 għall-KEDB ma ġiex irratifikat mill-Iżvizzera). Il-QEDB qieset il-fatt li l-awtoritajiet kienu offrew arranġamenti flessibbli ħafna sabiex inaqqsu l-impatt tal-attendenza tat-tfal fuq il-konvinzjonijiet reliġjużi tal-ġenituri tagħhom; fost l-oħrajn, l-ulied bniet setgħu jilbsu burkini, u setgħu jbiddlu ħwejjiġhom u jieħdu doċċa mingħajr subien preżenti. Il-multi, li kienu ppreċeduti minn twissijiet, ma dehrux li kienu sproporzjonati u kien

69 QEDB, *Lautsi u Oħrajn vs l-Italja* [GC], Nru. 30814/06, it-18 ta' Marzu 2011.

70 QEDB, *Osmanoğlu u Kocabaş vs l-Iżvizzera*, Nru. 29086/12, l-10 ta' Jannar 2017.

hemm proċedura aċċessibbli sabiex ir-rikorrenti jkollhom it-talba tagħhom għal eżenzjoni eżaminata. Minn dan segwa li l-awtoritajiet ma kinux qabżu l-marġni konsiderevoli ta' diskrezzjoni mogħti lilhom f'dan il-każ.[71]

Eżempju: Fi *Stavropoulos u Oħrajn vs il-Greċja*[72], il-ġenituri rikorrenti u binthom sostnew li r-reġistrazzjoni tat-twelid tat-tifla kienet tikkostitwixxi ksur tad-dritt tagħhom għal-libertà tar-reliġjon. Nota miktuba bl-idejn (bil-kliem "għoti tal-isem") iddaħħlet ħdejn l-isem tat-tifla fid-dokument u t-taqsima dwar il-magħmudija tħalliet vojta. Il-Qorti qablet mar-rikorrenti li n-nota kellha konnotazzjoni partikolari; jiġifieri, li t-tifla ma ġietx mgħammda. L-inklużjoni ta' tali informazzjoni fuq ċertifikat tat-twelid, dokument pubbliku u użat ta' spiss, esponiet lill-portatura għar-riskju ta' sitwazzjonijiet diskriminatorji fit-trattattivi tagħhom mal-awtoritajiet amministrattivi. Barra minn hekk, fil-każ inkwistjoni, l-inklużjoni tan-nota miktuba bl-idejn ma kinitx preskritta bil-liġi; għalhekk, ma kienx meħtieġ li jiġi eżaminat jekk l-interferenza kinitx segwiet għan leġittimu u kinitx "meħtieġa f'soċjetà demokratika", sabiex jinstab ksur tal-Artikolu 9 tal-KEDB.

Skont id-dritt internazzjonali, l-Artikolu 14(2) tas-CRC jitlob lill-Istati Partijiet jirrispettaw id-drittijiet u d-dmirijiet tal-ġenituri li jipprovdu direzzjoni lit-tfal tagħhom fil-mod kif huma jeżerċitaw il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon tagħhom b'mod konsistenti mal-kapaċitajiet li jevolvu tat-tfal. Il-kliem tal-Artikolu 14(2) tas-CRC huwa konformi mal-kunċett ġenerali tas-CRC tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri: li r-responsabbiltajiet tal-ġenituri jridu jiġu eżerċitati b'mod konsistenti mal-kapaċitajiet li jevolvu tat-tfal (l-Artikolu 5 tas-CRC), u abbażi tal-aħjar interessi tat-tfal (l-Artikolu 18(1) tas-CRC). L-Artikolu 14(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jirrikonoxxi wkoll id-dritt tal-ġenituri li jiżguraw l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal tagħhom f'konformità mal-konvinzjonijiet reliġjużi, filosofiċi u pedagoġiċi tagħhom.

71 Ara wkoll il-QEDB, *Papageorgiou u Oħrajn vs il-Greċja*, Nru. 4762/18 u 6140/18, il-31 ta' Ottubru 2019; QEDB, *Perovy vs ir-Russja*, Nru. 47429/09, l-20 ta' Ottubru 2020.

72 QEDB, *Stavropoulos u Oħrajn vs il-Greċja*, Nru. 52484/18, il-25 ta' Ġunju 2020.

## 2.3. Il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni

**Punt ewlieni**

- Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-KEDB jiggarantixxu d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, li jinkludi l-libertà li persuna jkollha opinjonijiet u li tirċievi u tagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtoritajiet pubbliċi.

**Skont id-dritt tal-UE**, id-dritt għal-libertà tal-espressjoni jinkludi l-libertà li persuna jkollha opinjonijiet u li tirċievi u tagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil minn awtorità pubblika, irrispettivament mill-fruntieri (l-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE).

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-libertà tal-esperessjoni hija garantita mill-Artikolu 10 tal-KEDB u tista' tkun limitata biss meta preskritta bil-liġi, fl-insegwiment ta' wieħed mill-għanijiet leġittimi elenkati fl-Artikolu 10(2) u neċessarju f'soċjetà demokratika.

Fil-każistika tagħha, il-QEDB enfasizzat li "[l-]libertà tal-espressjoni tikkostitwixxi wieħed mill-pedamenti essenzjali ta' soċjetà [demokratika], waħda mill-kundizzjonijiet bażiċi tal-progress tagħha u għall-iżvilupp ta' kull bniedem [...] hija applikabbli mhux biss għal "l-informazzjoni" jew "l-ideat" milqugħa b'mod favorevoli jew meqjusa li huma inoffensivi jew indifferenti, iżda tipproteġi wkoll lil dawk li joffendu, jixxokkjaw jew ifixklu lill-Istat jew lil kwalunkwe settur tal-popolazzjoni".[73]

Eżempju: F'*Handyside vs ir-Renju Unit*,[74] il-QEDB sabet li projbizzjoni imposta mill-awtoritajiet fuq ktieb li jismu *Little Red School Book* kienet konformi mal-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 10(2) tal-KEDB fuq il-protezzjoni tal-morali. Il-kawża tittratta d-dritt li tiġi rċevuta informazzjoni xierqa għall-età u l-maturità tat-tfal — aspett tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni li huwa partikolarment rilevanti għat-tfal. Il-ktieb, li kien tradott mid-Daniż,

73 Ara, pereżempju, QEDB, *Handyside vs ir-Renju Unit*, Nru. 5493/72, is-7 ta' Diċembru 1976, il-punt 49.

74 *Ibid.*

inkiteb għal tfal f'età tal-iskola u qajjem mistoqsijiet dwar għadd ta' normi soċjali, li jinkludu s-sesswalità u d-drogi. Iż-żgħażagħ setgħu jinterpretaw ċerti siltiet tal-ktieb fi stadju kritiku tal-iżvilupp tagħhom bħala inkoraġġiment biex jipprattikaw attivitajiet prekoċi li jagħmlulhom il-ħsara jew saħansitra biex jikkommettu ċerti reati kriminali. Għalhekk, skont il-QEDB, l-imħallfin Ingliżi kompetenti "kienu intitolati, fl-eżerċitar tad-diskrezzjoni tagħhom, li fil-mument rilevanti jaħsbu li l-ktieb kien se jkollu effetti dannużi fuq il-morali ta' ħafna mit-tfal u l-adolexxenti li jaqrawh".

Kawżi oħrajn rilevanti skont l-Artikolu 10 tal-KEDB jikkonċernaw id-dritt tat-tfal f'kustodja li jaċċessaw l-informazzjoni.

Eżempju: Il-kawża *Gaskin vs ir-Renju Unit*[75] tikkonċerna persuna li kienet tpoġġiet f'istituzzjoni ta' kura għall-biċċa l-kbira ta' tfulitha, f'liema perjodu l-awtoritajiet lokali żammew rekords kunfidenzjali. Dawn kienu jinkludu diversi rapporti minn professjonisti mediċi, għalliema tal-iskejjel, uffiċjali tal-pulizija u tal-probation, ħaddiema soċjali, viżitaturi tas-saħħa, foster parents u persunal fi skejjel residenzjali. Meta r-rikorrent ipprova jikseb aċċess għal dawk ir-rekords bl-għan li jipproċedi għal danni personali kontra l-awtorità lokali, ġie miċħud. Il-kunfidenzjalità ta' tali rekords kienet iġġustifikata fl-interess pubbliku għall-operat xieraq tas-servizz tal-indukrar tat-tfal, li jkun ipperikolat jekk il-kontributuri għar-rekords joqogħdu lura milli jgħidu l-affarijiet kif inhuma fir-rapporti tagħhom fil-futur. Il-QEDB aċċettat li persuni li kienu taħt il-kura tal-Istat bħala tfal kellhom interess vitali "li jirċievu l-informazzjoni neċessarja biex ikunu jafu u jifhmu t-tfulija u l-iżvilupp bikri tagħhom".[76] Filwaqt li jeħtieġ li tkun iggarantita l-kunfidenzjalità tar-rekords pubbliċi, sistema bħal dik Brittanika, li għamlet l-aċċess għar-rekords dipendenti fuq il-kunsens tal-kontributur, tista' fil-prinċipju tkun kompatibbli mal-Artikolu 8 tal-KEDB jekk l-interessi tal-individwu li jkun qed ifittex aċċess għar-rekords ikunu ġew garantiti meta kontributur għar-rekords ma kienx disponibbli jew irrifjuta l-kunsens b'mod mhux xieraq. F'dak il-każ, awtorità indipendenti għandha finalment tiddeċiedi jekk għandux jingħata aċċess. L-ebda proċedura bħal din ma kienet disponibbli għar-rikorrent fil-każ preżenti u l-Qorti sabet ksur tad-drittjiet tar-rikorrent taħt l-Artikolu 8 tal-KEDB. Madankollu, il-QEDB ma sabet l-ebda ksur tal-Artikolu 10 tal-KEDB, filwaqt li tenniet li d-dritt għal-libertà li

75 QEDB, *Gaskin vs ir-Renju Unit*, Nru. 10454/83, is-7 ta' Lulju 1989.

76 *Ibid.*, il-punt 49.

persuna tirċievi informazzjoni jipprojbixxi lil gvern milli jirrestrinġi persuna milli tirċievi informazzjoni li oħrajn ikunu jixtiequ jew lesti li jagħtu, iżda ma jobbligax lil Stat jagħti l-informazzjoni inkwistjoni lill-individwu.

Is-CRC, skont l-Artikolu 13(1) tagħha, tirrikonoxxi d-dritt tat-tfal għal-libertà tal-espressjoni, li jinkludi l-libertà li jfittxu, jirċievu u jagħtu informazzjoni u ideat ta' kull tip, irrispettivament mill-fruntieri, bil-fomm, bil-miktub jew b'mod stampat, fil-forma ta' arti, jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor tal-għażla tat-tfal.

## 2.4. Id-dritt li persuna tinstema'

### Punti ewlenin

- Is-CRC tirrikonoxxi d-dritt tat-tfal li jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament fil-kwistjonijiet kollha li jaffettwawhom bħala wieħed mill-prinċipji ġenerali tagħha.
- Skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, it-tfal għandhom id-dritt li jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament u li l-fehmiet tagħhom jitqiesu fi kwistjonijiet li jikkonċernawhom f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom.
- Skont il-KEDB, jekk qorti nazzjonali għandhiex tisma' lit-tfal jew le għandu jiġi vvalutat fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ u jiddependi mill-età u l-maturità tat-tfal.

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 24(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jistabbilixxi li t-tfal jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament, u li dawk il-fehmiet jistgħu jitqiesu fi kwistjonijiet li jikkonċernawhom f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom. Din id-dispożizzjoni hija ta' applikabbiltà ġenerali u mhijiex ristretta għal proċedimenti partikolari. Il-QĠUE spiss interpretat it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni flimkien mar-Regolament Brussell IIa.

Eżempju: Il-kawża *Joseba Andoni Aguirre Zarraga vs Simone Pelz*[77] tikkonċerna t-tneħħija ta' wild minuri minn Spanja għall-Ġermanja bi ksur ta' deċiżjonijiet ta' kustodja. Il-QĠUE ġiet mistoqsija jekk il-qorti Ġermaniża (jiġifieri l-qorti tal-pajjiż fejn ittieħdet it-tifla) tistax topponi l-ordni ta'

77 QĠUE, C-491/10 PPU, *Joseba Andoni Aguirre Zarraga vs Simone Pelz*, it-22 ta' Diċembru 2010; ara wkoll it-Taqsima 5.4, li tiddiskuti aktar dettalji ta' din id-deċiżjoni u t-tħaddim tar-Regolament Riformulat Brussell IIa.

infurzar mill-qorti Spanjola (il-pajjiż tal-oriġini) fuq il-bażi li t-tifla ma kinitx instemgħet, biex b'hekk kien hemm ksur tal-Artikolu 42(2)(a) tar-Regolament Nru. 2201/2003 (Brussell IIa) u tal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. It-tifla opponiet li tmur lura meta hija esprimiet il-fehmiet tagħha fil-proċedimenti quddiem il-qorti Ġermaniża. Il-QĠUE rraġunat li s-smigħ tat-tfal mhuwiex dritt assolut, iżda li jekk qorti tiddeċiedi li dan huwa meħtieġ, hija trid toffri lit-tfal opportunità ġenwina u effettiva sabiex jesprimu l-fehmiet tagħhom. Hija sostniet ukoll li d-dritt tat-tfal li jinstemgħu, kif stabbilit fil-Karta u fir-Regolament Brussell IIa, jirrikjedi li t-tfal ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom proċeduri legali u kundizzjonijiet li jippermettulhom jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament, u li l-qorti tkun tista' tikseb dawk il-fehmiet. Jeħtieġ ukoll li l-qorti tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex torganizza tali seduti, fir-rigward tal-aħjar interessi tat-tfal u ċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali. Jekk il-wild minuri jkun residenti fi Stat Membru ieħor, is-smigħ ta' wild minuri jista', kif indikat fil-premessa 20 tar-Regolament Brussell IIa, iseħħ taħt l-arranġamenti stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali. Madankollu, skont id-deċiżjoni tal-QĠUE, l-awtoritajiet tal-pajjiż fejn ittieħdet it-tifla (il-Ġermanja) ma setgħux jopponu r-ritorn tat-tifla abbażi ta' ksur tad-dritt li persuna tinstema' fil-pajjiż tal-oriġini (Spanja).

Id-dritt li persuna tinstema' huwa rifless f'diversi atti leġiżlattivi. Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Riformulat Brussell IIa, it-tfal li kapaċi jsawru l-fehmiet tagħhom għandhom id-dritt li jingħataw opportunità ġenwina u effettiva biex jesprimu l-fehmiet tagħhom, direttament jew permezz ta' rappreżentant jew korp xieraq.[78] Il-fehmiet tagħhom għandhom jingħataw l-importanza dovuta f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom. Dan id-dritt japplika mhux biss fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, iżda wkoll fi proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.[79]

78 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni), ĠU 2019 L 178/1.

79 Ara wkoll l-Art. 26 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni), ĠU 2019 L 178/1.

Skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Garanziji Proċedurali, l-Istati Membri jridu jiżguraw li t-tfal ikollhom id-dritt li jkunu preżenti waqt il-proċess tagħhom, u jridu jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċess, inkluż billi jagħtuhom l-opportunità li jinstemgħu u jesprimu l-fehmiet tagħhom.[80] Id-Direttiva tal-UE dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal tistabbilixxi wkoll għadd ta' garanziji proċedurali biex jiġi żgurat li t-tfal vittmi jkunu protetti waqt l-intervisti fil-proċedimenti kriminali.[81]

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB ma tinterpretax id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 8 tal-KEDB) bħala li dejjem jirrikjedi li t-tfal jinstemgħu fil-qorti.[82] Bħala regola ġenerali, huwa f'idejn il-qrati nazzjonali biex jevalwaw il-provi quddiemhom, inklużi l-mezzi użati biex jaċċertaw il-fatti rilevanti. Il-qrati domestiċi mhumiex dejjem meħtieġa li jisimgħu lil tifel jew tifla fil-qorti fuq kwistjoni ta' aċċess għal ġenitur li ma jkollux id-drittijiet tal-kustodja. Din il-kwistjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ, b'kunsiderazzjoni għall-età u l-maturità tat-tifel jew tifla inkwistjoni. Barra dan, il-QEDB ta' spiss tiżgura, taħt il-parti proċedurali tal-Artikolu 8, li l-awtoritajiet ħadu l-passi xierqa biex jakkumpanjaw id-deċiżjonijiet tagħhom bis-salvagwardji meħtieġa.

> Eżempju: Il-kawża *M. u M. vs il-Kroazja*[83] tikkonċerna tilwima ta' kustodja, inklużi allegazzjonijiet ta' abbuż tat-tfal mill-missier. Il-QEDB intlaqtet b'mod partikolari mill-fatt li t-tifla, li fiż-żmien rilevanti kellha 13-il sena u nofs, kienet għadha ma nstemgħetx fi proċedimenti ta' kustodja, li sa issa kienu ilhom għaddejjin għal aktar minn erba' snin, u b'hekk ma kinitx ingħatat iċ-ċans li tesprimi l-fehmiet tagħha quddiem il-qrati dwar ma' liema ġenitur riedet tgħix. Ma setax jingħad li t-tfal li kapaċi jifformaw il-fehmiet tagħhom stess kienu involuti biżżejjed fil-proċess tat-teħid

80 L-UE, il-Parlament Ewropew u Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2016), Id-Direttiva (UE) 2016/800/UE tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għat-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU 2016 L 132/1, l-Artikolu 16.

81 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva (UE) 2011/93/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI, ĠU 2011 L 335/1, l-Artikolu 20.

82 Ara wkoll il-QEDB, *N.Ts. vs il-Georgia*, Nru. 71776/12, it-2 ta' Frar 2016; QEDB, *Iglesias Casarrubios u Cantalapiedra Iglesias vs Spanja*, Nru. 23298/12, il-11 ta' Ottubru 2016; QEDB, *C vs il-Kroazja*, Nru. 80117/17, it-8 ta' Ottubru 2020; QEDB, *M.N. u Oħrajn vs il-Belġju*, Nru. 3599/18, il-5 ta' Marzu 2020; QEDB, *Petrov u X vs ir-Russja*, Nru. 23608/16, it-23 ta' Ottubru 2018.

83 QEDB, *M. u M. vs Il-Kroazja*, Nru. 10161/13, it-3 ta' Settembru 2015.

tad-deċiżjonijiet jekk ma jkunux ingħataw l-opportunità li jinstemgħu u, b'hekk, jesprimu l-fehmiet tagħhom. L-awtonomija ċirkoskritta fil-każijiet tat-tfal, li gradwalment tiżdied mal-maturità li tevolvi tagħhom, hija eżerċitata permezz tad-dritt tagħhom li jiġu kkonsultati u mismugħa. Fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, in-nuqqas ta' rispett tax-xewqat tal-ewwel rikorrenti fir-rigward ta' ma' liema ġenitur xtaqet tgħix kien kiser id-dritt tagħha għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja skont l-Artikolu 8.

Eżempju: Fil-kawża *Sahin vs il-Ġermanja*[84], l-omm ipprojbiet kull kuntatt bejn ir-rikorrent u bintu ta' erba' snin. Il-qorti reġjonali Ġermaniża ddeċidiet li l-għoti ta' aċċess lill-missier għal bintu jkun ta' ħsara għat-tifla minħabba t-tensjonijiet serji bejn il-ġenituri. Hija għamlet dan mingħajr ma semgħet jekk it-tifla riditx tkompli tara lil missierha jew le. Dwar il-kwistjoni tas-smigħ tat-tifla fil-qorti, il-QEDB irreferiet għall-ispjegazzjoni tal-espert quddiem il-qorti reġjonali fil-Ġermanja. Wara diversi laqgħat mat-tifla, m'ommha u mar-rikorrent, l-espert ikkunsidra li l-proċess ta' interrogazzjoni tat-tifla seta' kien ta' riskju għaliha, u li dan ma setax jiġi evitat b'arranġamenti speċjali fil-qorti. Il-QEDB sabet li, f'dawn iċ-ċirkostanzi, ir-rekwiżiti proċedurali impliċiti fl-Artikolu 8 tal-KEDB — is-smigħ tat-tfal fil-qorti — ma kinux jammontaw għall-obbligu li jsiru mistoqsijiet diretti lit-tifla dwar ir-relazzjoni tagħha ma' missierha.

Għadd ta' strumenti vinkolanti u mhux vinkolanti tal-KtE fihom dispożizzjonijiet relatati mad-dritt tat-tfal li jinstemgħu f'kuntesti differenti. Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tat-Tfal tittratta d-dritt tat-tfal li jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament.[85] Il-konvenzjoni tagħti lit-tfal drittijiet proċedurali speċifiċi fi proċedimenti tal-familja quddiem awtorità ġudizzjarja, b'mod partikolari għal proċedimenti li jinvolvu l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri, bħar-residenza u l-aċċess għat-tfal. L-Artikolu 3 tal-konvenzjoni jagħti lit-tfal id-dritt li jkunu infurmati u li jesprimu l-fehmiet tagħhom fil-proċedimenti bħala dritt proċedurali. Fl-Artikolu 4, it-tfal jingħataw id-dritt li japplikaw għall-ħatra ta' rappreżentant speċjali fi proċeduri quddiem awtorità ġudizzjarja li jkunu jaffettwawhom. F'konformità mal-Artikolu 6, l-awtoritajiet

84 QEDB, *Sahin vs il-Ġermanja* [GC], Nru. 30943/96, it-8 ta' Lulju 2003, il-punt 73. Fir-rigward tal-aspett speċifiku li l-qrati nazzjonali jkollhom jivvalutaw il-provi li jkunu kisbu, kif ukoll ir-rilevanza tal-provi li l-konvenuti jfittxu li jġibu, ara wkoll il-QEDB, *Vidal vs il-Belġju*, Nru. 12351/86, it-22 ta' April 1992, il-punt 33.

85 Il-Kunsill tal-Ewropa (1996), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tat-Tfal, CETS Nru. 160, 25 ta' Jannar 1996.

iridu jiżguraw li t-tfal ikunu rċevew l-informazzjoni kollha rilevanti, jiġu kkonsultati personalment, jekk xieraq, u t-tfal jitħallew jesprimu l-fehmiet tagħhom. Bl-istess mod, *il-Linji Gwida tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġustizzja adattata għat-tfal* jagħmlu enfasi fuq ir-rispett għad-drittijiet tat-tfal li jinstemgħu fil-proċedimenti kollha li jinvolvuhom jew jaffettwawhom.[86]

Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote, fl-Artikolu 9 tagħha, tindirizza l-parteċipazzjoni tat-tfal fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki, programmi jew inizjattivi tal-Istat li jikkonċernaw il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali u l-abbuż sesswali tat-tfal. L-Artikolu 14(1) tal-istess konvenzjoni jistabbilixxi li l-assistenza lill-vittmi trid tqis kif xieraq il-fehmiet, il-ħtiġijiet u t-tħassib tat-tfal.[87]

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ taħt l-età ta' 18-il sena tirreferi għad-dritt tagħhom li jinstemgħu fl-ambjenti kollha, inkluż fl-iskejjel, fil-komunitajiet u fil-familja, kif ukoll fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew.[88] Hija fiha wkoll linji gwida għall-Istati Membri meta jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni, bħall-protezzjoni tad-dritt tat-tfal u taż-żgħażagħ li jipparteċipaw, il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni lit-tfal u liż-żgħażagħ dwarha, u l-ħolqien ta' spazji għall-parteċipazzjoni. *L-Għodda ta' Valutazzjoni tal-Parteċipazzjoni tat-Tfal* tal-Kunsill tal-Ewropa tipprovdi indikaturi speċifiċi u li jistgħu jitkejlu biex jitkejjel il-progress fl-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni.[89]

Skont id-dritt internazzjonali, l-Artikolu 12(1) tas-CRC jafferma li tfal li jkunu kapaċi jifformaw il-fehmiet tagħhom stess għandhom id-dritt li jesprimu dawn il-fehmiet liberament fil-kwistjonijiet kollha li jaffettwawhom. Il-fehmiet tat-tfal għandhom jingħataw l-importanza dovuta f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom. Barra minn hekk, l-Artikolu 12(2) tas-CRC jippreskrivi li t-tfal iridu jingħataw l-opportunità li jinstemgħu fi kwalunke proċediment ġudizzjarju u amministrattiv li jaffettwahom, direttament jew permezz ta' rappreżentant jew korp xieraq, b'mod konsistenti mar-regoli proċedurali tal-liġi nazzjonali.

86 Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa (2010), *Linji Gwida dwar il-ġustizzja adattata għat-tfal*, is-17 ta' Novembru 2010.

87 Il-Kunsill tal-Ewropa (2007), Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali, CETS Nru. 201, il-25 ta' Ottubru 2007.

88 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2012), Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2012)2 dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ taħt l-età ta' 18-il sena, it-28 ta' Marzu 2012.

89 Il-Kunsill tal-Ewropa, id-Diviżjoni tad-Drittijiet tat-Tfal u d-Dipartiment taż-Żgħażagħ (2016), *Għodda ta' valutazzjoni tal-parteċipazzjoni tat-tfal*, Marzu 2016.

# 2.5. Id-dritt għal-libertà ta’ għaqda u ta’ assoċjazzjoni

## Punti ewlenin

- Kemm il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE kif ukoll il-KEDB jiggarantixxu l-libertà ta’ għaqda paċifika u assoċjazzjoni.
- Il-QEDB affermat espliċitament id-dritt tat-tfal li jattendu laqgħat pubbliċi.

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jistabbilixxi li kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta’ għaqda paċifika u assoċjazzjoni fil-livelli kollha, b’mod partikolari fi kwistjonijiet politiċi, trejdjunjonistiċi u ċiviċi. Dan jimplika d-dritt li kulħadd jifforma u jissieħeb fi trade unions għall-protezzjoni tal-interessi tiegħu jew tagħha.

**Skont id-dritt tal-KtE**, l-Artikolu 11(1) tal-KEDB jiggarantixxi d-dritt għal-libertà ta’ għaqda u ta’ assoċjazzjoni soġġett għar-restrizzjonijiet tal-Artikolu 11(2).

Il-QEDB affermat espliċitament id-dritt tat-tfal li jattendu laqgħat fi spazju pubbliku. Kif innotat il-Qorti fi *Christian Democratic People’s Party vs il-Moldova*[90], imur kontra l-libertà ta’ għaqda tal-ġenituri u tat-tfal jekk dawn ma jitħallewx jattendu avvenimenti, b’mod partikolari biex jipprotestaw kontra politika tal-gvern dwar l-edukazzjoni fl-iskejjel.

Skont id-dritt internazzjonali, tfal individwali, kif ukoll organizzazzjonijiet tat-tfal, jistgħu jistrieħu fuq il-protezzjoni offruta mill-Artikolu 15 tas-CRC, li fih id-dritt għal-libertà ta’ assoċjazzjoni u ta’ għaqda paċifika. Abbażi ta’ din id-dispożizzjoni, diversi assoċjazzjonijiet li fihom huma involuti t-tfal ingħataw protezzjoni internazzjonali.

90 QEDB, *Christian Democratic People’s Party vs il-Moldova*, Nru. 28793/02, l-14 ta’ Frar 2006.

# 3 Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, it-Titolu III (L-Ugwaljanza), inklużi l-Artikoli 20 (l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi), 21 (nondiskriminazzjoni) u 23 (l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa)<br>TFUE, l-Artikolu 19<br>Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi (2000/78/KE)<br>Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE)<br>Id-Direttiva 2006/54/KE (rifformulazzjoni) dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u tan-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol<br>Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi | **Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni** | KEDB, l-Artikolu 14<br>Il-Protokoll Nru. 12 għall-KEDB, l-Artikolu 1 (nondiskriminazzjoni)<br>ESC (riveduta), l-Artikolu E (nondiskriminazzjoni)<br>Il-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali (FCNM, Framework Convention for the Protection of National Minorities), l-Artikolu 4<br>Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote, l-Artikolu 2 |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) | **Nondiskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza u l-oriġini etnika** | KEDB, l-Artikolu 14 meħud flimkien mal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1 għall-KEDB<br>FCNM, l-Artikoli 4 u 12<br>QEDB, *D.H. u Oħrajn vs ir-Repubblika Ċeka* [GC], Nru. 57325/00, 2007 (it-tqegħid ta' tfal Rom fi skejjel speċjali)<br>QEDB, *Oršuš u Oħrajn vs il-Kroazja*, Nru. 15766/03, 2010 (klassijiet Rom biss fi skejjel primarji)<br>QEDB, *Catan u Oħrajn vs il-Moldova u r-Russja* Nri. 43370/04 et al., 2012 (politika tal-awtoritajiet separatisti)<br>QEDB, *Ádám u Oħrajn vs ir-Rumanija*, Nri. 81114/17 et al., 2020 (eżamijiet addizzjonali għal grupp etniku)<br>ECSR, *Iċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Rom (ERRC) vs l-Irlanda*, Ilment Nru. 100/2013, 2015 |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 21<br>TFUE, l-Artikolu 45<br>Id-Direttiva dwar iċ-Ċittadinanza (2004/38/KE)<br>Id-Direttiva dwar ir-Residenti għat-Tul (2003/109/KE)<br>Id-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja (2003/86/KE)<br>Id-Direttiva dwar il-Permess Uniku (2011/98/UE)<br>QĠUE, C-200/02, *Kunqian Catherine Zhu u Man Lavette Chen vs Secretary of State for the Home Department*, 2004 (drittijiet ta' residenza għal ġenituri ċittadini ta' pajjiż terz) | **Nondiskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità u l-istat ta' immigrazzjoni** | KEDB, l-Artikolu 14 meħud flimkien mal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1 għall-KEDB<br>Il-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali, l-Artikoli 4 u 12<br>QEDB, *Ponomaryovi vs il-Bulgarija*, Nru. 5335/05, 2011 (miżati tal-iskola għal residenti temporanji) |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
| --- | --- | --- |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 21<br>Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi (2000/78/KE)<br>QĠUE, C-303/06, *S. Coleman vs Attridge Law u Steve Law* [GC], 2008 | **Nondiskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilità** | KEDB, l-Artikolu 14, Protokoll Nru. 12 għall-KEDB, l-Artikolu 1 (nondiskriminazzjoni)<br>ESC, l-Artikolu 17(2)<br>QEDB, *Çam vs it-Turkija*, Nru. 51500/08, 2016 (rifjut ta' ammissjoni għall-iskola tal-mużika għal raġunijiet ta' indeboliment viżwali)<br>QEDB, *G.L. vs l-Italja*, Nru. 59751/15, 2020 (nuqqas ta' għoti ta' appoġġ speċjalizzat fit-tagħlim għal studenti bl-awtiżmu) |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 21<br>Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE)<br>Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi (2000/78/KE)<br>QĠUE, C-303/06, *S. Coleman vs Attridge Law u Steve Law* [GC], 2008 | **Nondiskriminazzjoni bbażata fuq raġunijiet protetti oħrajn** | Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote, l-Artikolu 2<br>KEDB, l-Artikolu 14<br>Il-Protokoll Nru. 12 għall-KEDB, l-Artikolu 1 (nondiskriminazzjoni)<br>QEDB, *Bayev u Oħrajn vs ir-Russja*, Nru. 67667/09, (leġiżlazzjoni arbitrarja kontra l-omosesswalità)<br>QEDB, *P.V. vs Spanja*, Nru. 35159/09, 2010 (restrizzjoni tal-kuntatt minħabba instabbiltà emozzjonali li tirriżulta minn riassenjament tal-ġeneru)<br>QEDB, *D.G. vs l-Irlanda*, Nru. 39474/98, 2002 (in-nuqqas li tiġi pprovduta faċilità ta' detenzjoni xierqa għall-età għal delinkwent minorenni)<br>QEDB, *Bouamar vs il-Belġju*, Nru. 9106/80, 1988 (in-nuqqas li tiġi pprovduta faċilità ta' detenzjoni xierqa għall-età għal delinkwent minorenni)<br>QEDB, *Fabris vs Franza* [GC], Nru. 16574/08, 2013 (drittijiet tal-wirt għal tfal imwielda barra ż-żwieġ)<br>QEDB, *Mazurek vs Franza*, Nru. 34406/97, 2000 (drittijiet tal-wirt għal tfal imwielda barra ż-żwieġ) |

Il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni hija prinċipju bażiku ta' kwalunkwe soċjetà demokratika. L-istituzzjonijiet tal-UE adottaw serje ta' direttivi biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni, li huma rilevanti wkoll għat-tfal. Il-QEDB żviluppat korp sostanzjali ta' każistika dwar il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 tal-KEDB, flimkien ma' Artikoli oħrajn tal-Konvenzjoni u, sa ċertu punt aktar limitat, skont l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru. 12.

L-ECSR jikkunsidra l-funzjoni tal-Artikolu E tal-ESC dwar in-nondiskriminazzjoni bħala simili għal dak tal-Artikolu 14 tal-KEDB: m'għandha l-ebda eżistenza indipendenti u għandha tkun ikkombinata ma' waħda mid-dispożizzjonijiet sostantivi tal-ESC.[91]

Dan il-kapitolu jindirizza l-prinċipji tal-ugwaljanza u nondiskriminazzjoni, b'fokus fuq dawk ir-raġunijiet fejn ġiet żviluppatta każistika speċifika għat-tfal. Jibda b'informazzjoni ġenerali dwar il-liġi Ewropea tan-nondiskriminazzjoni (Taqsima 3.1), imbagħad jiffoka fuq l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni kontra t-tfal fuq il-bażi tal-oriġini etnika (Taqsima 3.2), in-nazzjonalità u l-istat ta' immigrazzjoni (Taqsima 3.3), diżabilità (Taqsima 3.4), u raġunijiet protetti oħrajn, li jinkludu l-ġeneru, l-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali, il-lingwa u l-identità personali (Taqsima 3.5).

91 ECSR, *Syndicat des Agrégés de l'Enseignement Supérieur (SAGES) vs Franza*, Ilment Nru. 26/2004, il-15 ta' Ġunju 2005, il-punt 34.

# 3.1. Il-liġi Ewropea tan-nondiskriminazzjoni

## Punti ewlenin

- Id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, razza, kulur, etniċità jew oriġini soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.[92]
- Fl-UE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni bħas-sess, ir-razza, il-lewn, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal xi minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali. Fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet speċifiċi tagħhom, kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità hija pprojbita wkoll.
- Id-dritt sekondarju tal-Unjoni jipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess (direttivi dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri); abbażi tal-oriġini etnika jew razzjali f'diversi oqsma tal-ħajja (id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali); u fl-impjiegi u fix-xogħol abbażi tal-età, diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew it-twemmin (id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi).
- L-Artikolu 14 tal-KEDB jipprojbixxi d-diskriminazzjoni biss fir-rigward tal-eżerċizzju ta' dritt ieħor garantit mill-Konvenzjoni. Skont il-Protokoll Nru. 12, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni saret dritt awtonomu.
- Għadd ta' strumenti tal-KtE jenfasizzaw il-ħtieġa li tiġi żgurata n-nondiskriminazzjoni b'referenza għal ċirkostanzi jew gruppi partikolari.

**Skont id-dritt tal-UE**, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali hija prinċipju indipendenti li tapplika wkoll għal sitwazzjonijiet mhux koperti bi kwalunkwe dispożizzjoni tal-Karta. Ir-raġunijiet li espliċitament jipprojbixxu d-diskriminazzjoni f'din id-dispożizzjoni jinkludu s-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-fatturi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. L-Artikolu 2 tat-TUE jirreferi

92 Għal ħarsa ġenerali lejn il-liġi Ewropea tan-nondiskriminazzjoni, kif ikkostitwita mid-direttivi tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni u l-Art. 14 tal-Protokoll 12 għall-KEDB, ara: FRA u QEDB (2018), *Il-Manwal tad-dritt Ewropew tan-nondiskriminazzjoni*, Frar 2018.

għan-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza, il-ġustizzja fid-dinjità tal-bniedem u t-tolleranza bejn l-irġiel u n-nisa bħala komuni għall-valuri tal-Istati Membri kollha. L-Artikolu 19 tat-TFUE jkopri r-raġunijiet ta' sess, oriġini tar-razza jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali. In-nondiskriminazzjoni hija prinċipju awtonomu li japplika wkoll għal sitwazzjonijiet mhux koperti minn xi dispożizzjoni oħra tal-karta. Ir-raġunijiet li espliċitament jipprojbixxu d-diskriminazzjoni f'din id-dispożizzjoni jinkludu s-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-fatturi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. L-Artikolu 19 tat-TFUE jkopri r-raġunijiet ta' sess, oriġini tar-razza jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali.

Diversi direttivi tal-UE jipprojbixxu diskriminazzjoni fl-oqsma tal-impjieg, is-sistema tal-ħarsien u prodotti u servizzi, li lkoll huma potenzjalment rilevanti għat-tfal. Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, li tistabbilixxi qafas ġenerali għat-trattament ugwali fl-impjieg u x-xogħol (Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi)[93], tipprojbixxi diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali. Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE, li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini razzjali jew etnika (Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali), tipprojbixxi diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza jew etniċità mhux biss fil-kuntest tal-impjiegi u aċċess għall-prodotti u servizzi, imma wkoll b'rabta mas-sistema tal-benefiċċji soċjali (inklużi l-ħarsien soċjali, is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa) u għall-edukazzjoni.[94] Iktar direttivi jimplimentaw il-prinċipju tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol jew impjieg indipendenti (id-Direttivi 2006/54/KE[95] u 2010/41/UE[96])

93 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2000), Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjiegi u fix-xogħol, ĠU 2000 L 303.

94 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2000), Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità, ĠU 2000 L 180.

95 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2006), Id-Direttiva 2006/54/KE tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (riformulazzjoni), ĠU 2006 L 204.

96 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2010), Id-Direttiva 2010/41/UE tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE, ĠU 2010 L 180.

u fl-aċċess għal u l-provvista tal-prodotti u servizzi (Id-Direttiva dwar is-Sessi u l-Merkanzija u s-Servizzi).[97] Id-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa tapplika fil-qasam tas-sigurtà soċjali.[98] Id-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali proposta mill-Kummissjoni fl-2008 għandha l-għan li timla l-lakuni fil-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza.[99]

**Skont il-QEDB**, l-Artikolu 14 jiggarantixxi l-ugwaljanza fit-"tgawdija ta' [...] [d-] drittijiet u l-libertajiet" stabbiliti fil-KEDB. Il-QEDB għalhekk hija kompetenti biss biex teżamina l-ilmenti ta' diskriminazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' wieħed mid-drittijiet protetti mill-KEDB. Il-Protokoll Nru. 12 (ratifikat s'issa minn 20 Stat Membru) jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fir-rigward tat-"tgawdija ta' kull dritt iddikjarat bil-liġi" u "minn naħa ta' kwalunkwe awtorità pubblika" u għalhekk huwa akbar fil-kamp ta' applikazzjoni mill-Artikolu 14, li huwa relatat biss mad-drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni.

Id-dispożizzjonijiet stipulati fiż-żewġ strumenti jinkludu lista mhux eżawrjenti ta' raġunijiet li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni: is-sess, ir-razza, il-kulur, il-lingwa, ir-reliġjon, l-opinjoni politika jew opinjoni oħra, l-oriġini nazzjonali jew soċjali, l-assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid jew status ieħor. Fejn il-QEDB ssib li persuni f'sitwazzjonijiet simili jiġu trattati differenti, tinvestiga jekk din tistax tkun ġustifikata oġġettivament jew raġonevolment.[100]

L-Artikolu E tal-ESC jinkludi wkoll lista mhux eżawrjenti ta' raġunijiet li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni: ir-razza, il-kulur, is-sess, il-lingwa, ir-reliġjon, l-opinjoni politika jew opinjoni oħra, l-estrazzjoni nazzjonali jew oriġini soċjali, l-assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, jew it-twelid. L-appendiċi għall-ESC, rilevanti għal dan l-artikolu, jiċċara li t-trattament differenzjali bbażat

97 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2004), Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi, ĠU 2004 L 373.

98 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (1978), Id-Direttiva 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, ĠU 1979 L 6.

99 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2008), Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, {SEC(2008) 2180} {SEC(2008) 2181}, COM(2008) 426, it-2 ta' Lulju 2008.

100 Għal ħarsa ġenerali lejn il-każistika tal-QEDB, ara l-FRA u l-QEDB (2018) *Il-Manwal tad-dritt Ewropew tan-nondiskriminazzjoni*, Frar 2018.

fuq ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli jinkludi l-ħtieġa ta' ċerta età jew kapaċità għall-aċċess għal xi forom ta' edukazzjoni.[101]

Skont l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien ta' Minoranzi Nazzjonali (FCNM)[102], l-Istati Partijiet jiggarantixxu lil persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali d-dritt għal ugwaljanza quddiem il-liġi u protezzjoni ugwali bil-liġi, u jipprojbixxu diskriminazzjoni bbażata fuq l-appartenenza għal minoranza nazzjonali. Fejn ikun meħtieġ, jintrabtu wkoll li jadottaw miżuri adegwati biex jippromwovu, fl-oqsma kollha ta' ħajja ekonomika, soċjali, politika u kulturali, ugwaljanza sħiħa u effettiva bejn persuni li jappartjenu għal minoranza nazzjonali u dawk li jappartjenu għall-maġġoranza.

Il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza hija korp uniku għall-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem, li jispeċjalizza fi kwistjonijiet relatati mal-ġlieda kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni, il-ksenofobija, l-antisemitiżmu u l-intolleranza fl-Ewropa.[103] Fil-qafas tal-ħidma tagħha ta' monitoraġġ tal-pajjiżi, il-Kummissjoni teżamina s-sitwazzjoni li tikkonċerna manifestazzjonijiet ta' razziżmu u intolleranza f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-KtE.

L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Lanzarote jiggarantixxi li l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħha, b'mod partikolari t-tgawdija ta' miżuri għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi ta' sfruttament sesswali u abbuż sesswali, se tiġi żgurata mingħajr diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi.

Li wieħed joqgħod lura minn trattament diskriminatorju xi drabi ma jkunx biżżejjed biex jinkiseb trattament ugwali. F'xi sitwazzjonijiet, jistgħu jittieħdu miżuri sabiex jagħmlu tajjeb għall-inugwaljanzi eżistenti u persistenti. Fil-kuntest tan-NU, dawn huma msejħa "miżuri speċjali", filwaqt li d-dritt tal-UE jirreferi għal "miżuri speċifiċi" jew "azzjoni pożittiva". Il-QEDB titkellem dwar "obbligi pożittivi". Billi jieħdu miżuri speċjali, il-gvernijiet jistgħu jiżguraw "ugwaljanza sostantiva", jiġifieri, it-tgawdija ugwali tal-opportunitajiet għall-aċċess tal-benefiċċji disponibbli fis-soċjetà, aktar milli sempliċiment "ugwaljanza formali". Meta l-gvernijiet, l-impjegaturi u l-fornituri tas-servizzi jonqsu

101 Il-Kunsill tal-Ewropa (1996), Il-Karta Soċjali Ewropea (riveduta), rapport ta' spjegazzjoni, il-para. 136.

102 Il-Kunsill tal-Ewropa (1995), Il-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali, CETS Nru. 157, l-1 ta' Frar 1995.

103 Ara aktar fuq il-paġna web tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza.

milli jikkunsidraw l-adegwatezza li jieħdu miżuri speċjali, huma jżidu r-riskju li r-regoli u l-prattiki tagħhom jistgħu jammontaw għal diskriminazzjoni indiretta.

It-taqsimiet li jsegwu janalizzaw raġunijiet speċifiċi ta' diskriminazzjoni li ġew ippruvati li huma ta' rilevanza partikolari għat-tfal.

## 3.2. Nondiskriminazzjoni bbażata fuq razza jew oriġini etnika

**Punti ewlenin**

- Ir-razza u l-oriġini etnika huma raġunijiet ipprojbiti ta' diskriminazzjoni fl-Ewropa.
- L-UE għandha strument legali speċifiku (id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali) li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni diretta u indiretta, kif ukoll il-fastidju, fl-oqsma kollha tal-ħajja.

**Skont id-dritt tal-UE**, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tipprojbixxi diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' razza u etniċità mhux biss fil-kuntest ta' impjiegi u prodotti u servizzi, imma wkoll fl-aċċess għas-sistema tal-ħarsien, edukazzjoni u sigurtà soċjali. Ir-Rom, bħala grupp etniku partikolarment imdaqqas u vulnerabbli, jaqa' perfettament fi ħdan l-ambitu tad-direttiva. Element ewlieni tal-isforz biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni kontra r-Rom kien l-adozzjoni fl-2011 ta' qafas speċifiku tal-UE għall-integrazzjoni tar-Rom għall-istrateġiji nazzjonali.[104] Dan kien segwit fl-2020 mit-tieni qafas strateġiku tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni għall-perjodu 2020–2030.[105] It-tfal Rom huma partikolarment affettwati minn diskriminazzjoni diretta u indiretta, kif ukoll fastidju, fl-edukazzjoni, l-aċċess għall-impjiegi u għall-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, is-sensibilizzazzjoni u l-aċċess għall-ġustizzja. Il-kisba ta' ugwaljanza sħiħa fil-prattika tista' f'ċerti ċirkostanzi

104 L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2011), *Qafas tal-UE għall-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Roma fl-2020*, COM(2011) 173 final, Brussell, il-5 ta' April 2011.

105 L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni*, COM(2020) 620 final, l-10 ta' Ottubru 2020

tiġġustifika azzjoni pożittiva speċifika għar-Rom, b'mod partikolari f'dan l-erba' oqsma ewlenin.[106]

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB iddeċidiet f'diversi kawżi importanti dwar it-trattamenti differenzjali tat-tfal Rom fis-sistema edukattiva. Dawn il-kawżi kienu analizzati taħt l-Artikolu 14 meħud flimkien mal-Artikolu 2 tal-Protokoll 1 għall-KEDB. Il-QEDB sostniet li r-rappreżentanza żejda jew s-segregazzjoni tat-tfal Rom fi skejjel u klassijiet speċjali setgħu jkunu ġustifikati oġġettivament biss jekk jiddaħħlu fis-seħħ salvagwardji xierqa sabiex it-tfal jiġu rreferuti għal dawn l-iskejjel jew klassijiet, bħal testijiet imfassla speċifikament għat-tfal Rom u sensittivi għall-ħtiġijiet tagħhom; evalwazzjoni xierqa u monitoraġġ tal-progress biex l-integrazzjoni fi klassijiet ordinarji ssir hekk kif id-diffikultajiet fit-tagħlim ikunu ġew rimedjati; u miżuri pożittivi biex jindirizzaw id-diffikultajiet fit-tagħlim. Fin-nuqqas ta' miżuri mhux segregati effettivi, ma setax jiġi ġġustifikat li tittawwal is-segregazzjoni edukattiva tat-tfal Rom fi skola tradizzjonali bi programm regolari[107]. Barra minn hekk, il-Kumitat tal-Ministri tal-KtE jirrakkomanda li l-istorja tar-Rom u/jew tat-Travellers tiġi inkluża fil-kurrikuli tal-iskejjel u fil-materjali tat-tagħlim.[108]

Eżempju: F'*D.H u Oħrajn vs ir-Repubblika Ċeka*[109], il-QEDB sabet li numru sproporzjonat ta' tfal Rom kienu mqiegħda fi skejjel speċjali għal tfal b'diffikultajiet fit-tagħlim mingħajr ġustifikazzjoni. Il-Qorti kienet imħassba dwar il-kurrikulu aktar bażiku offrut f'dawn l-iskejjel u s-segregazzjoni li kkawżat is-sistema. B'hekk, it-tfal Rom irċevew edukazzjoni li kompliet żiedet id-diffikultajiet tagħhom u kkompromettiet l-iżvilupp sussegwenti pesonali tagħhom minflok ma għenithom jintegraw fis-sistema tal-edukazzjoni tradizzjonali u jiżviluppaw il-ħiliet li jiffaċilitawlhom ħajjithom fost il-popolazzjoni maġġoritarja. Konsegwentement, il-QEDB sabet

106 L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2014), *Rapport Konġunt dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità u tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol*, Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, COM(2014) 2 final, is-17 ta' Jannar 2014.

107 QEDB, *Lavida u Oħrajn vs il-Greċja*, Nru. 7973/10, it-30 ta' Mejju 2013.

108 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2020), *Rakkomandazzjoni CM/Rec(2020)2 lill-Istati Membri dwar l-inklużjoni tal-istorja tar-Rom u/jew tat-Travellers fil-kurrikuli tal-iskejjel u fil-materjali tat-tagħlim*, l-1 ta' Lulju 2020.

109 QEDB, *D.H. u Oħrajn vs ir-Repubblika Ċeka* [GC], Nru. 57325/00, it-13 ta' Novembru 2007, il-punti 206–210.

ksur tal-Artikolu 14 tal-KEDB flimkien mal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1 għall-KEDB.

Eżempju: F'*Oršuš u Oħrajn vs il-Kroazja*[110], il-QEDB eżaminat l-eżistenza ta' klassijiet Rom biss fi skejjel ordinarji primarji. Bħala kwistjoni ta' prinċipju, li temporanjament tqiegħed tfal fi klassi separata minħabba l-għarfien inadegwat tagħhom tal-lingwa ta' struzzjoni ma titqisx diskriminatorja. Li jitqiegħdu fi klassijiet b'dak il-mod jista' jitqies bħala adattament tas-sistema edukattiva għall-ħtiġijiet speċjali tat-tfal b'diffikultajiet fil-lingwa. Madankollu, malli dan it-tqegħid fi klassijiet jaffettwa lil membri ta' grupp etniku speċifiku b'mod sproporzjonat jew esklużiv, iridu jiġu stabbiliti salvagwardji. Għat-tqegħid inizjali fi klassi separata, il-QEDB nnutat li t-tqegħid ma kienx parti minn prattika ġenerali biex jindirizza l-problemi tat-tfal b'għarfien inadegwat ta' lingwa, u li ma kien sar ebda ttestjar speċifiku tat-tfal fuq l-għarfien tal-lingwa. Fir-rigward tal-kurrikulu offrut lilhom, xi tfal ma kienu offruti ebda programm speċifiku (jiġifieri lezzjonijiet speċjali tal-lingwa) biex jakkwistaw il-ħiliet tal-lingwa neċessarji fl-iqsar żmien possibbli. La kien hemm proċedura ta' trasferiment u lanqas ta' monitoraġġ fis-seħħ biex jiżguraw it-trasferiment immedjat u awtomatiku għall-klassijiet imħallta hekk kif it-tfal Rom jiksbu profiċjenza adegwata fil-lingwa. Konsegwentement, il-QEDB sabet li din kienet bi ksur tal-Artikolu 14 tal-KEDB flimkien mal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1.

Il-QEDB aġġudikat ukoll kawżi oħrajn li jikkonċernaw id-diskriminazzjoni kontra t-tfal f'ambjenti tal-iskola.

Eżempju: F'*Catan u Oħrajn vs il-Moldova u r-Russja*[111], il-QEDB ħarset lejn il-politika tal-lingwa introdotta fl-iskejjel minn awtoritajiet separatisti f'Transdniestria, li kienet immirata għar-Russifikazzjoni. Wara l-għeluq furzat tal-iskejjel tal-lingwa Moldovjana (li tuża l-alfabett Latin), il-ġenituri kellhom jagħżlu bejn li jibagħtu lil uliedhom fi skejjel fejn kienu mgħallma b'kombinazzjoni artifiċjali tal-lingwa Moldovjana u l-alfabett Ċirilliku, b'materjal tat-tagħlim prodott fi żminijiet Sovjetiċi, jew li jibagħtu 'l uliedhom fi skejjel li kienu anqas mgħammra u li jinsabu f'żoni anqas konvenjenti, li fi triqthom lejhom kienu soġġetti għal fastidju u intimidazzjoni. L-għeluq

110 QEDB, *Oršuš u Oħrajn vs il-Kroazja* [GC], Nru. 15766/03, is-16 ta' Marzu 2010, il-punt 157.

111 QEDB, *Catan u Oħrajn vs il-Moldova u r-Russja* [GC], Nru. 43370/04, 8252/05 u 18454/06, id-19 ta' Ottubru 2012.

furzat tal-iskejjel u l-fastidju sussegwenti ġie deċiż li kienu interferenza mhux iġġustifikata mad-drittijiet tat-tfal għall-edukazzjoni li ammontat għal ksur tal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1 għall-KEDB.[112]

Eżempju: F'*Ádám u Oħrajn vs ir-Rumanija*[113], studenti Ungeriżi etniċi, li attendew l-iskola bil-lingwa materna tagħhom fir-Rumanija, ilmentaw li kellhom jagħmlu żewġ eżamijiet addizzjonali fil-lingwa materna tagħhom matul l-istess perjodu, pjuttost qasir, stabbilit għall-eżamijiet fil-livell ta' Bakkalawrjat fil-pajjiż kollu. Mill-bidu nett, il-QEDB enfasizzat li l-istrumenti rilevanti tal-KtE jirrikonoxxu espressament li l-protezzjoni u l-inkoraġġiment tal-lingwi minoritarji ma għandhomx ikunu għad-detriment tal-lingwi uffiċjali u l-ħtieġa li jiġu mitgħallma. Barra minn hekk, iż-żewġ eżamijiet addizzjonali li kellhom jagħmlu r-rikorrenti kienu l-konsegwenza diretta u inevitabbli tal-għażla konxja u volontarja tagħhom li jistudjaw b'lingwa differenti u tal-fatt li l-Istat joffrilhom tali opportunità. Il-QEDB kienet sodisfatta li r-rikorrenti ma kinux tqiegħdu f'sitwazzjoni differenti li kienet sinifikanti biżżejjed għall-finijiet tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru. 12. Ma nstab l-ebda ksur tal-KEDB.

L-ECSR jikkunsidra li, anki jekk il-politiki edukazzjonali tat-tfal Rom jistgħu jkunu akkumpanjati minn strutturi flessibbli biex jissodisfaw id-diversità tal-grupp u jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatt li xi gruppi għandhom stil ta' ħajja itineranti jew semiitineranti, m'għandux ikun hemm skejjel separati għat-tfal Rom.[114]

Eżempju: Il-kawża *Iċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Rom (ERRC) vs l-Irlanda*[115] tikkonċerna l-konformità tal-Irlanda mal-ESC rigward l-akkomodazzjoni tat-Travellers, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni u l-iżgumbramenti tat-Travellers u, fir-rigward tat-Travellers tfal, anki fir-rigward tal-protezzjoni soċjali, legali u ekonomika. L-ERRC allega li l-gvern kien kiser l-Artikolu 17 billi ċaħħad lit-Travellers tfal

112 *Ibid.*, il-punti 141–144.

113 QEDB, *Ádám u Oħrajn vs ir-Rumanija*, Nru. 81114/17, it-13 ta' Ottubru 2020.

114 ECSR, Konklużjonijiet 2003 – il-Bulgarija – l-Art. 17(2), 2003/def/BGR/17/2/EN, it-30 ta' Ġunju 2003.

115 ECSR, *Iċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Rom (ERRC) vs L-Irlanda*, Ilment Nru. 100/2013, l-1 ta' Diċembru 2015.

mid-dritt għall-protezzjoni soċjali, legali u ekonomika, b'mod partikolari fir-rigward tal-edukazzjoni skolastika.

Skont l-Artikolu 4(2) u (3) tal-FCNM, miżuri speċjali adottati biex jippromwovu l-ugwaljanza effettiva ta' persuni li jappartjenu lil minoranzi nazzjonali m'għandhomx jitqiesu bħala diskriminatorji. Skont l-Artikolu 12(3) tal-FCNM, l-Istati Partijiet barra dan jimpenjaw ruħhom espressament biex jippromwovu opportunitajiet ugwali għall-aċess għall-edukazzjoni fil-livelli kollha għall-persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali. Il-Kumitat Konsultattiv fuq l-FCNM eżamina regolarment l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni tat-tfal Rom b'konformità ma' din id-dispożizzjoni.[116]

# 3.3. Nondiskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità u l-istatus ta' immigrazzjoni

## Punti ewlenin

- Il-liġi Ewropea tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità.
- Skont id-dritt tal-UE, id-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità hija pprojbita fil-kuntest tal-moviment liberu tal-persuni skont l-Artikolu 45 tat-TFUE (il-libertà tal-moviment u tar-residenza). Fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE, kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità hija pprojbita skont l-Artikolu 21(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Il-KEDB tiggarantixxi t-tgawdija tad-drittijiet lill-persuni kollha fil-ġuriżdizzjoni ta' stat membru.

**Skont id-dritt tal-UE**, id-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità hija pprojbita fil-kamp ta' applikazzjoni tat-trattati (l-Artikolu 18 tat-TFUE; l-Artikolu 21(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali). Dawn l-Artikoli huma rilevanti għaċ-ċittadini kollha tal-UE b'rabta mad-dispożizzjoni dwar iċ-ċittadinanza Ewropea, u għar-residenti fit-tul b'ċittadinanza mhux tal-UE. Barra minn hekk, id-dritt tal-UE jipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, b'mod partikolari

116 Ara l-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat Konsultattiv fuq l-FCNM (2006), *Kummentarju dwar l-Edukazzjoni taħt il-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni tal-Minoranzi Nazzjonali* (2006), ACFC/25DOC(2006)002.

fil-kuntest tal-moviment liberu tal-persuni (id-Direttiva dwar iċ-Ċittadinanza[117]; l-Artikolu 45 tat-TFUE).[118] Ċittadini ta' pajjiżi terzi (jiġifieri persuni li huma ċittadini ta' stat li mhux membru tal-UE) jgawdu dritt għal trattament ugwali f'bejn wieħed u ieħor l-istess żoni bħal dawk koperti bid-direttivi nondiskrimintatorji meta jikkwalifikaw bħala residenti għat-tul. Biex tikkwalifika hekk, id-Direttiva dwar iċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi tirrikjedi, fost kundizzjonijiet oħrajn, perjodu ta' ħames snin ta' residenza legali.[119] Minbarra dan, id-Direttiva 2003/86/KE dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (id-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja)[120] tippermetti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li legalment joqogħdu fi Stat Membru li jingħaqdu magħhom membri tal-familja, taħt ċerti kundizzjonijiet (ara wkoll it-Taqsima 9.5).[121] Barra minn hekk, id-Direttiva dwar il-Permess Uniku tiggarantixxi d-dritt għal trattament ugwali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi taħt ċerti kundizzjonijiet.[122]

Eżempju: Il-kawża *Chen*[123] tikkonċerna l-mistoqsija dwar jekk it-tifla ta' ċittadin ta' pajjiż terz kellhiex id-dritt li tgħix f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE meta twieldet fi Stat Membru differenti u kellha ċittadinanza ta' dan tal-aħħar. Ommha, li fuqha kienet dipendenti, kienet ċittadina ta' pajjiż terz. Il-QĠUE ddeterminat li, meta Stat Membru jimponi rekwiżiti fuq individwi li qed ifittxu ċittadinanza, u dawn jintlaħqu, m'hemmx il-fakultà għal Stat Membru differenti li mbagħad jisfida dak il-jedd meta l-omm u l-minuri japplikaw għal residenza. Il-QĠUE kkonfermat li Stat Membru ma

117 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2004), Id-Direttiva 2004/38/KE tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, ĠU 2004 L 158.

118 L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (2018), *Making EU citizens' rights a reality: National courts enforcing freedom of movement and related rights* (Nagħmlu d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE realtà: il-qrati nazzjonali jinfurzaw il-libertà ta' moviment u drittijiet relatati), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet).

119 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2003), Id-Direttiva 2003/109/KE tat-23 ta' Jannar 2004 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, ĠU 2004 L 16.

120 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2003), Id-Direttiva 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, ĠU 2003 L 251.

121 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/98/UE (Direttiva dwar il-Permess Uniku) tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, ĠU 2011 L 343/1.

122 *Ibid.*, l-Art. 12.

123 QĠUE, C-200/02, *Kunqian Catherine Zhu u Man Lavette Chen vs Secretary of State for the Home Department*, id-19 ta' Ottubru 2004.

jistax jirrifjuta dritt ta' residenza lil ġenitur li jkun jieħu ħsieb tifel jew tifla b'ċittadinanza tal-UE, peress li dan ineħħi kull effett utli tad-dritt ta' residenza tat-tifel jew tifla.

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-KEDB tiggarantixxi t-tgawdija tad-drittijiet lil dawk kollha li jgħixu taħt il-ġuriżdizzjoni ta' stat membru, kemm jekk huma ċittadini u kemm jekk le, inkluż dawk li jgħixu barra mit-territorju nazzjonali, f'żoni taħt il-kontroll effettiv ta' Stat membru. Fir-rigward tal-edukazzjoni, il-QEDB issostni li trattament differenzjali fuq raġunijiet ta' nazzjonalità u status ta' immigrazzjoni jista' jammonta għal diskriminazzjoni.

Eżempju: *Ponomaryovi vs il-Bulgarija*[124] tikkonċerna l-kwistjoni dwar ċittadini barranin b'nuqqas ta' permess għal residenza permanenti li jridu jħallsu miżati tal-iskola għall-edukazzjoni sekondarja tagħhom. Bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-marġni normalment wiesgħa ta' diskrezzjoni f'każijiet ta' miżuri ġenerali ta' strateġiji ekonomiċi u soċjali kienu meħtieġa li jkunu kwalifikati fil-qasam ta' edukazzjoni, għal żewġ raġunijiet: (a) id-dritt għall-edukazzjoni jgawdi minn protezzjoni diretta taħt il-KEDB, u (b) l-edukazzjoni hija tip partikolari ħafna ta' servizz pubbliku, li jservi funzjonijiet soċjetali wesgħin. Skont il-QEDB, il-marġni ta' diskrezzjoni jiżdied mal-livell tal-edukazzjoni. Għaldaqstant, filwaqt li miżati (aktar għoljin) għall-edukazzjoni primarja għall-barranin huma diffiċli biex tiġġustifikahom, jistgħu jkunu ġġustifikati bis-sħiħ f'livell universitarju. Minħabba l-importanza tal-edukazzjoni sekondarja għall-iżvilupp personali, u għall-integrazzjoni soċjali u professjonali, skrutinju aktar strett tal-proporzjonalità tat-trattament differenzjali japplika għal dak il-livell ta' edukazzjoni. Il-Qorti kkjarifikat li ma ħadet l-ebda pożizzjoni fuq jekk stat huwiex intitolat li jċaħħad lill-immigranti irregolari kollha mill-benefiċċji edukattivi li jipprovdi liċ-ċittadini u lil ċerti kategoriji limitati ta' barranin. Fil-valutazzjoni taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, hija sabet li l-ebda "kunsiderazzjoni marbuta mal-ħtieġa li jitwaqqaf jew jitreġġa' lura l-fluss tal-immigrazzjoni illegali" ma kien japplika. Ir-rikorrenti ma kinux ippruvaw jabbużaw mis-sistema edukattiva Bulgara, minħabba li ġew joqogħdu l-Bulgarija ta' età żgħira ħafna wara ż-żwieġ ta' ommhom ma' Bulgaru, jiġifieri ma kellhom ebda għażla ħlief li jmorru skola fil-Bulgarija. Għaldaqstant kien hemm ksur tal-Artikolu 14 tal-KEDB flimkien mal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1 għall-KEDB.

124 QEDB, *Ponomaryovi vs il-Bulgarija*, Nru 5335/05, il-21 ta' Ġunju 2011, il-punt 60.

# 3.4. Nondiskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilità

**Punti ewlenin**

- Kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq diżabilità hija pprojbita skont id-dritt Ewropew (l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; l-Artikolu 14 tal-KEDB; l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru. 12 għall-KEDB).
- Id-diskriminazzjoni bbażata fuq diżabilità skont id-dritt tal-UE u l-liġi tal-KtE tinkludi wkoll każijiet ta' "diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni" (pereżempju, jekk issir diskriminazzjoni mat-tfal minħabba li l-ġenituri tagħhom għandhom diżabilità)

Id-diżabilità hija waħda mir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni espliċitament ipprojbiti mill-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-UE rratifikat il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD, Convention on the Rights of Persons with Disabilities)[125] u żviluppat strateġija għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021–2030.[126] Is-CRPD issa saret punt ta' referenza għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE relatat mad-diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità.[127] Skont id-dritt tal-UE huwa rikonoxxut li l-istati għandhom l-obbligi li jiżguraw akkomodazzjoni raġonevoli li tippermetti lill-persuni b'diżabilità jkollhom l-opportunità li jwettqu id-drittijiet tagħhom bis-sħiħ.[128]

Għall-inqas għad-diżabilità, iżda mhux limitata għaliha biss, il-QĠUE aċċettat li d-dritt tal-UE jipproteġi wkoll kontra d-"diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni",

---

125 Din hija l-ewwel darba fl-istorja li l-UE saret parti għal trattat internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. In-Nazzjonijiet Uniti, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), it-13 ta' Diċembru 2006.

126 L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2021), *Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030*, COM(2021) 101 final.

127 QĠUE, C-312/11, *Il-Kummissjoni Ewropea vs ir-Repubblika Taljana*, l-4 ta' Lulju 2013; QĠUE, C-363/12, *Z. vs A Government department u The Board of Management of a Community School* [GC], it-18 ta' Marzu 2014; QĠUE, C-356/12, *Wolfgang Glatzel vs Freistaat Bayern*, it-22 ta' Mejju 2014; QĠUE, C-395/15, *Mohamed Daouidi vs Bootes Plus SL u Oħrajn*, l-1 Diċembru 2016; QĠUE, C-406/15, *Petya Milkova vs Izpalnitelen direktor na Agentsiata za privatizatsia i sledprivatizatsionen kontrol*, id-9 ta' Marzu 2017.

128 Ara, pereżempju, l-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2012), Id-Direttiva 2012/29/UE tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi), ĠU 2012 L 315/57, l-Artikoli 3 u 22.

jiġifieri diskriminazzjoni kontra persuna li hija assoċjata ma' oħra li għandha l-karatteristika protetta, bħall-omm ta' tifel jew tifla b'diżabilitajiet, jew diskriminazzjoni kontra persuna minħabba d-diżabilità tat-tifel/tifla tagħha.[129]

Eżempju: F'*S. Coleman vs Attridge Law u Steve Law*[130], il-QĠUE nnutat li d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi tinkludi ċerti dispożizzjonijiet iddisinjati biex jakkomodaw speċifikament il-ħtiġijiet tad-diżabilitajiet tal-persuni. Madankollu, din ma twassalx għall-konklużjoni li l-prinċipju tat-trattament ugwali stabbilit fid-direttiva għandu jkun interpretat strettament bħala li jipprojbixxi biss diskriminazzjoni diretta għal raġunijiet ta' diżabilità u li tirrelata esklussivament ma' persuni b'diżabilitajiet. Skont il-QĠUE, din id-direttiva ma tapplikax għal kategorija ta' persuni partikolari imma għan-natura vera tad-diskriminazzjoni. Interpretazzjoni li tillimita l-applikazzjoni tagħha għal persuni b'diżabilitajiet iċċaħħad lid-direttiva minn element importanti ta' effettività tagħha u tnaqqas il-protezzjoni li hija maħsuba li tiggarantixxi. Il-QĠUE kkonkludiet li d-direttiva għandha tkun interpretata bit-tifsira li l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni diretta stipulata fiha mhijiex limitata għal persuni b'diżabilitajiet. Konsegwentement, meta min iħaddem ikun tratta lil impjegat li ma kellux diżabilità b'mod inqas favorevoli minn impjegat ieħor f'sitwazzjoni komparabbli, fuq il-bażi tad-diżabilità ta' wild l-ewwel impjegat, li kellu r-responsabbiltà ewlenija biex jieħu ħsieb lil dak il-wild, dak it-trattament kien kontra l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni diretta stipulata mid-direttiva.

Skont il-KEDB, hemm korp dejjem akbar ta' każistika li tittratta każijiet ta' diskriminazzjoni fl-aċċess għall-edukazzjoni kontra t-tfal b'diżabilità.[131] Fil-każistika preċedenti tagħhom dwar il-kwistjoni, l-organi tal-Konvenzjoni enfasizzaw il-ħtieġa li t-tfal b'diżabilità jiġu edukati, kull meta jkun possibbli, flimkien ma' tfal oħrajn tal-età tagħhom stess.[132] F'każi aktar reċenti, il-QEDB enfasizzat l-importanza ta' akkomodazzjoni raġonevoli fl-edukazzjoni.

129 QĠUE, C-303/06, *S. Coleman vs Attridge Law u Steve Law* [GC], is-17 ta' Lulju 2008.

130 QĠUE, C-303/06, *S. Coleman vs Attridge Law u Steve Law* [GC], is-17 ta' Lulju 2008.

131 Il-Kunsill tal-Ewropa, QEDB (2021), *Gwida dwar l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1 għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem – Id-dritt għall-edukazzjoni*, il-31 ta' Awwissu 2021.

132 QEDB, *Klerks vs in-Netherlands*, Nru. 25212/94, l-4 ta' Lulju 1995; QEDB, *McIntyre vs ir-Renju Unit*, Nru. 29046/95, il-21 ta' Ottubru 1998.

> Eżempju: F'*Çam vs it-Turkija*[133], akkademja tal-mużika kienet irrifjutat li tir-reġistra studenta li kkwalifikat biex tidħol minħabba l-vista batuta tagħha. Il-QEDB innotat li d-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilità kopriet ukoll ir-rifjut li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli biex tiffaċilita l-aċċess minn persuni b'diżabilitajiet għall-edukazzjoni (pereżempju, l-adattament ta' metodi ta' tagħlim biex dawn isiru aċċessibbli għal studenti għamja).[134] Fil-każ preżenti, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma għamlu l-ebda sforz biex jidentifikaw il-ħtiġijiet tar-rikorrent u ma kinux spjegaw kif jew għaliex l-għama tagħha setgħet tfixkel l-aċċess tagħha għall-edukazzjoni mużikali. Għalhekk, ir-rikorrenti kienet ġiet miċħuda, mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli, il-benefiċċju tal-edukazzjoni fl-akkademja tal-mużika biss minħabba d-diżabilità viżwali tagħha, bi ksur tal-Artikolu 14 moqri flimkien mal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1.
>
> F'*G.L. vs l-Italja*[135], studenta bl-awtiżmu kienet ġiet imċaħħda minn appoġġ statutorju ta' tagħlim speċjalizzat għall-ewwel sentejn tal-iskola primarja. L-awtoritajiet ma kinux fittxew li jiddeterminaw il-ħtiġijiet reali tagħha jew jipprovdu appoġġ imfassal apposta sabiex tkun tista' tkompli l-edukazzjoni primarja tagħha f'kundizzjonijiet li, sa fejn possibbli, ikunu ekwivalenti għal dawk li fihom tfal oħrajn attendew l-istess skola. Il-QEDB innotat ukoll li d-diskriminazzjoni mġarrba mir-rikorrenti kienet aktar serja minħabba li kienet seħħet fil-kuntest tal-edukazzjoni primarja, li tifforma l-pedament tal-edukazzjoni tat-tfal u tal-integrazzjoni soċjali, li tagħti lit-tfal l-ewwel esperjenza tagħhom li jgħixu flimkien f'komunità. Il-QEDB iddeċidiet li kien hemm ksur tal-Artikolu 14 meħud flimkien mal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1.

Il-QEDB eżaminat ukoll każijiet li fihom id-diżabilità ta' ġenitur kellha influwenza fuq id-drittijiet tagħha bħala ġenitur jew fuq il-kuntatti tagħha mat-tfal tagħha[136] u fejn ġenitur kien sofra diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni, minħabba d-diżabilità tat-tifel/tifla tiegħu.[137]

---

133 QEDB, *Çam vs It-Turkija*, Nru. 51500/08, it-23 ta' Frar 2016.

134 Għad-dritt tat-tfal bl-awtiżmu għall-edukazzjoni, ara l-QEDB, *Dupin vs Franza*, Nru. 2282/17, it-18 ta' Diċembru 2018.

135 QEDB, *G.L. vs l-Italja*, Nru. 59751/15, l-10 ta' Settembru 2020.

136 Ara l-QEDB, *Cinta vs ir-Rumanija*, Nru. 3891/19, it-18 ta' Frar 2020; QEDB, *Kocherov u Sergeyeva vs ir-Russja*, Nru. 16899/13, id-29 ta' Marzu 2016.

137 QEDB, *Guberina vs il-Kroazja*, Nru. 23682/13, it-22 ta' Marzu 2016.

Skont l-ECSR, huwa aċċettabbli fl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tal-ESC li ssir distinzjoni bejn tfal b'diżabilità u dawk mingħajr diżabilità. Madankollu, għandha tkun in-norma li t-tfal b'diżabilitajiet jiġu integrati fi skejjel tradizzjonali, li fihom isiru arranġamenti li jilqgħu għall-bżonnijiet speċjali tagħhom, u l-iskejjel speċjalizzati għandhom ikunu l-eċċezzjoni.[138] Minbarra dan, tfal li jattendu skejjel ta' edukazzjoni speċjali li jikkonformaw mal-Artikolu 17(2) tal-ESC għandhom jingħataw struzzjoni u taħriġ suffiċjenti, biex proporzjonalment numru ekwivalenti ta' tfal fi skejjel speċjalizzati u fi skejjel tradizzjonali jlestu l-edukazzjoni tagħhom.[139] L-Istati għandhom jagħmlu sforzi suffiċjenti biex jippromwovu l-inklużjoni tat-tfal b'diżabilità mentali fl-edukazzjoni primarja u sekondarja ġenerali.[140]

Is-CRPD ittenni wħud mill-prinċipji tas-CRC, bħall-aħjar interessi tat-tfal bħala kunsiderazzjoni primarja u d-dritt ta' persuna li tinstema' (l-Artikolu 7(2) u (3)). Hija tobbliga lill-Istati Partijiet "jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa mit-tfal tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha fuq bażi ugwali ma' tfal oħrajn" (l-Artikolu 7(1)). Il-Kumitat tas-CRC iqis li t-tgawdija ta' ħajja sħiħa u deċenti f'kundizzjonijiet li jiżguraw id-dinjità, jippromwovu l-awtodipendenza u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni attiva fil-komunità hija l-prinċipju ewlieni għall-implimentazzjoni tas-CRC fir-rigward tat-tfal b'diżabilità.[141]

138 ECSR, *International Association Autism Europe (IAAE) vs Franza*, Ilment Nru. 13/2002, l-4 ta' Novembru 2003.

139 ECSR, *Decision on the merits: Mental Disability Advocacy Centre (MDAC) vs il-Bulgarija*, Ilment Nru. 41/2007, it-3 ta' Ġunju 2008.

140 ECSR, *Il-Federazzjoni Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (FIDH) u Inclusion Europe vs il-Belġju*, Ilment Nru. 141/2017, id-9 ta' Ottubru 2020; ara wkoll l-ECSR, *MDAC vs il-Belġju*, Ilment Nru. 109/2014, l-4 ta' Lulju 2018.

141 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2006), *Kumment Ġenerali Nru. 9: Id-drittijiet tat-tfal b'diżabilità*, CRC/C/GC/9, is-27 ta' Frar 2007, il-para. 11.

# 3.5. Nondiskriminazzjoni bbażata fuq raġunijiet protetti oħrajn

**Punti ewlenin**

- Skont il-liġi Ewropea, id-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess hija pprojbita. Id-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali hija wkoll espliċitament ipprojbita fil-konvenzjonijiet u l-istandards reċenti kollha tal-KtE li jipproteġu d-drittijiet tat-tfal.
- Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni, il-protezzjoni mid-diskriminazzjoni abbażi tal-età hija limitata.
- Il-QEDB qieset l-età bħala bażi għad-diskriminazzjoni u ttrattat ukoll raġunijiet oħrajn ta' diskriminazzjoni bħal-lingwa, l-affiljazzjoni jew id-diskriminazzjoni kontra tfal imwielda barra miż-żwieġ.

L-Artikolu 21 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali jipprojbixxi wkoll id-diskriminazzjoni bbażata fuq raġunijiet partikolarment rilevanti għat-tfal, bħall-età, is-sess, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, jew l-orjentazzjoni sesswali.

Skont id-dritt tal-UE, il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni għal persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru, intersesswali u queer (LGBTIQ) taqa' taħt oqfsa legali differenti skont jekk id-diskriminazzjoni tkunx abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, li għalihom huwa rilevanti l-qafas legali kontra d-diskriminazzjoni, jew tas-sess, inkluż ir-riassenjament tal-ġeneru, li għalih huwa rilevanti l-qafas legali tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-orjentazzjoni sesswali, l-identità/l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess jappartjenu għar-raġunijiet ipprojbiti tad-diskriminazzjoni. Il-QĠE ddeċidiet li l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi tas-sess tista' tinkludi wkoll każijiet ta' riassenjament tal-ġeneru.[142]

It-tfal jistgħu jidentifikaw ruħhom bħala leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru, mhux binarji, intersesswali jew queer[143] jew jappartjenu għal "familji qa-

142 Ara, pereżempju, il-QĠUE, C-13/94, *P. vs S. u l-Kunsill tal-Kontea ta' Cornwall*, it-30 ta' April 1996; il-QĠUE, C-117/01, *K.B. vs National Health Service Pensions Agency*, is-7 ta' Jannar 2004.

143 L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020–2025*, COM(2020) 698 final, it-12 ta' Novembru 2020.

wsalla", li jinkludu ġenituri LGBTIQ. L-UE adottat l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ, li tirrikonoxxi d-diskriminazzjoni li jiffaċċjaw it-tfal LGBTIQ jew it-tfal f'familji qawsalla.[144] Minħabba d-differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali bejn l-Istati Membri, jista' jkun li l-istatus tal-familja mhux dejjem jiġi rikonoxxut fi Stat Membru ieħor.[145] Minn età bikrija, it-tfal u ż-żgħażagħ LGBTIQ u l-familji qawsalla jistgħu jkunu esposti għal stigmatizzazzjoni u diskriminazzjoni. Dan jaffettwa l-prestazzjoni edukattiva u l-prospetti ta' impjieg tagħhom, kif ukoll il-ħajja ta' kuljum, il-benesseri u s-saħħa mentali tagħhom.[146]

Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tal-UE tirrikjedi li l-vittmi ta' reati ta' mibegħda, inklużi t-tfal LGBTIQ, jirċievu informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa, u jkunu jistgħu jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali.[147] Hija tistabbilixxi li l-vittmi tal-kriminalità għandhom jiġu rikonoxxuti u ttrattati b'mod rispettuż, sensittiv u professjonali mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta', fost l-oħrajn, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru.

Id-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali hija pprojbita fil-konvenzjonijiet u l-istandards tas-KtE li jipproteġu d-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Lanzarote, pereżempju, jiddikjara espliċitament li l-vittmi kollha ta' vjolenza sesswali għandhom igawdu mill-protezzjoni tal-Konvenzjoni mingħajr diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, inkluża l-orjentazzjoni sesswali. *Il-Linji gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal* jinnotaw ukoll, bħala prinċipju fundamentali, li d-drittijiet tat-tfal għandhom jiġu żgurati mingħajr diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi bħal, fost l-oħrajn, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru.

Għalkemm mhux imsemmija espliċitament fil-KEDB, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru huma karatteristiċi protetti inklużi fost "status ieħor" taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-KEDB.[148] Il-QEDB irrikonoxxiet ukoll ir-

144 *Ibid.*

145 L-UE, il-Parlament Ewropew (2021), *Obstacles to the free movement of rainbow families in the EU* (Ostakoli għall-moviment liberu tal-familji qawsalla fl-UE), PE 671.505, Marzu 2021.

146 Ara wkoll l-UE, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (2020), *A long way to go for LGBTI equality* (Triq twila lejn l-ugwaljanza tal-LGBTI), l-14 ta' Mejju 2020.

147 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2012), Id-Direttiva 2012/29/UE tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, ĠU 2012 L 315/57, l-Artikolu 22.

148 Ara, pereżempju, QEDB, *X u Oħrajn vs l-Awstrija* [GC], Nru. 19010/07, id-19 ta' Frar 2013.

rwol li jista' jkollhom l-iskejjel u l-awtoritajiet edukattivi fil-protezzjoni tat-tfal mill-omofobija.[149]

> Eżempju: F'*Bayev u Oħrajn vs ir-Russja*[150], tressaq ilment minn tliet attivisti tad-drittijiet tal-persuni gay dwar leġiżlazzjoni Russa li tipprojbixxi l-"promozzjoni tal-omosesswalità fost il-minuri", magħrufa wkoll bħala l-"liġi dwar il-propaganda tal-persuni gay". F'serje ta' atti leġiżlattivi, "il-promozzjoni ta' relazzjonijiet sesswali mhux tradizzjonali" fost it-tfal saret reat punibbli b'multa. Il-Qorti sabet li, għalkemm il-liġijiet inkwistjoni kellhom l-għan primarju li jipproteġu lit-tfal, il-limiti ta' dawk il-liġijiet ma kinux ġew definiti b'mod ċar u l-applikazzjoni tagħhom kienet arbitrarja. Barra minn hekk, l-iskop proprju tal-liġijiet u l-mod kif ġew ifformulati u applikati fil-każ tar-rikorrenti kienu diskriminatorji u, b'mod ġenerali, ma servew l-ebda interess pubbliku leġittimu. Tabilħaqq, bl-adozzjoni ta' tali liġijiet, l-awtoritajiet kienu saħħew l-istigma u l-preġudizzju u ħeġġew l-omofobija, li kienet inkompatibbli mal-valuri ta' soċjetà demokratika.[151]
>
> Eżempju: Il-kawża *A.M. u Oħrajn vs ir-Russja*[152] kienet tikkonċerna r-restrizzjoni tad-drittijiet tal-ġenituri tar-rikorrenti u ċ-ċaħda tal-kuntatt mat-tfal tagħha mingħajr l-iskrutinju meħtieġ minħabba li kienet għaddejja minn tranżizzjoni tal-ġeneru f'dak iż-żmien. Il-Qorti ma sabet l-ebda evidenza ta' xi ħsara potenzjali lit-tfal mit-tranżizzjoni u ddeċidiet li l-qrati domestiċi ma kinux eżaminaw biżżejjed iċ-ċirkostanzi partikolari tal-familja. Barra minn hekk, id-deċiżjoni kienet ibbażata b'mod ċar fuq l-identità tal-ġeneru tar-rikorrent u, b'hekk, kienet diskriminatorja, bi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB meħud waħdu u flimkien mal-Artikolu 14 tal-KEDB.

Id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età hija tip ieħor ta' diskriminazzjoni li jistgħu jiffaċċjaw it-tfal. Skont il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni, il-protezzjoni mid-diskriminazzjoni abbażi tal-età hija limitata. L-età bħalissa hija protetta biss fil-kuntest tal-aċċess għall-impjiegi u għax-xogħol.

149 QEDB, *Bayev u Oħrajn vs ir-Russja*, Nru. 67667/09, l-20 ta' Ġunju 2017, il-punt 82; ara wkoll il-QEDB, *Vejdeland u Oħrajn vs l-Iżvezja*, Nru. 1813/07, id-9 ta' Frar 2012.

150 QEDB, *Bayev u Oħrajn vs ir-Russja*, Nru. 67667/09, l-20 ta' Ġunju 2017.

151 Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2010), Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri dwar miżuri biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru, CM/Rec(2010)5.

152 QEDB, *A.M. u Oħrajn vs ir-Russja*, Nru. 47220/19, is-6 ta' Lulju 2021.

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi hija applikabbli għat-tfal li huma legalment intitolati għax-xogħol. Filwaqt li l-Konvenzjoni li tikkonċerna l-Età Minima għal Ammissjoni għal Impjieg tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO, International Labour Organization)[153], irratifikata mill-Istati Membri kollha tal-UE, stabbiliet età minima ta' 15-il sena, differenzi rigward din l-età minima jippersistu fost l-Istati Membri tal-UE.[154] L-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi jippermetti lill-Istati Membri jiġġustifikaw id-differenzi fit-trattament għal raġunijiet ta' età. Dawn id-differenzi ma jikkostitwuwx diskriminazzjoni jekk ikunu ġġustifikati oġġettivament u raġonevolment b'għan leġittimu, u jekk il-mezzi biex jinkiseb dak l-għan ikunu xierqa u neċessarji. Fir-rigward ta' tfal u żgħażagħ, dawk id-differenzi fit-trattament jistgħu, pereżempju, jinkludu l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċjali għal aċċess għal taħriġ vokazzjonali, impjiegi u xogħol, biex jippromwovu l-integrazzjoni vokazzjonali tagħhom jew jiżguraw il-protezzjoni tagħhom.

L-Artikolu 14 tal-KEDB u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 12 għall-KEDB ma jsemmux espliċitament l-"età" fil-lista tar-raġunijiet li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni. Madankollu, il-QEDB eżaminat kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età b'rabta ma' diversi drittijiet protetti mill-KEDB, u b'hekk impliċitament analizzat l-età bħala inkluża fost "status ieħor". F'*D.G. vs l-Irlanda*[155] u *Bouamar vs il-Belġju*[156], pereżempju, il-QEDB sabet li kien hemm differenza fit-trattament bejn adulti u tfal fis-sistemi ġudizzjarji tal-pajjiżi rispettivi rigward id-detenzjoni, rilevanti għall-applikazzjoni tal-KEDB. Id-differenza fit-trattament irriżultat mill-għan punittiv tad-detenzjoni fir-rigward tal-adulti u mill-għan preventiv tiegħu fir-rigward tat-tfal. B'hekk, il-Qorti aċċettat l-"età" bħala ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli għal kwalunkwe differenza fit-trattament.

153 ILO (1973), Il-Konvenzjoni dwar l-Età Minima għad-Dħul fl-Impjieg, Nru. 138.

154 Network Ewropew ta' Esperti Legali fil-qasam nondiskriminatorju, O'Dempsey, D. u Beale, A. (2011), *Age and employment* (L-età u l-impjieg), il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja, Il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

155 QEDB, *D.G. vs l-Irlanda*, Nru. 39474/98, is-16 ta' Mejju 2002.

156 QEDB, *Bouamar vs il-Belġju*, Nru. 9106/80, id-29 ta' Frar 1988.

Il-QEDB ittrattat id-diskriminazzjoni kontra t-tfal f'varjetà ta' sitwazzjonijiet minbarra dawk diġà msemmija, bħad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa,[157] jew id-diskriminazzjoni kontra t-tfal imwielda barra miż-żwieġ.[158]

> Eżempju: F'*Fabris vs Franza*[159], ir-rikorrent ilmenta li ma setax jibbenefika minn liġi introdotta fl-2001 li tagħti lit-tfal "imwielda minn adulterju" drittijiet ta' wirt identiċi għal dawk ta' tfal leġittimi, liġi li għaddiet wara s-sentenza tal-QEDB f'*Mazurek vs Franza*[160] fl-2000. Il-Qorti sostniet li l-għan leġittimu li jiġu protetti d-drittijiet tal-wirt ta' ħut ir-rikorrent minn missier differenti ma kienx jegħleb it-talba tiegħu għal sehem mill-proprjetà ta' ommu. F'dan il-każ, id-differenza fit-trattament kienet diskriminatorja, minħabba li ma kellhiex ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli. Il-Qorti sabet li kienet qed tikser l-Artikolu 14 tal-KEDB flimkien mal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru. 1 għall-KEDB.[161]

L-Artikolu 2 tas-CRC jipprojbixxi diskriminazzjoni kontra tfal fuq lista mhux eżawrjenti ta' raġunijiet, bit-"twelid" imniżżel speċifikament bħala wieħed minnhom. L-Artikolu 2 jipprovdi li:

> *1. L-Istati Partijiet għandhom jirrispettaw u jiżguraw id-drittijiet stabbiliti f'din il-Konvenzjoni għal kull tifel u tifla fil-ġuriżdizzjoni tagħhom mingħajr ebda tip ta' diskriminazzjoni, irrispettivament mir-razza, il-kulur, is-sess, il-lingwa, ir-reliġjon, l-opinjoni politika jew ta' natura oħra, in-nazzjonalità, l-oriġini etnika jew soċjali, il-proprjetà, id-diżabilità, it-twelid jew status ieħor tat-tifel jew tifla jew tal-ġenituri jew tuturi legali tagħhom.*
>
> *2. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw li t-tfal ikunu protetti kontra kull forma ta' diskriminazzjoni jew kastig fuq il-bażi tal-istatus, l-attivitajiet, l-opinjonijiet espressi jew it-twemmin tal-ġenituri, tuturi legali jew membri tal-familja tat-tfal.*

157 QEDB, *"Kawża relatata ma' ċerti aspetti tal-liġijiet dwar l-użu tal-lingwi fl-edukazzjoni fil-Belġju" vs il-Belġju*, Nri. 1474/62, 1677/62, 1691/62, 1769/63, 1994/63 u 2126/64, it-23 ta' Lulju 1968.

158 QEDB, *Fabris vs Franza* [GC], Nru. 16574/08, is-7 ta' Frar 2013; QEDB, *Wolter u Safret vs il-Ġermanja*, Nru. 59752/13 u 66277/13, l-14 ta' Diċembru 2017; QEDB, *Mazurek vs Franza*, Nru. 34406/97, l-1 ta' Frar 2000.

159 QEDB, *Mazurek vs Franza*, Nru. 34406/97, l-1 ta' Frar 2000; QEDB, *Fabris vs Franza* [GC], Nru. 16574/08, is-7 ta' Frar 2013.

160 QEDB, *Mazurek vs Franza*, Nru. 34406/97, l-1 ta' Frar 2000.

161 QEDB, *Fabris vs Franza* [GC], Nru. 16574/08, is-7 ta' Frar 2013.

# 4
# Kwistjonijiet ta' identità personali



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 7 (dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja) | **Reġistrazzjoni tat-twelid u dritt għal isem** | KEDB, l-Artikolu 8 (dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja)<br>FCNM, l-Artikolu 11 (id-dritt li tuża kunjom fil-lingwa oriġinali)<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Adozzjoni tat-Tfal (riveduta), l-Artikolu 11(3) (iż-żamma tal-isem oriġinali tat-tifel jew tifla adottat/a)<br>QEDB, *Johansson vs il-Finlandja*, Nru. 10163/02, 2007 (rifjut tar-reġistrazzjoni ta' isem li ngħata qabel lil persuni oħrajn) |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 7 (dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja) | **Dritt għal identità personali** | KEDB, l-Artikolu 6 (proċess ġust) u 8 (dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja)<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Adozzjoni tat-Tfal (riveduta), l-Artikolu 22(3)<br>QEDB, *Mikulić vs il-Kroazja*, Nru. 53176/99, 2002<br>QEDB, *Mizzi vs Malta*, Nru. 26111/02, 2006 (inabbiltà li tiġi sfidata l-paternità)<br>QEDB, *Mennesson vs Franza*, Nru. 65192/11, 2014 (surrogat mal-missier bijoloġiku bħala l-missier maħsub)<br>QEDB, *Valdís Fjölnisdóttir u Oħrajn vs l-Iżlanda*, Nru. 71552/17, 2021 |
| TUE, l-Artikolu 9<br>TFUE, l-Artikolu 20<br>QĠUE C-34/09, *Gerardo Ruiz Zambrano vs Office National de l'Emploi (ONEm)*, 2011 (drittijiet ta' residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bi tfal minorenni li jkunu ċittadini tal-UE)<br>QĠUE, C-221/17, *Tjebbes et vs Minister van Buitenlandse Zaken*, 2019<br>QĠUE, C-165/14, *Alfredo Rendón Marín vs Administración del Estado*, 2016<br>Id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu (2004/38/KE) | **Ċittadinanza** | KEDB, l-Artikolu 8<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar iċ-Ċittadinanza<br>Il-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni tal-Apolidija fir-Rigward tas-Suċċessjoni ta' Stati<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Adozzjoni tat-Tfal (riveduta), l-Artikolu 12<br>QEDB, *Genovese vs Malta*, Nru. 53124/09, 2011 (ċaħda arbitrarja taċ-ċittadinanza lil tfal imwielda barra miż-żwieġ) |

Kwistjonijiet ta' identità personali ġeneralment ma kinux indirizzati fuq livell tal-UE, fid-dawl tal-kompetenza limitata tal-UE f'dak il-qasam. Madankollu, il-QĠUE ddeċidiet fuq id-dritt għal isem li ġie rikonoxxut fi Stat Membru tal-UE wieħed li jiġi rikonoxxut ukoll f'oħrajn mill-perspettiva tal-prinċipju tal-libertà ta' moviment. Aspetti ta' ċittadinanza u residenza ġew aġġudikati wkoll fid-dawl tal-Artikolu 20 tat-TFUE. Il-KtE, b'mod partikolari permezz tal-każistika tal-QEDB, interpreta u żviluppa l-applikazzjoni ta' diversi drittijiet fundamentali

fil-qasam tal-identità personali. Għalhekk, l-enfasi tat-taqsimiet li ġejjin hija fuq il-liġi tal-KtE.

Dan il-kapitolu ma jirreferix għal dritt fundamentali speċifiku. Minflok, huwa jipprovdi sezzjoni trażversali ta’ kwistjonijiet ta’ drittijiet fundamentali li huma relatati mal-identità, bħar-reġistrazzjoni tat-twelid u d-dritt għal isem (it-Taqsima 4.1); id-dritt li persuna tkun taf l-oriġini tagħha (it-Taqsima 4.2); u d-dritt għaċ-ċittadinanza (it-Taqsima 4.3). Bosta kwistjonijiet relatati huma ttrattati f’kapitoli oħra, b’mod partikolari fir-rigward tal-abbuż sesswali (il-Kapitolu 7.1.3) jew il-protezzjoni tad-data (il-Kapitolu 10). Uħud minn dawn id-drittijiet, bħad-dritt għal isem, ġew prinċipalment iddikjarati bħala drittijiet tal-ġenituri, imma l-approċċ jista’ faċilment jiġi traspost għat-tfal infushom, meta jitqiesu l-implikazzjonijet għad-drittijiet tagħhom stess.

# 4.1. Reġistrazzjoni tat-twelid u d-dritt għal isem

**Punt ewlieni**

- Ir-rifjut li jiġi rreġistrat isem li ma jkunx adattat għat-tfal għalkemm ikun ġie aċċettat mill-familja jista’ jikser l-Artikolu 8 tal-KEDB (id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja).

Bil-kontra tat-trattati tan-NU (eż. l-Artikolu 24(2) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi[162], l-Artikolu 7(1) tas-CRC u l-Artikolu 18 tas-CRPD), l-istrumenti Ewropej dwar id-drittijiet fundamentali ma jipprevedux espliċitament għad-dritt tar-reġistrazzjoni tat-twelid immedjatament wara t-twelid jew id-dritt għal isem mit-twelid.

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jistipula d-dritt għall-ħajja privata u tal-familja. Skont il-memorandum ta’ spjegazzjoni tal-karta, “id-drittijiet iggarantiti fl-Artikolu 7 jikkorrispondu għal dawk

162 In-Nazzjonijiet Uniti (1996), Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, adottat u miftuħ għall-iffirmar, għar-ratifika u għall-adeżjoni permezz tar-riżoluzzjoni 2200A (XXI) tal-Assemblea Ġenerali tas-16 ta’ Diċembru 1966, li daħlet fis-seħħ fit-23 ta’ Marzu 1976, f’konformità mal-Artikolu 49.

iggarantiti mill-Artikolu 8 tal-KEDB". Id-dritt għal isem ġie indirizzat mill-QĠUE mill-perspettiva tal-libertà tal-moviment. Il-QĠUE ddeċidiet li d-dritt għal-libertà ta' moviment ma jippermettix li Stat Membru tal-UE jirrifjuta li jirrikonoxxi kunjom ta' tfal li ġie rreġistrat fi Stat Membru ieħor li tiegħu t-tfal ikollhom iċ-ċittadinanza tagħhom jew fejn ikunu twieldu jew għexu.[163]

**Taħt id-dritt tal-KtE**, ir-rifjut tar-reġistrazzjoni tat-twelid tat-tfal jista' jqajjem kwistjoni taħt l-Artikolu 8 tal-KEDB. Il-QEDB sabet li l-isem bħala "mezz biex jiġu identifikati persuni fi ħdan il-familja tagħhom u l-komunità" jaqa' fl-ambitu tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u familjari kif stipulat fl-Artikolu 8 tal-KEDB.[164] L-għażla mill-ġenituri tal-isem[165] u l-kunjom[166] ta' wliedhom hija parti mill-ħajja privata tagħhom. Il-Qorti sostniet li r-rifjut ta' awtoritajiet statali li jirreġistraw l-isem magħżul abbażi tal-ħsara jew il-preġudizzju li l-isem jista' jikkawża lit-tifel jew tifla ma jmurx kontra l-Artikolu 8 tal-KEDB.[167] Madankollu, ir-rifjut li jiġi reġistrat isem li ma jkunx mhux xieraq għal tifel jew tifla u li diġà jkun ġie aċċettat jista' jikser l-Artikolu 8 tal-KEDB.

Eżempju: F'*Johansson vs il-Finlandja*[168], l-awtoritajiet irrifjutaw li jirreġistraw l-isem "Axl Mick", għaliex l-ortografija ma kinitx konformi mal-prattika tat-tismija Finlandiża. Il-QEDB aċċettat li kellha tingħata kunsiderazzjoni xierqa għall-aħjar interessi tat-tfal, u li l-preżervazzjoni u l-prattika tat-tismija nazzjonali kienet fl-interess tal-pubbliku. Madankollu, sabet, li l-isem ġie aċċettat għal reġistrazzjoni uffiċċjali f'każijiet oħra u b'hekk ma setax jitqies bħala mhux xieraq għat-tifel. Minħabba li l-isem kien diġà ġie aċċettat fil-Finlandja u ma kienx intqal li l-isem affettwa negattivament l-identità kulturali u lingwistika tal-istat, il-QEDB ikkonkludiet li l-kunsiderazzjonijiet tal-interess tal-pubbliku ma kienx jegħleb l-interess li t-tifel jiġi rreġistrat bl-isem magħżul. B'hekk il-Qorti sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

163 Ara l-QĠUE, C-148/02, *Carlos Garcia Avello vs Stat Belġjan*, it-2 ta' Ottubru 2003; QĠUE, C-353/06, *Stefan Grunkin u Dorothee Regina Paul*, [GC], l-14 ta' Ottubru 2008.

164 QEDB, *Guillot vs Franza*, Nru. 22500/93, l-24 ta' Ottubru 1993, il-punt 21.

165 QEDB, *Johansson vs il-Finlandja*, Nru. 10163/02, is-6 ta' Settembru 2007, il-punt 28; QEDB, *Guillot vs Franza*, Nru. 22500/93, l-24 ta' Ottubru 1993, il-punt 22.

166 QEDB, *Cusan and Fazzo vs l-Italja*, Nru. 77/07, is-7 ta' Jannar 2014, il-punt 56.

167 QEDB, *Guillot vs Franza*, Nru. 22500/93, l-24 ta' Ottubru 1993, il-punt 27.

168 QEDB, *Johansson vs il-Finlandja*, Nru. 10163/02, is-6 ta' Settembru 2007.

Il-QEDB sabet ukoll li regola li tgħid li l-kunjom tar-raġel għandu jingħata lil tfal leġittimi fil-mument tar-reġistrazzjoni tat-twelid ma tiksirx fiha nnifisha l-KEDB. Madankollu, l-impossibiltà li tidderoga minn din ir-regola ġenerali nstabet li hija eċċessivament riġida u diskriminatorja għan-nisa, u b’hekk bi ksur tal-Artikolu 14, meħud flimkien mal-Artikolu 8 tal-KEDB.[169]

L-Artikolu 11 tal-FCNM jipprevedi li kull persuna li tappartjeni għal minoranza nazzjonali għandha d-dritt li tuża kunjomha (patronimu) u l-isem fil-lingwa minoritarja tagħha, kif ukoll id-dritt li jkun rikonoxxut uffiċjalment, għalkemm soġġett għal modalitajiet ipprovduti fis-sistema legali.

L-Artikolu 11(3) tal-Konvenzjoni Ewropea riveduta dwar l-Adozzjoni tat-Tfal (il-Konvenzjoni dwar l-Adozzjoni) jipprevedi l-possibbiltà għall-Istati Partijiet li jinżamm l-istess kunjom ta’ tfal adottati.[170] Din hija eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali li r-relazzjoni legali bejn it-tfal adottati u l-familja oriġinali tagħhom hija separata.

## 4.2. Id-dritt li persuna tkun taf l-oriġini tagħha

### Punti ewlenin

- Id-dritt li wieħed ikun jaf l-oriġini tiegħu jaqa’ taħt l-ambitu tal-ħajja privata tat-tfal.
- L-istabbiliment tal-paternità jeħtieġ bilanċ b’attenzjoni tal-interess tat-tfal li jkunu jafu l-oriġini tagħhom mal-interess tal-preżunt jew allegat missier, u mal-interess ġenerali.
- It-tfal adottati għandhom id-dritt li jaċċessaw informazzjoni dwar l-oriġini tagħhom. Il-ġenituri bijoloġiċi jistgħu jingħataw dritt legali li ma tinkixifx l-identità tagħhom, imma dan ma jammontax għal veto assolut.

**Taħt id-dritt tal-KtE**, skont il-QEDB, l-Artikolu 8 tal-KEDB jinkludi d-dritt għall-identità u l-iżvilupp personali. Id-dettalji tal-identità personali u l-interess fil-“kisba ta’ informazzjoni neċessarja biex tiskopri l-verità li tikkonċerna

169 QEDB, *Cusan u Fazzo vs l-Italja*, Nru. 77/07, is-7 ta’ Jannar 2014, il-punt 67.

170 Il-Kunsill tal-Ewropa (2008), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Adozzjoni tat-Tfal (riveduta), CETS Nru. 202, is-27 ta’ Novembru 2008.

l-aspetti importanti tal-identità personali ta' xi ħadd, bħall-identità personali tal-ġenituri ta' xi ħadd"[171] ġew ikkunsidrati rilevanti għall-iżvilupp personali. It-twelid u ċ-ċirkostanzi tat-twelid jiffurmaw parti mill-ħajja privata tat-tfal. "[I]nformazzjoni li tikkonċerna aspetti ferm personali tat-tfulija, l-iżvilupp u l-istorja ta' [xi ħadd]" jistgħu jikkostitwixxu "sors prinċipali ta' informazzjoni dwar is-snin imgħoddija u formattivi ta' [xi ħadd]",[172] u b'hekk in-nuqqas ta' aċċess għal dik l-informazzjoni għat-tfal tqajjem kwistjoni taħt l-Artikolu 8 tal-KEDB.

Skont id-dritt internazzjonali, l-Artikolu 8 tas-CRC jipprovdi għal livell għoli u ferm dettaljat ta' protezzjoni tad-dritt li tiġi ppreżervata l-identità ta' minuri. Dan jipproteġi kontra interferenza illegali bil-preżervazzjoni tal-identità, inkluża n-nazzjonalità, l-isem u r-relazzjonijiet familjari, kif rikonoxxuti bil-liġi. Jiggarantixxi wkoll "assistenza u protezzjoni xierqa" meta t-tfal ikunu mċaħħda illegalment minn xi wħud jew l-elementi kollha tal-identità tagħhom, bil-għan li terġa' tistabbilixxi dik l-identità malajr.

## 4.2.1. Stabbiliment tal-paternità

**Skont id-dritt tal-KtE**, kien hemm ilmenti minn tfal lill-QEDB dwar l-impossibiltà li jiddeterminaw l-identità tal-missirijiet naturali tagħhom. Il-QEDB sostniet li d-determinazzjoni tar-relazzjoni legali bejn tifel jew tifla u l-allegat missier naturali kienet parti mill-ambitu tal-ħajja privata (l-Artikolu 8 tal-KEDB). Min huma l-ġenituri ta' persuna huwa aspett fundamentali tal-identità ta' dik il-persuna.[173] L-interess tat-tifel jew tifla li jistabbilixxu l-paternità, madankollu, għandu jkun ibbilanċjat mal-interessi tal-preżunt missier kif ukoll mal-interess ġenerali. Tabilħaqq, l-interess ta' tifel jew tifla fiċ-ċertezza legali dwar l-affiljazzjoni paternali tagħhom ma jaqbiżx l-interess tal-missier li jirribatti l-preżunzjoni legali tal-paternità.

Eżempju: F'*Mikulić vs il-Kroazja*[174], ir-rikorrenti twieldet barra ż-żwieġ u fetħet proċedimenti għall-istabbiliment tal-paternità kontra l-preżunt missier. Il-konvenut irrifjuta li jidher f'diversi okkażjonijiet għat-testijiet tad-DNA fuq ordni tal-qorti, li wassal għal dewmien bla bżonn tal-proċedimenti tal-paternità għal madwar ħames snin. Il-QEDB sostniet li jekk taħt

171 QEDB, *Odièvre vs Franza* [GC], Nru. 42326/98, it-13 ta' Frar 2003, il-punt 29.

172 QEDB, *Gaskin vs ir-Renju Unit*, Nru. 10454/83, is-7 ta' Lulju 1989, il-punt 36.

173 QEDB, *Mennesson vs Franza*, Nru. 65192/11, is-26 ta' Ġunju 2014, il-punt 96.

174 QEDB, *Mikulić vs Il-Kroazja*, Nru. 53176/99, is-7 ta' Frar 2002, il-punti 64-65.

il-liġi domestika l-allegati missirijiet ma setgħux jiġu mġiegħla jagħmlu testijiet mediċi, l-istati kellhom jipprovdu mezzi alternattivi biex jippermettu għall-identifikazzjoni ta' malajr tal-missirijiet naturali minn awtorità indipendenti. Hija sabet ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB fil-każ tar-rikorrenti.

Jekk il-missier putattiv jirrifjuta li jgħaddi minn ittestjar ġenetiku, il-qrati nazzjonali, fid-diskrezzjoni tagħhom, jistgħu jistabbilixxu paternità bbażata fuq evidenza u fatturi oħrajn, li jagħtu prijorità lid-dritt tat-tfal għar-rispett għall-ħajja privata tagħhom u d-dritt tagħhom li jkunu jafu l-oriġini tagħhom.[175] F'każ fejn wild adolexxenti jkun irrifjuta li jgħaddi minn ittestjar ġenetiku minħabba li xtaq iżomm il-kunjom tar-raġel ta' ommu, il-qrati domestiċi xorta jkunu rrikonoxxew il-paternità favur il-missier bijoloġiku, fejn ikunu sabu li l-aħjar interessi tat-tfal jinsabu primarjament fil-fatt li dawn ikunu jafu l-verità dwar l-oriġini tagħhom. Konsegwentement, il-QEDB sabet li l-qrati domestiċi ma kinux qabżu l-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom meta rrikonoxxew il-missier bijoloġiku u warrbu l-leġittimizzazzjoni tal-wild minuri bħala iben ir-raġel ta' ommu. Għalhekk ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 8.[176]

Eżempju: F'*Mizzi vs Malta*,[177] il-preżunt missier ma setax jiċħad il-paternità ta' wild martu peress li kien għadda t-terminu legalment preskritt ta' sitt xhur. Il-QEDB eżaminat il-kawża kemm taħt l-Artikolu 6 (dritt għal proċess ġust) kif ukoll taħt l-Artikolu 8 (rispett għall-ħajja privata u familjari) tal-KEDB. Innutat li l-introduzzjoni ta' skadenza sa meta l-preżunt missier għandu jieħu azzjoni ta' repudjazzjoni ta' wild hija mmirata biex tiżgura ċ-ċertezza legali u tipproteġi l-interess tal-wild li jkun jaf l-identità tiegħu/tagħha. Dawn l-għanijiet, madankollu, ma jaqbżux id-dritt tal-missier li jkollu l-opportunità li jiċħad il-paternità. L-impossibiltà prattika li tiċħad paternità mit-twelid f'dan il-każ poġġiet piż eċċessiv fuq il-preżunt missier, bi ksur tad-dritt tiegħu għall-aċċess għal qorti u proċess ġust kif stabbilit fl-Artikolu 6 tal-KEDB. Dan ukoll kien ta' interferenza sproporzjonata mad-drittijiet tiegħu taħt l-Artikolu 8 tal-KEDB.[178]

Xi kultant l-interessi tal-minuri li qed iffittex biex jaċċerta paternità, u l-interessi tal-missier bijoloġiku jistgħu jikkoinċidu. Din seħħet f'sitwazzjoni fejn missier,

175 QEDB, *Canonne vs Franza*, Nru. 22037/13, il-25 ta' Ġunju 2015.

176 QEDB, *Mandet vs Franza*, Nru. 30955/12, l-14 ta' Jannar 2016.

177 QEDB, *Mizzi vs Malta*, Nru. 26111/02, it-12 ta' Jannar 2006.

178 *Ibid.*, il-punti 112-114.

minħabba n-nuqqas ta' kapaċità legali tiegħu, ma setax jippreżenta proċedimenti f'livell domestiku biex jistabbilixxi affilkazzjoni mal-wild tiegħu. Il-QEDB sabet li ma kienx fl-aħjar interessi ta' wild imwieled barra miż-żwieġ li missieru bijoloġiku ma setax jippreżenta proċedimenti sabiex tiġi stabbilita l-paternità tiegħu, u li b'hekk il-wild kien dipendenti bis-sħiħ fuq id-diskrezzjoni ta' awtoritajiet statali biex tiġi stabbilita l-affiljazzjoni tiegħu.[179]

L-awtoritajiet jista' jkollhom obbligu pożittiv biex jintervjenu fi proċedimenti biex jistabbilixxu paternità fl-aħjar interessi tat-tfal meta r-rappreżentant legali (f'dan il-każ l-omm) tat-tifel jew tifla ma tkunx tista' tirrappreżenta b'mod xieraq lit-tifel jew tifla, pereżempju minħabba diżabilità serja.[180]

Fir-rigward tal-każ speċifiku dwar rikonoxximent tal-affiljazzjoni bejn il-ġenituri maħsuba u t-tfal imwielda permezz ta' maternità surrogata, il-Qorti aċċettat fil-prinċipju li l-istati għandhom marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni, minħabba li m'hemm l-ebda kunsens Ewropew dwar li jekk għandhiex tiġi permessa jew rikonoxxuta l-affiljazzoni f'arranġamenti ma' omm surrogata. Madankollu, il-fatt li l-affiljazzjoni hija aspett fundamentali tal-identità tat-tfal inaqqas dak il-marġni ta' diskrezzjoni.

> Eżempju: *Mennesson vs Franza*[181] tikkonċerna r-rifjut tal-awtoritajiet Franċiżi li jirreġistraw tfal imwielda permezz ta' maternità surrogata fl-Istati Uniti fir-reġistru tat-twelid Franċiż għal raġunijiet ta' ordni pubbliku. Il-QEDB ma sabet l-ebda ksur tad-dritt tar-rikorrent għar-rispett tal-ħajja tal-familja, bil-konklużjoni li bl-ebda mod ma kien imċaħħad milli jgawdi l-ħajja tal-familja fi Franza, u li l-ostakli amministrattivi li jaf sab ma' wiċċu ma kinux insuperabbli. Fir-rigward tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tat-tfal, il-Qorti rabtet importanza kbira mal-aħjar interessi tagħhom. Hija enfasizzat b'mod partikolari li r-raġel li kien maħsub biex ikun reġistrat bħala missier it-tfal fiċ-ċertifikat kien ukoll il-missier bijoloġiku. Li tiġi mićħuda l-affiljazzjoni legali ta' tifel jew tifla meta tiġi stabbilita affiljazzjoni bijoloġika u meta l-ġenitur ikkonċernat jitlob rikonoxximent sħiħ ma tistax titqies li hija f'konformità mal-aħjar interessi tat-tfal. Il-Qorti b'hekk

179 QEDB, *Krušković vs il-Kroazja*, Nru. 46185/08, il-21 ta' Ġunju 2011, il-punti 38–41.

180 QEDB, *A.M.M. vs ir-Rumanija*, Nru. 2151/10, l-14 ta' Frar 2012, il-punti 58–65.

181 QEDB, *Mennesson vs Franza*, Nru. 65192/11, is-26 ta' Ġunju 2014.

sabet ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB fir-rigward tal-ilment tal-"ħajja privata" tat-tfal.[182]

Wara s-sentenza ta' *Mennesson*, il-liġi Franċiża ġiet emendata, sabiex b'hekk it-tfal imwielda permezz ta' arranġament ta' maternità surrogata barra mill-pajjiż issa jistgħu jiksbu ċertifikat tat-twelid li jindika l-isem tal-missier maħsub jekk dan kien ukoll il-missier bijoloġiku.[183] Fi Frar 2018, il-Qorti Franċiża għar-Rieżami tas-Sentenzi Ċivili laqgħat it-talba għal eżami mill-ġdid tal-appell tas-Sur u tas-Sinjura Mennesson, li wasslet għal sett ġdid ta' proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni.[184] Matul dawk il-proċedimenti, il-Qorti tal-Kassazzjoni għamlet l-ewwel talba li qatt saret lill-QEDB għal opinjoni konsultattiva skont il-Protokoll 16 għall-KEDB. Fl-opinjoni konsultattiva tagħha, il-QEDB iddeċidiet li d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata ta' wild imwieled permezz ta' maternità surrogata ma kienx jirrikjedi li r-rikonoxximent ta' relazzjoni legali bejn ġenitur u wild mal-omm maħsuba jieħu l-forma ta' dħul fir-reġistru tat-twelidijiet, taż-żwiġijiet u tal-imwiet tad-dettalji taċ-ċertifikat tat-twelid stabbilit legalment barra l-pajjiż. Jista' jintuża mezz ieħor, bħall-adozzjoni tal-wild minuri mill-omm maħsuba, sakemm il-proċedura stabbilita mil-liġi domestika tiżgura li din tkun tista' tiġi implimentata minnufih u b'mod effettiv, f'konformità mal-aħjar interessi tal-wild minuri.[185]

Eżempju: F'*Valdís Fjölnisdóttir u Oħrajn vs l-Iżlanda*[186], l-ewwel u t-tieni rikorrenti, koppja miżżewġa tal-istess sess, kienu l-ġenituri maħsuba tat-tielet rikorrent, tifel imwieled permezz ta' maternità surrogata ta' ġestazzjoni fl-Istati Uniti li ma kellu l-ebda rabta bijoloġika magħhom. L-awtoritajiet Iżlandiżi għall-ewwel irrifjutaw li jirreġistraw it-tifel fir-reġistru nazzjonali u ħadu l-kustodja legali tiegħu, qabel ma poġġewh fil-foster care tal-ewwel żewġ rikorrenti. Wara d-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni

182 QEDB, *Mennesson vs Franza*, Nru. 65192/11, is-26 ta' Ġunju 2014, il-punt 100; ara wkoll il-QEDB, *Labassee vs Franza*, Nru. 65941/11, is-26 ta' Ġunju 2014, il-punt 79; QEDB, *C u E vs Franza*, Nri. 1462/18 u 17348/18, it-12 ta' Diċembru 2019.

183 QEDB, *Mennesson vs Franza*, Nru. 65192/11, is-26 ta' Ġunju 2014.

184 QEDB (2019), Advisory opinion concerning the recognition in domestic law of a legal parent-child relationship between a child born through a gestational surrogacy arrangement abroad and the intended mother requested by the French Court of Cassation (Opinjoni konsultattiva dwar ir-rikonoxximent fil-liġi domestika ta' relazzjoni legali ġenitur-wild bejn wild imwieled permezz ta' arranġament ta' maternità surrogata ta' ġestazzjoni barra l-pajjiż u l-omm maħsuba kif mitlub mill-Qorti Franċiża tal-Kassazzjoni), Nru. P16-2018-001, l-10 ta' April 2019.

185 *Ibid.*

186 QEDB, *Valdís Fjölnisdóttir u Oħrajn vs l-Iżlanda*, Nru. 71552/17, it-18 ta' Mejju 2021.

ġdida, it-tielet rikorrent żdied fir-reġistru nazzjonali, iżda l-ewwel żewġ rikorrenti ma ġewx irreġistrati bħala l-ġenituri tiegħu. Filwaqt li rrikonoxxiet li, bis-saħħa tal-kura mingħajr interruzzjoni tagħhom għall-wild minuri, kien hemm ħajja ta' familja fost ir-rikorrenti, il-QEDB ikkonkludiet li l-Istat kien aġixxa fil-marġni ta' diskrezzjoni tiegħu. B'mod partikolari, it-tgawdija effettiva tal-ħajja tal-familja mit-tliet rikorrenti ma ġietx interrotta; għall-kuntrarju, l-Istat kien ħa passi biex jiżgura li huma jkomplu jgħixu ħajja ta' familja permezz tal-arranġament tal-foster care u bl-għoti taċ-ċittadinanza lit-tielet rikorrent. Barra minn hekk, huwa kien miftuħ għal wieħed mill-ewwel żewġ rikorrenti biex japplikaw għall-adozzjoni tat-tielet rikorrent. B'hekk, in-nuqqas ta' rikonoxximent ta' rabta formali bejn il-ġenituri laħaq bilanċ ġust bejn id-dritt tar-rikorrenti għar-rispett għall-ħajja tal-familja u l-interessi ġenerali li l-Istat kien fittex li jipproteġi bil-projbizzjoni fuq il-maternità surrogata.

Il-QEDB iddeċidiet ukoll li l-Istati ma setgħux ikunu obbligati jawtorizzaw lit-tfal imwielda minn omm surrogata biex jidħlu fit-territorju tagħhom mingħajr ma l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom opportunità minn qabel li jwettqu ċerti kontrolli legali.[187]

## 4.2.2. Stabbiliment tal-oriġini ta' persuna: adozzjoni

Id-dritt tat-tfal li jkunu jafu l-oriġini tagħhom kiseb prominenza fil-kuntest tal-adozzjoni. Il-garanziji sostantivi relatati mal-adozzjoni, barra mid-dritt li wieħed ikun jaf l-oriġini tiegħu, jiġu trattati fit-Taqsima 6.3.

**Skont id-dritt tal-KtE**, l-Artikolu 22(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Adozzjoni tat-Tfal (Riveduta) huwa dispożizzjoni pjuttost robusta dwar id-dritt tat-tfal adottati li jaċċessaw informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet dwar l-oriġini tagħhom. Dan jippermetti li l-Istati Partijiet jiggarantixxu dritt legali lill-ġenituri ta' oriġini biex ma jiżvelawx l-identità tagħhom, sakemm dan ma jammontax għal veto assolut. L-awtorità kompetenti għandha tkun tistà tiddetermina jekk tissuperax id-dritt tal-oriġini tal-ġenituri u tistax tiżvela informazzjoni identifikanti fid-dawl taċ-ċirkostanzi u d-drittijiet rispettivi involuti. Fil-każ ta'

187 QEDB, *D vs Franza*, Nru. 11288/18, is-16 ta' Lulju 2020, QEDB, *Paradiso u Campanelli vs l-Italja*, Nru. 25358/12, is-27 ta' Jannar 2015.

adozzjoni sħiħa, it-tifel jew tifla adottati għandhom ikunu jistgħu jiksbu ta’ mill-inqas dokument li juri d-data u l-post tat-twelid.[188]

Skont id-dritt internazzjonali, il-Konvenzjoni tal-Aja dwar l-Adozzjoni bejn il-Pajjiżi tipprevedi għall-possibbiltà li tfal adottati jaċċessaw informazzjoni dwar l-identità tal-ġenituri tagħhom “taħt gwida xierqa”, imma tħalliha f’idejn kull Stat Parti jekk jippermettihiex, jew le.[189]

## 4.3. Ċittadinanza

**Punti ewlenin**

- Id-dritt ta’ residenza fl-UE ta’ tfal li huma ċittadini tal-UE m’għandux ikun imċaħħad minn kwalunkwe effett utli billi jkunu rifjutati drittijiet ta’ residenza lill-ġenitur(i) tagħhom.
- Il-KEDB ma tiggarantix id-dritt ta’ residenza, imma rifjut arbitrajru ta’ ċittadinanza jista’ jaqa’ taħt l-Artikolu 8 tal-KEDB (dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja) minħabba l-impatt tiegħu fuq il-ħajja privata tal-individwu.

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 9 tat-TUE u l-Artikolu 20 tat-TFUE jagħtu l-istatus ta’ ċittadinanza tal-Unjoni lil kull persuna li għandha n-nazzjonalità ta’ Stat Membru. Il-QĠUE ddeċidiet dwar l-effettività tad-dritt ta’ residenza ta’ tfal li għandhom ċittadinanza tal-UE imma mhux in-nazzjonalità tal-Istat Membru tal-UE fejn joqogħdu. Dak li kien f’periklu kien ir-rifjut ta’ drittijiet għal residenza fl-UE lil ġenitur li kien l-indokratur tal-minuri biċ-ċittadinanza tal-UE. Il-QĠUE sostniet li r-rifjut tad-drittijiet ta’ residenza lil ġenitur li huwa l-indokratur primarju ta’ tifel jew tifla jċaħħad kwalunkwe effett utli tad-dritt ta’ residenza tat-tifel jew tifla. B’hekk, il-ġenitur li huwa l-kuratur primarju għandu d-dritt li joqgħod mat-tifel jew tifla fl-Istat ospitanti.[190] L-istatus taċ-ċittadinanza tal-UE jinvolvi ċerti drittijiet li huma inklużi wkoll f’leġiżlazzjoni sekondarja,

188 Il-Kunsill tal-Ewropa (2008), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Adozzjoni tat-Tfal (Riveduta), CETS Nru. 202, 2008, l-Art. 22.

189 Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (1993), Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u l-Kooperazzjoni rigward l-Adozzjoni bejn il-Pajjiżi, id-29 ta’ Mejju 1993, l-Art. 30(2).

190 QĠUE, C-200/02, *Kunqian Catherine Zhu u Man Lavette Chen vs Secretary of State for the Home Department*, id-19 ta’ Ottubru 2004, il-punti 45–46.

bħad-Direttiva tal-UE dwar il-Moviment Liberu[191] b'konnessjoni mal-eżekuzzjoni tad-drittijiet bażiċi tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE u l-familji tagħhom, id-drittijiet ta' benefiċjarji sekondarji bħal tfal minorenni dipendenti u d-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja. Dawn l-aspetti huma indirizzati f'aktar dettall fit-Taqsima 9.5.

Eżempju: Il-kawża *Zambrano*[192] tikkonċerna żewġt itfal imwielda matul il-proċess tal-ażil (qabel ġiet miċħuda t-talba tagħhom għall-ażil) tal-ġenituri fil-Belġju li saru ċittadini Belġjani. Il-ġenituri talbu permess ta' residenza abbażi tad-Direttiva tal-UE dwar il-Moviment Liberu bħala l-qraba axxendenti li fuqhom huma dipendenti t-tfal. L-applikazzjoni tagħhom ġiet miċħuda. Il-QĠUE ddeċidiet li, jekk tfal minuri dipendenti ta' ċittadin ta' pajjiż terz ikunu ċittadini tal-UE, l-Istati Membri jiġu preklużi milli jirrifjutaw li jagħtu lil dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz permess tax-xogħol u dritt ta' residenza fl-Istat Membru ta' residenza u nazzjonalità ta' dawk it-tfal, sa fejn tali deċiżjonijiet iċaħħdu lil dawk it-tfal mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet marbuta mal-istatus taċ-ċittadin tal-UE.

Eżempju: Fi *Tjebbes et*[193], il-QĠUE stipulat li d-dritt tal-UE ma jipprekludix it-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru u, konsegwentement, it-telf taċ-ċittadinanza tal-UE, fejn ir-rabta ġenwina bejn il-persuna kkonċernata u dak l-Istat Membru tiġi interrotta b'mod dejjiemi. Il-kawża kienet tikkonċerna liġi Netherlandiża li tipprevedi t-telf awtomatiku tan-nazzjonalità għaċ-ċittadini Netherlandiżi li kienu residenti barra min-Netherlands għal aktar minn 10 snin. It-tfal ta' individwi denaturalizzati jitilfu wkoll in-nazzjonalità Netherlandiża skont ir-regola ta' 10 snin. Wara l-kawża *Rottmann*[194], il-QĠUE ddeterminat li d-deċiżjoni li tiġi rtirata n-nazzjonalità trid tkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-QĠUE ddeċidiet li l-awtoritajiet nazzjonali jeħtieġ li jwettqu eżami individwali biex jiddeterminaw jekk il-konsegwenza tat-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE, li tinvolvi

191 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2004), Id-Direttiva 2004/38/KE tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru. 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, ĠU 2004 L 158.

192 QĠUE, C-34-09, *Gerardo Ruiz Zambrano vs Office National de l'Emploi (ONEm)*, it-8 ta' Marzu 2011.

193 QĠUE, C-221/17, *Tjebbes et vs Minister van Buitenlandse Zaken*, it-12 ta' Marzu 2019.

194 QĠUE, C-135/08, *Janko Rottmann vs Freistaat Bayern*, it-2 ta' Marzu 2010.

t-telf taċ-ċittadinanza tal-UE, tistax taffettwa b'mod sproporzjonat jew le l-iżvilupp normali tal-familja u l-ħajja professjonali tal-persuna kkonċernata. Barra minn hekk, irid ikun disponibbli rimedju biex tiġi stabbilita mill-ġdid in-nazzjonalità jekk il-miżura titqies bħala sproporzjonata.

Eżempju: Il-kawża *Alfredo Rendón Marín vs Administración del Estado*[195] tikkonċerna żewġ ċittadini ta' pajjiżi mhux tal-UE li ġew miċħuda permess ta' residenza u li ġew innotifikati b'ordni ta' deportazzjoni, abbażi tar-rekords kriminali tagħhom, mill-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti. Dak kien l-istat tan-nazzjonalità ta' tfal minuri li tagħhom kellhom il-kustodja esklussiva u li kellhom iċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Il-QĠUE ddeċidiet li l-Artikolu 20 tat-TFUE jrid jiġi interpretat bħala li jipprekludi l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrikjedi li ċittadin ta' pajjiż terz li huwa ġenitur ta' tfal minuri li huma ċittadini tal-Unjoni taħt il-kustodja esklussiva ta' dik il-persuna jiġi awtomatikament miċħud l-għoti ta' permess ta' residenza għar-raġuni waħdanija li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu rekord kriminali, fejn dik iċ-ċaħda jkollha l-konsegwenza li tirrikjedi li dawk it-tfal jitilqu mit-territorju tal-UE.[196]

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-KEDB ma tiggarantix id-dritt għal ċittadinanza.[197] Rifjut arbitrarju ta' ċittadinanza, madankollu, jista' jiġi fi ħdan l-ambitu tal-Artikolu 8 tal-KEDB minħabba l-impatt tiegħu fuq il-ħajja privata ta' individwu, li jħaddan aspetti ta' identità soċjali tat-tfal.[198]

Eżempju: F'*Genovese vs Malta*, kienet miċħuda ċittadinanza Maltija lil tifel imwieled barra ż-żwieġ barra minn Malta lil omm mhux Maltija u missier Malti rikonoxxut ġudizzjarjament. Ir-rifjut taċ-ċittadinanza fih innifsu ma kienx imur kontra l-Artikolu 8 tal-KEDB. Iċ-ċaħda arbitrarja ta' ċittadinanza għal raġunijiet ta' twelid barra ż-żwieġ, madankollu, qajmet kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni. Trattament differenzjali arbitrarju fuq din il-bażi

195 QĠUE, C-165/14, *Alfredo Rendón Marín vs Administración del Estado*, it-13 ta' Settembru 2016.

196 Ara wkoll il-QĠUE, C-304/14, *Secretary of State for the Home Department vs CS*, it-13 ta' Settembru 2016; il-QĠUE, C-133/15, *H. C. Chavez-Vilchez et vs Raad van bestuur van de Sociale verzekeringsbank et. Talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mis-Centrale Raad van Beroep*, l-10 ta' Mejju 2017; ara wkoll il-QĠUE, C-82/16, *K.A. u Oħrajn vs Belgische Staat*, it-8 ta' Mejju 2018.

197 QEDB, *Slivenko u Oħrajn vs il-Latvja* [GC], Nru. 48321/99, id-9 ta' Ottubru 2003, il-punt 77.

198 QEDB, *Genovese vs Malta*, Nru. 53124/09, il-11 ta' Ottubru 2011, il-punt 33.

jeħtieġ raġunijiet b'saħħithom bħala ġustifikazzjoni. Fin-nuqqas ta' dawk ir-raġunijiet, instab ksur tal-Artikolu 8 flimkien mal-Artikolu 14 tal-KEDB.[199]

Tħassib ewlieni fid-dispożizzjonijiet tat-trattati dwar id-dritt li takkwista ċittadinanza huwa l-prevenzjoni tal-apolidija. Il-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità fiha dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-akkwist legali ta' nazzjonalità tat-tfal, u tirrestrinġi l-possibiltajiet li t-tfal jitilfu ċ-ċittadinanza.[200] Il-Konvenzjoni tal-KtE dwar il-Prevenzjoni tal-Apolidija fir-Rigward tas-Suċċessjoni ta' Stati fiha l-obbligu li tiġi evitata apolidija mat-twelid (l-Artikolu 10) u tipprevedi għad-dritt tan-nazzjonalità tal-istat suċċessur f'każ ta' apolidija (l-Artikolu 2).[201] L-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea riveduta dwar l-Adozzjoni jtenni wkoll it-tħassib li tiġi evitata l-apolidija; l-Istati għandhom jiffaċilitaw l-akkwist tan-nazzjonalità tagħhom minn tfal adottati minn ċittadin jew ċittadina tagħhom, u t-telf ta' nazzjonalità b'konsegwenza ta' adozzjoni hija soġġetta għall-pussess jew l-akkwist ta' nazzjonalità oħra.

Skont id-dritt internazzjonali, l-Artikolu 7 tas-CRC jiggarantixxi d-dritt ta' akkwist ta' nazzjonalità, kif jaghmel l-Artikolu 24(3) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi.

199 *Ibid.*, il-punti 43–49.

200 Il-Kunsill tal-Ewropa, Il-Konvenzjoni Ewropea dwar iċ-Ċittadinanza, CETS Nru. 166, is-6 ta' Novembru 1997, Artikoli 6 u 7.

201 Il-Kunsill tal-Ewropa, Il-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni tal-Apolidija fir-rigward tas-Suċċessjoni ta' Stati, CETS Nru. 200, id-19 ta' Mejju 2006.

# 5
# Il-ħajja tal-familja



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 7 (dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja) | **Id-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja** | KEDB, l-Artikolu 8 (dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja)<br>QEDB, *V.D. u Oħrajn vs ir-Russja*, Nru. 72931/10, 2019 |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 24 (drittijiet tat-tfal)<br>Ir-Regolament dwar il-Manteniment (4/2009)<br>Id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata (2019/1158)<br>QĠUE, C-129/18, *SM vs Uffiċjal għall-Approvazzjoni tad-Dħul, it-Taqsima dwar il-Viżi tar-Renju Unit*, 2019 (wild taħt tutela *kafala* Alġerina) | **Id-dritt tat-tfal li jieħdu ħsiebhom il-ġenituri** | KEDB, l-Artikolu 8 (dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja)<br>QEDB, *Petrov u X. vs ir-Russja*, Nru. 23608/16, 2018<br>QEDB, *Wunderlich vs il-Ġermanja*, Nru. 18925/15, 2019 |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 24(3) (id-dritt li żżomm kuntatt maż-żewġ ġenituri)<br>Id-Direttiva dwar il-Garanziji Proċedurali (2016/800)<br>Ir-Regolament Riformulat Brussell IIa (2019/1111)<br>Id-Direttiva dwar il-Medjazzjoni (2008/52/KE)<br>QĠUE, C-436/13, *E. vs B.*, 2014 (l-aċċess tal-missier għall-wild) | **Id-dritt li jinżamm kuntatt** | KEDB, l-Artikolu 8 (dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja)<br>Il-Konvenzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Personali fir-rigward tat-Tfal, l-Artikolu 1<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tat-Tfal, l-Artikolu 6<br>QEDB, *Schneider vs il-Ġermanja*, Nru. 17080/07, 2011 (kuntatt bejn wild u missier mhux rikonoxxut legalment bħala l-missier bijoloġiku). |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| QĠUE, C-497/10 PPU, *Barbara Mercredi vs Richard Chaffe*, 2010 (ir-residenza tat-tarbija u dik abitwali).<br>QĠUE, C-335/17, *Neli Valcheva vs Georgios Babanarakis*, 2018 (id-dritt li jinżamm kuntatt man-nanniet)<br>Id-Direttiva dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja (2003/8/KE) (aċċess għall-ġustizzja f'tilwimiet transfruntiera) | | QEDB, *Levin vs l-Iżvezja*, Nru. 35141/06, 2012 (restrizzjoni tad-drittijiet ta' kuntatt)<br>QEDB, *A.I. vs l-Italja*, Nru. 70896/17, 2021<br>QEDB, *Mustafa u Armağan Akin vs it-Turkija*, Nru. 4694/03, 2010 (kuntatt bejn l-aħwa wara l-għoti tal-kustodja)<br>QEDB, *Vojnity vs l-Ungerija*, Nru. 29617/07, 2013 (restrizzjoni fuq aċċess fuq il-bażi ta' konvinzjonijiet reliġjużi)<br>QEDB, *A.M. u Oħrajn vs ir-Russja*, Nru. 47220/19, 2021<br>QEDB, *Terna vs l-Italja*, Nru. 21052/18, 2021<br>QEDB, *Bogonosovy vs ir-Russja*, Nru. 38201/16, 2019<br>QEDB, *M.S. vs l-Ukrajna*, Nru. 2091/13, 2017<br>QEDB, *Khoroshenko vs ir-Russja*, Nru. 41418/04, 2015<br>QEDB, *Horych vs il-Polonja*, Nru. 13621/08, 2012.<br>QEDB, *Hadzhieva vs il-Bulgarija*, Nru. 45285/12, 2018 |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 24 (drittijiet tat-tfal)<br>Ir-Regolament Riformulat Brussell IIa (2019/1111)<br>QĠUE, *Joseba Andoni Aguirre Zarraga vs Simone Pelz*, 2010 (id-dritt li wieħed jinstema', ħtif internazzjonali ta' tfal)<br>QĠUE, C-111/17 PPU, *OL vs PQ*, it-8 ta' Ġunju 2017<br>QĠUE, C-262/21 PPU, *A vs B*, it-2 ta' Awwissu 2021<br>QĠUE, C-211/10 PPU, *Doris Povse vs Mauro Alpago*, 2010 (ċertifikat tal-infurzar) | **Ħtif ta' tfal** | Il-Konvenzjoni Ewropea dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kustodja ta' Minuri u dwar ir-Restituzzjoni tal-Kustodja ta' Minuri<br>Il-Konvenzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Personali fir-rigward tat-Tfal<br>KEDB, l-Artikolu 8 (dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja)<br>QEDB, *Neulinger u Shuruk vs l-Iżvizzera* [GC], Nru. 41615/07, 2010 (it-teħid tal-minuri minn ommu)<br>QEDB, *R.S. vs il-Polonja*, Nru. 63777/09, 2015<br>QEDB, *Y.S. u O.S. vs ir-Russja*, Nru. 17665/17, 2021 |

Il-liġi Ewropea — kemm tal-UE kif ukoll tal-KtE — tipprevedi għad-dritt tar-rispett għall-ħajja tal-familja (l-Artikolu 7 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali; l-Artikolu 8 tal-KEDB). Il-kompetenza tal-UE f'materji ta' ħajja tal-familja tirrelata mat-tilwim transfruntier, inkluż ir-rikonoxximent u l-għarfien ta' sentenzi bejn l-Istati Membri. Il-QĠUE tittratta kwistjonijiet bħall-aħjar interessi tat-tfal u d-dritt għall-ħajja tal-familja kif definit fir-Regolament Riformulat Brussell IIa. Il-każistika tal-QEDB relatata mal-ħajja tal-familja tirrikonoxxi drittijiet interdipendenti, bħad-drittijiet tal-ħajja tal-familja u d-dritt tat-tfal li l-aħjar interessi tagħhom jitqiesu bħala kunsiderazzjoni primarja. Hija tirrikonoxxi li d-drittijiet tat-tfal kultant huma kunfliġġenti. Id-dritt tat-tfal għar-rispett tal-ħajja tal-familja, pereżempju, jista' jkun limitat sabiex jiġu żgurati l-aħjar interessi tagħhom. Barra minn hekk, il-KtE adotta diversi strumenti oħra li jittrattaw materji li għandhom x'jaqsmu mal-kuntatt, il-kustodja u l-eżerċitar tad-drittijiet tat-tfal.

Dan il-kapitolu jeżamina d-dritt tat-tfal għar-rispett tal-ħajja tal-familja u drittijiet assoċjati, speċjalment il-kontenut u l-ambitu ta' dawn id-drittijiet kif ukoll l-obbligi legali assoċjati u l-interazzjoni tagħhom ma' drittijiet oħrajn. Aspetti speċifiċi indirizzati jinkludu d-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja (Taqsima 5.1), id-dritt tat-tfal li l-ġenituri tagħhom jieħdu ħsiebhom (Taqsima 5.2), id-dritt li jinżamm kuntatt (Taqsima 5.3) u l-ħtif ta' minuri (Taqsima 5.4).

## 5.1. Id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata

**Punti ewlenin**

- Skont id-dritt kemm tal-Unjoni kif ukoll tal-KtE, l-Istati għandhom obbligu pożittiv li jiżguraw it-tgawdija effettiva tat-tfal tad-dritt tagħhom għar-rispett għall-ħajja tal-familja.
- L-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi għandhom iqisu l-aħjar interessi tat-tfal fi kwalunkwe deċiżjoni relatata mar-rispett għall-ħajja tal-familja.

Id-dritt tat-tfal għar-rispett tal-ħajja tal-familja jinkludi għadd ta' drittijiet komposti, bħal; id-dritt tat-tfal li l-ġenituri tagħhom jieħdu ħsiebhom (Taqsima 5.2); id-dritt li jżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri (Taqsima 5.3); id-dritt li ma jinfirdux minn mal-ġenituri ħlief jekk dan ikun fl-aħjar interessi tat-tfal (Taqsima 5.4 u l-Kapitolu 6); u d-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja (il-Kapitolu 9).

**Skont id-dritt tal-UE u d-dritt tal-KtE**, id-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja huwa suġġett għal għadd ta' limitazzjonijiet. Dawn il-limitazzjonijiet, bħal ma tikkjarifika n-nota ta' spjegazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[202], huma l-istess bħad-dispożizzjoni korrispondenti tal-KEDB, speċifikament l-Artikolu 8(2), jiġifieri: skont il-liġi u meħtieġa f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, tas-sigurtà pubblika jew tal-ġid ekonomiku tal-pajjiż, għall-prevenzjoni tad-diżordni jew ta' xi reat, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor[203].

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE teħtieġ li fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu mill-awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu kunsiderazzjoni primarja (l-Artikolu 24(2)).[204] Għalkemm l-obbligu li jiġu osservati l-aħjar interessi tal-minuri mhuwiex stabbilit espressament taħt il-KEDB, il-QEDB tinkorpora dak l-obbligu fil-każistika tagħha.[205]

Il-QEDB iddeċidiet li l-Artikolu 8 tal-KEDB jipproteġi wkoll il-ħajja tal-familja meta tikkonċerna t-tfal u l-familja foster tagħhom.[206] Fil-kawża *V.D. u Oħrajn vs ir-Russja*[207], tifel b'diżabilità severa li kien fil-kura tal-omm foster tiegħu għal disa' snin fl-aħħar mill-aħħar ġie rritornat jgħix mal-familja bijoloġika tiegħu, filwaqt li ommu u ħutu fil-foster care ġew imċaħħda kull kuntatt. F'sitwazzjoni fejn il-persuna li kienet ħadet ħsieb it-tifel għal perjodu twil ta' żmien, u kienet ifformat rabta personali mill-qrib miegħu, tkun ġiet eskluża kompletament u awtomatikament mill-ħajja tat-tifel u fl-ebda ċirkostanza ma setgħet tikseb drittijiet ta' kuntatt, irrispettivament mill-aħjar interessi tat-tifel, il-Qorti sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

202 L-UE, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea (2007), Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ĠU 2007 C 303/17, ara l-ispjegazzjoni relatata mal-Art. 7.

203 Il-Kunsill tal-Ewropa (1950), Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, CETS Nru. 5, 1950, l-Art. 8.

204 Ara pereżempju QĠUE, C-400/10 PPU, *J.McB vs L.E.*, il-5 ta' Ottubru 2010.

205 Ara, pereżempju, QEDB, *Ignaccolo-Zenide vs ir-Rumanija*, Nru. 31679/96, il-25 ta' Jannar 2000.

206 QEDB, *Strand Lobben u Oħrajn vs in-Norveġja* [GC], Nru. 37283/13, l-10 ta' Settembru 2019.

207 QEDB, *V.D. u Oħrajn vs ir-Russja*, Nru. 72931/10, id-9 ta' April 2019.

# 5.2. Id-dritt tat-tfal li l-ġenituri tagħhom jieħdu ħsiebhom

## Punti ewlenin

- Id-dritt tal-UE jirregola aspetti proċedurali tad-dritt tat-tfal li l-ġenituri tagħhom jieħdu ħsiebhom.
- Taħt il-KEDB, l-istati għandhom dmirijiet negattivi u pożittivi li jirrispettaw id-drittijiet tat-tfal u tal-ġenituri għall-ħajja tal-familja.

Id-dritt tat-tfal li jkunu jafu l-identità tal-ġenituri tagħhom u d-dritt li dawn jieħdu ħsiebhom huma żewġ elementi prinċipali tad-dritt tat-tfal għar-rispett tal-ħajja privata. Sa ċertu punt jistgħu jitqiesu interdipendenti: id-dritt tat-tfal li jkunu jafu lill-ġenituri tagħhom huwa żgurat billi l-ġenituri jieħdu ħsiebhom. Xi drabi, madankollu, dawn id-drittijiet huma distinti – pereżempju, għal tfal li huma adottati jew imwielda b'riżultat ta' prokreazzjoni assistita medikalment. Hawnhekk id-dritt huwa aktar assoċjat mill-qrib mad-dritt tal-identità tat-tfal, kif espress billi jsiru jafu dwar l-għarfien tal-parentela bijoloġika tagħhom, u din b'hekk hija kkunsidrata fil-Kapitolu 4. Il-fokus ta' din it-taqsima huwa fuq it-tieni dritt: id-dritt tat-tfal li l-ġenituri tagħhom jieħdu ħsiebhom.

**Skont id-dritt tal-UE**, ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tittratta l-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tad-dritt tat-tfal li jiġu indukrati mill-ġenituri tagħhom, u l-istrumenti legali tal-UE jittrattaw aspetti transfruntiera, bħar-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi madwar l-Istati Membri. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 4/2009 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi tal-manteniment (ir-Regolament dwar il-Manteniment), pereżempju, ikopri applikazzjonijiet transfruntiera għal manteniment bħala riżultat ta' relazzjonijiet familjari.[208] Dan jistabbilixxi regoli komuni għall-UE, u jimmira li jiżgura rkupru ta' talbiet għall-manteniment anki meta d-debitur jew il-kreditur ikun fi Stat Membru ieħor.

208 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2008), Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, ĠU 2008 L 7 (Regolament dwar il-Manteniment).

Id-dritt tat-tfal li jiġu indukrati mill-ġenituri tagħhom issaħħaħ fl-2019 bid-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata[209], li tipprovdi standards minimi għad-drittijiet individwali relatati mal-liv tal-paternità, il-liv tal-ġenituri u l-liv tal-indokraturi, u arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-ħaddiema li huma ġenituri jew indokraturi.

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB affermat f'diversi kawżi li t-tgawdija reċiproka mill-ġenitur u t-tfal tal-kumpanija ta' xulxin tikkostitwixxi element fundamentali tal-ħajja tal-familja. Il-miżuri domestiċi li jxekklu dan jammontaw għal interferenza ma' dritt li jipproteġi l-Artikolu 8 tal-KEDB.[210] F'kawżi ta' dan it-tip, il-QEDB teżamina jekk, fid-dawl ta' kawża kollha kemm hi, ir-raġunijiet għal kwalunkwe miżura li tillimita t-tgawdija mill-ġenitur u mill-wild tal-kumpanija ta' xulxin humiex rilevanti u suffiċjenti jew le. F'kull kawża ta' dan it-tip, huwa kruċjali li jiġi kkunsidrat x'inhu fl-aħjar interessi tat-tfal.

L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, li għandhom il-benefiċċju ta' kuntatt dirett mal-persuni kollha kkonċernati f'tilwim bħal dan, igawdu minn marġni ta' diskrezzjoni skont il-każ speċifiku u l-piż tal-interessi differenti inkwistjoni. Dak il-marġni jkun pjuttost wiesa' f'każijiet ta' kustodja u aktar limitat fir-rigward ta' limitazzjonijiet ulterjuri, bħal restrizzjonijiet li dawn l-awtoritajiet ipoġġu fuq id-drittijiet ta' kuntatt mal-ġenituri.

Il-QEDB enfasizzat ukoll li f'każ ta' dan it-tip, il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet irid ikun ġust u tali li jiżgura r-rispett dovut għall-interessi li jissalvagwardja l-Artikolu 8.

Eżempju: F'*Petrov u X vs ir-Russja*[211], omm it-tifel telqet minn mal-missier (l-ewwel rikorrent) u ħadet magħha lil binha (it-tieni rikorrent). Fl-aħħar mill-aħħar, hija kisbet ordni ta' residenza fir-rigward tal-wild minuri. Il-QEDB innotat li qatt ma kienet intalbet opinjoni esperta dwar kwistjonijiet importanti bħar-relazzjoni tat-tifel mal-ġenituri tiegħu, il-kapaċitajiet tagħhom bħala ġenituri jew jekk kienx possibbli jew le li t-tifel jiġi intervistat fil-qorti, minħabba l-età u l-maturità tat-tifel. Il-qrati domestiċi kienu

209 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2019), Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE, ĠU 2019 L 188/79.

210 Ara, pereżempju, il-QEDB, *K. u T. vs il-Finlandja* [GC], Nru. 25702/94, it-12 ta' Lulju 2001, il-punt 168.

211 QEDB, *Petrov u X. vs ir-Russja*, Nru. 23608/16, it-23 ta' Ottubru 2018.

rrifjutaw li jeżaminaw l-applikazzjoni tal-missier għal ordni ta' residenza favur tiegħu u li jaċċettaw fl-evidenza ċerti dokumenti li kien ressaq, u l-awtoritajiet tal-indukrar tat-tfal kienu ħarġu rakkomandazzjonijiet kunfliġġenti. B'mod ġenerali, il-QEDB sabet li l-eżami tal-kawża mill-qrati domestiċi ma kienx sar bir-reqqa biżżejjed; il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet kellu n-nuqqasijiet u, għalhekk, ma kienx ippermetta li jiġu stabbiliti l-aħjar interessi tat-tifel, bi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Eżempju: F'*Wunderlich vs il-Ġermanja*[212], koppja miżżewġa xtaqet li tgħallem lill-erbat itfal tagħha fid-dar, għalkemm dan ma kienx permess skont il-liġi domestika. Il-qorti tal-familja sussegwentement irtirat id-dritt ta' din il-koppja li tiddetermina l-post ta' residenza tat-tfal u d-dritt tagħha li tieħu deċiżjonijiet dwar materji skolastiċi. It-tfal tneħħew mid-dar tar-rikorrenti u tqiegħdu f'dar tat-tfal, fejn it-tagħlim tagħhom ġie vvalutat. Dawn ġew irritornati lir-rikorrenti wara tliet ġimgħat, meta dawn tal-aħħar kienu qablu li jippermettu lit-tfal jattendu l-iskola.

Is-sistema Ġermaniża ta' attendenza obbligatorja fl-iskejjel kienet ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet li kienu konformi mal-każistika tal-QEDB stess u li kienu jaqgħu fi ħdan il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istat konvenut. L-infurzar tal-attendenza obbligatorja fl-iskejjel, sabiex jiġi evitat l-iżolament soċjali tat-tfal tar-rikorrenti u tiġi żgurata l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà, kien b'hekk raġuni rilevanti biex jiġi ġġustifikat l-irtirar parzjali tal-awtorità tar-rikorrenti bħala ġenituri. Filwaqt li huwa minnu li l-valutazzjoni tat-tagħlim tat-tfal uriet li huma kellhom għarfien suffiċjenti, ħiliet soċjali u relazzjoni ta' mħabba mal-ġenituri tagħhom, din l-informazzjoni ma kinitx disponibbli għall-uffiċċju tal-benesseri taż-żgħażagħ jew għall-qrati meta ħadu d-deċiżjonijiet tagħhom, preċiżament minħabba li r-rikorrenti rrifjutaw dawk it-testijiet qabel ma t-tfal ittieħdu f'kura alternattiva. F'dan il-kuntest, il-Qorti enfasizzat li anki ġudizzji jew valutazzjonijiet żbaljati mill-professjonisti ma kinux minnhom infushom jagħmlu l-miżuri tal-indukrar tat-tfal inkompatibbli mar-rekwiżiti tal-Artikolu 8. It-tneħħija effettiva tat-tfal ma kinitx damet aktar milli meħtieġ, kienet fl-aħjar interessi tagħhom u ma kinitx implimentata b'mod li kien partikolarment aħrax jew eċċezzjonali. Il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, meqjus b'mod ġenerali, ipprovda lir-rikorrenti bil-protezzjoni meħtieġa tal-interessi tagħhom. Ma nstab l-ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

212 QEDB, *Wunderlich vs il-Ġermanja*, Nru. 18925/15, l-10 ta' Jannar 2019.

Skont id-dritt internazzjonali, l-Artikolu 5 tas-CRC jipprevedi li "l-Istati Partijiet għandhom jirrispettaw ir-responsabiltajiet, id-drittijiet u d-dmirijiet tal-ġenituri, [...] biex jipprovdu, b'mod konsistenti mal-kapaċitajiet li jevolvu tat-tfal, direzzjoni u gwida xierqa dwar il-mod kif it-tfal jeżerċitaw id-drittijiet rikonoxxuti fil-Konvenzjoni attwali". Barra minn hekk, l-Artikolu 9 tas-CRC jiddikjara li t-tfal m'għandhomx jinfirdu mill-ġenituri tagħhom kontra r-rieda tagħhom, u li l-partijiet kollha għandhom jingħataw l-opportunità li jipparteċipaw fi kwalunkwe proċediment b'rabta ma' din is-sitwazzjoni. Il-*Linji Gwida tan-NU għall-Ħarsien Alternattiv tat-Tfal* jissostanzjaw iktar id-drittijiet tat-tfal f'dawn iċ-ċirkostanzi u d-dmirijiet korrispondenti tal-istati[213].

## 5.3. Id-dritt li jinżamm kuntatt

### Punti ewlenin

- Id-dritt tat-tfal li jżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri għandu jiġi rrispettat fil-forom kollha ta' separazzjoni tal-ġenituri. Dan jista' jinkludi d-dritt li jinżamm kuntatt man-nanniet u mal-aħwa.
- Il-proċess li jiżgura d-dritt tat-tfal li jżommu kuntatt mal-ġenituri tagħhom u r-riunifikazzjoni tal-familja jeħtieġ li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minuri bħala kunsiderazzjoni primarja, u li tingħata importanza xierqa lill-opinjonijiet tat-tfal skont l-età u l-maturità tagħhom.

L-ambitu tad-dritt li jinżamm kuntatt mal-ġenituri jvarja skont il-kuntest. F'każ ta' deċiżjoni tal-ġenituri li jisseparaw minn xulxin, l-ambitu huwa usa' u normalment limitat biss għall-aħjar interessi tal-minuri. Fil-kuntest ta' separazzjoni ssanzjonata mill-istat bħala riżultat ta', pereżempju, tkeċċija jew priġunerija ta' ġenitur, l-awtoritajiet statali jaġixxu b'mod sabiex jinkiseb interess protett, u għandhom jilħqu bilanċ ġust bejn l-interessi tal-partijiet u l-obbligu li jiżguraw l-aħjar interessi tal-minuri. Id-dritt tat-tfal li jżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri huwa applikabbli fiż-żewġ każijiet. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt li jinżamm kuntatt issa jrid jitqies ukoll bħala li qed jestendi, f'ċerti ċirkostanzi, għan-nanniet u għall-aħwa.

213 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill dwar id-Drittijet tal-Bniedem (2009), *Linji gwida tan-NU għall-ħarsien alternattiv tat-tfal*, Dok. tan-NU. A/HRC/11/L.13, il-15 ta' Ġunju 2009.

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 24(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali espressament jirrikonoxxi d-dritt ta' kull tifel jew tifla li jżommu kuntatt maż-*żewġ* ġenituri. Id-dispożizzjoni tikkjarifika l-kontenut tad-dritt, partikolarment it-tifsira ta' kuntatt, li għandu: iseħħ fuq *bażi regolari*; jippermetti l-iżvilupp ta' *relazzjoni personali*; u jkun fil-forma ta' *kuntatt dirett*. Madankollu, hemm kwalifika: id-dritt tat-tfal kollha li jżommu kuntatt mal-ġenituri tagħhom huwa limitat espressament mill-aħjar interessi tat-tfal. Din id-dispożizzjoni, bħalma tikkjarifika n-nota ta' spjegazzjoni tal-Karta, hija infurmata espressament mill-Artikolu 9 tas-CRC.

Id-Direttiva dwar il-Garanziji Proċedurali tistipula d-dritt tat-tfal detenuti li jżommu kuntatt mal-ġenituri, il-familja u l-ħbieb tagħhom permezz ta' żjarat u korrispondenza, sakemm ma jkunux meħtieġa restrizzjonijiet eċċezzjonali fl-aħjar interessi tat-tfal.[214]

B'mod konformi mal-kompetenzi tal-UE (ara l-Kapitolu 1), kien hemm fokus speċifiku fuq il-kooperazzoni ġudizzjarja (bl-għan li tinħoloq żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li fiha huwa żgurat il-moviment liberu tal-persuni). Żewġ strumenti tal-UE huma ta' rilevanza: ir-Regolament Riformulat Brussell IIa[215], u d-Direttiva dwar il-Medjazzjoni.[216] Mill-perspettiva ta' drittijiry, ir-Regolament Riformulat Brussell IIa huwa sinifikanti. L-ewwel nett, dan japplika għad-deċiżjonijiet *kollha* dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, irrispettivament mill-istat civili. It-tieni, ir-regoli li jirrelataw mal-ġuriżdizzjoni (determinati fil-biċċa l-kbira mir-residenza abitwali tal-minuri) huma espressament infurmati mill-aħjar interessi tal-minuri; u t-tielet, tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat ir-rispett tal-opinjoni tat-tfal.[217]

214 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2016), Id-Direttiva (UE) 2016/800 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma ż suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU 2016 L 132/1.

215 L-UE, Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni), ĠU 2019 L 178/1 (ir-Regolament Riformulat Brussell IIa).

216 L-UE, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2008), Id-Direttiva 2008/52/KE dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU 2008 L 136/3 (id-Direttiva dwar il-Medjazzjoni), il-21 ta' Mejju 2008.

217 Ara, pereżempju, Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2019/1111, Preambolu (il-paragrafi 7, 19, 20, 28 u 57) u l-Artikoli 7, 21, 26, 39(2) u 47(3)(a)(b).

Il-ġurisprudenza tal-QĠUE[218] f'każijiet ta' tneħħija illegali ta' tfal wara deċiżjoni meħuda unilateralment minn wieħed mill-ġenituri, immirat primarjament li tħares id-dritt fundamentali tat-tfal li jżommu relazzjoni personali u kuntatt dirett fuq bażi regolari maż-żewġ ġenituri (l-Artikolu 24(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali), hekk kif il-Qorti asserixxiet li dan id-dritt huma marbut b'mod fundamentali mal-aħjar interessi ta' kull tifel jew tifla. Fl-opinjoni tal-QĠUE, miżura li twaqqaf lil tifel jew tifla milli jżommu relazzjoni personali u kuntatt dirett fuq bażi regolari maż-żewġ ġenituri tista' tkun ġustifikata biss b'interess ieħor tat-tifel jew tifla li jkun ta' tali importanza li jkollha prijorità fuq l-interess li fuqu jkun ibbażat dak id-dritt fundamentali.[219] Din tinkludi miżuri proviżjonali, inkluż protettivi, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Riformulat Brussell IIa. Il-Qorti ddeċidiet li valutazzjoni bilanċjata u raġonevoli tal-interessi kollha involuti, li għandha tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi li jirrelataw mal-persuna attwali tal-minuri u l-ambjent soċjali tagħhom, fil-prinċipju għandha titwettaq fi proċedimenti skont id-dispożizzjonijet tar-Regolament Riformulat Brussell IIa.

Eżempju: Il-kawża ta' *E. vs B.*[220], tikkonċerna proċedimenti bejn is-Sur E. (il-missier) u s-Sa B. (l-omm), b'relazzjoni mal-ġuriżdizzjoni tal-qrati tar-Renju Unit biex tisma' u tiddetermina l-post ta' residenza tas-soltu ta' wildhom, S., u d-drittijiet għal aċċess tal-missier. Il-ġenituri ffirmaw ftehim quddiem qorti Spanjola fejn l-omm kellha kustodja, u ngħata aċċess lill-missier. Sussegwentement, l-omm fittxet li tnaqqas id-drittijiet ta' aċċess li ngħataw lill-missier b'dak il-ftehim. Il-missier ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Suprema fejn talab l-infurzar tal-ftehim Spanjol. L-omm issottomettiet li hija kienet ipprorogat il-ġuriżdizzjoni tal-qorti Spanjola u riedet tittrasferixxi l-ġuriżdizzjoni prorogata lill-qrati tal-Ingilterra u Wales. Fuq appell mill-missier, il-Qorti tal-Appell irrinvjat bosta domandi lill-QĠUE dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament Brussell IIa.

Il-QĠUE qalet li meta qorti tkun adita bi proċedimenti skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament Brussell IIa, l-aħjar interessi tal-minuri jistgħu jiġu

218 Ara, pereżempju: QĠUE, C-497/10, PPU, *Barbara Mercredi vs Richard Chaffe*, it-22 ta' Diċembru 2010.

219 QĠUE, C-403/09 PPU, *Jasna Detiček vs Maurizio Sgueglia*, it-23 ta' Diċembru 2009, il-punti 59, 60.

220 QĠUE, C-436/13, *E. vs B.*, l-1 ta' Ottubru 2014.

salvagwardjati biss minn rieżami, f'kull każ speċifiku, tal-kwistjoni jekk il-proroga tal-ġuriżdizzjoni li qed tintalab hijiex konsistenti mal-aħjar interessi tat-tfal. Proroga tal-ġuriżdizzjoni hija valida biss b'rabta mal-proċedimenti speċifiċi li għalihom tkun adita l-qorti li l-ġuriżdizzjoni tagħha tkun prorogata. Wara l-konklużjoni finali tal-proċedimenti li minnhom hija derivata l-proroga tal-ġuriżdizzjoni, dik il-ġuriżdizzjoni tiġi fit-tmiem, favur il-qorti li qed tibbenefika minn ġuriżdizzjoni ġenerali taħt l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Brussell IIa.

Fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri, ir-Regolament Riformulat Brussell IIa jikkoeżisti mal-Konvenzjoni tal-Aja fuq il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent, l-infurzar u l-kooperazzjoni fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri u l-miżuri għall-protezzjoni tat-tfal.[221] Skont l-Artikolu 97 tar-Regolament Riformulat Brussell IIa, dan ir-regolament għandu jieħu preċedenza fuq il-Konvenzjoni tal-Aja: (a) jekk it-tfal ikkonċernati jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru jew (b) fir-rigward tar-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenza mogħtija f'qorti ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, anki jekk it-tfal ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju tat-tielet stat li huwa Parti kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja. B'hekk, kwistjoni ewlenija taħt ir-Regolament Riformulat Brussell IIa hija d-determinazzjoni tar-residenza abitwali tat-tfal.

Eżempju: F'*Mercredi vs Chaffe*[222], il-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales irrinvjat kawża lill-QĠUE li tikkonċerna t-teħid ta' tarbija ta' xahrejn mir-Renju Unit lejn il-gżira Franċiża ta' Réunion. Il-QĠUE ddeċidiet li l-kunċett tar-residenza abitwali, għall-finijiet tal-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament Brussell IIa, jikkorrispondi mal-post li jirrifletti ċertu grad ta' integrazzjoni mit-tifel jew tifla f'ambjent soċjali u familjari. Fejn is-sitwazzjoni tikkonċerna tarbija li ilha tgħix ma' ommha għal ftit ġranet biss fi Stat Membru — barra dak tar-residenza abitwali tagħha — fejn hija ttieħdet, il-fatturi li għandhom jitqiesu jinkludu: l-ewwel, it-tul, ir-regolarità, il-kundizzjonijiet u r-raġunijiet tas-soġġorn fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u taċ-ċaqliq tal-omm lejn l-imsemmi Stat; u, it-tieni, minħabba b'mod partikolari l-età

221 Organizzazzjoni Dinjija għall-Kooperazzjoni Transfruntiera dwar Materji Ċivili u Kummerċjali, il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (1996), Il-Konvenzjoni dwar il-Ġuriżdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal, id-19 ta' Ottubru 1996.

222 QĠUE, C-497/10, PPU, *Barbara Mercredi vs Richard Chaffe*, it-22 ta' Diċembru 2010.

tat-tifel jew tifla, l-oriġini ġeografiċi u familjari tal-omm kif ukoll ir-relazzjonijiet familjari u soċjali li l-omm u t-tifel jew tifla kellhom f’dak l-istess Stat Membru.

Ta’ rilevenza partikolari wkoll għat-tgawdija tad-dritt li jinżamm kuntatt maż-żewġ ġenituri f’tilwim transfruntier huma l-istrumenti relatati mar-regolazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja li jikkjarifikaw kif għandu jiġi ttrattat tilwim kumpless, bħad-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE (id-Direttiva dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja), li tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma’ għajnuna legali biex “ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f’tilwimiet bejn il-konfini”[223].

Il-Qorti ddeċidiet ukoll dwar id-drittijiet ta’ aċċess tan-nanniet għan-neputijiet tagħhom.

Eżempju: F’*Neli Valcheva vs Georgios Babanarakis*[224], in-nanna (min-naħa tal-omm) talbet aċċess għan-neputi tagħha wara x-xoljiment taż-żwieġ tal-ġenituri tiegħu minn qorti Griega, li tat il-kustodja tat-tifel lil missieru. Il-QĠUE ddeċidiet li d-dritt tat-tfal li jżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri jrid jiġi interpretat b’mod estensiv u d-“drittijiet ta’ aċċess” iridu jiġu interpretati bħala li jinkludu d-drittijiet ta’ aċċess tan-nanniet għan-neputijiet tagħhom.

**Skont id-dritt tal-KtE**, id-dritt ta’ kull tifel u tifla li jżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri huwa impliċitu fl-Artikolu 8 tal-KEDB. Il-QEDB affermat f’għadd ta’ kawżi li “it-tgawdija reċiproka mill-ġenitur u t-tfal tal-kumpanija ta’ xulxin tikkostitwixxi element fundamentali tal-ħajja tal-familja”.[225] Enfasizzat ukoll, madankollu, li dan id-dritt jista’ jkun limitat mill-aħjar interessi tal-minuri (ara t-Taqsima 5.4 u l-Kapitolu 6). Dan id-dritt huwa fiċ-ċentru tat-teħid tad-deċiżjoni ġudizzarja dwar il-kustodja tat-tfal u l-kuntatt magħhom.

F’serje ta’ każijiet, il-QEDB jew espressament jew impliċitament irreferiet għall-aħjar interessi tal-minuri fil-kuntest tal-kuntatti bejn il-ġenituri u t-tfal.

223 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2003), Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE tas-27 ta’ Jannar 2003 biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f’tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma’ għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn, ĠU 2003 L 026 (Id-Direttiva dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja), il-31 ta’ Jannar 2003.

224 QĠUE, C 335/17, *Neli Valcheva vs Georgios Babanarakis*, il-31 ta’ Mejju 2018.

225 QEDB, *K. u T. vs il-Finlandja* [GC], Nru. 25702/94, it-12 ta’ Lulju 2001, il-punt 151.

Eżempju: Fi *Schneider vs il-Ġermanja*[226], ir-rikorrent kellu relazzjoni ma' mara miżżewġa u ddikjara li huwa l-missier bijoloġiku ta' binha, meta l-missier legalment rikonoxxut tiegħu kien ir-raġel t'ommu. Ir-rikorrent argumenta li d-deċiżjoni tal-qrati domestiċi biex jiġi miċħud ir-rikors tiegħu għal kuntatt mat-tifel u għal informazzjoni dwar l-iżvilupp tat-tifel fuq il-bażi li la kien il-missier legali tat-tifel u lanqas ma kellu relazzjoni mat-tifel kienet tikser id-drittijiet tiegħu taħt l-Artikolu 8 tal-KEDB. Waqt li sabet li kien hemm ksur, il-QEDB iffukat fuq in-nuqqas min-naħa tal-qrati domestiċi li jqisu bi kwalunkwe mod il-kwistjoni jekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-kuntatt bejn it-tifel u r-rikorrent kienx ikun fl-aħjar interess tat-tifel.[227] Fir-rigward tat-talba tar-rikorrent għal informazzjoni dwar l-iżvilupp personali tat-tifel, il-Qorti sostniet li l-qrati domestiċi naqsu milli jagħtu raġunijiet suffiċjenti biex jiġġustifikaw l-interferenza tagħhom għall-finijiet tal-Artikolu 8(2) u li, b'hekk, l-interferenza ma kinitx "neċessarja f'soċjetà demokratika".

Eżempju: F'*Levin vs l-Iżvezja*[228] r-rikorrenti, omm ta' tlett itfal taħt ħarsien alternattiv mhux ibbażat fuq familja, argumentat li r-restrizzjonijiet fuq id-dritt tagħha li żżomm kuntatt ma' wliedha kienu jiksru d-dritt tagħha għar-rispett tal-ħajja tal-familja. Il-QEDB iffukat fuq l-objettiv tar-restrizzjonijiet tal-kuntatt, jiġifieri l-protezzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. F'dak il-każ partikolari, it-tfal ġew ittraskurati waqt li kienu taħt il-ħarsien tar-rikorrenti, u l-kuntatt magħha wera reazzjonijiet negattivi qawwijin min-naħa tat-tfal. Waqt li ddeċidiet li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB, il-Qorti sabet li l-interferenza mad-drittijiet tar-rikorrenti kienu "proporzjonati mal-għan leġittimu segwit [l-aħjar interessi tal-minuri] u fi ħdan il-marġni ta' diskrezzjoni tal-awtoritajiet domestiċi".

Eżempju: F'*A.I. vs l-Italja*[229], ir-rikorrenti, li kienet ta' oriġini Niġerjana u vittma tat-traffikar, ilmentat dwar l-inkapaċità tagħha li teżerċita d-drittijiet ta' kuntatt tagħha fir-rigward taż-żewġt itfal tagħha minħabba projbizzjoni fuq il-kuntatt imposta mill-qorti domestika fid-deċiżjoni tagħha li tiddikjara t-tfal bħala eliġibbli għall-adozzjoni. Il-qrati domestiċi kienu vvalutaw il-ħiliet tar-rikorrenti bħala ġenituri mingħajr ma qiesu l-vulnerabbiltà

226 QEDB, *Schneider vs il-Ġermanja*, Nru. 17080/07, il-15 ta' Settembru 2011.

227 Ara wkoll QEDB, *Anayo vs il-Ġermanja*, Nru. 20578/07, il-21 ta' Diċembru 2010, il-punti 67 u 71.

228 QEDB, *Levin vs l-Iżvezja*, Nru. 35141/06, il-15 ta' Marzu 2012, il-punti 57 u 69; QEDB, *K. u T. vs il-Finlandja* [GC], Nru. 25702/94, it-12 ta' Lulju 2001, il-punt 151.

229 QEDB, *A.I. vs l-Italja*, Nru. 70896/17, l-1 ta' April 2021.

tagħha bħala vittma tat-traffikar jew l-oriġini jew il-mudell differenti ta' rabta bejn il-ġenituri u t-tfal fil-kultura tagħha, għalkemm dak il-fattur kien enfasizzat b'mod ċar fir-rapport tal-esperti disponibbli. Il-Qorti sabet li, matul il-proċedimenti li kienu wasslu għall-interruzzjoni tal-kuntatt bejn ir-rikorrenti u t-tfal tagħha, ma kinitx ingħatat biżżejjed importanza sabiex ir-rikorrenti u t-tfal ikunu jistgħu jkollhom ħajja tal-familja. B'hekk, il-proċedimenti ma kinux akkumpanjati minn salvagwardji proporzjonati għas-serjetà tal-interferenza u l-interessi inkwistjoni u, għalhekk, kienu qed jiksru l-Artikolu 8 tal-KEDB.

Eżempju: F'*Mustafa u Armağan Akin vs it-Turkija*[230], ir-rikorrenti – missier u iben – sostnew li t-termini ta' ordni ta' kustodja mill-qorti domestika kienu kisru d-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 8 tal-KEDB minħabba li żammew lit-tifel milli jkollu kuntatt ma' oħtu, li kienet fil-kustodja ta' ommhom. Barra dan, il-missier ma setax ikollu kuntatt maż-żewġ uliedu f'daqqa għaliex il-kuntatt ta' ibnu ma' ommu ħabat mal-kuntatt tiegħu stess ma' bintu. Il-QEDB sostniet li d-deċiżjoni tal-qorti domestika li tifred liż-żewġ aħwa kkostitwiet ksur tad-dritt tar-rikorrent għar-rispett tal-ħajja tal-familja tagħhom, għaliex mhux biss waqqfithom milli jaraw lil xulxin, imma wkoll għamlitha impossibbli għall-missier li jgawdi l-kumpanija taż-żewġ uliedu fl-istess ħin.[231]

Fil-kuntest tat-teħid tad-deċiżjoni ta' kustodja u kuntatt, il-QEDB tipprojbixxi wkoll diskriminazzjoni inkompatibbli mal-Artikolu 14 tal-KEDB.

Eżempju: Fil-kawża *Vojnity vs l-Ungerija*[232], ir-rikorrent argumenta li ma ngħatax aċċess għal ibnu minħabba l-konvinzjonijiet reliġjużi tiegħu. Waqt li sabet ksur tal-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 8 tal-KEDB, il-QEDB osservat li ma kien hemm ebda evidenza li l-konvinzjonijiet reliġjużi tar-rikorrent involvew prattiki perikolużi jew esponew lil ibnu għal dannu fiżiku u psikoloġiku.[233] Id-deċiżjonijiet tal-qrati domestiċi fuq it-tneħħija tad-drittijiet ta' aċċess tar-rikorrent għamlu impossibbli kwalunkwe forma ta' kuntatt u l-istabbiliment ulterjuri ta' kwalunkwe tip ta' ħajja

230 QEDB, *Mustafa u Armağan Akin vs it-Turkija*, Nru. 4694/03, is-6 ta' April 2010.

231 Ara wkoll il-QEDB, *Vujica vs il-Kroazja*, Nru. 56163/12, it-8 ta' Ottubru 2015.

232 QEDB, *Vojnity vs l-Ungerija*, Nru. 29617/07, it-12 ta' Frar 2013; ara wkoll QEDB, *P.V. vs Spanja*, Nru. 35159/09, it-30 ta' Novembru 2010.

233 QEDB, *Vojnity vs l-Ungerija*, Nru. 29617/07, it-12 ta' Frar 2013, il-punt 38.

tal-familja, minkejja l-fatt li l-qtugħ totali ta' kuntatt seta' jkun iġġustifikat biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali. B'hekk, il-QEDB sostniet li ma kienx hemm relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalità bejn iċ-ċaħda totali tad-drittijiet ta' aċċess tar-rikorrent u l-għan segwit, jiġifieri l-protezzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel.

Eżempju: Il-kawża *A.M. u Oħrajn vs ir-Russja*[234] kienet tikkonċerna r-restrizzjoni tad-drittijiet tal-ġenituri tar-rikorrenti u ċ-ċaħda tal-kuntatt mat-tfal tagħha mingħajr l-iskrutinju meħtieġ minħabba li kienet għaddejja minn tranżizzjoni tal-ġeneru f'dak iż-żmien. Il-Qorti ma sabet l-ebda evidenza ta' xi ħsara potenzjali lit-tfal mit-tranżizzjoni u ddeċidiet li l-qrati domestiċi ma kinux eżaminaw biżżejjed iċ-ċirkostanzi partikolari tal-familja. Barra minn hekk, id-deċiżjoni kienet ibbażata b'mod ċar fuq l-identità tal-ġeneru tar-rikorrent u, b'hekk, kienet diskriminatorja, bi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB meħud waħdu u flimkien mal-Artikolu 14 tal-KEDB.

Eżempju: F'*Terna vs l-Italja*[235], ir-rikorrenti lmentat dwar it-tneħħija u t-tqegħid f'kura alternattiva tan-neputija tagħha (li kienet tgħix magħha minn mindu twieldet), u dwar l-inkapaċità tagħha li teżerċita d-dritt ta' aċċess tagħha kif mogħti mill-qrati domestiċi. Hija qieset li s-sitwazzjoni kienet irriżultat mill-istigmatizzazzjoni tal-familja tat-tifla marbuta mal-oriġini etnika tar-Rom tagħha. Il-QEDB sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB minħabba n-nuqqas ta' sforzi adegwati u suffiċjenti mill-awtoritajiet domestiċi biex jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet ta' żjarat tar-rikorrenti. Min-naħa l-oħra, sabiex jiġġustifikaw it-teħid tagħha taħt kura alternattiva, il-qrati domestiċi kienu użaw argumenti dwar l-aħjar interessi tat-tifla, mhux l-oriġini etnika tat-tifla u tal-familja tagħha. Konsegwentement, ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 14 meħud flimkien mal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Barra minn hekk, id-dritt tat-tfal li jżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri huwa ċċitat espressament fil-Konvenzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Personali fir-rigward

234 QEDB, *A.M. u Oħrajn vs ir-Russja*, Nru. 47220/19, is-6 ta' Ġunju 2021.

235 QEDB, *Terna vs l-Italja*, Nru. 21052/18, l-14 ta' Jannar 2021.

tat-Tfal tal-KtE.[236] L-Artikolu 4(1) ta' din il-konvenzjoni jgħid li "it-tfal u l-ġenituri tagħhom għandu jkollhom id-dritt li jiksbu u jżommu kuntatt regolari ma' xulxin". Il-prinċipji ġenerali li jiġu applikati fil-ġurisprudenza dwar kuntatt jenfasizzaw id-dritt tat-tfal li jkunu infurmati, ikkonsultati u li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, u li tingħata l-importanza mistħoqqa lil dawn l-opinjonijiet.

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tal-KtE dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tat-Tfal[237] ikompli jidentifika rekwiżiti tat-teħid tad-deċiżjoni ġudizzjarja, inklużi l-obbligi legali li: jiġi kkunsidrat jekk l-awtorità ġudizzjarja għandhiex informazzjoni biżżejjed biex tiddetermina l-aħjar interessi tal-minuri; jiżgura d-dritt tat-tfal għal informazzjoni dwar il-proċess u r-riżultati; u jiftaħ spazju sikur għal tfal affettwati biex jesprimu liberament l-opinjonijiet tagħhom b'mod xieraq skont l-età/maturità.

Ir-rispett għall-ħajja tal-familja fir-rigward tan-nanniet u n-neputijiet tagħhom jinvolvi primarjament id-dritt li tinżamm relazzjoni normali bejn in-nanniet u n-neputijiet permezz ta' kuntatt bejniethom, anki jekk dawk il-kuntatti normalment iseħħu bil-qbil tal-persuna li għandha r-responsabbiltà ta' ġenitur.[238] F'*Bogonosovy vs ir-Russja*[239], fejn nannu ried iżomm rabtiet man-neputija tiegħu wara l-adozzjoni tagħha minn familja oħra, u f'*M.S. vs l-Ukrajna*[240], il-QEDB enfasizzat ir-rilevanza tal-kuntatt man-nanniet, speċjalment meta t-tfal ikunu għexu kontinwament mhux biss maż-żewġ ġenituri, iżda wkoll man-nanniet.

---

236 Il-Kunsill tal-Ewropa, Il-Konvenzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Personali fir-rigward tat-Tfal, CETS Nru. 192, 2003. Ara wkoll l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kooperazzjoni Transfruntiera dwar Materji Ċivili u Kummerċjali, il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (1996), Il-Konvenzjoni dwar il-Ġuriżdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal, id-19 ta' Ottubru 1996.

237 Il-Kunsill tal-Ewropa (1996), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tat-Tfal, CETS Nru. 160, il-25 ta' Jannar 1996.

238 QEDB, *Mitovi vs Dik Li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja*, Nru. 53565/13, is-16 ta' April 2015.

239 QEDB, *Bogonosovy vs ir-Russja*, Nru. 38201/16, il-5 ta' Marzu 2019.

240 QEDB, *M.S. vs l-Ukrajna*, Nru. 2091/13, il-11 ta' Lulju 2017.

Jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn it-tfal jinfirdu minn ma' ġenitur, pereżempju bħala riżultat ta' priġunerija tal-ġenituri.[241] F'*Khoroshenko vs ir-Russja*[242], il-QEDB sabet li l-interferenza mal-ħajja privata u tal-familja tar-rikorrent li tirriżulta mill-infrekwenza taż-żjarat awtorizzati kienet sproporzjonata għall-għanijiet tas-sentenza tiegħu. Barra minn hekk, f'*Horych vs il-Polonja*[243], il-QEDB innutat li "żjarat minn tfal [...] f'ħabs jeħtieġu arranġamenti speċjali u jistgħu jkunu soġġetti għal kundizzjonjiet speċifiċi skont l-età tagħhom, l-effetti possibbli fuq l-istat emozzjonali u l-benesseri tagħhom u fuq iċ-ċirkostanzi personali tal-persuna li qed iżuru". Il-Qorti kompliet billi tgħid li "obbligi pożittivi tal-Istat taħt l-Artikolu 8, [...] jinkludu dmir li jiżgura l-kundizzjonijiet xierqa, mingħajr ebda stress possibbli għall-viżitaturi, taż-żjarat li jirċievi minn uliedu, fid-dawl tal-konsegwenzi prattiċi tal-priġunerija".

Eżempju: F'*Hadzhieva vs il-Bulgarija*[244], ir-rikorrenti ta' 14-il sena tħalliet weħidha meta ż-żewġ ġenituri tagħha ġew arrestati. Skont id-dispożizzjonijiet legali domestiċi rilevanti, l-awtoritajiet kellhom ir-responsabbiltà, milli jidher mill-mument li l-ġenituri tar-rikorrenti ttieħdu f'kustodja, jew li jħalluhom jagħmlu l-arranġamenti għall-kura tagħha jew biex jistaqsu dwar is-sitwazzjoni tagħha fuq inizjattiva proprja; dawn kienu meħtieġa wkoll li jipprovdu lir-rikorrenti b'assistenza, appoġġ u servizzi, skont il-ħtieġa, fid-dar tagħha stess, f'familja foster jew f'istituzzjoni speċjalizzata. L-awtoritajiet rilevanti ma għamlu xejn minn dan. Għall-perjodu inizjali ta' jumejn, għalhekk, l-awtoritajiet kienu naqsu milli jikkonformaw mal-obbligu pożittiv tagħhom skont l-Artikolu 8 biex jiżguraw li r-rikorrenti tkun protetta u jipprovdulha l-għajxien fin-nuqqas tal-ġenituri tagħha.

Id-dritt ta' tfal li jżommu kuntatt mal-ġenituri tagħhom huwa rinfurzat minn dispożizzjonijiet magħżula tal-*Linji Gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal* tal-KtE.[245] Il-linji gwida espressament jaffermaw id-dritt ta' tfal mċaħħda mil-liberta tagħhom "li jżommu kuntatt regolari u sinifikanti mal-ġenituri [u] l-familja" (l-Artikolu 21(a)) (ara wkoll il-Kapitolu 11). Barra minn hekk,

241 Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2018), Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)5 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar tfal b'ġenituri miżmuma l-ħabs, l-4 ta' April 2018.

242 QEDB, *Khoroshenko vs ir-Russja*, Nru. 41418/04, it-30 ta' Ġunju 2015.

243 QEDB, *Horych vs il-Polonja*, Nru. 13621/08, is-17 ta' April 2012.

244 QEDB, *Hadzhieva vs il-Bulgarija*, Nru. 45285/12, l-1 ta' Frar 2018.

245 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2010), *Linji gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal*, is-17 ta' Novembru 2010.

ir-Rakkomandazzjoni tal-KtE CM/Rec(2018)5 dwar tfal b'ġenituri miżmuma l-ħabs[246] tipprovdi gwida dwar kif għandha tiġi indirizzata l-ħtieġa li jiġu ppreservati u megħjuna jiġu żviluppati relazzjonijiet pożittivi bejn it-tfal u l-ġenituri meta ġenitur ikun f'detenzjoni.

Skont id-dritt internazzjonali, is-CRC tirreferi għad-dritt tat-tfal li jżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri fl-Artikolu 9(3) tagħha: "L-Istati Partijiet għandhom jirrispettaw id-dritt tat-tfal li jkunu mifruda minn ġenitur wieħed jew miż-żewġ ġenituri li jżommu relazzjonijiet personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri fuq bażi regolari, ħlief jekk dan ikun kontra tal-aħjar interessi tat-tfal."

## 5.4. Tneħħija mhux xierqa ta' tfal minn naħa għal oħra tal-fruntieri — ħtif ta' minuri

**Punti ewlenin**

- Id-dritt tal-UE jirrikjedi b'mod aktar speċifiku li t-tfal jinstemgħu matul il-proċedimenti relatati mar-ritorn tagħhom wara t-tneħħija jew iż-żamma illegali.
- Ir-Regolament Riformulat Brussell IIa jissupplimenta ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Aja, filwaqt li r-regolament jipprevali fuq ir-regoli tal-Konvenzjoni fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri.
- Il-QEDB teħtieġ approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal għal tneħħija mhux xierqa bi ksur ta' arranġamenti ta' kustodja: L-Artikolu 8 tal-KEDB (id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja) għandu jkun interpretat b'rabta mal-Konvenzjoni tal-Aja u s-CRC.

Il-ħtif ta' minuri jirreferi għal sitwazzjoni li fiha t-tfal jitneħħew jew jinżammu bejn fruntieri nazzjonali bi ksur ta' arranġamenti tal-kustodja eżistenti (l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Aja dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri[247] (Konvenzjoni tal-Aja). Taħt il-Konvenzjoni tal-Aja, it-tfal imneħħija

246 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2018), ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)5 dwar tfal b'ġenituri miżmuma l-ħabs, l-4 ta' April 2018.i

247 L-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kooperazzjoni Transfruntiera f'Materji Ċivili u Kummerċjali (1980), Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, il-25 ta' Ottubru 1980.

jew miżmuma illegalment għandhom jittieħdu lura malajr lejn il-pajjiż tar-residenza abitwali tagħhom (l-Artikolu 11(1)). Il-qrati tal-pajjiż tar-residenza abitwali jiddeterminaw il-merti tat-tilwim tal-kustodja. Il-qrati tal-pajjiż minn fejn ikunu ttieħdu t-tfal għandhom jordnaw ir-ritorn fi żmien sitt ġimgħat mid-data meta jsir ir-rikors għar-ritorn (l-Artikolu 11). Il-Konvenzjoni tal-Aja hija msejsa fuq il-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal. Fil-kuntest ta' din il-konvenzjoni, f'każijiet ta' tneħħija illegali ta' tfal, *l-istatus quo ante* għandu jerġa' jiġi stabbilit mill-aktar fis possibbli biex tiġi evitata l-konsolidazzjoni legali ta' sitwazzjonijiet inġusti. Kwistjonijiet ta' kustodja u ta' aċċess għandhom jiġu determinati mill-qrati li għandhom ġuriżdizzjoni fil-post tar-residenza abitwali tat-tfal u mhux minn dawk tal-pajjiż fejn it-tfal ikunu ttieħdu illegalment. Hemm diversi eċċezzjonijiet limitati għall-mekkaniżmu ta' ritorn, stabbilit fl-Artikoli 12, 13 u 20 tal-Konvenzjoni tal-Aja. L-Artikolu 13 jinkludi d-dispożizzjonijiet li ġġeneraw ħafna mil-litigazzjoni, kemm fl-livell domestiku kif ukoll f'livell internazzjonali. Dan jistabbilixxi li l-pajjiż fejn ikunu ttieħdu t-tifel jew tifla jista' jirrifjuta li jirritornahom, jekk ir-ritorn jista' jesponihom għal riskju ta' dannu gravi jew inkella jpoġġihom f'sitwazzjoni intollerabbli (l-Artikolu 13(b)). Ir-ritorn jista' bl-istess mod jiġi rifjutat jekk it-tifel jew tifla joġġezzjonaw għar-ritorn jekk ikunu laħqu l-livell ta' maturità biex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom (l-Artikolu 13(2)).

**Skont id-dritt tal-UE**, l-istrument legali li jirregola l-ħtif ta' minuri bejn Stati Membri tal-UE huwa r-Regolament Riformulat Brussell IIa[248], li hu bbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Aja. Dan jikkomplementa u jieħu preċedenza fuq il-Konvenzjoni tal-Aja f'każijiet ta' ħtif intra-UE (l-Artikolu 96). Minkejja li l-Konvenzjoni tal-Aja tibqa' l-istrument internazzjonali ewlieni tal-ħtif tat-tfal, f'ċerti aspetti r-Regolament Riformulat Brussell IIa jagħmel ir-regoli ġuriżdizzjonali "aktar stetti" favur il-qrati tar-residenza oriġinarja/abitwali. Simili għall-Konvenzjoni tal-Aja, il-qrati tal-Istat fejn it-tfal kienu abitwalment residenti eżatt qabel it-tneħħija jew iż-żamma mhux xierqa jżommu l-ġuriżdizzjoni f'każijiet ta' ħtif ta' minuri. Ir-regolament iżomm l-istess eċċezzjonijiet għar-ritorn bħal dawk inklużi fil-Konvenzjoni dwar il-Ħtif ta' Minuri. Ir-regolament riformulat, li ġie introdott fl-2019, neħħa l-ħtieġa għal exequatur,[249] li

248 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2019), Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 2019/1111 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni), ĠU 2019 L 178/1.

249 Il-proċedura magħrufa bħala exequatur tikkonċerna proċess ta' infurzar tas-sentenzi ċivili, li spiss jinvolvi rieżamijiet għaljin, impenjattivi u teknikament eżiġenti dwar il-merti mill-qrati domestiċi.

kien jinvolvi dewmien fl-infurzar tal-ordnijiet. Dan jinkludi wkoll regoli speċifiċi u skadenzi ċari li jirregolaw il-ħtieġa għal "proċedimenti rapidi fil-qorti", għodda importanti biex jitħaffu l-kawżi li jikkonċernaw il-ħtif ta' minuri.[250]

Ir-Regolament Riformulat Brussell IIa, b'kuntrast mal-Konvenzjoni tal-Aja, iżomm il-ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedi l-merti tat-tilwima dwar il-kustodja mal-Istat tar-residenza abitwali, anki meta tinħareġ ordni ta' nuqqas ta' ritorn b'applikazzjoni tal-Artikolu 13(b) tal-Konvenzjoni tal-Aja (l-Artikolu 29 tar-Regolament Riformulat Brussell IIa). Il-bidla ta' ġuriżdizzjoni għall-istat fejn ikunu ittieħed il-minuri tista' sseħħ biss f'żewġ sitwazzjonijiet, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Riformulat Brussell IIa. L-ewwel sitwazzjoni tistipula li l-qrati tal-Istat ta' refuġju għandu jkollhom ġuriżdizzjoni jekk il-minuri akkwista residenza abitwali f'dak l-istat u kull persuna li għandha dritt għal kustodja tkun qablet dwar it-tneħħija jew iż-żamma.[251] It-tieni sitwazzjoni tinqala' meta l-minuri: akkwista residenza abitwali fl-istat li hu ġie mċaqlaq fih; perjodu ta' sena qabeż minn meta l-ġenitur li tħalla wara kellu jew kellu jkollu l-għarfien fuq fejn qiegħed il-minuri; il-minuri ssistema ruħu fl-ambjent il-ġdid tiegħu, u għall-inqas tintlaħaq waħda mill-ħames kundizzjonijiet l-oħra elenkati fl-Artikolu 9(b) tar-Regolament Riformulat Brussell IIa.[252]

Bħall-istrumenti legali oħra kollha tal-UE, ir-Regolament Riformulat Brussell IIa għandu jiġi interpretat skont id-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari l-Artikolu 24. Il-QĠUE kellha l-opportunità li tiċċara l-interpretazzjoni tal-Artikolu 24 fil-kuntest tal-ħtif ta' minuri skont ir-Regolament Brussell IIa (qabel ir-riformulazzjoni). Kif diskuss fit-Taqsima 2.4, fil-kawża *Aguirre Zarraga*, il-QĠUE iddeċidiet li d-dritt tat-tfal li jinstemgħu, stabbilit fl-Artikolu 24 tal-Karta, jeħtieġ li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet legali li jħallu lit-tfal jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberament jkunu disponibbli għalihom, u li dawk l-opinjonijiet jinkisbu mill-qorti.[253] Madankollu skont il-QĠUE, hija biss f'idejn il-qrati tar-residenza abitwali tal-minuri li jeżaminaw il-legalità tas-sentenzi tagħhom stess fid-dawl tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali u r-Regolament Brussell IIa. Skont il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka, is-sistemi legali tal-Istati Membri għandhom jipprovdu protezzjoni effettiva u ekwivalenti

250 L-Art. 24 tar-Regolament Riformulat Brussell IIa.

251 L-Art. 9(a) tar-Regolament Riformulat Brussell IIa.

252 L-Art. 9(b) tar-Regolament Riformulat Brussell IIa.

253 QĠUE, C-491/10 PPU, *Joseba Andoni Aguirre Zarraga vs Simone Pelz*, it-22 ta' Diċembru 2010. Dwar aspetti li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni tal-minuri f'dan il-każ, ara wkoll l-analiżi fit-Taqsima 2.4.

tad-drittijiet fundamentali. B'hekk, il-partijiet interessati għandhom iressqu kwalunkwe kontestazzjoni bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem quddiem il-qrati li għandhom ġuriżdizzjoni fuq il-merti tat-tilwim dwar kustodja skont ir-regolament. Il-QĠUE iddeċidiet li l-qorti tal-Istat Membru li fejn il-minuri jkun ittieħed illegalment ma setgħet topponi l-infurzar ta' sentenza ċċertifikata, li tordna r-ritorn tal-minuri, minħabba li l-evalwazzjoni dwar jekk kienx hemm ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet taqa' esklussivament fil-ġuriżdizzjoni tal-istat li minnu jkun ittieħed il-minuri.

Eżempju: Il-kawża *Povse vs Alpago*[254] tikkonċerna t-tneħħija illegali ta' tifla lejn l-Awstrija minn ommha. Il-qrati Awstrijaċi ċaħdu l-applikazzjoni tal-missier għar-ritorn ta' bintu lejn l-Italja għar-raġuni li kien hemm riskju gravi ta' dannu għat-tifla. Sadanittant, fuq talba tal-missier, il-qorti Taljana ddeċidiet li hija kellha l-ġuriżdizzjoni biex tiġġudika l-merti tat-tilwim ta' kustodja u ħarget ordni għar-ritorn tat-tifla lejn l-Italja u ċertifikat ta' infurzar fuq il-bażi tal-Artikolu 42 tar-Regolament Brussell IIa. Il-kawża ġiet irrinvjata lill-QĠUE minn qorti Awstrijaka wara l-appell tal-omm kontra r-rikors għall-infurzar taċ-ċertifikat u l-ordni għar-ritorn tat-tifla lejn l-Italja. Il-QĠUE iddeċidiet li ladarba nħareġ ċertifikat ta' infurzar m'hemmx possibiltajiet li wieħed jopponi r-ritorn lejn il-pajjiż fejn ikun ittieħed il-minuri (f'dan il-każ l-Awstrija), peress li sentenza li tkun ġiet iċċertifikat b'dan il-mod tkun awtomatikament infurzabbli. Barra minn hekk, il-QĠUE ddeċidiet li, f'dan il-każ, il-qrati Taljani biss kienu kompetenti li jiġġudikaw dwar ir-riskju serju għall-aħjar interessi tat-tifla b'konsegwenza tar-ritorn. Fl-ipoteżi li dawn il-qrati jikkunsidraw it-tali riskju bħala ġustifikabbli, huma jżommu kompetenza esklużiva biex jissospendu l-ordni ta' infurzar tagħhom stess.[255]

Ir-riformulazzjoni ta' Brussell IIa wessgħet u ċċarat l-obbligu tal-Istati Membri li jagħtu lit-tfal l-opportunità li jinstemgħu. Ir-riformulazzjoni tintroduċi obbligu li t-tfal jingħataw opportunità ġenwina u effettiva biex jesprimu l-fehmiet tagħhom u biex l-awtoritajiet jivvalutaw l-aħjar interessi tat-tfal, filwaqt li jagħtu l-importanza dovuta lill-fehmiet tagħhom f'konformità mal-età

254 QĠUE, C-211/10, *Doris Povse vs Mauro Alpago*, l-1 ta' Lulju 2010.

255 Rikors ibbażat fuq l-istess fatti ġie ppreżentat aktar tard lill-QEDB u ddikjarat inammissibbli. Ara QEDB, Povse vs l-Awstrija, Deċiżjoni ta' innammissibbiltà, Nru. 3890/11, it-18 ta' Ġunju 2013.

u l-maturità tagħhom.[256] Barra minn hekk, hija tispeċifika li t-tfal għandhom id-dritt li jesprimu l-fehmiet tagħhom fi proċedimenti ta' ritorn.[257]

Ir-riskju ta' dannu serju, possibbilment irrimedjabbli, għar-relazzjoni bejn il-wild minuri u ġenitur huwa waħda mir-raġunijiet għal rikors lill-QĠE għal deċiżjoni preliminari urġenti.[258] Il-Qorti applikat il-proċedura ta' deċiżjoni preliminari għal din ir-raġuni f'bosta kawżi, xi drabi *ex officio*.[259]

Eżempju: Il-kawża *OL vs PQ*[260] tirrigwarda t-talba għar-ritorn ta' tifla mill-Greċja, l-Istat Membru fejn it-tifla twieldet u għexet ma' ommha, lejn l-Italja, fejn il-koppja kienet abitwalment residenti qabel it-twelid tat-tifla. Il-Qorti ddeċidiet li jekk tifla twieldet u għexet kontinwament ma' ommha għal diversi xhur, f'konformità max-xewqat konġunti tal-ġenituri tagħha, fi Stat Membru għajr dak fejn dawk il-ġenituri kienu abitwalment residenti qabel it-twelid tagħha, l-intenzjoni inizjali tal-ġenituri li l-omm, flimkien mat-tifla, jirritornaw lejn dan l-Istat Membru msemmi l-aħħar ma tistax twassal għall-konklużjoni li dik it-tifla kienet abitwalment residenti hemmhekk. B'hekk, ir-rifjut tal-omm li tirritorna mat-tifla lejn l-Italja ma jistax jitqies bħala "tneħħija jew żamma illegali" tat-tifla.

Eżempju: Il-kawża ta' *A vs B*[261] tikkonċerna tilwima bejn żewġ ċittadini Iranjani li jgħixu fl-Iżvezja u t-tneħħija konsegwenti lejn il-Finlandja tal-wild tagħhom mill-omm bħala parti minn ritorn volontarju b'applikazzjoni tal-Proċedura ta' Dublin (ir-Regolament Nru. 604/2013). Il-Qorti ddeċidiet li sitwazzjoni li fiha ġenitur wieħed, mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor, jispiċċa jieħu l-wild minuri fi Stat Membru ieħor, b'applikazzjoni tal-Proċedura ta' Dublin, u mbagħad jiddeċiedi li jibqa' f'dak l-Istat Membru wara li l-ewwel Stat Membru jkun annulla d-deċiżjoni ta' trasferiment, iżda

256 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2019), Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni), ĠU 2019 L 178/1, l-Artikolu 21.

257 *Ibid.*, l-Artikolu 26.

258 L-UE, Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, ĠU 2012 L 265, l-Artikolu 107; l-UE, Il-Protokoll (Nru. 3) dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ĠU 2016 C 115, is-7 ta' Ġunju 2016, l-Artikolu 23a.

259 QĠUE, C-491/10 PPU, *Joseba Andoni Aguirre Zarraga vs Simone Pelz*, it-22 ta' Diċembru 2010; QĠUE, C-85/18 PPU, *CV vs DU*, l-10 ta' April 2018.

260 QĠUE, C-111/17 PPU, *OL vs PQ*, it-8 ta' Ġunju 2017.

261 QĠUE, C-262/21 PPU, *A vs B*, it-2 ta' Awwissu 2021.

mingħajr ma l-awtoritajiet jiddeċiedu li jieħdu l-omm u l-wild minuri lura jew li jagħtuhom residenza, ma tistax titqies bħala tneħħija jew żamma illegali.

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-Konvenzjoni Ewropea dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kustodja ta' Minuri u dwar ir-Restituzzjoni tal-Kustodja ta' Minuri[262] u l-Konvenzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Personali fir-rigward tat-Tfal[263] jinkludu salvagwardji biex jipprevjenu t-tneħħija inġusta tat-tfal u jiżguraw ir-ritorn tat-tfal.[264]

Il-QEDB ta' spiss tittratta każijiet ta' ħtif ta' minuri, u f'dawn il-każijiet hija ġeneralment tiġi ggwidata minn dispożizzjonijiet tal-Kovenzjoni tal-Aja meta tinterpreta l-Artikolu 8 tal-KEDB. Madankollu, il-QEDB inevitabbilment twettaq analiżi tal-aħjar interessi tat-tfal f'dawn il-każijiet.

Eżempju: Il-kawża *Neulinger u Shuruk vs l-Iżvizzera*[265] tressqet minn omm, li kienet ħadet lil binha minn Iżrael lejn l-Iżvizzera bi ksur tal-arranġament eżistenti tat-tutela. Fuq rikors tal-missier taħt il-Konvenzjoni tal-Aja, l-awtoritajiet Żvizzeri ordnaw ir-ritorn tat-tifel lejn Iżrael. Fl-opinjoni tal-qrati nazzjonali u l-esperti, ir-ritorn tat-tifel lejn Iżrael seta' jkun previst biss kieku kien akkumpanjat minn ommu. Il-miżura inkwistjoni baqgħet fil-marġni ta' diskrezzjoni mogħtija lill-awtoritajiet nazzjonali f'dawn il-materji. Madankollu, kien meħtieġ ukoll li jitqies kwalunkwe żvilupp minn meta ngħatat is-sentenza tal-Qorti Federali li tordna r-ritorn tat-tifel sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-Artikolu 8 tal-KEDB. It-tifel kien ċittadin Żvizzeru u kien issetilja sew fil-pajjiż, fejn huwa kien ilu jgħix kontinwament għal madwar erba' snin. Minkejja li kien ta' età fejn kien għad għandu kapaċità sinifikanti għal adattament, li jiġi spostat għal darb'oħra aktarx kien se jkollu konsegwenzi serji għalih u kellhom jitwieżnu kontra kwalunkwe benefiċċju li probabbli kien se jikseb minnha. Kienu ġew

262 Il-Kunsill tal-Ewropa (1980), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kustodja ta' Minuri u dwar ir-Restituzzjoni tal-Kustodja ta' Minuri, CETS Nru. 105, l-20 ta' Mejju 1980.

263 Il-Kunsill tal-Ewropa, Il-Konvenzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Personali fir-rigward tat-Tfal, CETS Nru. 192, il-15 ta' Mejju 2003.

264 *Ibid.*, l-Artikoli 10(b) u 16, rispettivament; il-Kunsill tal-Ewropa (1980), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kustodja ta' Minuri u dwar ir-Restituzzjoni tal-Kustodja ta' Minuri, CETS Nru. 105, l-20 ta' Mejju 1980, l-Art. 8.

265 QEDB, *Neulinger u Shuruk vs l-Iżvizzera* [GC], Nru. 41615/07, is-6 ta' Lulju 2010.

imposti restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' aċċess tal-missier qabel it-tneħħija tat-tifel. Il-missier kien reġa' żżewweġ darbtejn minn dak iż-żmien u issa kien reġa' sar missier, imma naqas milli jħallas il-manteniment għal bintu.

Il-QEDB iddubitat li dawn iċ-ċirkostanzi setgħu jwasslu għall-benesseri u l-iżvilupp tat-tifel. Fir-rigward tal-omm, il-qorti kkunsidrat li r-ritorn tagħha lejn Iżrael seta' jesponiha għal riskju ta' sanzjonijiet kriminali, bħal sentenza ta' ħabs. Kien ċar li din is-sitwazzjoni ma kinitx se tkun fl-aħjar interessi tat-tifel, meta wieħed iqis li probabbilment ommu kienet l-unika persuna li kien jirrelata magħha. B'hekk, ir-rifjut tal-omm li tirritorna lejn Iżrael ma kienx totalment mhux iġġustifikat. Barra dan, il-missier qatt ma kien għex waħdu ma' ibnu u kien ilu ma jarah mit-tluq tat-tifel fl-età ta' sentejn. B'hekk il-QEDB ma kinitx konvinta li kien se jkun fl-aħjar interessi tat-tifel li jirritorna lejn Iżrael. Fir-rigward tal-omm, ritorn lejn Iżrael kien se jfisser interferenza sproporzjonata mad-dritt tagħha għar-rispett tal-ħajja tal-familja tagħha. Konsegwentement, ikun hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB fir-rigward taż-żewġ rikorrenti jekk id-deċiżjoni li tordna r-ritorn lejn Iżrael tat-tieni rikorrent kellha tiġi infurzata.

Il-ġuriżdizzjoni f'każijiet ta' kustodja tibqa' f'idejn il-qrati tar-residenza abitwali tal-wild minuri, sakemm ma jiġux issodisfati kundizzjonijiet speċifiċi li jippermettu bidla fil-ġuriżdizzjoni.

Eżempju: Il-kawża *R.S. vs il-Polonja*[266] kienet tikkonċerna familja Pollakka li tgħix fl-Iżvizzera. L-omm kienet ħadet lit-tfal fuq btala fil-Polonja, iżda mbagħad ressqet petizzjoni għad-divorzju hemmhekk u applikat b'suċċess għal kustodja temporanja. Ir-rikorrent – il-missier, li jgħix fl-Iżvizzera – la ġie infurmat u lanqas imħarrek sabiex jattendi s-seduta tal-qorti li tikkonċerna d-deċiżjoni dwar il-kustodja temporanja, u l-qrati Pollakki ċaħdu r-rikors tiegħu biex jirritorna t-tfal lejn l-Iżvizzera, minħabba li huwa kien qabel li l-omm tieħu t-tfal il-Polonja. Skont it-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja, l-illegalità tat-tneħħija u taż-żamma kienet ġejja minn azzjonijiet li jinterferixxu mal-eżerċitar normali tad-drittijiet tal-ġenituri skont il-liġi tal-Istat fejn it-tfal qabel kellhom ir-residenza abitwali tagħhom, f'dan il-każ l-Iżvizzera. Konsegwentement, il-Qorti sabet li l-Polonja kienet naqset milli tiggarantixxi lir-rikorrent id-dritt għar-rispett għall-ħajja tal-familja tiegħu, bi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

266 QEDB, *R.S. vs il-Polonja*, Nru. 63777/09, il-21 ta' Lulju 2015.

Eżempju: F'*Y.S. u O.S. vs ir-Russja*[267], mara Russa kienet iżżewġet raġel Ukren u ssetiljat fl-Ukrajna. Wara t-twelid ta' binthom, l-omm telqet lil żewġha u bintha. Diversi snin wara, wara l-kunflitt militari fl-Ukrajna, l-omm ħadet lil bintha lejn ir-Russja mingħajr il-kunsens tal-missier. Il-missier imbagħad applika b'suċċess għar-ritorn ta' bintu minkejja l-argument tal-omm li r-ritorn tat-tifla jikkostitwixxi "riskju gravi" skont it-tifsira tal-Artikolu 13(b) tal-Konvenzjoni tal-Aja fid-dawl tal-kunflitt militari li għaddej fil-post tar-residenza abitwali tagħha. Il-QEDB qieset li l-allegazzjoni ta' "riskju gravi", li tista' tikkostitwixxi eċċezzjoni għar-ritorn tat-tifla, ma ġietx ikkunsidrata ġenwinament mill-qrati Russi, kif ukoll li d-deċiżjonijiet tagħhom li ċaħdu l-oġġezzjonijiet tal-omm ma kinux motivati biżżejjed, bi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

L-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni tal-Aja jistipula perjodu ta' sitt ġimgħat sabiex il-qorti li tittratta l-każ ta' ħtif ittemm il-kawża. Kif enfasizzat il-QEDB f'għadd ta' kawżi[268], fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-riunifikazzjoni tat-tfal mal-ġenituri tagħhom, l-adegwatezza ta' miżura għandha tiġi ġġudikata wkoll mill-ħeffa tal-implimentazzjoni tagħha, fejn tali kawżi ikunu jeħtieġu trattament urġenti, minħabba li l-mogħdija taż-żmien jista' jkollha konsegwenzi irrimedjabbli għar-relazzjonijiet bejn it-tfal u l-ġenitur li ma jkunx jgħix magħhom.

267 QEDB, *Y.S. u O.S. vs ir-Russja*, Nru. 17665/17, il-15 ta' Ġunju 2021.

268 Ara l-QEDB, *Simões Balbino vs il-Portugall*, Nru. 26956/14, id-29 ta' Jannar 2019; QEDB, *Mansour vs is-Slovakkja*, Nru. 60399/15, il-21 ta' Novembru 2017; QEDB, *Hoholm vs is-Slovakkja*, Nru. 35632/13, it-13 ta' Jannar 2015. QEDB, *M.A. vs l-Awstrija*, Nru. 4097/13, il-15 ta' Jannar 2015; QEDB, *Adžić vs il-Kroazja*, Nru. 22643/14, il-15 ta' Marzu 2015; QEDB, *K.J. vs il-Polonja*, Nru. 30813/14, l-1 ta' Marzu 2016.

# 6

# Ħarsien alternattiv għal ħarsien minn familja u adozzjoni



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 7 (ħajja tal-familja) u l-Artikolu 24 (drittijiet tat-tfal)<br>Ir-Regolament Riformulat Brussell IIa (2019/1111/UE) | Ħarsien alternattiv għal ħarsien minn familja | KEDB, l-Artikolu 8 (dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja)<br>ESC (riveduta), l-Artikolu 17 (dritt tat-tfal u żgħażagħ għal protezzjoni soċjali, legali u ekonomika)<br>QEDB, *Y.I. vs ir-Russja*, Nru. 68868/14, 2020<br>QEDB, *Wallová u Walla vs ir-Repubblika Ċeka,* Nru. 23848/04, 2006 (tqegħid taħt ħarsien minħabba akkomodazzjoni mhux adegwata)<br>QEDB, *Paradiso u Campanelli vs l-Italja*, Nru. 25358/12, 2017 (it-tneħħija ta' wild imwieled permezz ta' maternità surrogata ta' ġestazzjoni)<br>QEDB, *B. vs ir-Rumanija (Nru. 2),* Nru. 1285/03, 2013 (involviment tal-ġenituri fit-teħid tad-deċiżjoni)<br>QEDB, *B.B. u F.B. vs il-Ġermanja*, Nru. 18734/09 u 9424/11, 2013 (difetti proċedurali fi proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet)<br>QEDB, *T. vs ir-Repubblika Ċeka*, Nru. 19315/11, 2014 (importanza ta' kuntatt)<br>QEDB, *Jansen vs in-Norveġja*, Nru. 2822/16, 2018 |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 24 (drittijiet tat-tfal) | **Adozzjoni** | KEDB, l-Artikolu 8 (dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja)<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Adozzjoni tat-Tfal (riveduta)<br>QEDB, *Strand Lobben u Oħrajn vs in-Norveġja* [GC], Nru. 37283/13, 2019<br>QEDB, *S.S. vs is-Slovenja*, Nru. 40938/16, 2018<br>QEDB, *Kearns vs Franza*, Nru. 35991/04, 2008 (kunsens tal-ġenituri għal adozzjoni)<br>QEDB, *Schwizgebel vs l-Iżvizzera*, Nru. 25762/07, 2010<br>QEDB, *E.B. vs Franza*, [GC], Nru. 43546/02, 2008 (l-eliġibbiltà ta' mara LGBTIQ biex tadotta)<br>QEDB, *Gas u Dubois vs Franza*, Nru. 25951/07, 2012 (l-eliġibbiltà ta' koppja LGBT biex tadotta)<br>QEDB, *X u Oħrajn vs l-Awstrija*, [GC], Nru. 19010/07, 2013<br>QEDB, *A.H. u Oħrajn vs ir-Russja*, Nri. 6033/13, 8927/13, 10549/13, 12275/13, 23890/13, 26309/13, 27161/13, 29197/13, 32224/13, 32331/13, 32351/13, 32368/13, 37173/13, 38490/13, 42340/13 u 42403/13, 2017<br>QEDB, *Harroudj vs Franza*, Nru. 43631/09, 2012 (*kafala* u adozzjoni). |

Kull minuri għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja, dritt rikonoxxut taħt l-Artikolu 7 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 8 tal-KEDB (ara l-Kapitolu 5). Kemm id-dritt tal-UE kif ukoll tal-KtE jirriflettu l-importanza għall-minuri ta' relazzjonijiet familjari, u din tinkludi d-dritt tal-minuri biex ma jkunx imċaħħad mill-kuntatt mal-ġenituri tiegħu/tagħha, ħlief meta din tmur kontra l-aħjar interessi tal-minuri.[269] Huwa diffiċli biex jinkiseb bilanċ bejn li jiġi żgurat li t-tfal jibqgħu mal-familja tagħhom — sabiex tiġi rrispettata l-ħajja tal-familja — u li jiġi żgurat li t-tfal ikunu protetti minn ħsara. Fejn minuri jitneħħa mill-familja tiegħu/tagħha, hu/hija jista' jitqiegħed jew taħt ħarsien temporanja jew taħt ħarsien residenzjali. Il-ħajja tal-familja ma tintemmx b'din

269 L-UE (2012), Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ĠU 2012 C 326, l-Art. 24 (3).

is-separazzjoni u teħtieġ li l-kuntatt jibqa' sabiex tiġi sostnuta r-riunifikazzjoni tal-familja jekk hija fl-aħjar interessi tal-minuri. F'ċerti ċirkostanzi, isseħħ tneħħija permanenti minn mal-familja, permezz tal-adozzjoni. Madankollu, il-finalità legali tal-adozzjoni tirrikjedi li jiġu segwiti rekwiżiti stretti.

Dan il-kapitolu jeżamina d-dritt Ewropew dwar il-kura alternattiva. Id-dritt tal-UE, prinċipalment permezz tar-Regolament Riformulat Brussell IIa, jittratta aspetti proċedurali transfruntiera relatati mat-tqegħid tat-tfal taħt ħarsien alternattiv. Dan ir-regolament għandu jiġi interpretat skont il-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari l-Artikolu 24. Il-QEDB żviluppat ukoll korp estensiv ta' każistika li tittratta kemm materji sostantivi kif ukoll proċedurali tat-tqegħid t-tfal taħt ħarsien alternattiv. Il-kapitolu jinkludi wkoll kwistjonijiet relatati ma' ġenituri tal-istess sess u ftehimiet ta' maternità surrogata.

It-Taqsima 6.1 tibda billi tintroduċi ftit mill-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-sitwazzjoni ta' tfal mċaħħda mill-ħarsien minn familja, it-Taqsima 6.2 tiddeskrivi l-liġi li tikkonċerna t-tqegħid tat-tfal taħt ħarsien alternattiv u t-Taqsima 6.3 tikkunsidra l-istandards Ewropej dwar l-adozzjoni.

## 6.1. Ħarsien alternattiv: prinċipji ġenerali

**Punti ewlenin**

- Il-ħarsien alternattiv huwa ġeneralment miżura protettiva temporanja.
- Id-dritt internazzjonali jikkonferma li l-ħarsien ibbażat fuq il-familja għandu jkun ippreferut fuq ħarsien residenzjali.
- It-tfal għandhom id-dritt għal informazzjoni u li jesprimu l-opinjoni tagħhom fir-rigward tat-tqegħid tagħhom f'ħarsien alternattiv.

**Id-dritt tal-UE, tal-KtE u dak internazzjonali** jipprovdu gwida dwar id-drittijiet tat-tfal fir-rigward tal-kura alternattiva.[270]

270 Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2011), Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2011)12 dwar id-drittijiet tat-tfal u servizzi soċjali adattati għat-tfal u l-familji, is-16 ta' Novembru 2011; il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2005), Ir-Rakkomandazzjoni Rec(2005)5 dwar id-drittijiet tat-tfal li jgħixu f'istituzzjonijiet residenzjali, is-16 ta' Marzu 2005; il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2010), Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)2 dwar id-deistituzzjonalizzazzjoni u l-għajxien fil-komunità ta' tfal b'diżabilità, it-3 ta' Frar 2010; il-Kunsill tal-Ewropa (2009), *It-tfal u ż-żgħażagħ f'kura alternattiva*, 2009.

Kif tistabbilixxi s-CRC, it-tfal għandhom id-dritt li jingħataw kura mill-ġenituri tagħhom (l-Artikolu 7) u li jitqiegħdu f'kura alternattiva bħala miżura temporanja jew permanenti meta dan ikun fl-aħjar interess tagħhom (l-Artikolu 20). Il-ħarsien alternattiv huwa miżura protettiva li tiżgura s-sigurtà interim tat-tfal u tiffaċilita r-ritorn tat-tfal mal-familji tagħhom fejn possibbli.[271] Idealment, għalhekk hija soluzzjoni temporanja. Xi drabi, hija miżura protettiva sakemm isseħħ ir-riunifikazzjoni tal-familja, pereżempju tfal migranti mhux akkumpanjati jew mifrudin mill-familji tagħhom.[272] Drabi oħra hija miżura protettiva sakemm iseħħu żviluppi fil-ħajja tal-familja, pereżempju, titjib fis-saħħa ta' ġenitur jew dispożizzjoni ta' sostenn għall-ġenituri. Wild minuri li jitqiegħed f'kura alternattiva għandu d-dritt li jiġi infurmat dwar id-drittijiet u l-għażliet tiegħu, kif ukoll id-dritt "li jiġi kkonsultat u li l-fehmiet tiegħu jitqiesu kif xieraq f'konformità mal-kapaċitajiet li qed jevolvu tiegħu".[273]

Id-dritt internazzjonali, inkluża s-CRPD, jikkonferma li ħarsien ibbażat fuq il-familja (bħal foster care) huwa l-forma ottima ta' ħarsien alternattiv biex jiġu assigurati l-protezzjoni u l-iżvilupp tat-tfal. Dan huwa enfasizzat ukoll fil-*Linji gwida tan-NU għall-kura alternattiva tat-tfal*.[274] Fir-rigward tat-tfal b'diżabilitajiet, is-CRPD espressament tiddikjara li "l-Istati Partijiet għandhom, fejn il-familja immedjata ma tistax tieħu ħsieb tfal b'diżabilitajiet, jagħmlu kull sforz sabiex jipprovdu ħarsien alternattiv fi ħdan il-familja usa', u fin-nuqqas ta' dan, fi ħdan il-komunità f'ambjent ta' familja".[275] Kura mhux ibbażata fuq familja (eż. ħarsien residenzjali) "għandha tkun limitata għal każijiet fejn dak l-ambjent ikun

271 In-Nazzjonijiet Uniti, l-Assemblea Ġenerali (2010), *Linji Gwida għall-Ħarsien Alternattiv tat-Tfal,* A/RES/64/142, l-24 ta' Frar 2010, il-paragrafi 48–51; in-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2013), Kumment Ġenerali Nru. 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li l-aħjar interessi tagħhom jittieħdu bħala kunsiderazzjoni primarja, Dok. tan-NU CRC/C/GC/14, id-29 ta' Mejju 2013, il-paragrafi 58–70.

272 In-Nazzjonijiet Uniti, l-Assemblea Ġenerali (1989), Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-20 ta' Novembru 1989, l-Art. 22; in-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2005), *Kumment Ġenerali Nru. 6 (2005): Trattament ta' tfal mhux akkumpanjati u mifrudin barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom*, Dok. tan-NU CRC/GC/2005/6, l-1 ta' Settembru 2005, il-paragrafi 81–83.

273 In-Nazzjonijiet Uniti, l-Assemblea Ġenerali (2010), *Linji Gwida għall-Ħarsien Alternattiv tat-Tfal*, l-24 ta' Frar 2010, A/RES/64/142, il-para. 6.

274 In-Nazzjonijiet Uniti, l-Assemblea Ġenerali (2010), *Linji Gwida għall-Ħarsien Alternattiv tat-Tfal*, A/RES/64/142, l-24 ta' Frar 2010, il-paragrafi 20–22; in-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2006), *Kumment Ġenerali Nru. 7 (2005): L-implimentazzjoni tad-drittijiet tat-tfal fit-tfulija bikrija*, Dok. tan-NU CRC/C/GC/7/Rev.136 (b), l-20 ta' Settembru 2006, il-para. 18. In-Nazzjonijiet Uniti (2006), Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, it-13 ta' Diċembru 2006, l-Art. 23(5) (ara wkoll l-Art. 7).

275 In-Nazzjonijiet Uniti (2006), Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, it-13 ta' Diċembru 2006, l-Art. 23(5).

speċifikament xieraq, neċessarju u kostruttiv għall-minuri kkonċernat u l-aħjar interessi tiegħu/tagħha".[276] F'konformità ma' dan l-approċċ, ir-Rakkomandazzjoni tal-KtE CM/Rec(2010)2 dwar id-deistituzzjonalizzazzjoni u l-għajxien fil-komunità ta' tfal b'diżabilità tistieden lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri leġiżlattivi, amministrattivi u oħrajn xierqa biex jissostitwixxu l-kura istituzzjonali b'servizzi bbażati fil-komunità f'perjodu ta' żmien raġonevoli u permezz ta' approċċ komprensiv.

Id-dritt tal-minuri għal tutur jew rappreżentat huwa l-mezz ewlieni sabiex jiġu żgurati d-drittijiet wiesgħa tagħhom.[277] Ħafna drabi l-mandat ta' tutur legali jkun li jissalvagwardja l-aħjar interessi tal-wild minuri, jiżgura l-benesseri ġenerali tiegħu jew tagħha u jeżerċita rappreżentanza legali, filwaqt li jikkomplementa l-kapaċità ġuridika limitata tiegħu.[278] Seba' strumenti legali tal-UE jirrikjedu li l-Istati Membri jaħtru tutur għat-tfal f'kuntesti differenti, xi wħud

276 In-Nazzjonijiet Uniti, l-Assemblea Ġenerali (2010), *Linji Gwida għall-Ħarsien Alternattiv tat-Tfal*, l-24 ta' Frar 2010, A/RES/64/142, il-para. 21.

277 FRA (2014), *Guardianship for children deprived of parental care: A handbook to reinforce guardianship systems to cater for the specific needs of child victims of trafficking* (Tutela għat-tfal imċaħħda mill-kura mill-ġenituri: Manwal għar-rinfurzar tas-sistemi tat-tutela biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' tfal vittmi tal-ittraffikar), it-30 ta' Ġunju 2014, p. 31.

278 *Ibid.*, p. 15.

minnhom direttament relatati mat-tfal mingħajr kura tal-ġenituri.[279] Fil-livell tal-KtE, il-Konvenzjoni dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin[280] u r-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2019)11 dwar tutela effettiva għal tfal mhux akkumpanjati u mifrudin fil-migrazzjoni jipprovdu gwida dwar aspetti ta' tutela u rappreżentanza legali.

**Taħt id-dritt tal-UE**, il-QĠUE ddeċidiet li r-Regolament Riformulat Brussell IIa japplika għal deċiżjonijiet ta' tqegħid ta' minuri taħt ħarsien alternattiv. Ir-regolament, kif innotat fil-Kapitolu 5, jinkorpora l-prinċipji tad-drittijiet tat-tfal fl-approċċ tiegħu. Hawnhekk ir-"raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri", kif espress fl-Artikolu 39 tar-Regolament Riformulat Brussell IIa, huma istruttivi. L-Artikolu 39 jiddikjara li r-rikonoxximent ta' deċiżjoni għandu jiġi rrifjutat jekk id-deċiżjoni tkun ingħatat mingħajr ma jinstema' wild minuri li jkun kapaċi jifforma l-opinjoni tiegħu stess. Dan ma japplikax jekk il-proċedimenti kienu jikkonċernaw biss

279 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/36/UE tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI, ĠU 2011 L 101 (id-Direttiva dwar it-Traffikar tal-Bnedmin); l-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/93/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI, ĠU 2011 L 335; l-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2012), Id-Direttiva 2012/29/UE tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, ĠU 2012 L 315 (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi); l-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011) Id-Direttiva 2011/95/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni), ĠU 2011 L 337 (id-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika (riformulazzjoni)); l-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Id-Direttiva 2013/33/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni), ĠU 2013 L 180 (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza (riformulazzjoni)); l-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Id-Direttiva 2013/32/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni), ĠU 2013 L 180 (id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil (riformulazzjoni)); l-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Ir-Regolament (UE) Nru. 604/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni), ĠU 2013 L 180.

280 Il-Kunsill tal-Ewropa (2005), Il-Konvenzjoni dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, CETS Nru. 197, 2005, l-Art. 10(4); ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2019), Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2019)11 dwar tutela effettiva għal tfal mhux akkumpanjati u mifrudin fil-kuntest tal-migrazzjoni, 2019.

il-proprjetà tal-wild minuri jew jekk kien hemm raġunijiet serji li jqisu, b'mod partikolari, l-urġenza tal-każ.

Taħt ir-regolament, il-ġuriżdizzjoni hija determinata fuq il-bażi tar-residenza abitwali tal-minuri, b'diversi eċċezzjonijiet limitati, inkluż l-aħjar interessi tal-minuri (l-Artikolu 10 tar-Regolament Brussell IIa).

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB ssib li, meta l-familja ma tistax tipprovdi l-minuri bil-ħarsien u l-protezzjoni meħtieġa, tista' tkun meħtieġa tneħħija għal ħarsien alternattiv. Il-QEDB spjegat li f'ħafna mill-każijiet it-tqegħid ta' minuri taħt ħarsien alternattiv għandha tkun intenzjonata bħala miżura temporanja u li l-minuri għandu finalment jerġa' jingħaqad mal-familja tiegħu/tagħha b'konformità mad-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja taħt l-Artikolu 8 tal-KEDB.[281]

L-Artikolu 17 tal-ESC jirrikjedi li l-Istati "jieħdu l-miżuri xierqa u meħtieġa kollha mfassla biex jipprovdu protezzjoni u għajnuna speċjali mill-Istat għat-tfal u ż-żgħażagħ temporanjament jew definittivament imċaħħda mill-appoġġ tal-familja tagħhom".[282] L-ECSR iddeċieda li t-tqegħid b'mod regolari ta' tfal żgħar f'ċentri tat-tfal, speċjalment dawk li huma l-aktar vulnerabbli, bħar-Rom u t-tfal b'diżabilità, u n-nuqqas li jiġu stabbiliti forom alternattivi ta' kura mhux istituzzjonali u simili għall-familja jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 17 tal-ESC.[283]

281 QEDB, *K.A. vs il-Finlandja*, Nru. 27751/95, l-14 ta' Jannar 2003. Il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa approva dan l-approċċ fir-rakkomandazzjoni tiegħu fuq id-drittijiet tat-tfal li jgħixu f'istituzzjonijiet residenzjali, adottata fis-16 ta' Marzu 2005.

282 Il-Kunsill tal-Ewropa (1996), Karta Soċjali Ewropea (riveduta), CETS Nru. 163, 1996, l-Art. 17(1)(c).

283 ESCR, *Iċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Rom (ERRC) u l-Mental Disability Advocacy Centre (MDAC) vs ir-Repubblika Ċeka*, Ilment Nru. 157/2017, is-17 ta' Ġunju 2020.

# 6.2. It-tqegħid tat-tfal taħt ħarsien alternattiv

**Punti ewlenin**

- Skont id-dritt tal-KtE u dak tal-Unjoni, il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet irid ikun fih garanziji proċedurali.
- Skont id-dritt tal-KtE, it-tqegħid ta' minuri taħt ħarsien alternattiv huwa permess biss kemm-il darba dan ikun previst bil-liġi, isegwi għan leġittimu u jkun neċessarju f'soċjetà demokratika. Raġunijiet rilevanti u suffiċjenti għandhom jitressqu mill-awtoritajiet kompetenti.

**Skont id-dritt tal-UE**, ir-Regolament Riformulat Brussell IIa jistabbilixxi li, meta qorti jew awtorità kompetenti ta' Stat Membru tkun qed tikkunsidra li tqiegħed wild minuri fi Stat Membru ieħor, hija għandha tikseb il-kunsens tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih jitqiegħed il-wild minuri qabel ma tordna jew torganizza t-tqegħid.[284] Barra minn hekk, f'konformità mal-każistika tal-QĠUE, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli u proċeduri ċari għall-kisba ta' kunsens skont dan ir-regolament, sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-ħeffa. Il-fatt li l-istituzzjoni fejn għandu jitqiegħed il-wild minuri tagħti l-kunsens tagħha mhuwiex biżżejjed.[285]

**Taħt id-dritt tal-KtE**[286], it-tqegħid ta' minuri taħt ħarsien alternattiv huwa kompatibbli biss mal-Artikolu 8 tal-KEDB meta jkun konformi mal-liġi, isegwi għan leġittimu (bħall-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri) u jkun meqjus bħala neċessarju f'soċjetà demokratika. L-aħħar aspett jeħtieġ li l-qrati jagħtu raġunijiet li huma kemm rilevanti kif ukoll suffiċjenti biex isostnu l-mezzi użati biex isegwu l-għan mixtieq.

284 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2019), Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri, il-premessa 83 u l-Art. 82.

285 QĠUE, C-92/12 PPU, *Health Service Executive vs S.C. u A.C.*, is-26 ta' April 2012.

286 It-tqegħid ta' minuri taħt ħarsien alternattiv kien ukoll suġġett ta' dibattitu politiku fil-KtE għal ħafna snin. Ara pereżempju r-Riżoluzzjoni tal-Kumitat tal-Ministri (77) 33 dwar it-tqegħid tal-minuri, adottata fit-3 ta' Novembru 1977.

Eżempju: F'*Y.I. vs ir-Russja*[287], ir-rikorrenti ġiet imċaħħda mill-awtorità ta' ġenitur u l-iżgħar żewġt itfal tagħha tqiegħdu f'kura pubblika, minħabba li hija kienet dipendenti fuq id-droga u ma kellhiex impjieg. Il-QEDB qieset li t-tneħħija tat-tfal u t-tqegħid inizjali tagħhom f'kura pubblika fil-bidu tal-proċedimenti kriminali kontra r-rikorrenti kienu ġġustifikati, iżda mhux il-miżura estensiva ta' ċaħda tal-awtorità ta' ġenituri. Il-qrati domestiċi kienu naqsu milli jipprovdu xi evidenza konkreta li r-rikorrenti kienet ħalliet lil uliedha weħidhom, ma pprovdietx kura għalihom jew kienet ittraskurathom b'xi mod ieħor, aħseb u ara kemm poġġiet saħħithom jew ħajjithom fil-periklu. L-awtoritajiet domestiċi ma kinux ikkunsidraw miżura inqas drastika, bħar-restrizzjoni aktar milli ċ-ċaħda tal-awtorità ta' ġenituri, u lanqas ma kienu wissewha dwar il-konsegwenzi possibbli tal-imġiba allegatament negliġenti tagħha. Il-QEDB ikkonkludiet li l-awtoritajiet domestiċi kienu naqsu milli juru b'mod konvinċenti li, minkejja d-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet inqas radikali, il-miżura kkontestata kienet tikkostitwixxi l-aktar għażla xierqa li tikkorrespondi għall-aħjar interessi tat-tfal, bi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Eżempju: F'*Wallová u Walla vs ir-Repubblika Ċeka*[288] r-rikorrenti lmentaw dwar it-tqegħid tal-ħames ulied tagħhom f'żewġt idjar separati tat-tfal minħabba l-qagħda batuta tal-akkomodazzjoni tagħhom. L-ordnijiet għall-ħarsien fl-aħħar mill-aħħar tneħħew meta s-sitwazzjoni ekonomika u tal-akkomodazzjoni tal-ġenituri tjiebet. Il-QEDB sabet li r-raġuni fundamentali għad-deċiżjoni li t-tfal jitqiegħdu taħt ħarsien kienet nuqqas ta' akkomodazzjoni xierqa u għaldaqstant setgħet intużat miżura anqas drastika biex tindirizza s-sitwazzjoni tagħhom. Taħt il-liġi Ċeka, kien hemm possibbiltà ta' monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tal-iġjene tal-familja, u li jingħataw parir dwar kif itejbu s-sitwazzjoni tagħhom, imma din l-alternattiva ma ntużatx. Filwaqt li r-raġunijiet mogħtija għat-tqegħid tat-tfal taħt ħarsien kienu rilevanti, ma kinux suffiċjenti, u l-awtoritajiet ma għamlux biżżejjed sforzi biex jgħinu lir-rikorrenti jegħlbu d-diffikultajiet tagħhom permezz ta' miżuri alternattivi. Waqt li kkonkludiet li kien hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB, il-Qorti ħadet nota wkoll tal-konklużjonijiet tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li osserva li l-prinċipju ta' kunsiderazzjoni primarja tal-aħjar interessi tal-minuri ma kienx għadu

287 QEDB, *Y.I. vs ir-Russja*, Nru. 68868/14, il-25 ta' Frar 2020.

288 QEDB, *Wallová u Walla vs ir-Repubblika Ċeka*, Nru. 23848/04, is-26 ta' Ottubru 2006.

definit u rifless adegwatament fil-leġiżlazzjoni Ċeka kollha, fid-deċiżjonijiet tal-qorti u fil-politiki li jaffettwaw lit-tfal.[289]

Eżempju: F'*Paradiso u Campanelli vs l-Italja*[290], koppja talbet ir-reġistrazzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid ta' tifel imwieled permezz ta' arranġament ta' maternità surrogata fir-Russja. Billi ħadd mir-rikorrenti ma kellu rabtiet bijoloġiċi mat-tifel, u tqiesu li kienu ġabu lit-tifel fl-Italja illegalment, it-tifel tqiegħed f'dar foster bil-ħsieb li jiġi adottat. Għall-awtoritajiet, it-tħassib primarju kien li titwaqqaf sitwazzjoni illegali. Għalkemm it-tifel ma kienx rikorrent fil-kawża, l-aħjar interessi tiegħu u l-mod kif il-qrati domestiċi kienu indirizzawhom kienu rilevanti. Il-QEDB aċċettat li l-qrati Taljani, wara li vvalutaw li t-tifel ma kienx se jsofri ħsara gravi jew irreparabbli mis-separazzjoni, kienu laħqu bilanċ ġust bejn l-interessi differenti inkwistjoni, filwaqt li baqgħu fil-marġni wiesa' ta' diskrezzjoni disponibbli għalihom, u b'hekk ma sabet l-ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Il-QEDB teħtieġ skont l-Artikolu 8 tal-KEDB li t-teħid tad-deċiżjoni li tikkonċerna rispett għall-ħajja tal-familja għandu jsegwi ċerti garanziji proċedurali. Hija ddikjarat li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni (proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji) li jwassal għal miżuri ta' interferenza mal-ħajja tal-familja għandu jkun ġust u jagħti r-rispett xieraq lill-interessi protetti mill-Artikolu 8. Li huwa kunsidrat taħt l-Artikolu 8 huwa jekk "il-ġenituri kinux involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni [...] sa punt suffiċjenti biex tipprovdihom bi protezzjoni meħtieġa tal-interessi tagħhom".[291] Din tinkludi li żżommhom infurmati dwar żviluppi, tiżgura li jistgħu jipparteċipaw f'deċiżjonijiet meħudin fuqhom[292] u, f'ċerti ċirkostanzi, tisma' mingħand it-tfal ikkonċernati.[293]

Eżempju: F'*B. vs ir-Rumanija (Nru. 2)*[294], ir-rikorrenti ġiet djanjostikata bi skiżofrenija paranojde u meħuda mill-pulizija f'numru ta' okkażjonijiet f'istituzzjonijiet psikjatriċi għal trattament. Uliedha ma baqgħux jgħixu magħha u tpoġġew f'dar ta' ħarsien minħabba l-marda ta' ommhom.

289 Ara wkoll QEDB, *Saviny vs l-Ukrajna*, Nru. 39948/06, it-18 ta' Diċembru 2008.

290 QEDB, *Paradiso u Campanelli vs l-Italja*, Nru. 25358/12, l-24 ta' Jannar 2017.

291 QEDB, *W. vs ir-Renju Unit*, Nru. 9749/82, id-9 ta' Ġunju 1988, il-punt 64.

292 QEDB, *McMichael vs ir-Renju Unit*, Nru. 16424/90, l-24 ta' Frar 1995.

293 QEDB, *B. vs ir-Rumanija (Nru. 2)*, Nru. 1285/03, id-19 ta' Frar 2013; QEDB, *B.B. u F.B. vs il-Ġermanja*, Nri. 18734/09 u 9424/11, l-14 ta' Marzu 2013.

294 QEDB, *B. vs ir-Rumanija (Nru. 2)*, Nru. 1285/03, id-19 ta' Frar 2013.

Il-QEDB kellha teżamina jekk, wara li kkunsidrat in-natura serja tad-deċiżjoniijiet li kellhom jittieħdu fir-rigward tat-tqegħid tat-tfal taħt ħarsien, il-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni, meqjus kollu kemm hu, ipprovdiex lill-ġenituri b'livell suffiċjenti tal-protezzjoni meħtieġa tal-interessi tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Qorti osservat li r-rikorrenti, li kienet qed issofri minn disturb mentali sever, ma kienet assenjata la avukat u lanqas tutur *ad litem* biex jirrappreżentawha waqt il-proċedimenti, u b'hekk kien impossibbli għaliha li tieħu sehem fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni li jikkonċerna l-ulied minuri tagħha. Minbarra dan, is-sitwazzjoni tar-rikorrenti u s-sitwazzjoni ta' wlieda kienet eżaminata minn qorti f'żewġ okkażjonijiet biss matul perjodu ta' 12-il sena qabel iż-żewġt itfal laħqu l-età ta' adulti, u ma kien hemm ebda evidenza ta' kuntatt regolari bejn il-ħaddiema soċjali u r-rikorrenti, li setgħet altrimenti provdiet mezzi xierqa li jirrappreżentaw l-opinjonijiet tagħha lill-awtoritajiet. Fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-Qorti kkonkludiet li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni madwar it-tqegħid fil-kura ta' wliedha ma pproteġiex adegwatament l-interessi tagħha, u li b'hekk kien hemm ksur tad-drittijiet tagħha taħt l-Artikolu 8 tal-KEDB.

Eżempju: F'*B.B. u F.B. vs il-Ġermanja*[295], wara allegazzjonijiet mill-bint ta' 12-il sena tar-rikorrent li hi u ħuha ta' tmien snin li kienu ġew imsawta ripetutament minn missierhom, id-drittijiet parentali fir-rigward taż-żewġt itfal ġew ittrasferiti lill-Uffiċċju tat-Tfal u t-tfal tqiegħdu f'dar tat-tfal. Il-Qorti tad-Distrett għamlet ordni sħiħa li tittrasferixxi l-awtorità parentali mir-rikorrenti għall-Uffiċċju tat-Tfal, li tilħaq id-deċiżjoni tagħha fuq il-bażi ta' evidenza diretta mit-tfal. Madwar sena wara, fl-ewwel laqgħa susseġwenti mal-ġenituri tagħhom, il-bint ammettiet li kienet gidbet li ġiet imsawta, u t-tfal eventwalment ġew ritornati lill-ġenituri tagħhom.

Meta kkunsidrat l-ilment tar-rikorrenti li l-awtoritajiet naqsu milli jeżaminaw adegwatament il-fatti rilevanti, il-QEDB enfasizzat li valutazzjonijiet żbaljati minn professjonijiet ma jfissirx neċessarjament li l-miżuri meħudin kienu inkumpatibbli mal-Artikolu 8 tal-KEDB. Id-deċiżjoni ta' tqegħid setgħet tiġi vvalutata biss fid-dawl tas-sitwazzjoni kif preżentata lill-awtoritajiet domestiċi f'dak il-mument. Fil-valutazzjoni tal-QEDB, il-fatt li l-Qorti tad-Distrett qagħdet biss fuq id-dikjarazzjonijiet tat-tfal, waqt li r-rikorrenti kienu ssottomettew dikjarazzjonijiet minn professjonisti mediċi li ma nnutaw ebda sinjal ta' trattament ħażin, ikkombinati mal-fatt li l-Qorti ta' Appell ma reġgħetx eżaminat lit-tfal,

295 QEDB, *B.B. u F.B. vs il-Ġermanja*, Nru. 18734/09 u 9424/11, l-14 ta' Marzu 2013.

kienu sinifikanti. Minħabba li t-tfal kienu f'post sikur fil-ħin tas-smigħ kollu, ma kienx hemm ħtieġa għal għaġla, u l-qrati setgħu stabbilixxew investigazzjoni tal-fatti fuq l-inizjattiva tagħhom, li naqsu milli jagħmlu. Fil-qosor, il-qrati Ġermaniżi naqsu milli jagħtu raġunijiet suffiċjenti għad-deċiżjoni tagħhom li jċaħħdu l-awtorità parentali tar-rikorrenti, bi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Anka meta mqiegħda taħt ħarsien alternattiv, it-tfal iżommu d-dritt li jżommu kuntatt mal-ġenituri tagħhom. Dan id-dritt ġie rikonoxxut taħt il-KEDB[296], peress li l-QEDB iddeċidiet li l-kuntatt reċiproku bejn il-ġenituri u l-ulied huwa parti fundamentali tal-ħajja tal-familja taħt l-Artikolu 8. Minħabba li t-tqegħid f'ħarsien alternattiv normalment għandu jkun miżura temporanja, huwa essenzjali li jinżammu relazzjonijiet familjari biex jiġi żgurat ir-ritorn b'suċċess tal-minuri mal-familja tiegħu/tagħha.[297] Taħt id-dritt tal-KEDB, minn dawn il-prinċipji jirriżultaw dmirijiet pożittivi, kif jidher fil-każijiet li ġejjin.

Eżempju: F'*T. vs ir-Repubblika Ċeka,*[298] il-QEDB ikkunsidrat jekk id-drittijiet tal-missier u t-tifla (rikorrenti) kinux ġew miksura bit-tqegħid tat-tifla taħt ħarsien u n-nuqqas tal-awtoritajiet li jappoġġaw il-kuntatt bejnethom. It-tifla kienet tpoġġiet f'istituzzjoni speċjalista wara l-mewt ta' ommha u wara li r-rikorsi tal-missier għal kustodja ta' bintu kienu ġew miċħuda minħabba tħassib dwar il-personalità tiegħu. Rikjesti ulterjuri biex igawdi l-vaganzi ma' bintu ġew miċħuda u ċentru terapewtiku kkonkluda li ż-żjarat ma kinux ta' benefiċċju għat-tifla minħabba li kienet imbeżżgħa minnu, u dak il-mument intemm kull kuntatt. Iktar tard, il-qorti ddeċidiet li kuntatt bejn iż-żewġ rikorrenti għandu jsir biss bil-kitba, skont ix-xewqat tat-tifla.

Il-QEDB enfasizzat *inter alia* l-interessi tat-tfal li jżommu rabtiet mal-familja tagħhom, ħlief f'każijiet estremi partikolari fejn dan ma jkunx fl-aħjar interess tagħhom. Fl-eżaminazzjoni tad-deċiżjoni li t-tifla titqiegħed taħt ħarsien, il-QEDB innutat b'approvazzjoni li l-awtoritajiet domestiċi taw kunsiderazzjoni bir-reqqa lid-deċiżjoni tagħhom, li saret wara li semgħet opinjonijiet psikoloġiċi u psikjatriċi esperti kif ukoll wara li kkunsidrat ix-xewqat tat-tifla. B'hekk ma kienx hemm ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB fir-rigward tad-deċiżjoni li t-tifla titqiegħed taħt ħarsien. Madankollu, il-Qort sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 8 b'riżultat

296 QEDB, *Olsson vs l-Iżvezja (Nru. 1)*, Nru. 10465/83, l-24 ta' Marzu 1988.

297 QEDB, *Eriksson vs l-Iżvezja*, Nru. 11373/85, it-22 ta' Ġunju 1989.

298 QEDB, *T. vs ir-Repubblika Ċeka*, Nru. 19315/11, is-17 ta' Lulju 2014.

tar-restrizzjonijiet imposti fuq il-kuntatt bejn ir-rikorrenti, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' sorveljanza ta' deċiżjonijiet mill-istituzzjoni residenzjali tat-tifla biex iċaħħdu kuntatt, minħabba li dawn id-deċiżjonijiet finalment naqqsu l-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja.

Eżempju: F'*Jansen vs in-Norveġja*[299], ir-rikorrenti kienet Rom. Bintha kienet ittieħdet f'foster care ta' emerġenza f'indirizz sigriet meta kellha madwar sena u r-rikorrenti tħalliet ikollha siegħa ta' kuntatt taħt superviżjoni fil-ġimgħa minħabba r-riskju li t-tifla setgħet tinħataf. Il-kuntatti mbagħad tnaqqsu għal erba' żjarat fis-sena qabel ma ġew sospiżi għalkollox, minħabba li l-Qorti Suprema kkunsidrat li kien hemm riskju ta' ħtif matul is-sessjonijiet ta' kuntatt u riskju li l-indirizz u l-identità tal-familja foster setgħu jsiru magħrufa mill-familja tar-rikorrenti. Il-QEDB qieset li l-konsegwenzi negattivi potenzjali fit-tul għat-tifla li titlef l-identità Rom tagħha u l-kuntatt ma' ommha, flimkien mad-dmir pożittiv li jittieħdu miżuri biex tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni tal-familja hekk kif ikun raġonevolment fattibbli, ma kinux ġew evalwati biżżejjed fl-eżerċizzju ta' bbilanċjar, li rriżulta fi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

## 6.3. Adozzjoni

**Punti ewlenin**

- L-adozzjoni tiżgura ħarsien alternattiv għat-tfal li ma jistgħux jibqgħu mal-familji bijoloġiċi tagħhom.
- L-aħjar interessi tat-tfal għandhom jingħataw l-ogħla kunsiderazzjoni fl-adozzjoni.
- Skont id-dritt tal-UE u tal-KtE proċess ta' adozzjoni għandu jimxi ma' ċerti kriterji biex jiġu żgurati l-aħjar interess tal-minuri.

**Skont id-dritt tal-UE**, id-drittijiet u l-obbligi legali assoċjati fl-Artikolu 24 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali huma applikabbli għall-adozzjoni sa fejn dan ikun indirizzat mill-UE.

299 QEDB, *Jansen vs in-Norveġja*, Nru. 2822/16, is-6 ta' Settembru 2018.

**Skont id-dritt tal-KtE**, id-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja kif espress fl-Artikolu 8 tal-KEDB huwa applikabbli u jiġi invokat f'każijiet ta' adozzjoni. Barra minn hekk, l-adozzjoni hija regolata mill-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Adozzjoni tat-Tfal (riveduta)[300], li teħtieġ approċċ għall-adozzjoni bbażat fuq id-drittijiet tat-tfal. Il-Konvenzjoni tgħid, pereżempju, li "l-awtorità kompetenti m'għandhiex tawtorizza adozzjoni sakemm ma tkunx sodisfatta li l-adozzjoni se tkun fl-aħjar interessi tal-minuri".[301] Il-Konvenzjoni tirrikjedi wkoll li adozzjoni m'għandhiex tkun awtorizzata mill-awtorità kompetenti mingħajr "il-kunsens tal-minuri li jitqies mil-liġi li jista' jifhem biżżejjed".[302] Minuri li jitqies li ma jifhimx dan għandu "sa fejn hu possibbli, ikun ikkonsultat u l-opinjonijiet u x-xewqat tiegħu jew tagħha għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni skont il-livell ta' maturità tiegħu jew tagħha".[303] Il-QEDB enfasizzat li l-aħjar interessi tal-wild minuri jistgħu jegħlbu lil dawk tal-ġenitur fl-adozzjoni. Għaldaqstant, għandu jitwettaq eżerċizzju ta' bbilanċjar bejn l-interessi tat-tfal u dawk tal-familja bijoloġika tagħhom, filwaqt li titqies kwalunkwe possibbiltà li t-tfal ikunu jistgħu jerġgħu jingħaqdu mal-familja bijoloġika tagħhom. Il-Qorti tirrikjedi li l-proċeduri relatati mal-adozzjoni jkunu akkumpanjati minn salvagwardji proporzjonati mal-gravità tal-interferenza u s-serjetà tal-interessi inkwistjoni.[304] Skont il-QEDB, kwalunkwe miżura radikali, bħall-annullament ta' adozzjoni, trid tiġi appoġġata minn raġunijiet rilevanti u suffiċjenti, u ma għandhiex tiġi prevista jekk tmur kontra l-interessi ta' wild minuri adottat.[305]

> Eżempju: Fi *Strand Lobben u Oħrajn vs in-Norveġja,*[306] wara li welldet lil binha, l-ewwel rikorrenti aċċettat ir-rakkomandazzjoni tal-awtoritajiet tal-benesseri tat-tfal li tibqa' f'ċentru tal-familja għal evalwazzjoni. Tliet ġimgħat wara, meta ddeċidiet li titlaq miċ-ċentru, l-awtoritajiet ħadu t-tifel f'kura obbligatorja immedjata u qiegħduh f'foster home fuq bażi ta' emerġenza, minħabba li kienu mħassba dwar in-nutrizzjoni tat-tifel. It-tifel baqa' f'foster care għal tliet snin, sakemm l-awtoritajiet tal-assistenza

300 Il-Kunsill tal-Ewropa (2008), Il-Konvenzjoni dwar l-Adozzjoni tat-Tfal (riveduta), CETS Nru. 202, is-27 ta' Novembru 2008.

301 *Ibid.*, l-Art. 4(1).

302 *Ibid.*, l-Art. 5(1)(b).

303 *Ibid.*, l-Art. 6.

304 QEDB, *Strand Lobben u Oħrajn vs in-Norveġja* [GC], Nru. 37283/13, l-10 ta' Settembru 2019; QEDB, *Uzbyakov vs ir-Russja*, Nru. 71160/13, il-5 ta' Mejju 2020.

305 QEDB, *Zaieț vs ir-Rumanija*, Nru. 44958/05, l-24 ta' Marzu 2015.

306 QEDB, *Strand Lobben u Oħrajn vs in-Norveġja* [GC], Nru. 37283/13, l-10 ta' Settembru 2019.

soċjali taw l-awtorizzazzjoni lill-ġenituri foster biex jadottawh. Il-QEDB ikkonfermat li l-protezzjoni tar-rabtiet mal-familja bijoloġika kienet fundamentali, ħlief meta familja tkun uriet li hija partikolarment inadatta.[307] F'dan il-każ, l-awtoritajiet domestiċi ma kinux ipprovaw iwettqu eżerċizzju ġenwin ta' bbilanċjar bejn l-interessi tat-tifel u dawk tal-familja bijoloġika tiegħu. Il-Qorti sabet li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li kien wassal għad-deċiżjoni kkontestata li tawtorizza l-adozzjoni tiegħu ma kienx sar b'tali mod li jiżgura li l-fehmiet u l-interessi kollha tar-rikorrenti kienu ġew ikkunsidrati kif xieraq. B'hekk, il-proċedura inkwistjoni ma kinitx akkumpanjata minn salvagwardji li kienu proporzjonati mal-gravità tal-interferenza u s-serjetà tal-interessi inkwistjoni, bi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.[308]

Eżempju: F'*Abdi Ibrahim vs in-Norveġja*[309], ir-rikorrenti, mara Somala żagħżugħa ta' fidi Musulmana, talbet li binha jitqiegħed f'familja foster Somala jew Musulmana, li rriżulta li kien impossibbli, u b'hekk minflok tqiegħed f'waħda Kristjana. Meta l-awtoritajiet sussegwentement ippermettew l-adozzjoni tiegħu mill-familja foster, ir-rikorrenti ma talbitx għar-ritorn tat-tifel, iżda minflok talbet li jitkompla l-kuntatt ta' bejniethom sabiex binha jkun jista' jżomm l-għeruq kulturali u reliġjużi tiegħu. Il-qrati domestiċi invokaw l-Artikolu 20(3) tas-CRC, li jgħid li, meta jiġu vvalutati s-soluzzjonijiet possibbli għal wild minuri mċaħħad b'mod temporanju jew permanenti mill-ambjent tal-familja tiegħu, għandha tingħata l-attenzjoni dovuta lix-xewqa ta' kontinwità fit-trobbija ta' wild minuri u lill-isfond etniku, reliġjuż, kulturali u lingwistiku tal-minuri. Il-Qorti aċċettat li dan l-istandard kien jikkorrespondi għar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni u kien konformi magħhom. Madankollu, l-arranġamenti li saru wara t-tqegħid inizjali tat-tifel f'foster care fir-rigward tal-kapaċità tar-rikorrenti li jkollha kuntatt regolari miegħu, li laħqu l-qofol fid-deċiżjoni li tippermetti l-adozzjoni tiegħu, kienu naqsu milli jqisu kif xieraq l-interess tar-rikorrenti li tippermetti lit-tifel iżomm mill-inqas *xi* rabtiet mal-oriġini kulturali u reliġjużi tiegħu. Ir-raġunijiet invokati b'appoġġ għad-deċiżjoni kkontestata ma kinux biżżejjed biex juru li ċ-ċirkostanzi tal-kawża kienu tant eċċezzjonali li jiġġustifikaw terminazzjoni sħiħa u definittiva tar-rabtiet bejn ir-rikorrenti u binha, jew li d-deċiżjoni għal dak il-għan kienet motivata minn rekwiżit

307 *Ibid.*, il-punt 207.

308 Ara wkoll il-QEDB, *Suur vs l-Estonja*, Nru. 41736/18, l-20 ta' Ottubru 2020; QEDB, *Y.I. vs ir-Russja*, Nru. 68868/14, il-25 ta' Frar 2020; QEDB, *Pedersen u Oħrajn vs in-Norveġja*, Nru. 39710/15, l-10 ta' Marzu 2020.

309 QEDB, *Abdi Ibrahim vs in-Norveġja* [GC], Nru. 15379/16, is-17 ta' Diċembru 2021.

prevalenti li jappartjeni għall-aħjar interessi tat-tifel. Instab ksur tal-Artikolu 8, fid-dawl tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni.

Eżempju: F'*S.S. vs is-Slovenja*[310], ir-rikorrenti, li kienet tbati minn skiżofrenija paranojde, ġiet żvestita mid-drittijiet tagħha bħala ġenitur abbażi tal-inabbiltà tagħha li tieħu ħsieb lil bintha. Hija kienet abbandunat lil bintha madwar xahar wara li twieldet. It-tifla tqiegħdet f'foster care u fl-aħħar mill-aħħar ġiet adottata. Wara li ma sabu l-ebda possibbiltà realistika li hija terġa' tieħu ħsieb lil bintha, u wara li qiesu l-impatt negattiv li kellhom is-sessjonijiet ta' kuntatt fuqha u n-nuqqas ta' konnessjoni emozzjonali bejniethom, il-qrati domestiċi kienu qiesu li kien fl-aħjar interessi tat-tifla li jiġu rtirati d-drittijiet tar-rikorrenti bħala ġenitur. Barra minn hekk, it-tifla kienet għexet mal-familja adottiva tagħha minn mindu kienet tarbija u flimkien kienu stabbilew rabtiet b'saħħithom. Billi kien hemm ftit jew l-ebda prospett tar-riunifikazzjoni tal-familja bijoloġika, l-interess tat-tifla li tintegra bis-sħiħ fil-familja *de facto* tagħha kien ta' piż partikolarment qawwi fil-bilanċ meta vvalutat kontra x-xewqa tar-rikorrenti li żżomm rabtiet legali magħha. Barra minn hekk, il-miżura kkontestata ma kinitx żammet lir-rikorrenti milli jkollha relazzjoni personali mat-tifla, minħabba li, fil-prinċipju u minkejja l-adozzjoni, hija setgħet żammet kuntatt mat-tifla. Il-Qorti ma sabet l-ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Eżempju: F'*Kearns vs Franza*[311], il-QEDB sabet li kien kompatibbli mal-KEDB li mara Irlandiża, li poġġiet lil wildha għal adozzjoni fi Franza, ma setgħetx tirrevoka l-kunsens formali tagħha għal adozzjoni wara l-iskandenza ta' perjodu ta' xahrejn. Il-liġi Franċiża fittxet li tikseb bilanċ ġust u tiżgura l-proporzjonalità bejn l-interessi konfliġġenti tal-omm bijoloġika, tal-minuri u tal-familja adottiva. F'dan il-proċess, l-aħjar interessi tal-minuri kellhom jingħataw importanza suprema. Mill-evidenza ppreżentata l-Qorti, kien fl-aħjar interessi tal-minuri li jgawdi relazzjonijiet stabbli fi ħdan familja ġdida malajr kemm jista' jkun u kienu ttieħdu l-passi kollha meħtieġa biex ikun żgurat li r-rikorrenti fehmet l-implikazzjonijiet eżatti ta' għemilha.

Il-QEDB tafferma wkoll li t-teħid ta' deċiżjoni dwar adozzjoni għandu jsir b'mod konsistenti mal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stabbilita fl-Artikolu 14 tal-KEDB. Partikolarment, il-QEDB ikkunsidrat jekk l-esklużjoni tar-rikorrent

310 QEDB, *S.S. vs is-Slovenja*, Nru. 40938/16, it-30 ta' Ottubru 2018.

311 QEDB, *Kearns vs Franza*, Nru. 35991/04, l-10 ta' Jannar 2008.

mill-eliġġibbiltà li jadotta għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali, nazzjonalità jew età kinitx kompatibbli mal-Artikolu 14, flimkien mal-Artikolu 8. Meta għamlet dan, hi affermat li d-dmir li tieħu azzjoni proporzjonata bl-iskop li tipproteġi l-aħjar interessi tal-minuri huwa ta' importanza ċentrali.

Eżempju: F'*Schwizgebel vs l-Iżvizzera,*[312] ir-rikorrenti, mara xebba ta' 47 sena, ma setgħetx tadotta t-tieni wild minħabba d-differenza fl-età bejnha u l-wild li xtaqet tadotta. Ir-rikorrenti saħqet li kienet vittma ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' età. Il-QEDB ikkunsidrat li ċ-ċaħda ta' awtorizzazzjoni li tirċievi minuri bl-iskop ta' adozzjoni fil-każ tar-rikorrenti segwiet l-għan leġittimu li tipproteġi l-benesseri u d-drittijiet tal-minuri. Minħabba n-nuqqas ta' kunsens Ewropew li jikkonċerna d-dritt li tadotta bħala ġenitur wieħed, l-inqas u l-ogħla limiti ta' età għal min se jadotta u d-differenza fl-età bejn min se jadotta u l-minuri, u l-marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa konsegwenti ta' diskrezzjoni tal-istat f'dan il-qasam kif ukoll il-ħtieġa li tipproteġi l-aħjar interessi tal-minuri, ir-rifjut li tawtorizza t-tqegħid tat-tieni minuri ma kienx imur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità. Il-Qorti b'hekk sabet li l-ġustifikazzjoni mogħtija mill-gvern dehret oġġettiva u raġonevoli u li d-differenza fit-trattament li dwaru kien hemm ilment ma kinitix diskriminatorja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 14 tal-KEDB.

Eżempju: Il-kawża *E.B. vs Franza*[313] tikkonċerna r-rifjut tal-awtoritajiet nazzjonali li jagħtu approvazzjoni għall-finijiet ta' adozzjoni lir-rikorrenti, leżbjana li tgħix mas-sieħba tagħha li fittxet li tadotta bħala persuna waħedha. Il-QEDB tenniet li l-Artikolu 8 tal-KEDB fih innifsu ma awtorizzax dritt li tibni familja jew li tadotta. Madankollu, ilment diskriminatorju seta' jaqa' fi ħdan ambitu usa' ta' dritt partikolari, anki jekk il-kwistjoni kkonċernata ma kinitx tirrelata ma' benefiċċju speċifiku mogħti mill-KEDB. Minħabba li l-liġi Franċiża kienet tippermetti lil persuni waħedhom li jadottaw, dak id-dritt ma setax jiġi miċħud lil individwu għal raġunijiet diskriminatorji. Kif stabbilit mill-qrati domestiċi, ir-rikorrenti ppreżentat kwalitajiet personali indiskutibbli u kapaċità li trabbi t-tfal, li bla dubju kienu fl-aħjar interessi tat-tfal, kunċett ewlieni fl-istrumenti internazzjonali rilevanti. Il-Qorti ffurmat opinjoni li l-orjentazzjoni sesswali tar-rikorrenti kellha rwol determinanti fir-rifjut tal-awtoritajiet milli jħalluha tadotta, li kkostitwixxiet trattament

312 QEDB, *Schwizgebel vs l-Iżvizzera,* Nru. 25762/07, l-10 ta' Ġunju 2010.

313 QEDB, *E.B. vs Franza* [GC], Nru. 43546/02, it-22 ta' Jannar 2008.

diskriminatorju meta kumparata ma' individwi oħrajn waħedhom li kienu intitolati li jadottaw taħt il-liġi nazzjonali.

Eżempju: Il-kawża *Gas u Dubois vs Franza*[314] kkonċernat il-mistoqsija dwar jekk koppji tal-istess sess għandux ikollhom dritt ugwali għal adozzjoni mit-tieni ġenitur bħal koppji eterosesswali. Ir-rikorrenti kienu koppja tal-istess sess li kienu ngħaqdu fi sħubija ċivili. Ir-rikorrenti allegaw li kienet saret diskriminazzjoni kontrihom meta mqabbla ma' koppji eterosesswali miżżewġin u mhumiex. Dwar il-paragun ma' koppji mhux miżżewġa tas-sess oppost, il-QEDB ikkonkludiet li applikazzjoni għal adozzjoni sempliċi minn koppja eterosesswali kumparabbli fi sħubija ċivili wkoll kienet tiġi miċħuda taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi Franċiża. Il-QEDB għaldaqstant ikkonkludiet li ma kien hemm ebda differenza fit-trattament ibbażat fuq l-orjentazzjoni sesswali u b'hekk ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti taħt il-Konvenzjoni.

Eżempju: Il-kawża *X u Oħrajn vs l-Awstrija*[315] tikkonċerna sitwazzjoni simili, iżda skont il-liġi Awstrijaka, l-adozzjoni mit-tieni ġenitur għal koppji eterosesswali mhux miżżewġin kienet permissibbli. Il-Qorti kkonkludiet li fit-tali ċirkostanzi kien hemm differenza fit-trattament tar-rikorrenti għal raġunijiet tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom u li ma kienet ingħatat l-ebda raġuni b'saħħitha u konvinċenti biżżejjed mill-Gvern, bi ksur tal-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Eżempju: Il-kawża *A.H. u Oħrajn vs ir-Russja*[316] kienet tikkonċerna liġi Russa li tipprojbixxi l-adozzjoni ta' tfal Russi minn ċittadini tal-Istati Uniti tal-Amerika. Il-projbizzjoni ġenerali, li kienet tapplika b'mod retroattiv u mingħajr diskriminazzjoni għall-ġenituri adottivi prospettivi kollha mill-Istati Uniti, irrispettivament mill-istadju tal-proċedimenti tal-adozzjoni u ċ-ċirkostanzi individwali tagħhom, instabet li kienet tikser l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 8 tal-KEDB.

314 QEDB, *Gas u Dubois vs Franza*, Nru. 25951/07, il-15 ta' Marzu 2012.

315 QEDB, *X u Oħrajn vs l-Awstrija* [GC], Nru. 19010/07, id-19 ta' Frar 2013.

316 QEDB, *A.H. u Oħrajn vs ir-Russja*, Nri. 6033/13, 8927/13, 10549/13, 12275/13, 23890/13, 26309/13, 27161/13, 29197/13, 32224/13, 32331/13, 32351/13, 32368/13, 37173/13, 38490/13, 42340/13 u 42403/13, is-17 ta' Jannar 2017.

Il-QEDB tiffoka l-attenzjoni tagħha wkoll fuq il-merti li timxi mal-ispirtu u l-għan tad-dritt internazzjonali fir-rigward tat-teħid tad-deċiżjoni dwar l-adozzjoni.

Eżempju: F'*Harroudj vs Franza*[317], l-awtoritajiet Franċiżi rrifjutaw it-talba tar-rikorrenti għall-adozzjoni bis-sħiħ ta' tifla Alġerina li ġiet abbandunata mat-twelid u mqiegħda taħt il-ħarsien tar-rikorrenti taħt *kafala* — tutela taħt il-liġi Iżlamika. Ir-raġunijiet għal dak ir-rifjut kienu l-fatt li l-Kodiċi Ċivili Franċiża ma tippermettix l-adozzjoni ta' minuri li l-adozzjoni tiegħu tkun ipprojbita taħt il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tiegħu/tagħha (li huwa l-każ għal-liġi Alġerina), u l-fatt li *kafala* diġà tat awtorità parentali lir-rikorrenti li tippermettilha tieħu deċiżjonijiet fl-aħjar interessi tat-tifla. Appell sussegwenti ġie miċħud fuq il-bażi li l-liġi domestika kienet konsistenti mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u l-Kooperazzjoni rigward l-Adozzjoni bejn il-Pajjiżi u li l-Artikolu 20 tas-CRC irrikonoxxa l-*kafala* bħala fuq l-istess livell mal-adozzjoni fil-preżervazzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri.

Waqt li eżaminat l-ilment tar-rikorrenti, il-QEDB fakkret il-prinċipju li, ladarba hija stabbilita rabta familjari, l-istat għandu jaġixxi b'mod kalkulat li jippermetti li dik ir-rabta tkun żviluppata u jistabbilixxi salvagwardji legali li jagħmlu possibli l-integrazzjoni tal-minuri fil-familja, kif ukoll il-ħtieġa li tinterpreta l-KEDB b'mod armonjuż mal-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali. Il-*kafala* kienet rikonoxxuta taħt il-liġi Franċiża u r-rikorrenti tħalliet teżerċita l-awtorità parentali u tieħu deċiżjonijiet fl-aħjar interessi tat-tifla. Hija kellha l-fakultà, pereżempju, li tikteb testment favur it-tifla, u tegħleb diffikultajiet li jirriżultaw mir-restrizzjoni tal-adozzjoni. B'konklużjoni, billi gradwalment neħħa l-projbizzjoni tal-adozzjoni b'dan il-mod, l-istat konvenut, li fittex li jinkoraġġixxi l-integrazzjoni ta' minuri ta' oriġini barranija mingħajr ma jaqtagħhom immedjatament mir-regoli tal-pajjiż tal-oriġini, wera rispett għall-pluraliżmu kulturali u laħaq bilanċ ġust bejn l-interess pubbliku u dak tar-rikorrenti. Il-QEDB b'hekk ma sabet ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti.

Taħt id-dritt internazzjonali, l-aħjar interessi tal-minuri għandhom jingħataw l-ogħla kunsiderazzjoni f'każijiet ta' adozzjoni. Apparti l-prinċipju tal-aħjar interessi, prinċipji ġenerali oħrajn tas-CRC ukoll għandhom jiggwidaw u jkunu l-bażi għall-implimentazzjoni tiegħu fil-kuntest tal-adozzjoni:

317 QEDB, *Harroudj vs Franza*, Nru. 43631/09, l-4 ta' Ottubru 2012.

nondiskriminazzjoni, id-dritt għal ħajja, is-sopravivenza u l-iżvilupp u r-rispett għall-opinjonijiet tat-tfal.[318] Ta' rilevanza partikolari huwa l-Kumment Ġenerali Nru. 14 tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, fuq id-dritt tat-tfal li l-aħjar interessi tagħhom jittieħdu bħala kunsiderazzjoni primarja.[319] B'mod simili, wieħed mill-objettivi tal-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tal-Adozzjoni bejn il-Pajjiżi huwa "li jiġu stabbiliti salvagwardji sabiex ikun żgurat li l-adozzjonijiet bejn il-pajjiżi jseħħu fl-aħjar interessi tal-minuri u b'rispett tad-drittijiet fundamentali tiegħu jew tagħha kif rikonoxxuti fid-dritt internazzjonali".[320]

318 Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Artikoli 2, 3, 6 u 12. Ara wkoll in-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2010), *Linji Gwida speċifiċi fuq it-Trattat fir-rigward tal-forma u l-kontenut ta' rapporti perjodiċi li għandhom ikunu sottomessi minn Stati Partijiet taħt l-Artikolu 44, il-paragrafu 1(b), tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal*, Dok. tan-NU. CRC/C/58/Rev.2, it-23 ta' Novembru 2010, il-paragrafi 23-27.

319 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2013), *Kumment Ġenerali Nru. 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li l-aħjar interessi tagħhom jittieħdu bħala kunsiderazzjoni* ġrimarja *(l-art.* 3, il-para. 1), CRC/C/GC/14, id-29 ta' Mejju 2013.

320 Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (1993), Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u l-Kooperazzjoni rigward l-Adozzjoni bejn il-Pajjiżi, id-29 ta' Mejju 1993, l-Art. 1(a).

# 7

# Il-protezzjoni tat-tfal kontra l-vjolenza u l-isfruttament



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija (2011/93/UE)<br>TFUE, l-Artikoli 82 u 83<br>Id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku (2000/31/KE)<br>Id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika (2002/58/KE)<br>Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (2018/1808/UE)<br>Ir-Regolament dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (2021/1232/UE) | **Vjolenza fl-iskejjel, online, fid-dar u f'ambjenti oħra** | KEDB, l-Artikoli 2 (id-dritt għall-ħajja), 3 (trattament inuman jew degradanti) u 8 (l-integrità fiżika)<br>Il-Protokoll Nru. 1 għall-KEDB, l-Artikolu 2 (id-dritt għall-edukazzjoni)<br>ESC (riveduta), l-Artikoli 7 (dritt għal protezzjoni speċjali kontra perikli fiżiċi u morali) u 17 (dritt għal protezzjoni)<br>Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote<br>Il-Konvenzjoni ta' Istanbul<br>QEDB, *Kayak vs it-Turkija*, Nru. 60444/08, 2012 (ferimenti b'arma bil-ponta fil-viċinanzi ta' skola)<br>QEDB, *O'Keeffe vs l-Irlanda* [GC], Nru. 35810/09, 2014 (abbuż sesswali fi skola)<br>QEDB, *X u Oħrajn vs il-Bulgarija*, Nru. 22457/16, 2021 (investigazzjoni dwar allegazzjonijiet ta' abbuż sesswali f'orfanatrofju)<br>QEDB, *Campbell u Cosans vs ir-Renju Unit*, Nri. 7511/76 u 7743/76, 1982<br>QEDB, *F.O. vs il-Kroazja*, Nru. 29555/13, 2021 (abbuż verbali fi skola)<br>QEDB, *M.C. vs il-Bulgarija*, Nru. 39272/98, 2003 |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| | | QEDB, *R.B. vs l-Estonja*, Nru. 22597/16, 2021<br>QEDB, *A.Ş. vs it-Turkija*, Nru. 58271/10, 2016<br>QEDB, *A.R. u L.R. vs l-Iżvizzera*, Nru. 22338/15, 2017 (l-edukazzjoni sesswali fl-iskola tal-istat)<br>QEDB, *Kurt vs l-Awstrija* [GC], Nru. 62903/15, 2021<br>QEDB, *Kontrová vs is-Slovakkja*, Nru. 7510/04, 2007<br>QEDB, *Talpis vs l-Italja*, Nru. 41237/14, 2017<br>QEDB, *Costello-Roberts vs ir-Renju Unit*, Nru. 13134/87, 1993 |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikoli 5(2) (xogħol furzat jew obbligatorju) u 5(3) (projbizzjoni tat-traffikar)<br>Id-Direttiva dwar il-Ħaddiema Żgħażagħ (94/33/KE)<br>Id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE)<br>Id-Direttiva dwar iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (2004/81/KE)<br>Id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija (2011/93/UE) | **Sfruttament sesswali** | KEDB, l-Artikoli 4 (ħelsien minn servitù, xogħol furzat u obbligatorju) u 8 (dritt għar-rispett għall-ħajja privata)<br>ESC (riveduta), l-Artikolu 7(10) (protezzjoni tat-tfal kontra perikli fiżiċi u morali)<br>Il-Konvenzjoni dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin<br>Il-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità<br>Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote<br>QEDB, *C.N. u V. vs Franza*, Nru. 67724/09, 2012 (servitù)<br>QEDB, *Rantsev vs Ċipru u r-Russja*, Nru. 25965/04, 2010 (nuqqas ta' investigazzjoni ta' allegat traffikar)<br>QEDB, *V.C.L. u A.N. vs ir-Renju Unit*, Nri. 77587/12 u 74603/12, 2021<br>QEDB, *Söderman vs l-Iżvezja* [GC], Nru. 5786/08, 2013 (iffilmjar sigriet ta' minuri)<br>QEDB, *N.Ç. vs it-Turkija*, Nru. 40591/11, 2021<br>QEDB, *K.U vs il-Finlandja*, Nru. 2871/02, 2008. |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| | **Gruppi b'riskju għoli** | QEDB, *Iċ-Ċentru għar-Riżorsi Legali f'isem Valentin Câmpeanu vs ir-Rumanija* [GC], Nru. 47848/08, 2014 (mewt ta' żagħżugħ severament diżabbli f'istituzzjoni statali)<br>QEDB, *Nencheva u Oħrajn vs il-Bulgarija*, Nru. 48609/06, 2013 (mewt ta' tfal f'istituzzjoni statali)<br>QEDB, *I.C. vs ir-Rumanija*, Nru. 36934/08, 2016<br>QEDB, *V.C. vs l-Italja*, Nru. 54227/14, 2018 (tfal b'dipendenza) |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni rigward l-introduzzjoni ta' numri riżervati addizzjonali li jibdew bil-116 (2007/698/KE) | **Tfal neqsin** | KEDB, l-Artikolu 8 (id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata)<br>QEDB, *Zorica Jovanović vs is-Serbja*, Nru. 21794/08, 2013 (dritt għal informazzjoni)<br>QEDB, *Ljubinka Mik u Svetlana Jovanović vs is-Serbja*, Nri. 9291/14 u 63798/14, 2021 |

Il-vjolenza kontra t-tfal tinkludi kull forma ta' vjolenza fiżika jew mentali, korriment jew abbuż, negliġenza jew trattament negliġenti, trattament ħażin jew sfruttament, inkluż abbuż sesswali.[321] Dan jista' jseħħ f'ambjenti differenti bħal fl-iskola, fid-dar jew fit-toroq, iżda wkoll online permezz tal-użu ta' mowbajls jew apparati elettroniċi oħrajn konnessi mal-internet. Il-vjolenza online tkopri mhux biss is-sjieda, il-produzzjoni u l-kondiviżjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, iżda wkoll grooming, fastidju online, vittimizzazzjoni u bullying ċibernetiku. Taħt id-dritt internazzjonali, l-istati għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li t-tfal jibbenefikaw minn protezzjoni adegwata u li d-drittijiet tagħhom għal integrità fiżika u dinjità jkunu effettivament osservati. Id-dmir tal-istat li jipproteġi jista' jieħu diversi forom, skont ir-riskju speċifiku ta' vjolenza li l-minuri huwa espost għalih u t-trasgessur tiegħu. B'hekk, id-dmirijiet tal-istat huma aktar evidenti fejn tfal huma taħt l-awtorità u l-kontroll tal-istat, pereżempju fejn ikunu mqiegħda f'istituzzjonijiet pubbliċi. Id-dmir tal-istat li jipproteġi jista' jkun aktar diffiċli f'każijiet fejn it-tfal huma esposti għal vjolenza minn atturi privati, bħal membri tal-familja tagħhom. Madankollu, id-dmirijiet tal-Istati jinkludu wkoll miżuri preventivi u mhux biss miżuri ta' protezzjoni jew assistenza wara li tkun seħħet il-vjolenza. Sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta'

321 Ara d-definizzjoni sħiħa fl-Artikolu 19(1) tas-CRC.

emerġenza, bħall-pandemija tal-marda tal-coronavirus 2019 (COVID-19), jistgħu jżidu l-vulnerabbiltà tat-tfal għall-vjolenza, inklużi l-abbuż u l-isfruttament sesswali, li jeħtieġ li jiġu indirizzati.[322]

Waħda mill-kompetenzi tal-UE fil-qasam hija relatata ma' reati transfruntiera, inklużi t-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali tan-nisa u tat-tfal (l-Artikolu 83 tat-TFUE). Għaldaqstant miżuri leġiżlattivi partikolari ġew ippromulgati fir-rigward ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u traffikar ta' bnedmin. L-UE għaddiet ukoll leġiżlazzjoni li tirrikjedi li l-Istati Membri jikkriminalizzaw diversi forom ta' abbuż sesswali, sfruttament sesswali u azzjonijiet li jissolleċitaw lit-tfal għal skopijiet sesswali, inkluż grooming. Fil-livell tal-KtE, il-KEDB, permezz tal-każistika tagħha skont l-Artikoli 2, 3 u 8, elaborat fuq id-drittijiet tal-istati fir-rigward ta' firxa wiesgħa ta' atti li jikkostitwixxu vjolenza kontra t-tfal. L-ECSR kienet attiva wkoll f'dan il-qasam, kemm permezz tal-proċedura ta' rappurtar tagħha kif ukoll il-mekkaniżmu ta' lment kollettiv tagħha. Barra minn hekk, konvenzjonijiet speċifiċi tal-KtE, l-aktar notevoli l-Konvenzjoni tal-KtE ta' Lanzarote[323], issa qegħdin fis-seħħ, b'korpi ta' monitoraġġ inkarigati mis-superviżjoni tal-implimentazzjoni tagħhom. Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote hija l-aktar strument legali internazzjonali komprensiv dwar il-protezzjoni tat-tfal kontra l-isfruttament u l-abbuż sesswali b'mod estensiv (irratifikata mis-47 Stat membru kollha tal-KtE u mit-Tuneżija).

Dan il-kapitolu janalizza aspetti speċifiċi ta' vjolenza kontra t-tfal u r-rispons tal-komunità internazzjonali. It-Taqsima 7.1 tħares lejn il-vjolenza fid-dar, fl-iskola, online jew f'ambjenti oħrajn u tiffoka fuq kwistjonijiet bħall-abbuż fl-iskola, l-abbuż sesswali, il-vjolenza domestika u n-negliġenza tat-tfal. It-Taqsima 7.2 tħares lejn każijiet ta' sfruttament ta' tfal li għandhom dimensjoni mmarkata transfruntiera, inkluż it-traffikar ta' bnedmin (għall-iskopijiet ta' xogħol furzat jew sfruttament sesswali), u reati relatati ma' materjal ta' abbuż

322 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (2020), "COVID-19: Protecting children from violence, abuse and neglect in the home" (COVID-19: Il-protezzjoni tat-tfal minn vjolenza, abbuż u negliġenza fid-dar); l-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2021), L-istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal; l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (2021), *The coronavirus pandemic and fundamental rights: A year in review* (Il-pandemija tal-coronavirus u d-drittijiet fundamentali: sena f'rieżami), l-10 ta' Ġunju 2021; il-Kunsill tal-Ewropa (2021), "The COVID-19 pandemic and children: Challenges, responses and policy implications" (Il-pandemija tal-COVID-19 u t-tfal: Sfidi, reazzjonijiet u implikazzjonijiet ta' politika), it-12 ta' Marzu 2021.

323 Il-Kunsill tal-Ewropa (2007), Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali, CETS Nru. 201, il-25 ta' Ottubru 2007.

sesswali tat-tfal. It-Taqsima 7.3 tittratta gruppi b'riskju għoli. Fl-aħħar nett, it-Taqsima 7.4 tindirizza l-kwistjoni tat-tfal neqsin.

## 7.1. Vjolenza d-dar, fl-iskejjel, online u f'ambjenti oħra

**Punti ewlenin**

- L-Istati għandhom id-dmir li jiżguraw li t-tfal ikunu protetti b'mod effettiv kontra kull forma ta' vjolenza u ħsara fl-ambjenti kollha, inkluża l-vjolenza li sseħħ online.
- L-istati għandhom id-dmir li jipprovdu qafas legali adegwat għal protezzjoni tal-minuri.
- L-istati għandhom iwettqu investigazzjonijiet effettivi dwar allegazzjonijiet dibattibbli ta' abbuż fuq minuri, vjolenza kontra t-tfal u dannu lit-tfal.

Skont **id-dritt tal-UE**[324], l-istrument legali ewlieni f'dan il-qasam, maħruġ abbażi tal-Artikoli 82 u 83 tat-TFUE huwa d-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u pedopornografija.[325]

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB u l-ECSR żviluppaw korp ta' każistika sostanzjali fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal kontra l-vjolenza f'kull ambjent. Minbarra dan, Konvenzjonijiet speċifiċi tal-KtE (eż. il-Konvenzjoni ta' Lanzarote) taw garanziji ddettaljati biex jipproteġu lit-tfal kontra forom speċifiċi ta' vjolenza.

### 7.1.1. L-ambitu tar-responsabbiltà tal-istat

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB analizzat il-vjolenza kontra t-tfal taħt diversi dispożizzjonijiet tal-KEDB, l-aktar notevoli l-Artikoli 2, 3 u 8. Il-Qorti identifikat dmirijiet ċari li jaqgħu fuq l-istati kull meta t-tfal jitqiegħdu f'istituzzjonijiet taħt l-awtorità tagħhom.[326] Bl-istess mod, jekk ċerta kondotta jew sitwazzjoni tilħaq il-livell ta' severità, li wara tikkwalifika bħala trattament inuman u degradanti

324 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/93/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, ĠU 2011 L 335/1.

325 *Ibid.*

326 QEDB, *Nencheva u Oħrajn vs il-Bulgarija*, Nru. 48609/06, it-18 ta' Ġunju 2013.

skont l-Artikolu 3, l-istat għandu obbligi pożittivi li jipproteġi lit-tfal kontra trattament ħażin, inkluż trattament amministrat minn individwi privati. Sitwazzjonijiet bħal negliġenza fit-tul minn ġenituri[327], abbuż sesswali ripetut minn għalliema tal-iskejjel[328], stupru[329], jew pieni korporali[330] kollha nstabu li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-Artikolu 3 tal-KEDB.

Fil-każ ta' mewt, stat jista' jinżamm responsabbli skont l-Artikolu 2 tal-KEDB, anki jekk il-mewt kien ikkaġunat minn persuna privata, u mhux minn aġent tal-istat. L-obbligi pożittivi tal-istat ivarjaw minn każ għal każ, bid-dmir ewlieni jkun biex jiżgura l-protezzjoni *effettiva* tat-tfal kontra l-vjolenza. F'każijiet ta' forom serji ta' trattament ħażin, obbligi pożittivi jinkludu d-dmir li jiġu ppromulgati dispożizzjonijiet effettivi taħt il-liġi kriminali li jkunu appoġġati mill-makkinarju ta' infurzar tal-liġi.[331] L-istati għandhom ukoll jadottaw miżuri u salvagwardji speċjali biex jipproteġu t-tfal.[332]

Il-KEDB f'diversi okkażjonijiet kellha quddiemha każijiet dwar vjolenza kontra tfal amministrata minn individwi privati fi skejjel, djar privati jew stabbilimenti oħra li kienu mmexxija minn atturi mhux tal-istat, fejn kien dibattibbli jekk tistax tqum responsabbiltà statali. F'każijiet bħal dawn, il-QEDB iddeċidiet li stat ma jistax jassolvi ruħu mid-dmir li jipproteġi lit-tfal billi jiddelega l-amministrazzjoni tas-servizzi pubbliċi importanti — bħall-edukazzjoni — lil individwi privati.[333] F'każijiet li jikkonċernaw id-determinazzjoni tal-istat responsabbli, il-QEDB ġeneralment iddistingwiet bejn l-obbligu ġenerali tal-istat li jipproteġi, meta r-riskju ma kienx identifikabbli b'mod ċar, u obbligu speċifiku li jipproteġi, f'każijiet fejn ir-riskju kien identifikabbli b'mod ċar. Fl-ewwel każ, il-QEDB

327 QEDB, *Z u Oħrajn vs ir-Renju Unit* [GC], Nru. 29392/95, l-10 ta' Mejju 2001.

328 QEDB, *O'Keeffe vs l-Irlanda* [GC], Nru. 35810/09, it-28 ta' Jannar 2014.

329 QEDB, *M.C. vs il-Bulgarija,* Nru. 39272/98, l-4 ta' Diċembru 2003; QEDB, *M.G.C. vs ir-Rumanija*, Nru. 61495/11, il-15 ta' Marzu 2016, il-punt 58.

330 QEDB, *Tyrer vs ir-Renju Unit*, Nru. 5856/72, il-25 ta' April 1978; QEDB, *M.C. vs il-Bulgarija*, Nru. 39272/98, l-4 ta' Diċembru 2003, il-punt 150; QEDB, *O'Keeffe vs l-Irlanda* [GC], Nru. 35810/09, it-28 ta' Jannar 2014, il-punt 146.

331 QEDB, *Tyrer vs ir-Renju Unit*, Nru. 5856/72, il-25 ta' April 1978; QEDB, *M.C. vs il-Bulgarija*, Nru. 39272/98, l-4 ta' Diċembru 2003, il-punt 150; QEDB, *O'Keeffe vs l-Irlanda* [GC], Nru. 35810/09, it-28 ta' Jannar 2014, il-punt 146

332 QEDB, *O'Keeffe vs l-Irlanda* [GC], Nru. 35810/09, it-28 ta' Jannar 2014, il-punt 148; ara wkoll il-QEDB, *M.C. vs il-Bulgarija*, Nru. 39272/98, KEDB 2003-XII, il-punt 153.

333 QEDB, *M.C. vs il-Bulgarija*, Nru. 39272/98, l-4 ta' Diċembru 2003, il-punt 150; QEDB, *Costello-Roberts vs ir-Renju Unit*, Nru. 13134/87, il-25 ta' Marzu 1993, il-punt 27.

analizzat jekk in-nuqqas ta' intervent mill-istat jirriżultax f'riskju reali ta' vjolenza għall-vittma minuri.

Eżempju: Il-kawża *Kayak vs it-Turkija*[334] tikkonċerna ferimenti b'arma bil-ponta li wassal għall-mewt ta' tifel ta' 15-il sena minn żagħżugħ ieħor, fil-viċinanzi ta' skola. Il-QEDB sabet li l-iskejjel għandhom l-obbligu li jipproteġu lil dawk miktuba magħhom minn kull forma ta' vjolenza. F'dan il-każ speċifiku l-QEDB iddeċidiet li t-Turkija kienet responsabbli taħt l-Artikolu 2 tal-KEDB talli naqset milli tipproteġi d-dritt għall-ħajja ta' iben u ħu r-rikorrenti, minħabba li ma kien hemm ebda sistema ta' sorveljanza effettiva fis-seħħ f'dak iż-żmien. Fin-nuqqas ta' sistema bħal din, kien possibbli għal adolexxenti li jieħu sikkina mill-kċina tal-iskola, li użaha biex jagħti daqqiet biha lill-vittma.

Eżempju: Il-kawża *O'Keeffe vs l-Irlanda*[335] tikkonċerna atti ta' abbużi mwettqa fis-sebgħinijiet fi Skola Nazzjonali Irlandiża. F'dak iż-żmien, l-iskejjel nazzjonali fl-Irlanda kienu rikonoxxuti u ffinanzjati mill-istat, filwaqt li l-immaniġġjar u l-amministrazzjoni kienu fdati lill-Knisja. Ir-rikorrenti, dak iż-żmien studenta, kienet suġġetta għal bejn wieħed u ieħor 20 att ta' abbuż sesswali minn wieħed mill-għalliema tal-iskola. Kien biss fl-1998 li hija lmentat lill-awtoritajiet statali dwar dawn l-atti, wara li saret taf b'atti oħra ta' abbuż sesswali mwettqa mill-istess għalliem. Il-QEDB kellha tiddetermina jekk l-istat setax jinżamm responsabbli għal atti ta' abbuż li ma kinux ġew irrapportati lill-awtoritajiet f'dak iż-żmien. Il-Qorti l-ewwel sabet li l-atti ta' abbuż li għalihom kienet soġġetta r-rikorrenti kienu jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 3 tal-KEDB. Imbagħad, abbażi ta' diversi rapporti, il-QEDB sabet li l-istat kellu jkun konxju tar-riskji potenzjali ta' abbuż sesswali fl-iskejjel. F'dak iż-żmien, ma kien hemm ebda proċedura adegwata fis-seħħ li kienet tippermetti minuri jew ġenituri li jilmentaw direttament lill-istat dwar atti ta' abbuż. Barra minn dan, lanqas ma kien hemm mekkaniżmi ta' superviżjoni tat-trattament tat-tfal mill-għalliema. B'hekk il-QEDB ikkonkludiet li l-Irlanda naqset milli tissodisfa l-obbligi pożittivi tagħha skont l-Artikolu 3 tal-KEDB, peress li ma pprovdietx mekkaniżmu ta' protezzjoni effettiv għal atti ta' abbuż kontra t-tfal fl-iskejjel. Skont il-QEDB, l-istati għandhom ukoll jagħmlu investigazzjonijiet effettivi tal-allegazzjonijiet ta' trattament ħażin jew telf ta' ħajja, irrispettivament minn

334 QEDB, *Kayak vs it-Turkija*, Nru. 60444/08, l-10 ta' Lulju 2012.

335 QEDB, *O'Keeffe vs l-Irlanda* [GC], Nru. 35810/09, it-28 ta' Jannar 2014.

jekk l-atti twettqux minn aġenti tal-istat[336] jew minn persuni privati. Investigazzjoni hija effettiva jekk, mal-wasla tal-ilmenti minn vittmi jew is-suċċessuri tagħhom, l-istati jimplimentaw dispożizzjoni li kapaċi twassal għall-identifikazzjoni u l-kastig ta' dawk responabbli mill-atti ta' vjolenza li jmorru kontra l-Artikolu 2 jew 3 tal-KEDB.

Skont l-ESC, id-drittijiet tat-tfal għall-protezzjoni minn abbuż u trattament ħażin jaqgħu prinċipalment taħt l-Artikoli 7 u 17, li jitolbu lill-Istati jipproteġu lit-tfal mill-forom kollha ta' trattament ħażin. L-ESCR interpreta l-Artikolu 17 bħala li jeħtieġ projbizzjoni legali kontra kwalunkwe forma ta' vjolenza fuq it-tfal fl-ambjenti kollha (id-dar, l-iskejjel u l-istituzzjonijiet). Fil-każistika tiegħu l-ECSR sab li kien hemm ksur tal-Artikolu 17 tal-ESC[337] fejn l-Istati ma kellhomx leġiżlazzjoni li tistabbilixxi "projbizzjoni espliċita u komprensiva fuq il-forom kollha ta' piena korporali tat-tfal li x'aktarx taffettwa l-integrità fiżika, id-dinjità, l-iżvilupp jew il-benesseri psikoloġiku tagħhom"[338].

Skont il-Konvenzjoni ta' Lanzarote, l-istati huma meħtieġa jikkriminalizzaw diversi forom ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali kontra t-tfal.[339] Din il-Konvenzjoni teħtieġ ukoll li l-istati jieħdu miżuri leġiżlattivi u miżuri oħrajn biex jipprevjenu abbuż sesswali fuq it-tfal, billi jorganizzaw kampanji li jqajmu kuxjenza, iħarrġu persunal speċjalizzat, jinfurmaw lit-tfal dwar ir-riskji tal-abbuż, u jipprovdu għajnuna speċjalista lil individwi li jirriskjaw li jwettqu reati ta' abbuż fuq it-tfal. Il-Kumitat ta' Lanzarote jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u joħroġ rapport, opinjonijiet u dikjarazzjonijiet.[340] Fil-kawża *X u Oħrajn vs il-Bulgarija*, il-QEDB enfasizzat li l-Artikolu 3 tal-KEDB għandu jiġi

336 QEDB, *Assenov u Oħrajn vs il-Bulgarija*, Nru. 24760/94, it-28 ta' Ottubru 1998.

337 ECSR, *Association for the Protection of All Children (APPROACH) Ltd. vs ir-Repubblika Ċeka*, Ilment Nru. 96/2013, id-29 ta' Mejju 2015.

338 ECSR, *Association for the Protection of All Children (APPROACH) Ltd. vs is-Slovenja*, Ilment Nru. 95/2013, is-27 ta' Mejju 2015, il-punt 51.

339 Il-Kunsill tal-Ewropa (2007), Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali, CETS Nru. 201, il-25 ta' Ottubru 2007.

340 Ara, pereżempju, il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat ta' Lanzarote (2019), Dikjarazzjoni tal-Kumitat ta' Lanzarote dwar il-protezzjoni tat-tfal f'kura barra mid-dar mill-isfruttament sesswali u l-abbuż sesswali, il-21 ta' Ottubru 2019; il-Kumitat ta' Lanzarote (2018), *It-tieni rapport ta' implimentazzjoni: Il-protezzjoni tat-tfal kontra l-abbuż sesswali fiċ-ċirku ta' fiduċja: L-istrateġiji*, il-31 ta' Jannar 2018; il-Kumitat ta' Lanzarote (2017), Opinjoni Interpretattiva dwar l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni ta' Lanzarote għal reati sesswali kontra t-tfal iffaċilitati permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), it-12 ta' Mejju 2017; il-Kumitat ta' Lanzarote (2015), *L-ewwel rapport ta' implimentazzjoni: Il-protezzjoni tat-tfal kontra l-abbuż sesswali fiċ-ċirku ta' fiduċja: Il-qafas*, l-4 ta' Diċembru 2015.

interpretat fid-dawl ta' strumenti internazzjonali applikabbli oħrajn u, b'mod partikolari, il-Konvenzjoni ta' Lanzarote fir-rigward tar-rekwiżiti ta' investigazzjoni u proċedurali.[341] Barra minn hekk, l-Artikoli 4 u 5 tal-Konvenzjoni tal-KtE ta' Istanbul[342] jeħtieġu li l-istati jippromulgaw miżuri leġiżlattivi speċjali u li jinvestigaw atti ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet. Skont l-Artikolu 22, l-istati huma obbligati li jiżguraw servizzi ta' sostenn speċjalisti għal nisa u tfal li huma vittmi ta' vjolenza domestika. Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni.[343]

Eżempju: Il-kawża *X u Oħrajn vs il-Bulgarija*[344] tikkonċerna allegazzjonijiet minn tlett itfal Bulgari li huma kienu abbużati sesswalment f'orfanatrofju fil-Bulgarija qabel l-adozzjoni tagħhom fl-Italja. Minħabba l-qafas leġiżlattiv u regolatorju sodisfaċenti għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u n-nuqqas ta' prova li kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kienet konxja tal-allegat abbuż, il-QEDB ma sabet l-ebda ksur tal-parti sostantiva tal-Artikolu 3. Madankollu, il-Qorti kienet tal-fehma li l-Bulgarija kienet naqset milli tuża l-miżuri investigattivi u ta' kooperazzjoni internazzjonali raġonevoli kollha waqt li eżaminat l-allegat abbuż. B'mod partikolari, l-awtoritajiet qatt ma pprovaw jeżaminaw lir-rikorrenti b'mod mediku jew jintervistaw lilhom jew lil tfal oħrajn imsemmija minnhom. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Bulgari qatt ma kkunsidraw miżuri investigattivi ta' natura aktar moħbija, bħas-sorveljanza tal-perimetru tal-orfanatrofju, l-ittappjar telefoniku jew l-interċezzjoni ta' messaġġi telefoniċi u elettroniċi, jew l-użu ta' aġenti bil-moħbi, li jissemmew b'mod espliċitu fil-Konvenzjoni ta' Lanzarote u jintużaw b'mod wiesa' madwar l-Ewropa f'każijiet bħal dawn. Il-QEDB ikkonkludiet li huma ma kinux ħadu l-miżuri raġonevoli kollha biex jitfgħu dawl fuq il-fatti u ma kinux wettqu analiżi sħiħa u bir-reqqa tal-provi li kellhom quddiemhom, bi ksur tal-obbligu proċedurali tagħhom skont l-Artikolu 3 tal-KEDB.

341 QEDB, *X u Oħrajn vs il-Bulgarija*, Nru. 22457/16, it-2 ta' Frar 2021.

342 Il-Kunsill tal-Ewropa (2011), Il-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza Kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika, CETS Nru. 210, il-11 ta' Mejju 2011.

343 Il-Kunsill tal-Ewropa, Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (2020), *L-ewwel rapport ġenerali dwar l-attivitajiet ta' GREVIO*, April 2020.

344 Ara wkoll il-QEDB, *X u Oħrajn vs il-Bulgarija*, Nru. 22457/16, it-2 ta' Frar 2021.

Skont id-dritt internazzjonali, is-CRC hija l-istrument legali prinċipali għall-iżgurar tal-protezzjoni tat-tfal fuq livell statali. Skont l-Artikolu 19, l-Istati Partijiet għandhom id-dmir li jieħdu miżuri leġiżlattivi, amministrattivi, soċjali u edukattivi biex jipproteġu lit-tfal kontra kull forma ta' vjolenza, inkluża l-piena korporali. Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal ħareġ numru importanti ta' Kummenti Ġenerali u rakkomandazzjonijiet li jinterpretaw obbligi tal-istati taħt is-CRC. Pereżempju, il-Kumment Ġenerali Nru. 13 jiddeskrivi l-miżuri maħsuba biex jipproteġu lit-tfal kontra kull forma ta' vjolenza[345] u l-Kumment Ġenerali Nru. 8 jistieden lill-Istati jieħdu miżuri xierqa kontra kull forma ta' piena korporali[346].

## 7.1.2. Abbuż fl-iskola

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB analizzat ilmenti dwar abbuż fl-iskola bħala forma ta' miżura dixxiplinarja prinċipalment skont l-Artikolu 3 tal-KEDB. Fejn miżuri ta' piena korporali ma jilħqux il-limitu ta' severità meħtieġ taħt l-Artikolu 3, jistgħu madankollu jaqgħu taħt l-Artikolu 8 bħala parti mid-dritt ta' integrità fiżika u morali.

Il-kawża *Campbell u Cosans vs ir-Renju Unit* kienet tikkonċerna l-piena korporali tat-tfal fl-edukazzjoni appoġġata mill-Istat[347] u kienet segwita minn *Costello-Roberts vs ir-Renju Unit*[348] rigward il-piena korporali tat-tfal fi skejjel privati. Il-QEDB fl-ebda kawża ma sabet ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB. Madankollu, sa mill-kawża *Costello-Roberts*, kien hemm bidla fl-attitudnijiet soċjali u fl-istandards legali dwar l-applikazzjoni ta' miżuri ta' dixxiplina lejn it-tfal, filwaqt li ġiet enfasizzata l-ħtieġa li t-tfal jiġu protetti minn kwalunkwe forma ta' vjolenza u abbuż.[349]

345 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2011), *Kumment Ġenerali Nru. 13 (2011): Id-dritt tat-tfal għall-ħelsien minn kull forma ta' vjolenza*, CRC/C/GC/13, it-18 ta' April 2011.

346 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2007), *Kumment Ġenerali Nru. 8 (2006): Id-dritt tat-tfal għal protezzjoni minn piena korporali u forom oħra krudili u degradanti ta' kastig* (l-Artikoli 19; 28(2); u 37, inter alia), CRC/C/GC/8, it-2 ta' Marzu 2007.

347 QEDB, *Campbell u Cosans vs ir-Renju Unit*, Nru. 7511/76 u 7743/76, il-25 ta' Frar 1982.

348 QEDB, *Costello-Roberts vs ir-Renju Unit*, Nru. 13134/87, il-25 ta' Marzu 1993.

349 QEDB, *F.O. vs il-Kroazja*, Nru. 29555/13, it-22 ta' April 2021. Ara wkoll il-QEDB, *V.K. vs ir-Russja*, Nru. 68059/13, is-7 ta' Marzu 2017.

Eżempju: Il-kawża *F.O. vs il-Kroazja*[350] tikkonċerna l-allegat fastidju ta' student minn għalliem fi skola pubblika u n-nuqqas min-naħa tal-awtoritajiet statali li jirrispondu b'mod effettiv għall-allegazzjoni tiegħu. L-għalliem kien sejjaħ lir-rikorrent "moron, idjota, iblah, sempliċi". Il-QEDB sabet li, filwaqt li l-insulti inizjali tal-għalliem fil-konfront tar-rikorrent kienu maħsuba biex jiddixxiplinaw lilu u lil sħabu tal-klassi, iż-żewġ okkażjonijiet ta' wara ma setgħu jitqiesu bħala xejn ħlief abbuż verbali li jammonta għal umiljazzjoni, disprezz u redikolu. Il-QEDB enfasizzat li l-għalliema huma mistennija jifhmu li l-provokazzjoni u l-abbuż verbali jistgħu jaffettwaw ħafna lill-istudenti, b'mod partikolari lil dawk li huma sensittivi. Minbarra dan, l-għalliema għandhom ikunu konxji li kwalunkwe forma ta' vjolenza, inkluż abbuż verbali, lejn l-istudenti, anki jekk ħafifa, mhijiex aċċettabbli f'ambjent edukattiv u li huma għandhom jinteraġixxu mal-istudenti bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità morali tagħhom. Il-Qorti enfasizzat ukoll li l-awtoritajiet domestiċi kellhom jistabbilixxu miżuri leġiżlattivi, amministrattivi, soċjali u edukattivi xierqa biex jipprojbixxu b'mod inekwivoku kwalunkwe forma ta' vjolenza jew abbuż kontra t-tfal f'kull ħin u fiċ-ċirkostanzi kollha u, b'hekk, jiżguraw tolleranza żero għal kwalunkwe vjolenza jew abbuż fl-istituzzjonijiet edukattivi. Dan jinkludi l-ħtieġa li tiġi żgurata r-responsabbiltà permezz ta' mezzi kriminali, ċivili, amministrattivi u professjonali xierqa. Fil-każ speċifiku, il-Qorti sabet li l-unika miżura meħuda mill-awtoritajiet domestiċi kienet tinvolvi twissija verbali mill-psikologu tal-iskola, li naqset milli tindirizza l-problema li ħolqot l-imġiba tal-għalliem. B'hekk il-QEDB sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

## 7.1.3. Abbuż sesswali

L-abbuż sesswali tat-tfal jista' jieħu diversi forom, inkluż fastidju, grooming, tmesmis, inċest jew stupru. Dan jista' jsir f'diversi ambjenti, inkluż fid-dar, fl-iskejjel, fl-istituzzjonijiet ta' kura residenzjali u fil-knejjes, kif ukoll online permezz tal-użu tal-internet u tat-teknoloġiji diġitali. It-tfal huma partikolarment vulnerabbli għall-abbuż sesswali, minħabba li spiss isibu ruħhom taħt l-awtorità u l-kontroll tal-adulti u jkollhom inqas aċċess għall-mekkaniżmi tal-ilmenti. It-traffikar tal-bnedmin u r-reati relatati ma' materjal ta' sfruttament sesswali tat-tfal huma ttrattati fit-Taqsimiet 7.2.2 u 7.2.3, rispettivament[351].

350 QEDB, *F.O. vs il-Kroazja*, Nru. 29555/13, it-22 ta' April 2021.

351 Jekk jogħġbok ara l-Grupp ta' Ħidma Bejn l-Aġenziji (2016), *Terminology guidelines for the protection of children from sexual exploitation and sexual abuse* (Linji gwida ta' terminoloġija għall-protezzjoni tat-tfal minn sfruttament sesswali u abbuż sesswali), it-28 ta' Jannar 2016.

**Skont id-dritt tal-UE**, id-Direttiva 2011/93/UE tfittex li tarmonizza s-sanzjonijiet kriminali minimi għal diversi reati ta' abbuż sesswali tat-tfal bejn l-Istati Membri, li fil-biċċa l-kbira tagħhom jirriflettu l-approċċ tal-Konvenzjoni ta' Lanzarote.[352] Skont l-Artikolu 3, l-Istati Membri jridu jikkastigaw diversi forom ta' abbuż sesswali permezz tal-liġi kriminali, reati li jinkludu li t-tfal jiġu mġiegħla jkunu xhieda ta' attivitajiet sesswali jew abbuż sesswali, l-involviment f'attivitajiet sesswali mat-tfal, u r-reklutaġġ u/jew il-koerċizzjoni tat-tfal biex jipparteċipaw fi prestazzjonijiet pornografiċi. Id-direttiva tipprevedi pieni akbar jekk il-fatti jkunu mwettqa minn persuni f'pożizzjoni ta' fiduċja, u kontra tfal partikolarment vulnerabbli u/jew permezz tal-użu ta' sfurzar. Bara minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prosekuzzjoni ta' persuni ssuspettati ta' abbuż fuq it-tfal isseħħ awtomatikament u li persuni misjuba ħatja ta' reati ta' abbuż sesswali jkunu pprojbiti milli jeżerċitaw kwalunkwe attività professjonali li tinvolvi kuntatt dirett jew regolari ma' tfal. Id-direttiva tinkludi wkoll dispożizzjonijiet fuq proċedimenti adattati għat-tfal u tiżgura l-protezzjoni tal-vittmi minuri fil-qrati.

L-Artikolu 10 ta' din id-direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li kull min jinstab ħati ta' reati bħal abbuż sesswali tat-tfal, sfruttament tat-tfal u pedopornografija jiġi skwalifikat milli jeżerċita attivitajiet li jinvolvu kuntatt dirett u regolari mat-tfal. Id-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI[353] li tirregola l-iskambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali bejn l-Istati Membri tiffaċilita l-implimentazzjoni tad-direttiva billi tippermetti l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' individwi li jinstabu ħatja ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal.[354]

B'rabta mal-kontenut online, trid tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jipprolifera online. Id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal tobbliga lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jneħħu l-paġni web li fihom jew li jxerrdu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, kemm

352 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/93/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, ĠU 2011 L 335/1.

353 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2009), Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali, ĠU 2009 L 93.

354 L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Strateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal*, COM(2020) 607 final, l-24 ta' Lulju 2020.

meta jkunu ospitati fit-territorju tagħhom kif ukoll barra minnu.[355] Id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku[356] tiddetermina r-regoli eżistenti dwar ir-responsabbiltà għall-intermedjarji online. Skont l-Artikolu 3, dan jippermetti l-mekkaniżmi ta' avviż u ta' tneħħija għal kontenut illegali, jekk din l-azzjoni tkun meħtieġa għal "strateġija pubblika, partikolarment għal prevenzjoni, investigazzjoni, tkixxif u prosekuzzjoni ta' reati kriminali, inklużi il-protezzjoni ta' minuri u tal-ġlieda kontra t-tixwix għall-mibegħda fuq il-bażi ta' razza, sess, reliġjon jew nazzjonalità, u vjolazzjonijiet tad-dinjità umana li jikkonċernaw persuni individwali".

Regolament interim[357] adottat fl-2021 dwar l-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal jipprevedi deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika.[358] Dan jiżgura li ċerti fornituri tas-servizzi online jkunu jistgħu jkomplu bl-azzjonijiet volontarji tagħhom biex jidentifikaw u jirrapportaw l-abbuż sesswali tat-tfal online. Din id-deroga se ddum għal tliet snin.[359]

Id-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva introduċiet regoli ġodda, skont l-Artikolu 6a, li jirrikjedu li l-Istati Membri jiżguraw li l-media awdjoviżiva pprovduta mis-servizzi tal-media taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom, li tista' tfixkel l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tat-tfal, tiġi pprovduta b'mod li ma jippermettix li t-tfal normalment jisimgħuhom jew jarawhom, permezz

355 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/93/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI, ĠU 2011 L 335, l-Artikolu 25.

356 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2000), Id-Direttiva 2000/31/KE dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku), ĠU 2000 L 178.

357 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2021), Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, PE/38/2021/REV/1, it-30 ta' Lulju 2021.

358 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2002), Id-Direttiva 2002/58/KE tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), ĠU 2002 L 201.

359 L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Strateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal*, COM(2020) 607 final, l-24 ta' Lulju 2020.

ta' miżuri proporzjonali għall-ħsara potenzjali tal-programm. L-aktar kontenut li jagħmel ħsara, bħall-vjolenza gratwita u l-pornografija, irid ikun soġġett għall-aktar miżuri stretti. Barra minn hekk, dan l-artikolu jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-media jipprovdu biżżejjed informazzjoni lit-telespettaturi dwar kontenut li jista' jfixkel l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tat-tfal, permezz ta' sistema li tiddeskrivi n-natura potenzjalment dannuża tal-kontenut ta' servizz tal-media awdjoviżiva.[360]

Barra minn hekk, f'Diċembru 2020, il-Kummissjoni pproponiet Att dwar is-Servizzi Diġitali, li huwa riforma komprensiva tal-obbligi fl-ispazju online u jinkludi l-protezzjoni tat-tfal u ta' gruppi vulnerabbli oħrajn.[361]

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB eżaminat każijiet ta' abbuż sesswali skont l-Artikoli 3 u 8 tal-KEDB. L-ilmenti ġeneralment jikkonċernaw in-nuqqas tal-istati milli jieħdu l-miżuri xierqa biex jipproteġu lit-tfal mill-abbuż. Fil-kuntest tal-Artikolu 3, il-QEDB eżaminat ukoll jekk l-istati wettqux investigazzjonijiet effettivi fl-allegazzjonijiet ta' abbuż sesswali. Dikjarazzjonijiet ta' abbuż tat-tfal magħmula skont l-Artikolu 8 jikkonċernaw l-impatt tat-tali atti fuq l-integrità fiżika jew psikoloġika tal-vittma u fuq id-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja. Xi drabi, id-distinzjoni bejn l-obbligi tal-istati skont l-Artikoli 3 u 8 hija pjuttost imċajpra, u l-QEDB tuża raġunament simili biex issib ksur taż-żewġ Artikoli. Madankollu, għandu jkun innotat, li każijiet tal-Artikolu 8 kienu aktar komuni f'sitwazzjonijiet li jikkonċernaw tneħħija/teħid taħt ħarsien mhux xierqa u l-impatt ta' allegazzjonijiet ta' abbuż tat-tfal fuq il-familja.[362] Dawn is-stwazzjonijiet huma analizzati fil-Kapitolu 5.

Eżempju: F'*M.C.vs il-Bulgarija*[363] r-rikorrenti, tifla ta' 14-il sena, sostniet li kienet ġiet stuprata minn żewġ individwi wara li ħarġet lejla minnhom.

360 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2018), Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva, ĠU 2018 L 303/69.

361 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2020), Proposta għal Regolament dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, COM/2020/825 final, il-15 ta' Diċembru 2020.

362 Il-Kunsill tal-Ewropa (2021), *Respecting human rights and the rule of law when using automated technology to detect online child sexual exploitation and abuse* (Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt meta tintuża teknoloġija awtomatizzata biex tiskopri sfruttament u abbuż sesswali tat-tfal online), Rapport ta' esperti indipendenti, Ġunju 2021.

363 QEDB, *M.C. vs il-Bulgarija*, Nru. 39272/98, l-4 ta' Diċembru 2003.

L-ilment tagħha ġie miċħud quddiem l-awtoritajiet domestiċi prinċipalment minħabba li ma sabu ebda forma ta' vjolenza fiżika. Il-QEDB innutat li allegazzjonijiet ta' stupru jaqgħu taħt l-Artikolu 3 tal-KEDB u li l-istat konvenut kellu jwettaq investigazzjoni effettiva dwar dawk l-allegazzjonijiet. Meta sabet li l-awtoritajiet Bulgari naqsu milli jwettqu dik l-investigazzjoni, il-QEDB qagħdet fuq l-evidenza li ġeneralment l-awtoritajiet jiċħdu każijiet fejn il-vittma ma setgħetx turi oppożizzjoni fiżika għall-att ta' stupru. Il-Qorti sabet li dak il-livell tal-provi ma kienx skont ir-realtajiet fattwali li jikkonċernaw vittmi ta' stupru u b'hekk seta' jrendi l-investigazzjoni tal-awtoritajiet ineffettiva bi ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB.

Eżempju: F'*R.B. vs l-Estonja*[364], tifla ta' erba' snin, li kienet akkużat lil missierha b'abbuż sesswali, ġiet irreġistrata f'żewġ intervisti bil-vidjo. Hija fl-ebda waħda minnhom ma ġiet avżata dwar id-dritt tagħha li ma tixhidx kontra membru tal-familja jew dwar id-dmir li tgħid il-verità, għalkemm ir-regoli tal-proċedura kriminali domestika kienu jeħtieġu tali struzzjonijiet. Fi proċedimenti sussegwenti tal-qorti, il-Qorti Suprema kkunsidrat li n-nuqqas ta' għoti ta' pariri xierqa lir-rikorrenti qabel l-intervisti tagħha kien ta' tant importanza li jrendi x-xhieda tagħha, li kienet prova deċiżiva fil-kawża, inammissibbli. Konsegwentement, il-missier ġie lliberat. Il-QEDB enfasizzat li l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali kellhom jitwettqu b'mod li jipproteġu l-aħjar interessi u d-drittijiet tat-tfal, b'tali protezzjoni teħtieġ l-adozzjoni ta' miżuri protettivi u adattati għat-tfal għall-vittmi minuri fi proċedimenti kriminali. B'mod partikolari, kien essenzjali li tiġi ssalvagwardjata x-xhieda tat-tfal kemm matul l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess kif ukoll matul il-proċess. Skont *il-Linji Gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal* il-Linji Gwida dwar ġustizzja adattata għattfal tal-Kumitat tal-Ministri tal-KtE, fejn jiġu applikati regoli inqas stretti dwar l-għoti ta' provi jew miżuri oħrajn adattati għat-tfal, tali miżuri ma għandhomx fihom infushom inaqqsu l-valur mogħti lix-xhieda tat-tfal jew lill-provi mogħtija minnhom, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża. Madankollu, ix-xhieda tar-rikorrenti nstabet li kienet inammissibbli preċiżament minħabba l-applikazzjoni stretta tar-regoli proċedurali, li ma kienu għamlu l-ebda distinzjoni bejn l-adulti u t-tfal, u b'hekk ma pprevedewx eċċezzjonijiet jew adattamenti għax-xhieda minuri. Konsegwentement, il-QEDB ikkonkludiet li kien hemm nuqqasijiet sinifikanti fir-rispons proċedurali tal-awtoritajiet domestiċi għall-allegazzjoni tar-rikorrenti ta' abbuż

364 QEDB, *R.B. vs l-Estonja*, Nru. 22597/16, it-22 ta' Ġunju 2021.

sesswali minn missierha, li ma kinitx qieset biżżejjed il-vulnerabbiltà partikolari u l-ħtiġijiet korrispondenti tagħha bħala tifla żgħira, bi ksur tal-obbligi pożittivi tal-Istat rispondenti skont l-Artikoli 3 u 8 tal-KEDB.[365]

Eżempju: Il-kawża *A.Ş. vs it-Turkija*[366] kienet tikkonċerna attakk sesswali u vjolenza fiżika li għalihom kien soġġett ir-rikorrent waqt li kien f'detenzjoni preventiva bħala tifel. Il-QEDB ikkonkludiet li, għalkemm il-liġi kriminali Torka kienet tikkriminalizza l-attakki fuq l-integrità fiżika tal-persuni tat-tip li dwaru sar l-ilment, f'dan il-każ, billi talbet lir-rikorrent iressaq ilment formali bħala prerekwiżit biex jinbdew proċedimenti kriminali, mingħajr ma tqieset il-vulnerabbiltà partikolari tiegħu, hija kienet rendiet bħala ineffettivi l-miżuri ta' infurzar legali maħsuba biex jipproteġu lill-individwi kontra trattament li jmur kontra l-Artikolu 3 tal-KEDB.

Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote tirregola fid-dettall id-dritt tat-tfal li jkunu protetti minn abbuż sesswali. Din il-konvenzjoni, adottata fil-qafas tal-KtE, hija miftuħa wkoll għal ratifikazzjoni mill-istati barra l-Ewropa. Dan l-istrument vinkolanti huwa appoġġat minn pletora ta' strumenti li mhumiex legalment vinkolanti mmirati biex jiżguraw ukoll li l-istati jippromulgaw miżuri effettivi kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.[367] Kif jiċċara l-Kumitat ta' Lanzarote, il-Konvenzjoni ta' Lanzarote tirrikjedi wkoll li l-Istati jipproteġu lit-tfal kontra l-abbuż sesswali fl-ambjent diġitali.[368] Fl-2019, il-Kumitat ta' Lanzarote adotta opinjoni dwar l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni ta' Lanzarote fir-rigward ta' immaġnijiet u/jew vidjos sesswalment suġġestivi jew espliċiti tat-tfal iġġenerati minnhom stess. L-opinjoni tidentifika sitwazzjonijiet li ma jikkostitwixxux reati kriminali u dawk li jitolbu prosekuzzjoni kriminali bħala l-aħħar alternattiva.[369] Immaġnijiet u/jew vidjos sesswalment suġġestivi jew espliċiti ġġenerati mit-tfal f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli għandhom jitqiesu bħala r-riżultat ta' mġiba abbużiva

365 Ara wkoll il-QEDB, *A u B vs il-Kroazja*, Nru. 7144/15, l-4 ta' Novembru 2019.

366 QEDB, *A.Ş. vs it-Turkija*, Nru. 58271/10, it-13 ta' Settembru 2016.

367 Eżempji jinkludu l-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari (1996), Ir-Riżoluzzjoni 1099 (1996) dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-25 ta' Settembru 1996; il-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari (2000), Ir-Riżoluzzjoni 1212 (2000) dwar l-istupru f'konflitti armati, it-3 ta' April 2000; il-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari (2002), Ir-Riżoluzzjoni 1307 (2002) dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal: tolleranza żero, is-27 ta' Settembru 2002.

368 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat ta' Lanzarote (2017), Opinjoni Interpretattiva dwar l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni ta' Lanzarote għal reati sesswali kontra t-tfal iffaċilitati permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), it-12 ta' Mejju 2017.

369 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat ta' Lanzarote (2019), Opinjoni dwar immaġnijiet u/jew vidjos sesswalment suġġestivi jew espliċiti tat-tfal iġġenerati, kondiviżi u riċevuti mit-tfal, is-6 ta' Ġunju 2019.

jew ta' sfruttament.[370] Ara t-Taqsima 7.2.3 għal aktar informazzjoni dwar materjal ta' sfruttament sesswali tat-tfal.

Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote tindirizza wkoll il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali kontra t-tfal permezz ta', fost l-oħrajn, l-edukazzjoni għat-tfal: kull Parti għandha tieħu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn meħtieġa biex tiżgura li t-tfal, matul l-edukazzjoni primarja u sekondarja, jirċievu informazzjoni dwar ir-riskji tal-isfruttament sesswali u tal-abbuż sesswali, kif ukoll dwar il-mezzi biex jipproteġu lilhom infushom, adattati għall-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw.

Eżempju: *A.R. u L.R. vs l-Iżvizzera*[371] tikkonċerna r-rifjut minn skola primarja li tilqa' t-talba tal-ewwel rikorrenti sabiex bintha, li dak iż-żmien kellha seba' snin u kienet waslet biex titla' għat-tieni sena tal-iskola primarja, tiġi eżentata mil-lezzjonijiet tal-edukazzjoni sesswali, li kienu obbligatorji għat-tfal fl-etajiet ta' bejn erba' snin u tmien snin. Il-QEDB innotat li l-edukazzjoni sesswali fil-kindergarten u fl-ewwel snin tal-iskola primarja ma kinitx sistematika; l-għalliema sempliċiment kellhom jirreaġixxu għall-mistoqsijiet u l-azzjonijiet tat-tfal. Ir-rifjut li studenti tal-iskola primarja jiġu eżentati mill-edukazzjoni sesswali kien jaqa' fil-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istat u, għalhekk, ma kienx jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB. Għaldaqstant, l-ilment ġie ddikjarat inammissibbli.

## 7.1.4. Vjolenza domestika u ttraskurar ta' tfal

Ħafna każijiet ta' vjolenza domestika jinkludu allegazzjonijiet ta' abbuż sesswali. F'dan is-sens, l-obbligi tal-istati skont il-liġi internazzjonali huma simili għal dawk elenkati fit-Taqsima 7.1.3.

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-każijiet ta' vjolenza domestika ġeneralment jitressqu min-nisa weħidhom jew flimkien mat-tfal tagħhom, fejn jilmentaw li l-Istat naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu b'mod adegwat skont l-Artikoli 2, 3 u 8 tal-KEDB li jħarishom kontra l-ħsara. L-istati għandhom jikkonformaw mal-obbligi pożittivi tagħhom biex jieħdu miżuri effettivi kontra vjolenza domestika

370 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat ta' Lanzarote (2019), Opinjoni dwar immaġnijiet u/jew vidjos sesswalment suġġestivi jew espliċiti tat-tfal iġġenerati, kondiviżi u riċevuti mit-tfal, is-6 ta' Ġunju 2019; il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat ta' Lanzarote (2017), Opinjoni Interpretattiva dwar l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni ta' Lanzarote għal reati sesswali kontra t-tfal iffaċilitati permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), it-12 ta' Mejju 2017.

371 QEDB, *A.R. u L.R. vs l-Iżvizzera*, Nru. 22338/15, id-19 ta' Diċembru 2017.

u jwettqu investigazzjoni effettiva tal-allegazzjonijiet argumentabbli ta' vjolenza domestika jew ittraskurar ta' tfal.

Eżempju: *Kurt vs l-Awstrija*[372] kienet tikkonċerna l-qtil ta' iben ir-rikorrenti fl-iskola minn żewġha. Hija lmentat li l-awtoritajiet kienu naqsu milli jipproteġu lil familtha mir-raġel vjolenti tagħha, li kien diġà nstab ħati ta' vjolenza domestika fil-konfront tagħha u ordnat jitlaq mid-dar tagħhom. Il-QEDB fakkret li, fil-kuntest tal-vjolenza domestika, l-obbligi tal-awtoritajiet statali l-ewwel kienu jeħtieġu rispons immedjat għall-allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika. It-tieni, l-awtoritajiet kellhom jistabbilixxu jekk kienx jeżisti jew le riskju reali u immedjat għall-ħajja ta' vittma identifikata waħda jew aktar ta' vjolenza domestika, billi jqisu kif xieraq il-kuntest partikolari tal-każijiet ta' vjolenza domestika u jżommu f'moħħhom li l-vjolenza kontra t-tfal li jappartjenu għall-unità domestika komuni tista' tintuża mill-awturi bħala l-forma aħħarija ta' kastig kontra s-sħab tagħhom. Il-valutazzjoni tar-riskju kellha tkun awtonoma, proattiva u komprensiva; l-awtoritajiet ma għandhomx jiddependu biss fuq il-perċezzjoni tar-riskju tal-vittma, iżda għandhom jikkomplementawha bil-valutazzjoni tagħhom stess, jiġbru u jivvalutaw l-informazzjoni dwar il-fatturi ta' riskju rilevanti kollha u l-elementi tal-każ. It-tielet, jekk l-eżitu ta' dik il-valutazzjoni kien l-eżistenza ta' tali riskju, ġie skattat l-obbligu tal-awtoritajiet li jieħdu miżuri operazzjonali preventivi adegwati proporzjonati mal-livell tar-riskju vvalutat.

Fil-każ tar-rikorrenti, l-awtoritajiet kienu wieġbu minnufih għall-allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika tagħha, ħadu x-xhieda tagħha u ħarġu ordnijiet ta' preskrizzjoni u protezzjoni, mingħajr ebda dewmien jew inattività. Il-valutazzjoni tar-riskju tagħhom, filwaqt li ma segwiet l-ebda proċedura standardizzata, issodisfat ir-rekwiżiti li tkun awtonoma, proattiva u komprensiva u ma identifikat l-ebda riskju reali u immedjat ta' attakk fuq il-ħajja tat-tfal taħt it-test ta' *Osman*[373] kif applikat fil-kuntest tal-vjolenza domestika. Konsegwentement, ma kien hemm l-ebda obbligu fuq l-awtoritajiet li jieħdu aktar miżuri operazzjonali preventivi speċifikament

372 QEDB, *Kurt vs l-Awstrija* [GC], Nru. 62903/15, il-15 ta' Ġunju 2021.

373 F'*Osman vs ir-Renju Unit* (1998), il-Qorti stabbiliet test fuq żewġ binarji biex tiddetermina meta jinħoloq obbligu pożittiv li jittieħdu miżuri operazzjonali għall-ħarsien ta' individwu li l-ħajja tiegħu tkun f'riskju mill-atti kriminali ta' individwu ieħor. It-test ta' *Osman* kien sussegwentement applikat f'varjetà ta' ċirkostanzi. Għal ħarsa ġenerali aktar komprensiva lejn is-sitwazzjonijiet differenti, ara l-QEDB, *Bljakaj u Oħrajn vs il-Kroazja*, Nru. 74448/12, il-punti 107–111.

fir-rigward tat-tfal tar-rikorrenti, fi spazji privati jew pubbliċi, bħall-ħruġ ta' ordni ta' preskrizzjoni għall-iskola tat-tfal. Għaldaqstant, il-QEDB ma sabet l-ebda ksur tal-Artikolu 2 tal-KEDB.

Eżempju: Fil-kawża *Kontrová vs is-Slovakkja*[374], ir-rikorrenti kienet f'diversi okkażjonijiet aggredita fiżikament minn żewġha. Hi lmentat mal-pulizija, iżda iktar tard irtirat l-ilment. Żewġha sussegwentement heddidha li ser joqtol lil uliedhom. Membru tal-familja rrapporta dan l-inċident lill-pulizija. Minkejja kollox, diversi ġranet wara l-inċident, ir-raġel tar-rikorrenti spara u qatel lilu nnifsu u liż-żewġ ulied. Il-QEDB sostniet li l-obbligi pożittivi ta' stat iqumu fl-isfera tal-Artikolu 2 tal-KEDB kull meta l-awtoritajiet jafu jew suppost ikunu jafu dwar l-eżistenza ta' riskju reali u immedjat għall-ħajja ta' individwu identifikat. F'dan il-każ, l-awtoritajiet Slovakki kellhom ikunu jafu b'dak ir-riskju bis-saħħa tal-komunikazzjoni pre-eżistenti bejn ir-rikorrenti u l-pulizija. L-obbligi pożittivi tal-pulizija kellhom jinvolvu r-reġistrazzjoni tal-ilment kriminali tar-rikorrenti, it-tnedija ta' investigazzjoni kriminali u l-bidu ta' proċedimenti kriminali, li jżommu rekord xieraq tat-telefonati ta' emerġenza u jieħdu azzjoni fir-rigward tal-allegazzjonijiet li r-raġel tar-rikorrenti kellu pistola. Il-pulizija, madankollu, naqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom u l-konsegwenza diretta ta' dawk in-nuqqasijiet kienet il-mewt ta' wlied ir-rikorrenti, bi ksur tal-Artikolu 2 tal-KEDB.

Eżempju: Il-kawża *Talpis vs l-Italja*[375] kienet tikkonċerna bosta episodji ta' vjolenza kontra r-rikorrenti u t-tfal tagħha minn żewġha. Wara l-ewwel żewġ episodji, ir-rikorrenti ressqet ilment kontrih u talbet miżuri ta' protezzjoni. Il-pulizija tkellmu magħha u għamlulha xi mistoqsijiet għall-ewwel darba seba' xhur wara l-ilment tagħha. Sadanittant, it-tielet episodju ta' vjolenza wassal għall-mewt tat-tifel tal-koppja u għal ġrieħi fuq il-persuna tar-rikorrenti. Il-QEDB ħadet nota tan-nuqqasijiet li ġejjin min-naħa tal-awtoritajiet: (a) huma ma wettqu l-ebda investigazzjoni għal seba' xhur wara l-ilment tar-rikorrenti, u lanqas ma ħadu miżuri biex jipproteġuha matul dak iż-żmien; (b) ir-raġel instab ħati li kkaġuna ħsara serja fuq il-ġisem tliet snin wara li r-rikorrenti kienet ressqet l-ilment tagħha u biss wara li kien qatel lil binhom u pprova joqtol lir-rikorrenti; u (c) il-pulizija baqgħu inattivi għal sitt xhur wara t-talba tal-prosekutur biex jieħdu azzjoni immedjata fuq it-talba tar-rikorrenti għal protezzjoni. Il-Qorti sabet li kien hemm ksur

374 QEDB, *Kontrová vs is-Slovakkja*, Nru. 7510/04, il-31 ta' Mejju 2007.

375 QEDB, *Talpis vs l-Italja*, Nru. 41237/14, it-18 ta' Settembru 2017.

tal-Artikolu 2 għal nuqqas ta' għoti ta' protezzjoni tal-ħajja tar-rikorrenti u ta' binha, ksur tal-Artikolu 3 għal nuqqas ta' għoti ta' protezzjoni lir-rikorrenti kontra l-vjolenza domestika u ksur tal-Artikolu 14, moqri flimkien mal-Artikoli 2 u 3.[376]

Każijiet ta' ttraskurar ta' tfal, jew f'istituzzjonijiet statali jew id-dar, tqajmu wkoll taħt il-KEDB. L-obbligi tal-awtoritajiet f'sitwazzjonijiet ta' ġenituri li jittraskuraw lil uliedhom huma simili għal dawk fil-każijiet ippreżentati qabel. Minn naħa waħda, l-istat għandu jdaħħal fis-seħħ mekkaniżmi effettivi għall-protezzjoni tat-tfal, fil-waqt li min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet statali għandhom jieħdu azzjoni biex jipproteġu lit-tfal f'każijiet irrapurtati ta' tfal ittraskurati, jew fejn hemm biżżejjed evidenza ta' ttraskurar tat-tfal għad-dispożizzjoni tagħhom, kemm jekk fi djar jew f'istituzzjonijiet mmexxija mill-privat.[377] Każijiet ta' ttraskurar f'istituzzjonijiet statali jimponu obbligi diretti fuq l-awtoritajiet biex jipproteġu lit-tfal billi jiżguraw li jirċievu l-kura (medika) adegwata, li l-faċilitajiet fejn huma mqiegħda huma adegwati u/jew il-persunal huwa mħarreġ biex jittratta l-ħtiġijiet tat-tfal.[378]

Il-Konvenzjoni ta' Istanbul hija l-ewwel strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet fil-livell internazzjonali, iffirmata mill-Istati Membri kollha tal-UE, u mill-UE[379], u tinkludi bosta referenzi għat-tfal.[380] L-ewwel, taħt l-Artikolu 3(f), bniet taħt l-età ta' 18-il sena għandhom ikunu kunsidrati "nisa", b'hekk, id-dispożizzjonijiet kollha tal-konvenzjoni japplikaw għalihom. It-tieni, taħt l-Artikolu 2(2), l-Istati Partijiet huma mħeġġa li japplikaw il-konvenzjoni għall-vittmi kollha ta' vjolenza domestika, li jistgħu jinkludu tfal. Fil-fatt, f'ħafna mill-każijiet it-tfal huma xhieda u huma affettwati severament mill-vjolenza domestika fid-dar.[381] Finalment, dispożizzjonijiet tal-konvenzjoni speċifiċi għat-tfal jinkludu obbligi

376 Ara wkoll il-QEDB, *Association Innocence en Danger u Association Enfance et Partage vs Franza*, Nri. 15343/15 u 16806/15, l-4 ta' Ġunju 2020.

377 QEDB, *Z u Oħrajn vs ir-Renju Unit* [GC], Nru. 29392/95, l-10 ta' Mejju 2001.

378 QEDB, *Nencheva u Oħrajn vs il-Bulgarija*, Nru. 48609/06, it-18 ta' Ġunju 2013.

379 Il-Kunsill tal-Ewropa, l-Uffiċċju tal-Ftehimiet, Chart of signature and ratification of Treaty No. 210 (Ċart tal-iffirmar u r-ratifika tat-Trattat Nru. 210), l-istatus fil-15 ta' Ottubru 2021.

380 Il-Kunsill tal-Ewropa (2011), Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza Kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika, CETS Nru. 210, 2011.

381 FRA (2014), Violence against women: An EU-wide survey, Main Results (Vjolenza kontra n-nisa: Stħarriġ fl-UE kollha, Riżultati Ewlenin), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-5 ta' Marzu 2014, pp. 134–135. Ara wkoll UNICEF (2006), Behind closed doors: The impact of domestic violence on children, 2006.

għal stati biex jieħdu miżuri sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' vittmi minuri, iqajmu kuxjenza fost it-tfal u jipproteġu xhieda minuri.

Bl-istess mod, skont l-Artikolu 17 tal-ESC, l-istati huma obbligati li jipprojbixxu kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal u jadottaw dispożizzjonijiet tal-liġi ċivili u kriminali adegwati.

Il-kwistjonijiet ta' vjolenza domestika u ittraskurar tat-tfal kienu indirizzati f'diversi strumenti mhux legalment vinkolanti tal-KtE.[382]

## 7.2. Sfruttament tat-tfal

**Punt ewlieni**

- L-awtoritajiet statali għandhom dmir li jikkooperaw b'mod effettiv biex jipproteġu lit-tfal kontra x-xogħol furzat, it-traffikar u l-materjal ta' sfruttament sesswali tat-tfal, inkluż fit-twettiq tal-investigazzjonijiet.

### 7.2.1. Xogħol furzat

**Skont id-dritt tal-UE**, il-jasar, is-servitù, ix-xogħol furzat jew obbligatorju huma pprojbiti (l-Artikolu 5(2) tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali). L-impjieg tat-tfal huwa ġeneralment ipprojbit mill-Artikolu 32 tal-karta, li jispeċifika li l-età minima tad-dħul fl-impjieg ma tistax tkun aktar baxxa mill-età minima tat-tluq mill-iskola, mingħajr preġudizzju għal tali regoli li jistgħu jkunu aktar favorevoli għaż-żgħażagħ u ħlief għal derogi limitati. L-età minima tat-tluq mill-iskola tvarja madwar l-UE, l-aktar bejn il-15 u t-18-il sena.[383] Id-Direttiva 94/33/KE hija l-istrument legali ewlieni li jipprojbixxi t-tħaddim tat-tfal.[384] L-Istati Membri huma permessi jistabbilixxu l-età minima għall-impjieg taħt

382 L-eżempji jinkludu: Il-Kunsill tal-Ewropa, Il-Kumitat tal-Ministri (1985), Ir-Rakkomandazzjoni Nru. R (85) 4 dwar il-vjolenza fil-familja, is-26 ta' Marzu 1985; il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (1990), Ir-Rakkomandazzjoni Nru. R (90) 2 dwar miżuri soċjali li jikkonċernaw vjolenza fil-familja, il-15 ta' Jannar 1990; il-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari (1998), Ir-Rakkomandazzjoni 1371 (1998) dwar l-abbuż u l-ittraskurar tat-tfal, it-23 ta' April 1998.

383 L-UE, il-Kummissjoni Ewropea, Eurydice (2018), *Compulsory education in Europe – 2018/19* (L-edukazzjoni obbligatorja fl-Ewropa – 2018/19), Fatti u Ċifri ta' Eurydice, 2018.

384 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (1994), Id-Direttiva tal-Kunsill 94/33/KE tat-22 ta' Ġunju 1994 dwar il-Protezzjoni taż-Żgħażagħ fuq ix-Xogħol, ĠU 1994 L 216.

l-età minima tat-tluq mill-iskola f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss (l-Artikolu 4(2)), u għandhom jiżguraw li ż-żgħażagħ li jingħataw xogħol jibbenefikaw minn kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa (l-Artikoli 6 u 7). Barra minn hekk, it-tfal jistgħu jiġu impjegati biss għal ċerti attivitajiet, bħal xogħol domestiku ħafif jew attivitajiet soċjali jew kulturali (l-Artikoli 2(2) u 5). Id-direttiva tistabbilixxi wkoll miżuri speċifiċi ta' protezzjoni li għandhom jittieħdu f'każijiet tat-tħaddim tat-tfal (it-Taqsima III).

F'ħafna drabi, każijiet ta' tħaddim tat-tfal furzat jinvolvu tfal ittraffikati.[385] Id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin tirrikonoxxi x-xogħol furzat bħala forma ta' sfruttament tat-tfal (l-Artikolu 2(3)).[386] Tfal ittraffikati għall-għanijiet ta' xogħol furzat huma protetti taħt id-direttiva bl-istess mod kif inhuma vittmi ta' traffikar għal għanijiet oħra (bħall-isfruttament sesswali, ara t-Taqsima 7.1.3).[387]

**Skont id-dritt tal-KtE**, l-Artikolu 4 tal-KEDB jipprojbixxi f'termini assoluti kull forma ta' jasar, servitù, xogħol furzat u obbligatorju. Il-QEDB tiddefinixxi "xogħol furzat u obbligatorju" bħala "xogħol jew servizz li ġej minn kwalunkwe persuna taħt il-minaċċa ta' kwalunkwe piena kontra r-rieda tal-persuna konċernata li għalihom il-persuna msemmija ma offrietx lilha nfisha volontarjament".[388] Minbarra dan, servitù tinkludi, "l-obbligu għas-"servjent" li jgħix fuq proprjetà ta' persuna oħra u l-impossibbiltà li jibdel il-kundizzjonijiet tiegħu".[389] B'hekk is-servitù hija forma aggravata ta' xogħol obbligatorju.

F'każijiet li jikkonċernaw allegazzjonijiet ta' xogħol furzat, il-QEDB l-ewwel tiddetermina jekk l-allegazzjonijiet jaqgħux fi ħdan l-ambitu tal-Artikolu 4 tal-KEDB.[390] Imbagħad tanalizza jekk l-istat issodisfax l-obbligi pożittivi tagħhom biex idaħħal fis-seħħ qafas leġiżlattiv u amministrattiv li jipprojbixxi, jikkastiga u effettivament iressaq każijiet ta' xogħol furzat u obbligatorju, servitù

385 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, ĠU 2011 L 101/1, il-Premessa 11.

386 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, ĠU 2011 L 101/1.

387 Ara FRA (2015c), *Severe labour exploitation: workers moving within or into the European Union, States' obligations and victims' rights*, it-2 ta' Ġunju 2015, pp. 40-41.

388 QEDB, *Siliadin vs Franza*, Nru. 73316/01, is-26 ta' Lulju 2005, il-punt 116.

389 *Ibid.*, il-punt 123.

390 QEDB, *C.N. u V. vs Franza*, Nru. 67724/09, il-11 ta' Ottubru 2012, il-punt 70.

u jasar.[391] Fir-rigward tal-aspetti proċedurali tal-Artikolu 4, il-KEDB teżamina jekk l-awtoritajiet domestiċi wettqux investigazzjoni effettiva f'allegazzjonijiet argumentabbli ta' xogħol furzat u servitù.[392]

Eżempju: Il-kawża *C.N. u V. vs Franza*[393] tikkonċerna d-dikjarazzjonijiet ta' xogħol furzat ta' żewġ aħwa bniet mill-Burundi. Wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom, huma kienu ttieħdu biex jgħixu ma' zithom u l-familja tagħha fi Franza. Għal erba' snin kienu akkomodati fil-kantina tad-dar f'kundizzjonijiet allegatament ħżiena ħafna. L-oħt il-kbira ma attendietx skola u qattgħet ħinha kollu tagħmel faċendi tad-dar u tieħu ħsieb it-tifel diżabilitat taz-zija. L-oħt iż-żgħira attendiet l-iskola u ħadmet għal zitha u l-familja tagħha wara l-iskola u wara li tkun ingħatat ħin biex tagħmel ix-xogħol tal-iskola. Iż-żewġ aħwa ressqu lment mal-QEDB li kienu ġew miżmuma fis-servitù u suġġetti għal xogħol furzat. Il-QEDB sabet li l-ewwel rikorrenti kienet tassew suġġetta għal xogħol furzat hekk kif kellha taħdem sebat ijiem fil-ġimgħa mingħajr ebda remunerazzjoni jew vaganza. Barra dan, kienet miżmuma f'servitù għaliex kellha s-sensazzjoni li s-sitwazzjoni tagħha kienet permanenti, mingħajr ebda ċans ta' tibdil. Imbagħad il-QEDB sabet li l-istat ma ssodisfax l-obbligi pożittivi tiegħu, minħabba li l-qafas legali fis-seħħ ma offriex protezzjoni effettiva lil vittmi ta' xogħol obbligatorju. Fir-rigward tal-obbligi proċedurali għal investigazzjoni, il-QEDB sostniet li r-rekwiżiti tal-Artikolu 4 tal-KEDB kienu ntlaħqu, għaliex l-awtoritajiet wettqu investigazzjoni indipendenti f'waqtha li kapaċi twassal għall-identifikazzjoni u l-ikkastigar ta' dawk responsabbli. Il-QEDB ċaħdet l-allegazzjonijiet ta' xogħol furzat tat-tieni rikorrenti, bir-raġunament li setgħet tmur l-iskola u kienet tingħata ċans għax-xogħol tal-iskola.

L-ESC tiggarantixxi d-dritt tat-tfal li jkunu protetti kontra perikli fiżiċi u morali fl-ambjent tax-xogħol jew barra minnu (l-Artikolu 7(10)). L-ECSR osserva li sfruttament domestiku/fix-xogħol ta' tfal, inkluż traffikar għal raġunijiet ta' sfruttament fix-xogħol, għandhom ikunu pprojbiti fuq livell statali.[394] L-Istati Partijiet għall-ESC għandhom jiżguraw mhux biss li għandhom il-leġiżlazzjoni

391 *Ibid.*, il-punt 104f.

392 QEDB, *C.N. vs ir-Renju Unit*, Nru. 4239/08, it-13 ta' Novembru 2012, il-punti 70–82.

393 QEDB, *C.N. u V. vs Franza*, Nru. 67724/09, il-11 ta' Ottubru 2012

394 ECSR (2004), Konklużjonijiet 2004 – il-Bulgarija – l-Artikolu 7(10), 2004/def/BGR/7/10/EN, il-31 ta' Mejju 2004.

neċessarja biex jipprevjenu sfruttament u jipproteġu lit-tfal u żgħażagħ, imma wkoll li din il-leġiżlazzjoni hija effettiva fil-prattika.[395]

L-ILO tlaqqa' flimkien gvernijiet, impjegaturi u ħaddiema ta' 187 Stat Membru biex jistabbilixxu standards tax-xogħol, jiżviluppaw politiki u jfasslu programmi li jippromwovu xogħol deċenti. Żewġ konvenzjonijiet tal-ILO dwar it-tħaddim tat-tfal, il-Konvenzjoni Nru. 138 dwar l-Età Minima[396] u l-Konvenzjoni Nru. 182 dwar l-Agħar Forom ta' Tħaddim tat-Tfal[397], jistabbilixxu l-età minima għad-dħul f'ċerti tipi ta' impjieg, salvagwardji protettivi li jeħtieġ li jkunu fis-seħħ, u miżuri biex jipprojbixxu u jeliminaw l-agħar forom ta' tħaddim tat-tfal.

## 7.2.2. Traffikar tat-tfal

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 83 tat-TFUE jidentifika t-traffikar tal-bnedmin bħala qasam fejn il-Parlament u l-Kunsill tal-UE għandhom poteri leġiżlattivi. L-Artikolu 5(3) tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali fih projbizzjoni espressa tat-traffikar tal-bnedmin. Il-kontribuzzjoni tal-UE hija vvalutata hawnhekk, peress li dan huwa qasam b'dimensjonijiet transfruntiera

Id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu hija l-ewwel strument mgħoddi mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill ibbażat fuq Artikolu 83 tat-TFUE.[398] Skont l-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva, it-traffikar huwa ddefinit bħala "ir-reklutaġġ, it-trasport, it-trasferiment, il-kenn jew l-akkoljenza ta' persuni, inkluż l-iskambju jew it-trasferiment tal-kontroll fuq dawk il-persuni, permezz tat-theddid jew l-użu tal-forza jew forom oħra ta' ġegħil, ta' ħtif, ta' frodi, ta' qerq, tal-abbuż tal-poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà jew tal-għoti jew riċeviment ta' ħlasijiet jew benefiċċji biex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li jkollha kontroll fuq persuna oħra, għall-fini ta' sfruttament". L-għan tad-direttiva huwa biex jiġu stabbiliti regoli minimi għad-definizzjoni u s-sanzjonar ta' reati relatati

395 ECSR (2006), Konklużjonijiet 2006 – l-Albanija – l-Artikolu 7(10), 2006/def/ALB/7/10/EN, it-30 ta' Ġunju 2006; ECSR (2006), Konklużjonijiet 2006 – il-Bulgarija – l-Artikolu 7(10), 2006/def/BGR/7/10/EN, it-30 ta' Ġunju 2006; ECSR (2020), Konklużjonijiet 2019 – l-Irlanda, Marzu 2020.

396 ILO (1973), Il-Konvenzjoni dwar l-Età Minima, C138, 1973; ILO (1973), Ir-Rakkomandazzjoni dwar l-Età Minima, R146, 1973.

397 ILO (1999), Il-Konvenzjoni dwar l-Agħar Forom ta' Tħaddim tat-Tfal, C182, 1999; ILO (1999), Ir-Rakkomandazzjoni dwar l-Agħar Forom ta' Tħaddim tat-Tfal, R260, 1999.

398 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, ĠU 2011 L 101/1.

mat-traffikar tal-bnedmin (l-Artikolu 1). Id-direttiva fit-totalità tagħha hija rilevanti għat-tfal, u tinkludi wkoll diversi dispożizzjonijiet speċifiċi għat-tfal fir-rigward ta' assistenza u sostenn ta' vittmi minuri ta' traffikar u protezzjoni f'investigazzjonijiet kriminali (l-Artikoli 13–16).[399] Miżuri ta' sostenn speċifiċi għandhom jittieħdu skont valutazzjoni ta' speċjalista ta' kull vittma individwali (l-Artikolu 14(1)). L-istati għandhom jaħtru tutur biex jirrappreżenta l-aħjar interessi tal-minuri (l-Artikolu 14(2)) u jipprovdi sostenn lill-familja tal-minuri (l-Artikolu 14(3)). Waqt proċediment kriminali, it-tfal għandhom id-dritt għal rappreżentant, konsulenza legali bla ħlas, u d-dritt li jkunu mismugħa f'bini adegwat u minn professjonisti mħarrġa (l-Artikolu 15(1)–(3)). Aktar miżuri ta' protezzjoni jinkludu l-possibbiltà li twettaq smigħ mingħajr il-preżenza tal-pubbliku u l-possibbiltà li tisma' l-minuri indirettament permezz ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni (l-Artikolu 15(5)).[400]

Id-Direttiva 2004/81/KE hija rilevanti wkoll għat-tfal vittmi tat-traffikar jekk, permezz ta' deroga, l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva għat-tfal taħt il-kundizzjonijiet stipulati fil-liġi nazzjonali.[401] Taħt dan l-istrument, vittmi ta' traffikar jista' jinħargilhom permess għal residenza mill-Istati Membru ospitant, jekk jikkoperaw fl-investigazzjoni kriminali.[402]

Fil-livell ta' politika, il-Kummissjoni Ewropea adottat strateġija ġdida f'April 2021 b'għadd ta' miżuri għall-prevenzjoni tat-traffikar, il-protezzjoni tal-vittmi u l-promozzjoni tal-prosekuzzjoni.[403] L-aġenzija tal-infurzar tal-liġi tal-UE (l-Europol) u l-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (l-Eurojust) għandhom rwol importanti fl-iżgurar tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jidentifikaw u jipprosegwixxu n-networks tat-traffikar

399 Dispożizzjonijiet spjegati fid-dettall fl-FRA u l-QEDB (2020), *Handbook on European law relating to asylum, borders and immigration* (Manwal dwar id-dritt Ewropew relatat mal-ażil, il-fruntieri u l-immigrazzjoni), is-17 ta' Diċembru 2020.

400 Ara FRA (2015b), *Child-friendly justice: Perspectives and experiences of professionals on children's participation in civil and criminal judicial proceedings in 10 EU Member States* (Ġustizzja adattata għat-tfal: Il-perspettivi u l-esperjenzi tal-professjonisti dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili u kriminali f'10 Stati Membri tal-UE), il-5 ta' Mejju 2015, p. 79.

401 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2004), Id-Direttiva dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti, ĠU 2004 L 261.

402 *Ibid.*, l-Art. 3.

403 L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2021), "Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin: Strateġija ġdida 2021–2025", il-21 ta' April 2021.

organizzati. Id-dispożizzjonijiet rilevanti għall-protezzjoni tal-vittmi minuri fuq livell tal-UE huma indirizzati fit-Taqsima 11.3 ta' dan il-manwal.

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-KEDB ma tirreferix speċifikament għat-traffikar. Madankollu, il-KEDB tinterpreta l-Artikolu 4 tal-KEDB bħala li jinkludi projbizzjoni ta' traffikar.[404] Il-Qorti adottat l-istess definizzjoni tat-traffikar kif stipulat fl-Artikolu 3(a) tal-Protokoll għall-prevenzjoni, it-trażżin u l-ikkastigar tat-traffikar tal-persuni, speċjalment nisa u tfal, li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (Protokoll ta' Palermo) u l-Artikolu 4(a) tal-Konvenzjoni tal-KtE dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin.[405] Il-QEDB l-ewwel tidentifika jekk sitwazzjoni partikolari tinvolvix allegazzjoni ta' traffikar kredibbli u b'hekk taqax taħt l-ambitu tal-Artikolu 4. Jekk tagħmel hekk, l-analiżi tal-QEDB se ssegwi x-xejriet deskritti fit-Taqsima 7.2.1: Il-Qorti tindaga jekk il-qasam legali tal-istat konvenut joffrix protezzjoni effettiva kontra t-traffikar, jekk l-istat onorax l-obbligi pożittivi tiegħu fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u jekk l-awtoritajiet wettqux investigazzjoni effettiva dwar l-allegazzjonijiet argumentabbli ta' traffikar. Il-Qorti bbażat ukoll fuq il-każistika tagħha skont l-Artikoli 3 u 8 fir-rigward ta' atti ta' vjolenza, billi t-tfal huma partikolarment vulnerabbli, sabiex taċċerta jekk il-miżuri applikati mill-Istat biex dawn jiġu protetti kontra atti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4 humiex effettivi jew le, jinkludux passi raġonevoli għall-prevenzjoni ta' atti li l-awtoritajiet kienu jafu, jew suppost li kienu jafu bihom, u jekk humiex effettivament deterrenti.[406]

Eżempju: Il-kawża *Rantsev vs Ċipru u r-Russja*[407] kienet ippreżentata mill-missier ta' tifla' żgħira Russa li mietet f'ċirkostanzi suspettużi f'Ċipru. Hija daħlet Ċipru fuq viża ta' artist tal-cabaret. Wara dak li deher li kien attentat ta' ħarba, hija mietet billi waqgħet minn gallarija ta' appartament li jappartjeni lil konoxxenti ta' min iħaddimha. Missierha preżenta lment kemm kontra r-Russja kif ukoll kontra Ċipru, fejn essenzjalment allega li l-awtoritajiet ma kinux investigaw b'mod xieraq il-mewt ta' bintu. Il-QEDB

404 QEDB, *Rantsev vs Ċipru u r-Russja*, Nru. 25965/04, is-7 ta' Jannar 2010, il-punt 282.

405 In-Nazzjonijiet Uniti, l-Assemblea Ġenerali (2000), Il-Protokoll għall-Prevenzjoni, is-Soppressjoni u l-Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, Speċjalment Nisa u Tfal, New York, il-15 ta' Novembru 2000; il-Kunsill tal-Ewropa (2005), Il-Konvenzjoni dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, CETS Nru. 197, is-16 ta' Mejju 2005.

406 QEDB, *V.C.L. u A.N. vs ir-Renju Unit*, Nri. 77587/12 u 74603/12, is-16 ta' Frar 2021; ara wkoll il-QEDB, *S.M. vs il-Kroazja*, Nru. 60561/14, il-25 ta' Ġunju 2020.

407 QEDB, *Rantsev vs Ċipru u r-Russja*, Nru. 25965/04, is-7 ta' Jannar 2010.

iddeċidiet għall-ewwel darba li t-traffikar tal-bnedmin jaqa' taħt l-ambitu tal-Artikolu 4 tal-KEDB. Minkejja li Ċipru kellu qafas legali adegwat biex jiġġieled it-traffikar, kien inkiser l-Artikolu 4, għaliex il-prattika amministrattiva li tirrikjedi li min iħaddem joħroġ garanziji finanzjarji għal żeffiena tal-cabaret ma offrietx protezzjoni effettiva kontra t-traffikar u l-isfruttament. Barra minn hekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-awtoritajiet Ċiprijotti kellhom ikunu jafu li bint r-rikorrent kienet f'riskju li tiġi ttraffikata. Il-Qorti ddeċidiet li l-pulizija naqset milli tieħu l-miżuri biex tipproteġi lis-Sinjorina Rantseva kontra l-isfruttament. Finalment, sabet ksur tal-Artikolu 4 mir-Russja, minħabba li l-awtoritajiet Russi ma investigawx b'mod xieraq l-allegazzjonijiet ta' traffikar.[408]

Eżempju: Il-kawża *V.C.L. u A.N. vs ir-Renju Unit*[409] kienet tikkonċerna żewġt itfal mill-Vjetnam skoperti minn uffiċjali tal-pulizija li kienu qed jaħdmu f'farms tal-kannabis, u wara ġew arrestati u akkużati b'reati relatati mad-droga. Ir-rikorrenti ma ġewx riferuti minnufih għal valutazzjoni bħala vittmi potenzjali tat-traffikar, iżda aktar tard l-awtorità kompetenti ddeterminat li t-tnejn li huma kienu ġew ittraffikati. Is-servizz tal-prosekuzzjoni ma qabilx ma' dik il-valutazzjoni u kompla bil-prosekuzzjoni tagħhom. Iż-żewġ rikorrenti wieġbu li kienu ħatja għall-akkużi u ġew ikkundannati. Din kienet l-ewwel darba li l-Qorti kienet ikkunsidrat ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 4 tal-KEDB u l-prosekuzzjoni tal-vittmi u ta' vittmi potenzjali tat-traffikar. L-ebda projbizzjoni ġenerali fuq il-prosekuzzjoni tal-vittmi tat-traffikar ma tista' tiġi interpretata minn standards internazzjonali kontra t-traffikar, u lanqas ma tista' l-prosekuzzjoni tal-vittmi tat-traffikar tat-tfal tiġi prekluża fiċ-ċirkostanzi kollha. Madankollu, il-prosekuzzjoni ta' vittmi (potenzjali) tat-traffikar tista', f'ċerti ċirkostanzi, tkun f'kunflitt mad-dmir tal-Istat li jieħu miżuri operazzjonali biex jipproteġihom meta l-awtoritajiet kienu jafu, jew suppost li kienu jafu, biċ-ċirkostanzi li wasslu għal suspett kredibbli li individwu kien ġie ttraffikat. Sabiex il-prosekuzzjoni ta' vittma (potenzjali) turi rispett għal-libertajiet garantiti mill-Artikolu 4, l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi kienet ta' importanza kbira. Hekk kif l-awtoritajiet saru jafu, jew suppost li saru jafu, biċ-ċirkostanzi li wasslu għal suspett kredibbli li individwu suspettat li kkommetta reat kriminali seta' kien ittraffikat jew sfruttat, il-persuna kellha tiġi vvalutata minnufih minn individwi mħarrġa u kkwalifikati, abbażi tal-kriterji identifikati fl-istandards

408 Ara wkoll il-QEDB, *S.M. vs il-Kroazja*, Nru. 60561/14, il-25 ta' Ġunju 2020.

409 QEDB, *V.C.L. u A.N. vs ir-Renju Unit*, Nri. 77587/12 u 74603/12, is-16 ta' Frar 2021.

internazzjonali, b'kunsiderazzjoni speċifika għall-fatt li t-theddida ta' forza u/jew koerċizzjoni ma kinitx meħtieġa meta l-individwu kien minuri. Barra minn hekk, il-QEDB enfasizzat li kwalunkwe deċiżjoni dwar jekk il-prosekuzzjoni ta' vittma potenzjali għandhiex, kemm jista' jkun, tittieħed biss ladarba persuna kkwalifikata tkun għamlet valutazzjoni tat-traffikar, b'mod partikolari jekk il-vittma potenzjali tkun minuri. Fil-każ tar-rikorrenti, il-QEDB sabet li r-raġunijiet tas-servizz tal-prosekuzzjoni meta ddeċieda li jipprosegwixxi kienu kompletament inadegwati u inkonsistenti mad-definizzjoni tat-traffikar fid-dritt internazzjonali. Flimkien ma' dan, in-nuqqas tal-awtoritajiet li jwettqu valutazzjoni f'waqtha ta' jekk ir-rikorrenti kinux fil-fatt ġew ittraffikati jew le ammonta għal ksur tal-obbligi pożittivi tagħhom skont l-Artikolu 4 tal-KEDB. Il-QEDB qieset ukoll li dak li ntqal hawn fuq kien kiser id-dritt tar-rikorrenti għal proċess ġust, garantit skont l-Artikolu 6 tal-KEDB.

L-ECSR tikkonsidra li traffikar tal-bnedmin jikkostitwixxi ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità umana, u li jammontaw għal forma ġdida ta' jasar.[410] Skont l-Artikolu 7(10), l-istati għandhom jadottaw leġiżlazzjoni li tikkriminalizzah.[411] Din il-leġiżlazzjoni għandha tkun appoġġata minn mekkaniżmi ta' superviżjoni adegwati, sanzjonijiet, u pjan ta' azzjoni li jikkumbatti t-traffikar tat-tfal u l-isfruttament sesswali.[412]

Fil-livell ta' trattat, il-Konvenzjoni tal-KtE dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin hija l-istrument ewlieni li jindirizza t-traffikar tal-bnedmin.[413] Il-Konvenzjoni tikkomplementa d-Direttiva tal-UE 2011/36/UE u hija strumentali fil-ġlieda kontra t-traffikar fl-Istati li huma parti għall-konvenzjoni, kemm jekk huma membri tal-UE kif ukoll jekk le, abbażi ta' standards u obbligi komuni. L-implimentazzjoni tal-konvenzjoni hija mħarsa minn grupp ta' esperti indipendenti (Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA, Group of Experts on Action against Trafficking in Human Beings), li

410 ECSR, *Federation of Catholic Family Associations in Europe (FAFCE) vs l-Irlanda*, Nru. 89/2013, it-12 ta' Settembru 2014, il-punt 56.

411 ECSR (2016), Konklużjoni 2015 – Ċipru, p. 15, Jannar 2016 fi: ECSR (2016), Konklużjonijiet 2015 – l-Artikoli 7, 8, 16, 17, 19, 27 u 31 tal-Karta, Jannar 2016, p. 260.

412 ECSR, *Federation of Catholic Family Asosciations in Europe (FAFCE) vs l-Irlanda*, Ilment Nru. 89/2013, it-12 ta' Settembru 2014, il-punt 57.

413 Il-Kunsill tal-Ewropa (2005), Il-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, CETS Nru. 197, is-16 ta' Mejju 2005.

perjodikament jevalwaw is-sitwazzjoni f'kull pajjiż u jippubblikaw rapporti.[414] Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni, il-pilastru politiku tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ taħt il-konvenzjoni, jadotta rakkomandazzjonijiet għal Stati Partijiet li jikkonċernaw miżuri li għandhom jittieħdu biex jimplimentaw il-konklużjonijiet tal-GRETA u jsegwi l-progress.

### 7.2.3. Sfruttament sesswali

**Skont id-dritt tal-UE**, id-Direttiva 2011/93/UE[415] hija l-istrument legali ewlieni li jindirizza l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija.[416]

L-Artikolu 4 jindirizza b'mod estensiv l-isfruttament, inklużi r-reklutaġġ, il-koerċizzjoni u l-isfurzar tat-tfal biex jipparteċipaw fi prestazzjonijiet pornografiċi jew prostituzzjoni tat-tfal u jagħmlu profitt minnhom, jattendu prestazzjonijiet pornografiċi li jinvolvu t-tfal u jinvolvu ruħhom f'attivitajiet sesswali ma' tfal furzati fil-prostituzzjoni. Hija tiddefinixxi l-pedopornografija bħala: "(i) kwalunkwe materjal li viżwalment juri tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata; (ii) kwalunkwe rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali; (iii) kwalunkwe materjal li viżwalment juri kwalunkwe persuna li tidher li hija tfal li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' kwalunkwe persuna li tidher tfal, għal finijiet primarjament sesswali; jew (iv) immaġini realistiċi ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew immaġini realistiċi tal-organi sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali."[417] L-Artikolu 5 ta' din id-direttiva jintroduċi obbligu li l-Istati Membri tal-UE jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li l-produzzjoni, l-akkwist, il-pussess,

414 Ara l-Kunsill tal-Ewropa, GRETA (2019), *Id-disa' rapport ġenerali dwar l-attivitajiet tal-GRETA*, 2019.

415 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, ĠU 2011 L 335/1.

416 Dan il-manwal juża t-terminu "pedopornografija" biss meta jirreferi għal testi legali. Madankollu, wara l-Linji Gwida tal-Lussemburgu tal-2016, it-terminu ppreferut minflok huwa "materjal ta' sfruttament sesswali tat-tfal" jew "materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal"; il-Grupp ta' Ħidma Bejn l-Aġenziji (2016), *Terminology guidelines for the protection of children from sexual exploitation and sexual abuse* (Linji gwida ta' terminoloġija għall-protezzjoni tat-tfal minn sfruttament sesswali u abbuż sesswali), it-28 ta' Jannar 2016.

417 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, ĠU 2011 L 335/1, l-Art. 2(c).

id-distribuzzjoni, id-disseminazzjoni, it-trażmissjoni, l-offerta, il-provvista jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni intenzjonalment ta' pedopornografija kif ukoll li koxjentement tottjeni aċċess għal dan it-tip ta' kontenut huwa punibbli.

Skont **id-dritt tal-KtE**, il-QEDB f'diversi okkażjonijiet analizzat każijiet li jikkonċernaw l-isfruttament sesswali tat-tfal skont l-Artikoli 3 u 8 tal-KEDB.

Eżempju: Il-kawża *Söderman vs l-Iżvezja* tressqet minn tifla li t-tieni r-raġel ta' ommha pprova jiffilmjaha waqt li kienet qed tinħasel.[418] Hija allegat li l-qafas leġiżlattiv Żvediż ma pproteġiex adegwatament il-ħajja privata tagħha. Il-QEDB sostniet li l-istat għandu obbligi pożittivi li jdaħħal fis-seħħ qafas leġiżlattiv li joffri protezzjoni adegwata lil vittmi bħar-rikorrenti. Peress li dan il-każ kkonċerna biss tentattiv biex jiffilmja r-rikorrenti, il-QEDB sostniet li dak il-qafas leġiżlattiv m'għandux neċessarjament jinkludi sanzjonijiet kriminali. Ir-rimedji offruti lil vittma — kemm ċivili u kriminali — kellhom ikunu effettivi. Fuq il-fatti ta' dan il-każ, il-QEDB sostniet li r-rikorrenti ma bbenefikatx mir-rimedji kriminali u ċivili effettivi kontra t-tentattiv tat-tieni raġel ta' ommha li jiffilmjaha, bi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Eżempju: Il-kawża *N.C. vs it-Turkija*[419] kienet tikkonċerna tifla ta' 12-il sena li ġiet furzata taħdem bħala prostituta. Wara l-ilment tar-rikorrenti, infetħet investigazzjoni malajr u l-maġġoranza tal-awturi ġew ikkundannati għal termini ta' priġunerija. Madankollu, f'każ daqstant serju, fir-rigward tal-isfruttament sesswali ta' tifla, il-QEDB ma setgħetx tillimita ruħha għal dik is-sejba ġenerali fil-valutazzjoni ta' jekk l-Istat konvenut kienx issodisfa l-obbligi tiegħu jew le skont l-Artikoli 3 u 8. Il-Qorti sabet li n-nuqqas ta' assistenza lir-rikorrenti, in-nuqqas li ta' għoti ta' protezzjoni lilha mill-awturi, ir-rikostruzzjoni bla bżonn tal-inċidenti ta' stupru, l-eżamijiet mediċi ripetuti, in-nuqqas li jiġi żgurat ambjent kalmi u sikur fis-seduti, il-valutazzjoni tal-kunsens tal-vittma, it-tul eċċessiv tal-proċedimenti u, fl-aħħar nett, il-fatt li tnejn mill-akkużi kienu ġew preskritti kienu jammontaw għal każ ta' vittimizzazzjoni sekondarja serja. L-imġiba tal-awtoritajiet nazzjonali ma kinitx kompatibbli mal-obbligu li tingħata protezzjoni lil tifla li kienet il-vittma ta' sfruttament u abbuż sesswali. L-ewwel u qabel kollox kienet ir-responsabbiltà tal-imħallfin tal-assize court li jiżguraw li r-rispett għall-integrità personali tar-rikorrenti jkun protett b'mod adegwat

418 QEDB, *Söderman vs l-Iżvezja* [GC], Nru. 5786/08, it-12 ta' Novembru 2013.

419 QEDB, *N.Ç. vs it-Turkija*, Nru. 40591/11, id-9 ta' Frar 2021.

fil-proċess. In-natura intima tas-suġġett u l-età tar-rikorrenti kienu punti ta' sensittività partikolari, li inevitabbilment talbu approċċ sensittiv korrispondenti min-naħa tal-awtoritajiet għat-tmexxija tal-proċedimenti kriminali inkwistjoni. Konsegwentement, il-Qorti sabet ksur tal-Artikoli 3 u 8 tal-KEDB.

L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità[420] tal-KtE jeħtieġ li l-Istati Partijiet jikkriminalizzaw l-imġiba li toffri, tqiegħed għad-dispożizzjoni, tqassam, tittrażmetti, takkwista jew ikollok fil-pussess tiegħek pedopornografija jew tipproduċi dak il-materjal permezz ta' sistema tal-kompjuter. Rekwiżit importanti huwa li l-imġiba għandha tkun b'intenzjoni. Ir-rapport ta' spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni jiddikjara li t-terminu "materjal pornografiku" huwa "dipendenti fuq standards nazzjonali li jikkonċernaw materjali klassifikati bħala oxxeni, inkonsistenti mal-morali pubblika jew similarment korrotti. Għalhekk, materjal li jkollu mertu artistiku, mediku, xjentifiku jew simili jista' jitqies li ma jkunx pornografiku."[421] Il-Kumitat tal-Ministri tal-KtE adotta wkoll linji gwida dwar id-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali, li jinkludu għadd ta' miżuri mmirati speċifikament lejn il-protezzjoni tat-tfal mill-isfruttament u l-abbuż sesswali online.[422]

Barra minn hekk, skont l-Artikoli 21 u 23 tal-Konvenzjoni ta' Lanzarote, l-istati huma meħtieġa li jieħdu miżuri leġiżlattivi biex jikkriminalizzaw diversi forom ta' pedopornografija. Skont l-Artikolu 21, li tirrekluta, iġġiegħel u tipparteċipa f'attivitajiet pedopornografiċi għandhom ikunu kriminalizzati. Skont l-Artikolu 22, li tqabbad tfal jaraw atti (ta' abbuż) sesswali għandu jkun ugwalment kriminalizzat. Finalment, l-Artikolu 23 jeħtieġ li l-leġiżlazzjoni kriminali tkun ippromulgata b'relazzjoni mal-atti ta' solleċitazzjoni tat-tfal għal raġunijiet sesswali permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni jew komunikazzjoni. Il-Kumitat ta' Lanzarote stieden lill-Istati Partijiet għall-konvenzjoni jikkunsidraw l-estenzjoni tal-kriminalizzazzjoni tas-solleċitazzjoni għal każijiet meta l-abbuż sesswali mhuwiex riżultat minn laqgħa wiċċ imb wiċċ imma mwettaq online.[423]

420 Il-Kunsill tal-Ewropa (2004), Il-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità, CETS Nru. 185, l-1 ta' Lulju 2004.

421 Il-Kunsill tal-Ewropa (2001), *Rapport ta' spjegazzjoni għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità*, il-para. 99.

422 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2018), *Linji Gwida għar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali*, ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)7.

423 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat Lanzarote (2015), Opinjoni dwar l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni ta' Lanzarote u n-nota ta' spjegazzjoni tagħha: solleċitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (grooming), is-17 ta' Ġunju 2015.

Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote tistabbilixxi li l-Istati għandhom id-dmir li jiżguraw reazzjonijiet xierqa għall-iżviluppi teknoloġiċi u jużaw l-għodod, il-miżuri u l-istrateġiji rilevanti kollha biex jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv ir-reati sesswali kontra t-tfal, inkluż fl-ambjent online[424].

Eżempju: F'*K.U vs il-Finlandja*[425], tpoġġa reklam fuq sit web tad-dating f'isem tifel ta' 12-il sena, mingħajr ma kien jaf. Ir-reklam semma l-età tiegħu, in-numru tat-telefon, u d-deskrizzjoni fiżika u kellu link għal paġna tal-web li kien fiha stampa tiegħu. Ir-reklam kien ta' natura sesswali, u kien jissuġġerixxi li t-tifel kien qed ifittex relazzjoni intima ma' tifel tal-età tiegħu jew akbar, biex b'hekk tpoġġa fil-mira tal-pedofili. Il-fornitur tal-internet ma setax jiżvela l-identità tal-persuna li poġġiet ir-reklam minħabba l-leġiżlazzjoni fis-seħħ. Il-QEDB sostniet li l-obbligu pożittiv skont l-Artikolu 8 tal-KEDB li mhux biss jiġu kriminalizzati r-reati imma wkoll li jiġu investigati u mressqa quddiem il-qorti b'mod effettiv, jassumi importanza ikbar meta jkunu mhedda l-interessi fiżiċi u morali tat-tfal. F'dan il-każ, il-Qorti sabet li billi kien espost bħala mira għal approċċi pedofili fuq l-internet, l-interessi fiżiċi u morali tat-tifel kienu mhedda. Għaldaqstant kien hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

## 7.3. Gruppi b'riskju għoli

### Punt ewlieni

- Xi tfal huma partikolarment vulnerabbli, pereżempju, tfal li jappartjenu għal minoranzi etniċi, tfal b'diżabilità, tfal LGBTIQ jew tfal li jbatu minn vizzji.

**Skont id-dritt tal-KtE**, każijiet tal-QEDB li jittrattaw speċifikament vjolenza kontra tfal f'minoranza — barra l-kuntest ta' traffikar tal-bnedmin u xogħol furzat — huma pjuttost sparsi. Prinċipalment jikkonċernaw segregazzjoni fi skejjel u diskriminazzjoni, li hija analizzata fit-Taqsima 3.2.

424 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat ta' Lanzarote (2017), Opinjoni Interpretattiva dwar l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni ta' Lanzarote għal reati sesswali kontra t-tfal iffaċilitati permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), it-12 ta' Mejju 2017.

425 QEDB, *K.U vs il-Finlandja*, Nru. 2871/02, it-2 ta' Diċembru 2008.

Eżempju: Fil-kawża ta' *Iċ-Ċentru għar-Riżorsi Legali f'isem Valentin Câmpeanu vs ir-Rumanija*, NGO ippreżentat rikors f'isem tifel żgħir Rom li miet f'istituzzjoni statali.[426] Instab li kellu l-HIV u kellu wkoll diżabilità intellettwali severa. Il-kundizzjonijiet tal-istituzzjoni fejn kien jgħix kienu tal-biża': ma kien hemm l-ebda tisħin, l-ebda mfierex jew ħwejjeġ, l-ebda appoġġ mill-persunal, eċċ. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe qarib viċin tal-vittma, NGO allegat f'ismu l-ksur tad-drittijiet stabbiliti mill-Artikoli 2, 3, 5, 8, 13 u 14 tal-KEDB. Il-Qorti ddeċidiet li, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ta' dan il-każ (il-vulnerabbiltà esterma u n-nuqqas ta' kwalunkwe qarib magħruf tat-tifel żgħir Rom), l-NGO kellha raġuni biżżejjed li tirrappreżenta lir-rikorrent il-mejjet. Fuq il-merti, il-QEDB sabet ksur tal-parti sostantiva tal-Artikolu 2. L-awtoritajiet domestiċi kienu nstabu responsabbli għall-mewt tas-Sur Câmpeanu għaliex kienu qiegħduh f'stituzzjoni fejn miet minħabba n-nuqqas ta' ikel, akkomodazzjoni u kura medika adegwata. Il-QEDB sabet ksur ukoll tal-Artikolu 2 minħabba l-fatt li l-awtoritajiet Rumeni ma wettqux investigazzjoni effettiva dwar il-mewt tas-Sur Câmpeanu.

B'rispett tat-tfal li jgħixu f'istituzzjonijiet, ir-Rakkomandazzjoni Rec(2005)5 tal-KtE tispjega li l-allokazzjoni ta' minuri m'għandhiex tkun ibbażata fuq raġunijiet diskriminatorji.[427] Il-kawżi tal-QEDB li jikkonċernaw it-tfal b'diżabilità qajmu diversi kwistjonijiet, inklużi l-obbligi pożittivi tal-Istat li jipproteġi l-ħajja u l-integrità fiżika tagħhom.

Eżempju: Il-kawża *Nencheva u Oħrajn vs il-Bulgarija*[428] tikkonċerna l-mewt ta' 15-il minuri u żgħażagħ f'dar għal persuni b'diżabilitajiet mentali u fiżiċi. Il-QEDB iddeċidiet li l-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal fl-istituzzjoni taħt il-kontroll uniku tal-Istat kienu terribbli: ma kellhomx ikel, mediċina, ħwejjeġ u tisħin. L-awtoritajiet kompetenti kienu mwissija b'din is-sitwazzjoni f'diversi okkażjonijiet, u kienu konsegwentement konxji jew kellhom ikunu konxji tar-riski ta' mewt. Il-QEDB sabet ksur tal-parti sostantiva tal-Artikolu 2 tal-KEDB, peress li l-awtoritajiet ma ħadu l-ebda miżura biex jipproteġu l-ħajjiet tat-tfal imqiegħda taħt il-kontroll tagħhom. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Bulgari ma wettqux investigazzjoni effettiva dwar l-imwiet

426 QEDB, *Iċ-Ċentru għar-Riżorsi Legali f'isem Valentin Câmpeanu vs ir-Rumanija* [GC], Nru. 47848/08, is-17 ta' Lulju 2014.

427 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2005), Rakkomandazzjoni Rec (2005)5 dwar id-drittijiet tat-tfal li jgħixu f'istituzzjonijiet residenzjali, is-16 ta' Marzu 2005.

428 QEDB, *Nencheva u Oħrajn vs il-Bulgarija*, Nru. 48609/06, it-18 ta' Ġunju 2013.

tat-tfal. Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kien imisshom niedu investigazzjoni kriminali *ex officio*. L-investigazzjoni tagħhom kienet meqjusa ineffettiva għal diversi raġunijiet, bdiet sentejn wara l-mewt tat-tfal, kienet twila irraġonevolment, ma kopprietx il-mewt tat-tfal kollha u ma kjarifikatx il-fatturi rilevanti kollha fil-kwistjoni. Konsegwentement, il-Qorti sabet ukoll ksur tal-parti proċedurali tal-Artikolu 2 tal-KEDB.[429]

Eżempju: Il-kawża *I.C. vs ir-Rumanija*[430] kienet tikkonċerna lment dwar l-inadegwatezza tal-investigazzjoni dwar allegazzjoni ta' stupru ta' tifla ta' 14-il sena. Il-Qorti qieset li l-awtoritajiet Rumeni kienu għamlu enfasi bla bżonn fuq in-nuqqas ta' prova li r-rikorrenti kienet uriet reżistenza matul l-inċident, billi bbażaw il-konklużjonijiet tagħhom biss fuq id-dikjarazzjonijiet mogħtija mill-allegati awturi tar-reat li l-tifla kienet tat il-kunsens tagħha għall-att sesswali, meħuda flimkien mal-fatt li ġisimha ma kien wera l-ebda sinjal ta' vjolenza. Barra minn hekk, la l-prosekuturi u lanqas l-imħallfin li ddeċidew il-kawża ma kienu ħadu approċċ sensittiv għall-kuntest, tant li naqsu milli jqisu l-età żgħira tagħha u l-fatt li l-allegat stupru, li kien jinvolvi tliet irġiel, kien seħħ billejl f'temp kiesaħ – kollha fatturi li komplew żiedu l-vulnerabbiltà tagħha. Suppost li kellha tingħata attenzjoni partikolari lill-analiżi tal-validità tal-kunsens tar-rikorrenti fid-dawl tad-diżabilità intellettwali ħafifa tagħha. F'dak il-kuntest, in-natura tal-allegat abbuż sesswali fil-konfront tagħha kienet tali li l-eżistenza ta' mekkaniżmi utli ta' sejbien u rapportar kienet fundamentali għall-implimentazzjoni effettiva tal-liġijiet kriminali rilevanti u għall-aċċess tagħha għal rimedji xierqa. Il-QEDB sabet ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB.

Eżempju: Il-kawża *V.C. vs l-Italja*[431] kienet tikkonċerna tifla ta' 15-il sena maqbuda f'party fejn kienu qed jiġu kkonsmati l-alkoħol u d-drogi. Il-ġenituri tagħha ddikjaraw li binthom kienet issofri minn disturbi psikjatriċi u kienet ġiet avviċinata biex tippoża għal ritratti pornografiċi. Għalkemm l-awtoritajiet fetħu investigazzjoni kriminali fil-pront u l-prosekutur pubbliku applika sabiex ir-rikorrenti tiddaħħal f'istituzzjoni speċjalizzata, il-QEDB ikkritikat il-fatt li kienu għaddew aktar minn erba' xhur qabel ma l-qorti taż-żgħażagħ waslet għad-deċiżjoni tagħha u li wara din kellhom jgħaddu erba' xhur oħra sabiex is-servizzi soċjali implimentaw l-ordni. Sadanittant,

429 Ara wkoll il-QEDB, *L.R. vs il-Maċedonja ta' Fuq*, Nru. 38067/15, it-23 ta' Jannar 2020.

430 QEDB, *I.C. vs ir-Rumanija*, Nru. 36934/08, l-24 ta' Mejju 2016.

431 QEDB, *V.C. vs l-Italja*, Nru. 54227/14, l-1 ta' Mejju 2018.

ir-rikorrenti kienet sfat vittma ta' sfruttament sesswali u ta' stupru minn grupp. Fil-fehma tal-QEDB, il-qorti taż-żgħażagħ u s-servizzi soċjali fil-prattika ma kienu ħadu l-ebda miżura protettiva fit-terminu immedjat, minkejja li kienu konxji li r-rikorrenti kienet fiżikament u psikoloġikament vulnerabbli, u li l-proċedimenti li jikkonċernaw l-isfruttament sesswali tagħha u l-allegat stupru minn grupp kienu pendenti. Billi aġixxew b'dan il-mod, l-awtoritajiet ma kienu wettqu l-ebda valutazzjoni tar-riskji ffaċċjati mir-rikorrenti, bi ksur tal-Artikoli 3 u 8 tal-KEDB.

Fil-livell internazzjonali, l-Artikolu 16 tas-CRPD jirrikjedi li l-Istati Partijiet jieħdu miżuri speċifiċi biex jipproteġu lit-tfal b'diżabilità minn abbuż u sfruttament.[432]

## 7.4. Tfal niqsin

### Punt ewlieni

- Tfal vittmi ta' għajbien furzat (magħruf bħala "għajbien infurzat" fid-dritt internazzjonali) għandhom id-dritt li jippreżervaw jew jistabbilixxu mill-ġdid l-identità tagħhom.

**Skont id-dritt tal-UE**, il-Kummissjoni tal-UE nediet numru hotline mingħajr ħlas (116000) għat-tfal nieqsa[433]. Dan is-servizz jieħu telefonati li jirrapurtaw tfal neqsin u jgħaddihom lill-awtortajiet tal-pulizija, joffri gwida u jappoġġa l-persuni responsabbli għall-minuri nieqes, u jappoġġa l-investigazzjoni.

**Skont id-dritt tal-KtE**, l-għajbien infurzat tat-tfal kien indirizzat skont l-Artikolu 8 tal-KEDB.

Eżempju: F'*Zorica Jovanić vs is-Serbja*[434], tarbija tat-twelid allegatament mietet l-isptar ftit wara li twieldet, imma ġisimha qatt ma ġie ttrasferit lill-ġenituri. L-omm ilmentat li l-istat naqas milli jagħtiha xi informazzjoni

432 Ara wkoll it-Taqsima 3.5.

433 L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2007), Id-Deċiżjoni 2007/698/KE li temenda d-Deċiżjoni 2007/116/KE rigward l-introduzzjoni ta' numri riżervati addizzjonali, ĠU 2007, L 284/31; l-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2018), Id-Direttiva 2018/1972 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (riformulazzjoni), ĠU 2018 L 321/36, il-11 ta' Diċembru 2018, l-Artikolu 96.

434 QEDB, *Zorica Jovanović vs is-Serbja*, Nru. 21794/08, is-26 ta' Marzu 2013.

dwar id-destin ta' binha, inkluż il-kawża tal-allegat mewt tiegħu jew il-ħin u l-post tad-dfin tiegħu. Il-QEDB sostniet li n-"nuqqas kontinwu" tal-istat "li jipprovdi lill-omm b'informazzjoni kredibbli dwar id-destin ta' binha" ammonta għal ksur tad-dritt tagħha għar-rispett tal-ħajja tal-familja.[435] Skont l-Artikolu 46 tal-KEDB, il-Qorti ordnat lis-Serbja tieħu l-miżuri xierqa kollha, preferibbilment permezz ta' *lex specialis*, u fi żmien sena, biex tistabbilixxi mekkaniżmu mmirat biex jipprovdi rimedju individwali lill-ġenituri kollha f'sitwazzjoni bħal dik tar-rikorrenti, jew simili biżżejjed għaliha. Il-parlament tas-Serbja sussegwentement għadda l-Att ta' Implimentazzjoni ta' Zorica Jovanović fi Frar 2020.

Eżempju: Fil-kawża sussegwenti *Mik u Jovanović vs is-Serbja,*[436] ir-rikorrenti lmentaw li l-awtoritajiet Serbi kienu mxew bil-mod wisq u fl-aħħar mill-aħħar kienu ineffettivi biex jikkonformaw mas-sentenza ta' *Zorica Jovanović*. Għalkemm dik il-leġiżlazzjoni kienet ġiet ippromulgata fl-2020 wara dewmien sinifikanti, il-kwistjonijiet li kienu jeħtieġu regolamentazzjoni fihom infushom kienu ta' sensittività kbira u kumplessità konsiderevoli. Barra minn hekk, l-att, kif fl-aħħar mill-aħħar mgħoddi mill-parlament, kien jipprevedi kemm proċeduri ġudizzjarji kif ukoll dawk extra-ġudizzjarji fir-rigward tas-sitwazzjoni li jiffaċċjaw ir-rikorrenti u persuni oħrajn fl-istess sitwazzjoni, u kellu l-għan li jiskopri l-istatus veru tat-trabi tat-twelid suspettati li għebu mis-swali tal-maternità fis-Serbja. B'mod partikolari, l-att ippreveda, *inter alia*, sistema li fiha l-qrati domestiċi jkollhom is-setgħa li jinvestigaw u jiksbu provi mhux biss fuq talba tal-petizzjonant, iżda wkoll fuq inizjattiva tagħhom stess sabiex jistabbilixxu l-fatti rilevanti kollha, u jkollhom ukoll is-setgħa li jagħtu kumpens, fejn xieraq. Huwa ppreveda wkoll kummissjoni b'setgħat estensivi, maħtura b'maġġoranza ta' rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri rreġistrati li jittrattaw il-kwistjoni tat-trabi neqsin. Għaldaqstant, il-QEDB neħħiet il-kawża mil-lista ta' kawżi tagħha.

L-Artikolu 25(1)(b) tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat[437] jistipula li l-istati għandhom jipprevjenu u jikkastigaw "il-falsifikazzjoni, il-ħabi u d-destruzzjoni ta' dokumenti li jaffermaw

435 *Ibid.*, il-punt 74.

436 QEDB, *Mik u Jovanović vs is-Serbja* (dec.), Nri. 9291/14 u 63798/14, it-23 ta' Marzu 2021.

437 In-Nazzjonijiet Uniti (2006), Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat, l-20 ta' Diċembru 2006.

l-identità vera" ta' tfal li huma nfushom, jew il-ġenituri tagħhom, huma soġġetti għal għajbien infurzat. L-istati għandhom ukoll jieħdu l-miżuri neċessarji biex ifittxu u jidentifikaw dawn it-tfal, u li jirritornawhom lill-familji ta' oriġini tagħhom. Fid-dawl ta' dawn id-drittijiet tat-tfal li jippreżervaw, jew li jistabbillixxu mill-ġdid, l-identità tagħhom, inkluż in-nazzjonalità tagħhom, isem u relazzjonijiet familjari kif rikonoxxuti bil-liġi, l-istati jeħtieġ li jkollhom proċeduri legali fis-seħħ biex jirrevedu u jannullaw kwalunkwe adozzjoni jew allokazzjoni ta' tfal involuti f'għajbin infurzat (l-Artikolu 25(4)). Il-konvenzjoni tenfasizza tnejn mill-prinċipji ġenerali bbażati fuq id-drittijiet tat-tfal: l-aħjar interessi tal-minuri bħala kunsiderazzjoni prinċipali u d-dritt tal-minuri li jesprimi l-opinjonijiet tiegħu/tagħha (l-Artikolu 25(5)). Filwaqt li numru relattivament baxx ta' stati Ewropej irratifikaw din il-konvenzjoni, ir-relevanza tagħha għall-qafas normattiv Ewropew m'għandhiex tkun miċħuda.[438]

438 Minn Frar 2022, 17 mis-27 Stat Membru tal-UE kienu rratifikaw din il-konvenzjoni. Minbarra dan, l-Istati membri tal-KtE li ġejjin irratifikaw il-konvenzjoni: l-Albanija, l-Armenja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Montenegro, is-Serbja u l-Iżvizzera.

# 8
# Drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali u livell ta' għajxien adegwat



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 14 (edukazzjoni)<br>Id-Direttiva dwar il-Permess Uniku (2011/98/UE)<br>Id-Direttiva dwar ir-Residenti għat-Tul (2003/109/KE)<br>Id-Direttiva dwar l-Istudenti (2014/114/KE)<br>Id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu (2004/38/KE)<br>Id-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika (2011/95/UE)<br>Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (riformulazzjoni) (2013/33/UE)<br>QĠUE, C-9/74, *Donato Casagrande vs Landeshauptstadt München*, 1974<br>QĠUE, C-413/99, *Baumbast u R vs Secretary of State for the Home Department*, 2002 (edukazzjoni ta' tfal migranti) | **Dritt għall-edukazzjoni** | KEDB, Protokoll Nru. 1, l-Artikolu 2 (dritt għall-edukazzjoni)<br>ESC (riveduta), l-Artikolu 17 (dritt għall-edukazzjoni)<br>FCNM, l-Artikoli 12(3) u 14<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti<br>QEDB, *Ponomaryovi vs il-Bulgarija*, Nru. 5335/05, 2011 (diskriminazzjoni għal raġuni ta' stat ta' immigrant) |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 35 (aċċess għal kura tas-saħħa)<br>Id-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika (2011/95/UE), l-Artikolu 29 (benefiċċji bażiċi għal tfal migranti)<br>Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza (riformulazzjoni), l-Artikolu 21, l-Artikolu 23(4) u l-Artikolu 25 | **Dritt għas-saħħa** | KEDB, l-Artikoli 2 (dritt għal ħajja) u 8 (dritt għal integrità fiżika)<br>Il-Konvenzjoni ta' Oviedo, l-Artikoli 6 u 8<br>ESC (riveduta), l-Artikoli 11 (dritt għal protezzjoni tas-saħħa) u 13 (dritt għal assistenza soċjali u medika)<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti<br>QEDB, *Oyal vs it-Turkija*, Nru. 4864/05, 2010 (infezzjoni tal-HIV ta' tarbija tat-twelid)<br>QEDB, *Iliya Petrov vs il-Bulgarija*, Nru. 19202/03, 2012 (dannu f'sottostazzjon tal-elettriku)<br>QEDB, *Iċ-Ċentru għar-Riżorsi Legali f'isem Valentin Câmpeanu vs ir-Rumanija* [GC], Nru. 47848/08, 2014 (mewt f'istituzzjoni)<br>QEDB, *Glass vs ir-Renju Unit*, Nru. 61827/00, 2004 (kunsens infurmat)<br>QEDB, *M.A.K. u R.K. vs ir-Renju Unit*, Nri. 45901/05 u 40146/06, 2010 (test mingħajr kunsens tal-ġenituri)<br>QEDB, *Vavřička u Oħrajn vs ir-Repubblika Ċeka*, Nru. 47621/13, 2021 (miżuri ta' tilqim obbligatorji)<br>QEDB, *Parfitt vs ir-Renju Unit*, Nru. 18533/21, 2021 (l-aħjar interessi tat-tfal)<br>ECSR, *International Federation of Human Rights Leagues (FIDH) vs Franza*, Ilment Nru. 14/2003, 2004, (kura medika għal tfal migranti)<br>ECSR, *Defence for Children International (DCI) vs il-Belġju*, Ilment Nru. 69/2011, 2012 (tfal f'sitwazzjoni irregolari) |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 34(3) (id-dritt għal għajnuna soċjali u ta' akkomodazzjoni)<br>Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE)<br>Id-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja (2003/86/KE)<br>Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (riformulazzjoni) (2013/33/UE)<br>QĠUE, C-233/18, *Zubair Haqbin vs Federaal Agentschap voor de opvang van asielzoekers*, 2019 | **Dritt għal akkomodazzjoni** | ESC (riveduta), l-Artikoli 16 (dritt tal-familja għal protezzjoni soċjali, legali u ekonomika), 17 (dritt tat-tfal u żgħażagħ għal protezzjoni soċjali, legali u ekonomika) u 31 (dritt għal akkomodazzjoni)<br>QEDB, *Bah vs ir-Renju Unit*, Nru. 56328/07, 2011<br>QEDB, *Winterstein u Oħrajn vs Franza*, Nru. 27013/07, 2013 (in-nuqqas li tiġi pprovduta akkomodazzjoni)<br>QEDB, *Khan vs Franza*, Nru. 12267/16, 2019 |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikoli 1, 24 u 34 (sigurtà soċjali u assistenza soċjali)<br>Id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata (2019/1158)<br>Id-Direttiva dwar ir-Residenti għat-Tul (2003/109/KE)<br>Id-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika (2011/95/UE) | **Dritt għal livell ta' ħajja adegwat u dritt għas-sigurtà soċjali** | ESC (riveduta), l-Artikoli 12–14 (drittijiet għas-sigurtà soċjali, assistenza soċjali u medika, u li tibbenefika minn servizzi ta' assistenza soċjali), 16 (dritt tal-familja għal protezzjoni soċjali, legali u ekonomika) u 30 (dritt għal protezzjoni kontra l-faqar u esklużjoni)<br>Il-Protokoll Nru. 1 għall-KEDB, l-Artikolu 1<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar is-Sigurtà Soċjali<br>QEDB, *Konstantin Markin vs ir-Russja* [GC], Nru. 30078/06, 2012 (liv tal-ġenituri)<br>QEDB, *Yocheva u Ganeva vs il-Bulgarija*, Nri. 18592/15 u 43863/15, 2021<br>ECSR. *Il-Kumitat Ewropew għall-Azzjoni ta' Prijorità bbażata fid-Dar għat-Tfal u għall-Familja (EUROCEF) vs Franza*, Ilment Nru. 82/2012, 2013 (sospensjoni ta' benefiċċji tal-familja għal skartar) |

Id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, ta' spiss riferuti bħala drittijiet soċjoekonomiċi jew drittijiet soċjali f'kuntest Ewropew, jinkludu drittijiet relatati max-xogħol kif ukoll id-dritt għall-edukazzjoni, is-saħħa, l-akkomodazzjoni, is-sigurtà soċjali u, b'mod aktar ġenerali, livell ta' għajxien adegwat. Id-drittijiet kulturali baqgħu fil-biċċa l-kbira sottożviluppati u mhux indirizzati fl-akkademja u fil-litigazzjoni. Aspetti minnhom huma indirizzati fit-Taqsima 8.2 taħt id-dritt għall-edukazzjoni.

Standards espliċiti fuq id-drittijet ekonomiċi, soċjali u kulturali fil-kuntest Ewropew jistgħu jinsabu prinċipalment fl-ESC u fil-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali, minkejja li l-KEDB u l-protokolli tiegħu jinkludu wkoll diversi dispożizzjonijiet rilevanti, pereżempju l-projbizzjoni tax-xogħol furzat u d-dritt għall-edukazzjoni. Barra dan, il-QEDB argumentat li ma hemm "ebda diviżjoni indisputabbli li tissepara [l-]isfera [tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi] mill-kamp kopert mill-Konvenzjoni"[439] u qrat id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali fid-drittijiet ċivili garantiti mill-KEDB. B'dak il-mod, pereżempju, l-aċċess għal kura tas-saħħa ġie trattat taħt il-projbizzjoni tat-tortura, it-trattament u l-kastig inuman u degradanti (l-Artikolu 3 tal-KEDB).[440]

Fl-UE, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), ipproklamat fl-2017[441], u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[442], adottat fl-2021, jesprimu impenn politiku qawwi għal Ewropa aktar soċjali. L-EPSR jikkonsisti f'20 prinċipju essenzjali għal swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw tajjeb. Il-prinċipju Nru. 11 tal-EPSR jiffoka fuq l-indukrar tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal, u jenfasizza li t-tfal għandhom id-dritt għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli ta' kwalità tajba u d-dritt għal protezzjoni mill-faqar. It-tfal minn sfondi żvantaġġati għandhom ukoll id-dritt għal miżuri speċifiċi biex itejbu l-opportunitajiet indaqs. Fl-2021, il-Kunsill tal-UE adotta l-Garanzija Ewropea għat-Tfal bil-ħsieb li jiżgura li t-tfal kollha fl-Ewropa f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali jkollhom aċċess għall-aktar drittijiet bażiċi, bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni.[443]

---

439 QEDB, *Airey vs l-Irlanda*, Nru. 6289/73, id-9 ta' Ottubru 1979, il-punt 26.

440 Ara, pereżempju, il-QEDB (2015), "Skeda informattiva – Id-drittijiet relatati mas-saħħa tal-priġunieri", Frar 2015; il-QEDB (2015), "Skeda informattiva – Is-Saħħa" April 2015.

441 L-UE (2017), "Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'20 prinċipju", is-16 ta' Novembru 2017.

442 L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2021), *Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*, COM(2021) 102 final, 2021.

443 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2021), Ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal, ST/9106/2021/INIT, ĠU 2021 L 223.

Dan il-kapitolu janalizza drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali li huma ta' relevanza speċifika għat-tfal: id-dritt għall-edukazzjoni (it-Taqsima 8.2); id-dritt għas-saħħa (it-Taqsima 8.3); id-dritt għal akkomodazzjoni (it-Taqsima 8.4) u d-dritt għal-livell ta' għajxien adegwat u sigurtà soċjali (it-Taqsima 8.5).

## 8.1. Approċċi għal drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali

**Punti ewlenin**

- Li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' riżorsi adegwati hija essenzjali biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet soċjali.
- Elementi essenzjali tad-drittijiet soċjali huma d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà, l-adattabbiltà u l-aċċettabilità.

**Skont id-dritt tal-UE**, id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali ġew inklużi fil-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali fuq l-istess livell mad-drittijiet ċivili u politiċi. Madankollu, l-Artikolu 54 tal-Karta jiddistingwi bejn drittijiet u prinċipji, b'din tal-aħħar tkun limitata fil-mod kif inhuma "invokati ġudizzjalment".[444] Skont il-QĠUE, mhux id-drittijiet u l-prinċipji ekonomiċi, soċjali u kulturali kollha stabbiliti fil-karta huma "konoxxibbli ġudizzjarjament".[445]

**Skont id-dritt tal-KtE**, l-ECSR jinnota li, meta t-twettiq ta' dritt ikun "eċċezzjonalment kumpless u partikolarment għali biex jiġi riżolt", it-twettiq progressiv tiegħu jiġi vvalutat skont tliet kriterji: l-ewwel, li jittieħdu miżuri fi żmien raġonevoli biex jintlaħqu l-objettivi tal-karta; it-tieni, dak il-progress irid ikun jista' jitkejjel; u, it-tielet, "konsistenti mal-użu massimu tar-riżorsi disponibbli".[446] L-ECSR ifakkar ukoll lill-istati dwar "l-impatt li se jkollhom l-għaż-

444 Ara wkoll l-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Studju ta' fattibbiltà għal Garanzija għat-Tfal – Rapport finali*, Marzu 2020.

445 QĠUE, *Stadt Wuppertal vs Maria Elisabeth Bauer u Volker Willmeroth vs Martina Broßonn*, C-569/16 u C-570/16, is-6 ta' Novembru 2018.

446 ECSR, *International Association Autism Europe (IAAE) vs Franza*, Ilment Nru. 13/2002, l-4 ta' Novembru 2003, il-punt 53; applikat fl-ECSR, *European Action of the Disabled (AEH) vs Franza*, Ilment Nru. 81/2012, il-11 ta' Settembru 2013, il-punti 94–99.

liet tagħhom għall-gruppi b'vulnerabbiltajiet għoljien kif ukoll għal nies oħra affettwati".[447]

L-ECSR, għalkemm fil-kuntest speċifiku tad-dritt tas-sigurtà soċjali, jargumenta li passi retrogressivi "biex tiġi żgurata ż-żamma u s-sostenibbiltà tas-sistema tas-sigurtà soċjali eżistenti" huma permissibbli sakemm dawn ma "jimminawx il-qafas ewlieni ta' sistema tas-sigurtà nazzjonali soċjali jew iċċaħħad lill-individwi milli jkollhom l-opportunità li jgawdu l-protezzjoni li toffri kontra riskji soċjali u ekonomiċi serji".[448] Il-QEDB toffri wkoll il-possibbiltà ta' passi lura, imma teżamina jekk il-metodu magħżul hux raġonevoli jew adattat għall-kisba tal-għan leġittimu segwit.[449]

Fil-kuntest tad-dritt għall-edukazzjoni, l-ECSR, skont l-approċċ tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, adotta qafas analitiku ta' disponibbiltà, aċċessibbiltà, aċċettabbiltà u adatabbiltà.[450] Id-distinzjoni bejn id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tidher ukoll fil-każistika tal-QEDB. Il-kriterja jew l-elementi essenzjali ta' disponibbiltà, aċċessibbiltà, aċċettabbiltà u adattabbiltà jiggwidaw l-analiżi li sssegwi, sal-punt li l-każistika rilevanti hija disponibbli.

447 ECSR, *International Association Autism Europe (IAAE) vs Franza*, Ilment Nru. 13/2002, l-4 ta' Novembru 2003, il-punt 53.

448 ECSR, *General Federation of Employees of the National Electric Power Corporation (GENOP-DEI) u Confederation of Greek Civil Servants' Trade Unions (ADEDY) vs il-Greċja*, Ilment Nru. 65/2011, it-23 ta' Mejju 2012, il-punt 47.

449 QEDB, *Markovics u Oħrajn vs l-Ungerija,* Deċiżjoni ta' innammissibbiltà, Nri. 77575/11, 19828/13 u 19829/13, l-24 ta' Ġunju 2014, il-punti 37 u 39.

450 ECSR, *Decision on the merits: Mental Disability Advocacy Centre (MDAC) vs il-Bulgarija*, Ilment Nru. 41/2007, it-3 ta' Ġunju 2008, il-punt 37.

# 8.2. Dritt għall-edukazzjoni

**Punti ewlenin**

- Il-limitazzjonijiet għall-aċċessibbiltà għall-edukazzjoni għandhom ikunu prevedibbli, isegwu għan leġittimu u għandhom ikunu ġustifikati u nondiskriminatorji.
- Ir-rispett għall-konvinzjonijiet reliġjużi u filosofiċi tal-ġenituri fl-edukazzjoni tat-tfal ma jeskludix il-possibbiltà ta' edukazzjoni reliġjuża jew sesswali fl-iskejjel.
- L-edukazzjoni għandu tkun adattabbli għall-ħtiġijiet tat-tfal kollha, u dan jeħtieġ miżuri speċjali għal tfal b'diżabilitajiet u l-possibbiltà għat-tfal li jappartjenu għal minoranza li jitgħallmu u jiġu mgħallma bil-lingwa tagħhom.
- It-tfal għandhom id-dritt għall-edukazzjoni irrispettivament min-nazzjonalità jew l-istat ta' migrazzjoni.

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 14(2) tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali jiggarantixxi d-dritt għall-edukazzjoni, inkluża "l-possibbiltà li wieħed jirċievi edukazzjoni obbligatorja bla ħlas". Fit-tielet paragrafu tiegħu, l-Artikolu 14 jiżgura l-libertà li jiġu mwaqqfa stabbilimenti ta' tagħlim u d-dritt tal-ġenituri li jiżguraw l-edukazzjoni u t-tagħlim ta' wliedhom f'konformità mal-konvinzjonijiet reliġjużi, filosofiċi u pedagoġiċi tagħhom. L-EPSR jinkludi l-prinċipju tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tat-tagħlim tul il-ħajja.[451]

**Skont id-dritt tal-KtE**, l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1 għall-KEDB jiggarantixi d-dritt għall-edukazzjoni. Il-QEDB ikkjarifikat li dan l-Artikolu ma jobbligax lill-istati li jagħmlu l-edukazzjoni disponibbli; dan jipprovdi "dritt ta' aċċess għal istituzzjonijiet edukattivi eżistenti f'xi żmien stabbilit".[452] Minbarra dan, id-dritt għall-edukazzjoni jinkludi wkoll "il-possibbiltà li tapprofitta mill-edukazzjoni riċevuta, jiġifieri, id-dritt li takkwista, f'konformità mar-regoli fis-seħħ f'kull stat, u f'xi forma jew oħra, rikonoxximent uffiċjali tal-istudji [...] kompletati".[453] Madankollu, dan mhux dritt assolut; il-limitazzjonijiet għandhom ikunu prevedibbli għal dawk ikkonċernati u għandhom isegwu għan leġittimu. Miżuri dixxiplinarji, inklużi sospensjoni jew tkeċċija minn istituzzjoni edukattiva,

451 L-UE (2017), "Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali", is-16 ta' Novembru 2017.

452 QEDB, *"Kawża relatata ma' ċerti aspetti tal-liġijiet dwar l-użu tal-lingwi fl-edukazzjoni fil-Belġju"*, Nri. 1474/62, 1677/62, 1691/62, 1769/63, 1994/63 u 2126/64, it-23 ta' Lulju 1968, il-punt 4.

453 *Ibid.*

huma permessi, sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet għal limitazzjonijiet permissibbli.[454] Il-QEDB tivvaluta jekk dawn il-forom ta' esklużjoni mill-edukazzjoni jirriżultawx f'ċaħda tad-dritt għall-edukazzjoni, billi tikkunsidra fatturi bħal-garanziji proċedurali, it-tul tal-esklużjoni, l-isforzi ta' riintegrazzjoni u l-adegwatezza ta' edukazzjoni alternattiva pprovduta.[455] It-tfal jistgħu jiġu esklużi wkoll mir-raġunijiet ta' stabbiliment edukattiv għal raġunijiet ta' saħħa u sikurezza, pereżempju, jekk ikunu ssuspettati li jġorru marda li tittieħed, diment li d-deċiżjoni li jiġu esklużi tibqa' fis-seħħ biss sakemm tkun meħtieġa.[456]

Bħala parti mid-dritt għall-edukazzjoni, il-ġenituri għandhom id-dritt għar-rispett tal-konvinzjonijiet reliġjużi u filosofiċi tagħhom. Madankollu, "it-tfassil u l-ippjanar tal-kurrikulu fil-prinċipju jaqgħu taħt il-kompetenzi" tal-istat.[457] L-istat jista' wkoll jintegra informazzjoni jew għarfien tat-tip reliġjuż jew filosofiku fil-kurrikulu tal-iskola, bil-kundizzjoni li "jitwasslu b'mod oġġettiv, kritiku u pluralistiku".[458] Sabiex jiġi salvagwardjat il-pluraliżmu u d-differenzi fit-tagħlim, reliġjon jew filosofija partikolari għandha tkun bilanċjata billi l-ġenituri jiġu offruti l-possibbiltà li jeżentaw parzjalment jew bis-sħiħ lil uliedhom minn dak it-tali tagħlim — jiġifieri l-possibbiltà li ma jattendux ċerti lezzjonijiet jew il-kors reliġjuż kollu kemm hu.[459] Għall-mod kif il-QEDB tittratta l-kwistjoni mill-angolu tan-nondiskriminazzjoni, ara t-Taqsima 2.1 u t-Taqsima 2.2.[460]

Skont l-Artikolu 17(2) tal-ESC riveduta, l-istati jintrabtu "li jieħdu l-miżuri kollha xierqa u neċessarji mfassla [...] biex jipprovdu lit-tfal u ż-żgħażagħ edukazzjoni primarja u sekondarja bla ħlas kif ukoll jinkoraġġixxu attendenza regolari fl-iskejjel".[461] Minbarra dan, l-ECSR iddeċieda li taħt din id-dispożizzjoni, l-Istati kontraenti għandhom jiżguraw li t-tfal preżenti illegalment fit-territorju tagħhom ikollhom ukoll aċċess għall-edukazzjoni.[462]

454 QEDB, *C.P. vs ir-Renju Unit*, Nru. 300/11, is-6 ta' Settembru 2016.

455 QEDB, *Ali vs ir-Renju Unit*, Nru. 40385/06, il-11 ta' Jannar 2011, il-punt 58.

456 QEDB, *Memlika vs il-Greċja*, Nru. 37991/12, is-6 ta' Ottubru 2015.

457 QEDB, *Folgerø u Oħrajn vs in-Norveġja* [GC], Nru. 15472/02, id-29 ta' Ġunju 2007, il-punt 84.

458 *Ibid.*, il-punt 84.

459 *Ibid.*, il-punti 85–102 u opinjoni dissendenti.

460 QEDB, *Grzelak vs il-Polonja*, Nru. 7710/02, il-15 ta' Ġunju 2010.

461 L-ESC tal-1961 ma fihiex dispożizzjoni dwar id-dritt għall-edukazzjoni.

462 ECSR, *Médecins du Monde – International vs Franza*, Ilment Nru. 67/2011, il-11 ta' Settembru 2012.

Barra minn hekk, istituzzjonijiet edukattivi għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd mingħajr diskriminazzjoni.[463] L-ECSR sostna li "l-integrazzjoni ta' tfal b'diżabilitajiet fi skejjel tradizzjonali [...] għandha tkun in-norma u t-tagħlim fi skejjel speċjalizzati għandha tkun l-eċċezzjoni".[464] L-istati ma jgawdux marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fir-rigward tal-għażla tat-tip ta' skola għal persuni b'diżabilitajiet; għandha tkun skola tradizzjonali.[465] Sitwazzjonijiet li jikkonċernaw trattament differenzjali fl-edukazzjoni għal raġunijiet ta' nazzjonalità, stat ta' immigrazzjoni jew oriġini etnika huma trattati fil-Kapitolu 3.

Taħt il-każistika tal-ESCR, l-istati jgawdu marġni ta' apprezzament wiesgħa fid-determinazzjoni tal-adegwatezza kulturali tal-materjal edukattivi użat fl-edukazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttuva, iżda għandhom jiżguraw edukazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva nondiskriminatorja "li ma tipperpetwax jew tinforza mill-ġdid esklużjoni soċjali u ċ-ċaħda tad-dinjità umana".[466] Materjali edukattivi m'għandhomx "jinfurzaw sterjotipi ta' umiljazzjoni", pereżempju li jikkonċernaw persuni ta' orjentazzjoni mhux eterosesswali.[467]

Finalment, l-adattabbiltà tal-edukazzjoni għall-ħtiġijiet tat-tfal kollha teħtieġ, pereżempju, li għal tfal b'diżabilitajiet li huma integrati fi skejjel tradizzjonali, "isiru arranġamenti li jaħsbu għall-ħtiġijiet speċjali tagħhom"[468] (ara wkoll it-Taqsima 3.5).

Skont l-Artikolu 12(3) tal-FCNM, l-Istati Partijiet jintrabtu li jippromwovu opportunitajiet ugwali għall-aċess għall-edukazzjoni fil-livelli kollha għal persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali (ara wkoll il-Kapitolu 3).[469] Għal

463 Dwar il-kwistjoni ta' tfal b'diżabilitajiet, ara wkoll l-Kapitolu 3 u l-Kapitolu 7.

464 ECSR, *Mental Disability Advocacy Centre (MDAC) vs il-Bulgarija*, Ilment Nru. 41/2007, it-3 ta' Ġunju 2008, il-punt 35.

465 ECSR, *European Action of the Disabled (AEH) vs Franza*, Ilment Nru. 81/2012, il-11 ta' Settembru 2013, il-punt 78; ECSR, *Il-Federazzjoni Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (FIDH) u Inclusion Europe vs il-Belġju*, Ilment Nru. 141/2017, id-9 ta' Settembru 2020.

466 ECSR, *Iċ-Ċentru Internazzjonali għall-Protezzjoni Legali tad-Drittijiet tal-Bniedem (INTERIGHTS) vs il-Kroazja*, Ilment Nru. 45/2007, it-30 ta' Marzu 2009, il-punt 47.

467 *Ibid.*, il-punti 59 u 61; ara wkoll il-QEDB, *Bayev u Oħrajn vs ir-Russja*, Nru. 67667/09, l-20 ta' Ġunju 2017; QEDB, *A.R. u L.R. vs l-Iżvizzera*, Nru. 22338/15, id-19 ta' Settembru 2017.

468 ECSR, *Mental Disability Advocacy Centre (MDAC) vs il-Bulgarija*, Ilment Nru. 41/2007, it-3 ta' Ġunju 2008, il-punt 35.

469 Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni ta' Minoranzi Nazzjonali (2006), Il-Kummentarju dwar l-Edukazzjoni taħt il-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni ta' Minoranzi Nazzjonali, ACFC/25DOC(2006)002, it-2 ta' Marzu 2006, Parti 2.1.

tfal li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali, l-Artikolu 14 tal-FCNM fih id-dritt li titgħallem u tiġi mgħallem bil-lingwa tiegħek.[470] Il-QEDB sabet ukoll li d-dritt għall-edukazzjoni jimplika d-dritt li tkun edukat f'(waħda) mil-lingwa/lingwi nazzjonali.[471]

Minħabba l-importanza dejjem tikber tal-ambjent diġitali, ġew adottati għadd ta' dokumenti tal-KtE f'dan il-qasam, li jistiednu lill-Istati jiżguraw li t-tfal ikollhom aċċess għall-ambjent diġitali b'mod li jkun inklużiv u jqis il-kapaċitajiet ta' żvilupp tat-tfal u ċ-ċirkostanzi partikolari tat-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.[472] Huma jirrakkomandaw ukoll li l-edukazzjoni fil-litteriżmu diġitali għandha tiġi inkluża fil-kurrikulu tal-edukazzjoni bażika mill-aktar snin bikrija, filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet ta' żvilupp tat-tfal.[473]

## 8.2.1. Dritt għall-edukazzjoni ta' tfal migranti

**Skont id-dritt tal-UE**, id-dritt fundamentali tat-tfal għall-edukazzjoni, irrispettivament mill-istat ta' migrazzjoni tagħhom, huwa rikonoxxut prattikament fl-aspetti kollha tal-liġi tal-UE dwar il-migrazzjoni.[474] Id-Direttiva dwar Permess Uniku[475] tipprevedi t-trattament ugwali ta' dawk li għandhom permess ta' residenza, u d-Direttiva dwar ir-Residenza fit-Tul tipprevedi t-trattament ugwali

470 Għal aktar kjarifika, ara l-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni ta' Minoranzi Nazzjonali (2006), Il-Kummentarju dwar l-Edukazzjoni taħt il-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni ta' Minoranzi Nazzjonali, ACFC/25DOC(2006)002, it-2 ta' Marzu 2006, Parti 2.3, u l-Kummentarju Tematiku Nru. 3: Id-drittijiet tal-lingwa ta' persuni li jappartjenu minoranzi nazzjonali taħt il-Konvenzjoni Qafas, 2012, ACFC/44DOC(2012)001 rev, il-5 ta' Lulju 2012, Parti VI.

471 QEDB, *Catan u Oħrajn vs il-Moldova u r-Russja* [GC], Nri. 43370/04, 8252/05 u 18454/06, id-19 ta' Ottubru 2012, il-punt 137.

472 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2018), Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)7 dwar il-Linji Gwida għar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali, l-4 ta' Lulju 2018.

473 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2019), Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2019)10 dwar l-iżvilupp u l-promozzjoni tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza diġitali, il-21 ta' Novembru 2019; il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2016), Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2016)2 dwar l-Internet taċ-ċittadini, l-10 ta' Frar 2016.

474 Pereżempju, l-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), id-Direttiva 2011/95/UE dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) (id-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika), ĠU 2011 L 337/9, l-Art. 27.

475 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, ĠU 2011 L 343.

ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li huma residenti fit-tul.[476] Jiġifieri, l-UE m’għandhiex il-kompetenza li tiddetermina l-kontenut u l-ambitu tad-dispożizzjonijiet edukattivi nazzjonali. Pjuttost, l-UE tipproteġi d-dritt tat-tfal migranti li jaċċessaw edukazzjoni fuq l-istess bażi jew, skont l-istat tagħhom, fuq bażi simili bħaċ-ċittadini. Id-Direttiva tal-Istudenti (2004/114/KE) tirregola l-kundizzjonijiet ta’ ammissjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għal perjodu ta’ aktar minn tliet xhur għal skopijiet ta’ studju, skambju ta’ studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju.[477] Il-kundizzjonijiet ġenerali ta’ ammissjoni għal tfal jinkludu l-preżentazzjoni ta’ dokument tas-safar validu, awtorizzazzjoni tal-ġenituri għall-qagħda ppjanata, assigurazzjoni tas-saħħa u, jekk jitlobha l-Istati Membru, il-ħlas ta’ miżata għall-ipproċessar tal-applikazzjoni ta’ ammissjoni.[478] Studenti tal-iskola pereżempju jeħtieġu jipprovdu evidenza ta’ parteċipazzjoni fi skema ta’ skambji tal-istudenti operata minn organizzazzjoni rikonoxxuta mill-Istat Membru.[479] Apprendisti mhux imħallsa huma soġġetti li jipprovdu l-evidenza li l-Istat Membru jeħtieġ biex jiżgura li waqt is-soġġorn tagħhom ikollhom ir-riżorsi suffiċjenti biex ikopru l-għajxien, it-taħriġ u l-ispiża għall-vjaġġ tar-ritorn tagħhom.[480] Aċċess għal attivitajiet ekonomiċi, inkluż impjieg, minn studenti ta’ edukazzjoni għolja huwa soġġett għal restrizzjonijiet.[481]

It-tfal ta’ migranti tal-UE li jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor tal-UE taħt id-dritt tal-moviment liberu jibbenefikaw minn l-aktar intitolament favorabbli f’dan il-kuntest. Għandhom id-dritt li jkunu ammessi għall-korsijiet ta’ taħriġ ta’ edukazzjoni ġenerali, apprendistat u vokazzjonali taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini.[482] Din tinkludi edukazzjoni pubblika u privata, obbligatorja

476 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2003), Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE dwar l-istatus ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, ĠU 2003 L 16.

477 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2004), Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE dwar il-kondizzjonijiet ta’ ammissjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għal skopijiet ta’ studju, skambju ta’ studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju (id-Direttiva dwar l-Istudenti), ĠU 2004 L 375/12.

478 *Ibid.*, l-Art. 6.

479 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2004), Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE dwar il-kondizzjonijiet ta’ ammissjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għal skopijiet ta’ studju, skambju ta’ studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju (id-Direttiva dwar l-Istudenti), ĠU 2004 L 375/12, l-Art. 7.

480 *Ibid.*, l-Art. 10.

481 *Ibid.*, l-Art. 17.

482 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Ir-Regolament (UE) 492/2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni, ĠU 2011 L 141/1, l-Art. 10; il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2004), Id-Direttiva 2004/38 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru. 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (Id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu), ĠU 2004 L 158, l-Art. 24(1).

u mhux obbligatorja. Il-QĠUE minn dejjem interpretat dan l-intitolament b'mod wiesa' biex tiżgura aċċess ugwali għall-edukazzjoni, imma wkoll għal benefiċċji soċjali relatati mal-edukazzjoni aktar wiesgħa, kif ukoll għal kwalunkwe benefiċċji maħsuba biex jiffaċilitaw attendenza edukazzjonali. Pereżempju, fil-kawża *Casagrande*, il-wild ta' ħaddiem migrant seta' jaċċessa għotja edukattiva soġġetta għal test tal-mezzi skont id-dritt ta' moviment liberu tal-UE.[483]

Barra dan, leġiżlazzjoni introdotta fis-sebgħinijiet teħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu tagħlim ta' lingwa supplementarja għal tfal ta' ħaddiema migranti tal-UE, kemm fil-lingwa tal-istat ospitant kif ukoll fil-lingwa materna tagħhom, bil-għan li tiffaċilitalhom l-integrazzjoni fl-istat ospitant u fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom jekk sussegwentement jirritornaw.[484] Filwaqt li din tidher li toffri appoġġ supplementari pjuttost ġeneruż u ta' valur lit-tfal wara l-ammissjoni tagħhom fi skola tal-istat ospitant, l-implimentazzjoni tagħha f'pajjiżi differenti ma kinitx uniformi u aktar ma jmur aktar imprattika minħabba l-firxa ta' lingwi differenti li jridu jakkomodaw.[485]

Eżempju: Il-kwistjoni f'*Baumbast u R vs Secretary of State for the Home Department*[486] kienet jekk iż-żewġ ulied bniet ta' ħaddiem migrant Ġermaniż li ċċaqlaq lejn l-Ingilterra ma' martu Kolombjana u wliedhom bniet, setgħux ikomplu jattendu skola hemm wara li telaq mir-Renju Unit għal Stat mhux Membru tal-UE, u ħalla l-mara u lill-uliedu bniet warajh. Il-QĠUE kienet iffaċċjata bil-mistoqsija ta' jekk martu u wliedu bniet setgħux jibqgħu fl-istat ospitanti indipendentement, minkejja l-fatt li s-Sur Baumbast (li mingħandu l-familja ġabet id-drittijet għar-residenza tagħhom) kien effettivament ċeda l-istatus tiegħu bħala ħaddiem migrant tal-UE. Il-fattur deċiżiv għall-QĠUE kien li t-tfal kienu integrati fis-sistema edukattiva tal-istat ospitant u kienet tkun kemm ta' ħsara kif ukoll sproporzjonata li tispostjahom f'punt tant kruċjali fl-edukazzjoni tagħhom. Il-Qorti kkonfermat

483 QĠUE, C-9/74, *Donato Casagrande vs Landeshauptstadt München*, it-3 ta' Lulju 1974. Sussegwentement ikkonfermata f'kawżi bħal QĠUE, C-3/90, *M.J.E. Bernini vs Minister van Onderwijs en Wetenschappen*, is-26 ta' Frar 1992.

484 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (1977), Id-Direttiva 77/486/KEE dwar l-edukazzjoni tat-tfal ta' ħaddiema migranti, ĠU 1977 L 199 (Ta' min jinnota li t-tfal migranti ċittadini ta' pajjiżi terzi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha).

485 L-UE, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1984), Rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 77/486/KEE, COM(84) 54 final u COM(88) 787 final, l-10 ta' Frar 1984.

486 QĠUE, C-413/99, *Baumbast u R vs Secretary of State for the Home Department*, is-17 ta' Settembru 2002.

li tant hija importanti li takkwista kontinwità fl-edukazzjoni tat-tfal li din tista' effettivament "tankra" r-residenxa tal-familja (li altrimenti ma tkunx tikkwalifika) fl-istat ospitant sakemm idumu l-istudji tal-minuri migrant.

Id-deċiżjoni *Baumbast* kienet segwita f'kawżi suċċessivi[487] u ġiet ikkodifikata fl-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2004/38/KE (Id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu).[488]

Tfal ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom id-dritt li jaċċessaw biss edukazzjoni *mħallsa minn fondi pubbliċi* taħt l-istess kundizzjonijiet ta' ċittadini, u huma esklużi minn benefiċċji assoċjati bħal għotji ta' manteniment.[489] Xi strumenti ta' immigrazzjoni tal-UE jeħtieġu li l-Istati Membri jimplimentaw mekkaniżmi biex jiżguraw ir-rikonoxximent xieraq u t-trasferibbiltà tal-kwalifiki barranin, anki fin-nuqqas ta' evidenza dokumentarja (l-Artikolu 28 tad-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika).[490]

Id-drittijiet edukattivi ta' tfal li jkunu qed jitolbu l-ażil huma aktar dgħajfa; għandhom jingħataw aċċess għas-sistema edukattiva tal-istat ospitant fuq termini *simili* imma mhux neċessarjament l-istess bħal dawk li japplikaw għaċ-ċittadini.[491] Bħala tali, l-edukazzjoni tista' tingħata f'ċentri ta' akkomodazzjoni

487 QĠUE, C-480/08, *Maria Teixeira vs London Borough of Lambeth u Secretary of State for the Home Department*, it-23 ta' Frar 2010; QĠUE, C-310/08, *London Borough of Harrow vs Nimco Hassan Ibrahim u Secretary of State for the Home Department*, it-23 ta' Frar 2010.

488 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2004), Id-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru. 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, ĠU 2004 L 158, l-Art. 2(2)(c) u l-Art. 12 (3).

489 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva dwar il-Kwalifika bħala Refuġjat (id-Direttiva 2011/95/UE), ĠU 2011 L 337, l-Art. 11; il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2003), Id-Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul (id-Direttiva 2003/109/KE), ĠU 2003 L 016, l-Art. 14; il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2003), Id-Direttiva 2003/86/KE dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, ĠU 2003 L 251, l-Art. 14; il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza (2013/33/UE), ĠU 2013 L 180, l-Art 14(c).

490 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/95/UE dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) (id-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika), ĠU 2011 L 337/9.

491 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza (2013/33/UE), ĠU 2013 L 180. (Ta' min jinnota li, taħt id-Direttiva dwar il-Kwalifika bħala Refuġjat (2011/95/UE), l-Art. 27, refuġjati minuri li akkwistaw drittijiet għal residenza fit-tul jistgħu jaċċessaw l-edukazzjoni taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini.)

pjuttost milli skejjel, u l-awtoritajiet jistgħu jipposponu l-aċċess bis-sħiħ ta' tfal li jkunu qed jitolbu l-ażil għal skola sa tliet xhur mid-data ta' applikazzjoni għall-ażil. Fejn l-aċċess għas-sistema edukattiva ikun impossibbli minħabba s-sitwazzjoni speċifika tal-minuri, l-Istati Membri huma obbligati li joffru arranġamenti ta' edukazzjoni alternattiva (Artikolu 14(3) tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza).[492]

**Skont id-dritt tal-KtE**, l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1 intuża flimkien mal-Artikolu 14 biex jassigura l-aċċess ta' tfal migranti għall-edukazzjoni (ara wkoll it-Taqsima 3.3).

Eżempju: F'*Ponomaryovi vs il-Bulgarija*[493], il-QEDB ikkunsidrat ir-rekwiżit għal żewġt itfal tal-iskola Russi mingħajr residenza permanenti li jħallsu miżati ta' skola sekondarja. Il-Qorti kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' miżati għal skola sekondarja fil-każ tagħhom kien diskriminatorju u b'hekk kuntrarju għall-Artikolu 14 tal-KEDB meħud flimkien mal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 1 għall-KEDB.[494]

L-ESC tipproteġi d-drittijiet edukattivi tat-tfal migranti kemm direttament (l-Artikolu 17, il-paragrafu 2) kif ukoll indirettament, filwaqt li timponi restrizzjonijiet fuq id-drittijiet ta' impjieg għat-tfal sabiex jippermettulhom jakkwistaw il-benefiċċji sħaħ tal-edukazzjoni obbligatorja (l-Artikolu 7).[495]

Barra minn hekk, il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti[496] tapprova d-dritt tat-tfal migranti għal aċċess "fuq l-istess bażi u taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini", edukazzjoni ġenerali u taħriġ vokazzjonali fl-istat ospitant (l-Artikolu 14(1)).

Taħt il-liġi internazzjonali, l-ugwaljanza tat-tfal migranti tal-aċċess għal edukazzjoni hija appoġġata mill-Konvenzoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien

492 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza (2013/33/UE), ĠU 2013 L 180.

493 QEDB, *Ponomaryovi vs il-Bulgarija*, Nru. 5335/05, il-21 ta' Ġunju 2011.

494 Ara wkoll it-Taqsima 3.3.

495 Ara, pereżempju, l-ECSR, *Il-Kumitat Ewropew għall-Azzjoni ta' Prijorità bbażata fid-Dar għat-Tfal u għall-Familja (EUROCEF) vs Franza*, Ilment Nru. 114/2015, l-24 ta' Jannar 2018.

496 Il-Kunsill tal-Ewropa (1977), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti, CETS Nru. 93, l-24 ta' Novembru 1977.

tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom (l-Artikolu 30).[497]

L-Artikolu 28 tas-CRC jipprevedi li t-tfal kollha jkollhom id-dritt għall-edukazzjoni obbligatorja b'xejn. Skont l-Artikolu 29(1)(c), dan id-dritt jestendi lil hinn ħafna mill-ugwaljanza ta' aċċess għall-edukazzjoni u jinkludi dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-iżvilupp tal-identità kulturali tal-minuri, il-lingwa, il-valuri u l-pajjiż ta' oriġini tal-minuri.

## 8.3. Dritt għas-saħħa

**Punti ewlenin**

- L-istati għandhom obbligi pożittivi li jieħdu miżuri kontra riskji ta' saħħa li jipperikolaw il-ħajja li l-awtoritajiet huma konxji minnhom jew suppost konxji minnhom.
- L-awtoritajiet statali għandhom iwettqu investigazzjoni effettiva f'każ ta' mewt ta' persuna.
- Taħt l-ESC, tfal li qed joqogħdu fil-pajjiż b'mod illegali huma intitolati għal kura tas-saħħa lil hinn mill-assistenza medika urġenti.
- L-aċċettabbiltà tal-kura tas-saħħa teħtieġ kunsens jew jew awtorizzazzjoni infurmati.
- Skont id-dritt tal-UE u l-ESC, suġġetta għal diversi limitazzjonijiet, it-tfal migranti huma intitolati li jaċċessaw assistenza soċjali u kura tas-saħħa.

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 35 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali jiggarantixxi dritt għall-aċċess tal-kura tas-saħħa.

Tfal ta' migranti fl-UE jistgħu jaċċessaw l-assistenza soċjali u l-appoġġ tas-saħħa fuq l-istess bażi bħaċ-ċittadini, wara tliet xhur ta' residenza fl-istat ospitanti.[498] Drittijiet simili huma estiżi għat-tfal ta' dawk li jkunu akkwistaw residenza permanenti fi Stat Membru, avolja dawn jistgħu ikunu ristretti

497 In-Nazzjonijiet Uniti (1990), Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom, it-18 ta' Diċembru 1990.

498 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2004), Id-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, ĠU 2004 L 158, l-Art. 24.

mill-hekk imsejħa "benefiċċji prinċipali".[499] Fir-rigward ta' tfal li jkunu refuġjati jew li jkunu qed jitolbu l-ażil, l-Istati Membri għandhom jipprovdu aċċess għal assistenza soċjali xierqa fuq bażi ugwali bħaċ-ċittadini fl-istati ospitanti, imma, għal darb'oħra, din tista' tkun limitata għal "benefiċċji bażiċi" (l-Artikolu 29 tad-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika). Il-leġiżlazzjoni teħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu lit-tfal migranti vulnerabbli b'aċċess għal appoġġ tal-kura tas-saħħa suffiċjenti. Pereżempju, tfal li sofrew vjolenza jew tortura għandhom jingħataw appoġġ suffiċjenti biex jindirizza l-ħtiġijiet fiżiċi u mentali tagħhom (il-Kapitolu IV tad-Direttiva riformulata dwar l-Akkoljenza, l-Artikoli 21, 23(4) u 25). Id-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika fiha dispożizzjonijiet simili għal tfal migranti vulnerabbli.

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-KEDB ma tiggarantix espressament dritt għal kura tas-saħħa jew dritt għas-saħħa. Madankollu, il-QEDB trattat numru ta' każijiet relatati mas-saħħa f'diversi ċirkostanzi. L-ewwel, il-Qorti teżamina kwistjonijiet ta' saħħa li jipperikolaw il-ħajja tat-tfal. Hija tidentifika obbligi pożittivi li jaqgħu fuq l-istati biex jieħdu l-miżuri preventivi kontra riskji ta' saħħa li jipperikolaw il-ħajja li jaf bihom jew suppost jaf bihom.

Eżempju: F'*Oyal vs it-Turkija*, l-istat naqas milli jieħu l-miżuri preventivi kontra l-firxa tal-HIV mit-trasfużjoni tad-demm. B'konsegwenza, tarbija tat-twelid kienet infettata bil-virus tal-HIV waqt it-trasfużjoni tad-demm fi sptar tal-istat. Filwaqt li kien offruti xi rimedji, il-QEDB sabet li, fin-nuqqas ta' korpertura medika sħiħa għat-trattament u medikazzjoni matul il-ħajja tal-minuri kkonċernat, l-istat naqas milli joffri rimedji sodisfaċenti u b'hekk kiser id-dritt għall-ħajja (l-Artikolu 2 tal-KEDB).[500] Minbarra dan, ordnat li l-Istat Tork jipprovdi kopertura medika bla ħlas u bi sħiħ matul il-ħajja tal-vittma.

Eżempju: F'*Iliya Petrov vs il-Bulgarija*[501], tifel ta' 12-il sena weġġa' serjament f'sottostazzjon tal-elettriku. Is-sottostazzjon kien jinsab fi ġnien fuq barra fejn tfal u żgħażagħ ta' spiss kienu jiltaqgħu, u l-bieb ma kienx imsakkar. Il-QEDB sostniet li t-tħaddim ta' grid elettriku kienet attività li tpoġġi riskju għoli għal persuni li huma viċin tal-installazzjonijiet. L-istat

499 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2003), Id-Direttiva 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, ĠU 2003 L 16, l-Art. 11(4)).

500 QEDB, *Oyal vs it-Turkija*, Nru. 4864/05, it-23 ta' Marzu 2010, il-punti 71–72.

501 QEDB, *Iliya Petrov vs il-Bulgarija*, Nru. 19202/03, l-24 ta' April 2012.

għandu obbligu li jdaħħal fis-seħħ regolament adegwat, inkluża sistema li tikkontrolla l-applikazzjoni xierqa tar-regoli tas-sigurtà. Il-Qorti ddeċidiet li n-nuqqas tal-istat li jiżgura li s-sottostazzjon tal-elettriku kien sikur, minkejja li kien jaf dwar il-problemi ta' sigurtà, ammonta għal ksur tad-dritt għal ħajja (l-Artikolu 2 tal-KEDB).[502]

Barra dan, l-istati għandhom obbligi pożittivi li jieħdu ħsieb it-trattament ta' tfal f'sitwazzjoni vulnerabbli li qegħdin taħt il-ħarsien ta' awtoritajiet statali (ara wkoll il-Kapitolu 6 u t-Taqsima 7.3).

Eżempju: Il-kawża *Iċ-Ċentru għar-Riżorsi Legali f'isem Valentin Câmpeanu vs ir-Rumanija*[503] ikkonċernat adolexxenti Rom li nstab li kellu l-HIV li kellu diżabilità intellettwali severa u kien isofri wkoll minn tuberkolożi, pulmonite u epatite, u miet fl-età ta' 18-il sena. Huwa kien inżamm taħt ħarsien statali tul ħajtu kollha. Il-QEDB sabet nuqqasijiet serji fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-għoti ta' medikazzjoni u kura, u nuqqas kontinwu tal-persunal mediku li jipprovdilu kura u trattament xieraq. B'hekk l-Artikolu 2 tal-KEDB kien ġie miksur.[504]

Fir-rigward tal-kunsens għat-trattament mediku fin-nuqqas ta' emergenza, il-QEDB sabet li trattament mediku mingħajr il-kunsens tal-ġenituri jikser l-Artikolu 8 tal-KEDB.

Eżempju: Fi *Glass vs ir-Renju Unit,*[505] ingħatat diamorfina lil minuri b'diżabilità severa, minkejja l-oġġezzjonijiet b'saħħithom minn ommu. Il-QEDB sabet li d-deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-isptar li jegħlbu l-oġġezzjoni tal-omm għat-trattament propost fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni minn Qorti irriżultat fi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.[506]

502 *Ibid.*

503 QEDB, *Iċ-Ċentru għar-Riżorsi Legali f'isem Valentin Câmpeanu vs ir-Rumanija* [GC], Nru. 47848/08, is-17 ta' Lulju 2014. Ara wkoll id-deskrizzjoni ta' din id-deċiżjoni tal-KEDB fil-Kapitolu 7.

504 Ara wkoll it-Taqsima 7.

505 QEDB, *Glass vs ir-Renju Unit,* Nru. 61827/00, id-9 ta' Marzu 2004.

506 *Ibid.*, il-punt 83.

Eżempju: F'*M.A.K. u R.K. vs ir-Renju Unit*[507], tifla ta' disa' snin sarilha test tad-demm u ttieħdulha ritratti mingħajr il-kunsens tal-ġenituri, minkejja l-istruzzjonijiet espressi minn missierha biex ma jsirulhiex aktar testijiet waqt li t-tifla tkun waħedha l-isptar. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe urġenza medika, dawn l-interventi mediċi mingħajr il-kunsens tal-ġenituri kienu meqjusa li jiksru d-dritt tagħha għal integrità fiżika skont l-Artikolu 8 tal-KEDB.[508]

Fl-istess ħin, il-QEDB irrispettat il-prinċipju tal-aħjar interessi tal-minuri fil-kura tas-saħħa anki meta jkun hemm kunflitt mal-interess jew ix-xewqat tal-ġenituri, inkluż fil-kuntest ta' skemi ta' tilqim u deċiżjonijiet ta' tmiem il-ħajja.

Eżempju: Fil-kawża *Vavřička u Oħrajn vs ir-Repubblika Ċeka*[509], ir-rikorrenti lmentaw dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità mad-dmir statutorju ġenerali fir-Repubblika Ċeka biex jiġi żgurat tilqim ta' rutina tat-tfal kontra mard li huwa magħruf sew mix-xjenza medika. Il-konformità mad-dmir ma setgħetx tiġi infurzata fiżikament. Madankollu, il-ġenituri li naqsu milli jikkonformaw, mingħajr raġuni tajba, setgħu jiġu mmultati, u t-tfal mhux imlaqqma ma ġewx aċċettati fl-iskejjel preprimarji (saret eċċezzjoni għal dawk li ma jistgħux jitlaqqmu għal raġunijiet ta' saħħa). Il-Qorti sabet li d-dmir tat-tilqim u l-konsegwenzi diretti tiegħu kienu jammontaw għal interferenza f'termini tal-Artikolu 8 tal-KEDB. Madankollu, l-Istati huma obbligati li jpoġġu l-aħjar interessi tat-tfal, kif ukoll dawk tat-tfal bħala grupp, fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet kollha li jaffettwaw is-saħħa u l-iżvilupp tagħhom. Fir-rigward tal-immunizzazzjoni, l-objettiv għandu jkun li kull wild minuri jkun protett kontra mard serju, permezz ta' tilqim jew indirettament bis-saħħa tal-immunità kollettiva. Fuq dik il-bażi, il-Qorti qieset li l-politika tas-saħħa tal-Istat kienet konsistenti mal-aħjar interessi tal-wild minuri u, billi d-dmir tat-tilqim inkwistjoni kien ukoll raġonevolment proporzjonali għall-għanijiet leġittimi segwiti, l-Istat ma kienx qabeż il-marġni ta' diskrezzjoni tiegħu fil-każ preżenti jew kiser il-KEDB.

Eżempju: Fil-kawża *Parfitt vs ir-Renju Unit,*[510] it-tifla ta' ħames snin tar-rikorrenti kienet tbati minn enċefalopatija nekrotizzanti akuta u kienet fi stat veġetattiv permanenti mingħajr l-ebda prospett ta' titjib. Il-Qorti Suprema

507 QEDB, *M.A.K. u R.K. vs ir-Renju Unit*, Nri. 45901/05 u 40146/06, it-23 ta' Marzu 2010.

508 *Ibid.*, il-punt 79.

509 QEDB, *Vavřička u Oħrajn vs ir-Repubblika Ċeka*, Nru. 47621/13, it-8 ta' April 2021.

510 QEDB, *Parfitt vs ir-Renju Unit*, Nru. 18533/21, l-20 ta' April 2021.

tar-Renju Unit għamlet dikjarazzjoni fis-sens li ma jkunx illegali għall-isptar li jieħu ħsieb it-tifla tar-rikorrenti li jirtira t-trattament. Wara li kkunsidrat il-marġni ta' diskrezzjoni mogħti lill-awtoritajiet f'każijiet bħal dawn, il-Qorti ma sabet l-ebda ksur tal-Artikolu 2 tal-KEDB. Il-qorti domestika kienet qieset l-evidenza ta' 12-il tabib speċjalizzat rispettati ħafna. Il-qorti kienet tat kunsiderazzjoni xierqa u bir-reqqa lix-xewqat tar-rikorrenti, iżda kienet ikkonkludiet li r-reġim tal-kura invażiva ta' bintha kien piż kontinwu, li ma ġabilha l-ebda benefiċċju. Minkejja l-preżunzjoni li l-ħajja għandha tiġi ppreservata, il-qorti domestika kienet qieset li ma kienx fl-aħjar interessi tat-tifla li ħajjitha tittawwal. L-applikazzjoni ġiet iddikjarata inammissibbli.[511]

Skont l-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni ta' Oviedo[512], meta minuri ma jkollux il-kapaċità legali biex jagħti kunsens għal intervent mediku, dak l-intervent jista' jsir biss bl-awtorizzazzjoni tar-rappreżentant tiegħu jew tagħha, ħlief f'sitwazzjoni ta' emerġenza. Filwaqt li l-Konvenzjoni ta' Oviedo ma teħtieġx il-kunsens tal-minuri jekk hu jew hi huma legalment inkapaċi li jagħtu kunsens, hija ssostni li l-opinjoni tal-minuri għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni "bħala fattur li kull ma jmur huwa aktar determinanti in proporzjon mal-età u l-livell ta' maturità tiegħu jew tagħha" (l-Artikolu 6(2)). Filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta n-natura li qed tiżviluppa tal-kapaċità tat-tfal li jieħdu d-deċiżjonijiet, inkluż fi kwistjonijiet li jirrigwardjaw is-saħħa tagħhom stess, il-KtE qed iħejji gwida, li fiha prinċipji u prattiki tajbin għall-involviment tat-tfal fit-teħid ta' deċiżjonijiet mediċi.[513] L-ittestjar ġenetiku tat-tfal irid jiġi differit sakemm huma jiksbu l-kapaċità tat-teħid tad-deċiżjonijiet, sakemm dak id-dewmien ma jkunx ta' detriment għas-saħħa jew għall-benesseri tagħhom.[514]

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 11 tal-ESC, l-Istati Partijiet jaqblu li jieħdu l-miżuri xierqa biex jipprevedu għal faċilitajiet konsultattivi u edukattivi għall-promozzjoni għas-saħħa u l-appoġġ ta' inkoraġġiment

511 Ara wkoll il-QEDB, *Gard u Oħrajn vs ir-Renju Unit*, Nru. 39793/17, is-27 ta' Ġunju 2017.

512 Il-Kunsill tal-Ewropa (1997), Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Dinjità tal-Bniedem fir-rigward tal-Applikazzjoni tal-Bijoloġija u l-Mediċina (il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina), CETS Nru. 164, l-4 ta' April 1997.

513 Għal aktar informazzjoni, ara l-paġna web tal-KtE dwar il-gwida.

514 Il-Kunsill tal-Ewropa (2018), Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina, dwar Testijiet Ġenetiċi għal Skopijiet Mediċi, CETS Nru. 203, is-27 ta' Novembru 2018.

għar-responsabbiltà individwali rigward is-saħħa.[515] Assistenza u kura medika hija garantita taħt l-Artikolu 13 tal-ESC għal dawk mingħajr riżorsi adegwati u li ma jistgħux jassiguraw dawk ir-riżorsi bl-isforzi tagħhom stess jew minn sorsi oħrajn. Finalment, fl-2011 il-Kumitat tal-Ministri adotta *Linji gwida dwar il-kura tas-saħħa adattata għat-tfal*.[516]

Kif indikat fl-eżempji li ġejjin, l-ECSR isostni li tfal migranti li qegħdin illegalment f'pajjiż huma intitolati għal kura tas-saħħa lil hinn mill-assistenza medika urġenti. L-ESC tinkludi ħafna referenzi għad-drittijiet tat-tfal għal assistenza soċjali u servizzi tas-saħħa (l-Artikoli 11, 12, 13, 14, 16 u 17), li japplikaw irrispettivament mill-istat ta' migrazzjoni tagħhom.

Eżempju: Id-deċiżjoni tal-ECSR f'*International Federation of Human Rights Leagues (FIDH) vs Franza*[517] tikkonċerna lil Franza li għaddiet liġi li temmet l-eżenzjoni ta' immigranti f'sitwazzjoni irregolari bi dħul baxx ħafna mill-ħlas għal trattament mediku, u ħlasijiet imposti fuq kura tas-saħħa. L-ECSR iddeċidiet li individwi li ma laħqux l-età ta' adulti, inkluż tfal mhux akkumpanjati, għandhom jiġu provduti b'kura medika bla ħlas.

Eżempju: F'*Defence for Children International (DCI) vs il-Belġju*[518], l-ECSR sab ksur tal-Artikolu 17 tal-ESC minħabba restrizzjonijiet fuq assistenza medika lil tfal migranti mhux dokumentati. Il-Kumitat ikkonferma "id-dritt ta' minuri migranti illegalment f'pajjiż biex jirċievu kura tas-saħħa li testendi lil hinn mill-assistenza medika urġenti u tinkludi l-kura primarja u sekondarja, kif ukoll assistenza psikoloġika". Sostna wkoll li n-nuqqas ta' faċilitajiet ta' akkoljenza għal tfal barranin illegalment f'pajjiż għamel l-aċċess għall-kura tas-saħħa diffiċli. Barra dan, sab li l-kawżi ta' mard jistgħu jitneħħew biss sal-estent li tfal huma provduti b'akkomodazzjoni jew

515 Dwar l-edukazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva, ara wkoll taħt edukazzjoni (it-Taqsima 8.2).

516 Il-Kunsill tal-Ewropea, il-Kumitat tal-Ministri (2011), *Linji gwida dwar il-kura tas-saħħa adattata għat-tfal*, il-21 ta' Settembru 2011.

517 ECSR, *International Federation of Human Rights Leagues (FIDH) vs Franza,* Ilment Nru. 14/2003, it-8 ta' Settembru 2004, il-punti 35–37.

518 ECSR, *Defence for Children International (DCI) vs il-Belġju*, Ilment Nru. 69/2011, it-23 ta' Ottubru 2012.

djar temporanji. Għaldaqstant, sostna li kien hemm ksur tal-Artikolu 11(1) u (3) tal-ESC minħabba n-nuqqas ta' akkomodazzjoni u djar temporanji.[519]

Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti[520] b'mod simili tipprovdi li ħaddiema migranti li huma legalment impjegati fit-territorju ta' stat ieħor, kif ukoll il-familji tagħhom, għandhom jirċievu aċċess ugwali għal assistenza soċjali u medika (l-Artikolu 19). Taħt il-liġi internazzjonali, aktar dispożizzjonijiet komprensivi dwar id-dritt għas-saħħa jistgħu jinsabu fl-Artikolu 12 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali[521] u fl-Artikolu 24 tas-CRC. Dawn l-istrument jenfasizzaw prevenzjoni u trattament. Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal jenfasizza l-importanza għall-aċċess tal-ogħla standard tal-kura tas-saħħa u nutrizzjoni li jista' jintlaħaq matul it-tfulija bikrija,[522] u aċċess tal-adolexxenti għal informazzjoni sesswali u riproduttiva.[523] Ikkjarifika wkoll li d-dritt tat-tfal għas-saħħa jimplika "id-dritt li persuna tikkontrolla s-saħħa u l-ġisem tagħha, inkluża l-libertà sesswali u riproduttiva li tagħmel għażliet responsabbli".[524] Hija tinkoraġġixxi lill-istati biex "jikkunsidraw li jħallu lit-tfal jagħtu kunsens għal ċerti trattamenti u interventi mingħajr il-permess ta' ġenitur, min qed jieħu ħsieb jew tutur, bħall-ittestjar għall-HIV u servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluża l-edukazzjoni u l-gwida dwar is-saħħa sesswali, il-kontraċezzjoni u l-abort sikur".[525]

519 Ara wkoll ECSR, *Il-Kumitat Ewropew għall-Azzjoni ta' Prijorità bbażata fid-Dar għat-Tfal u għall-Familja (EUROCHEF) vs Franza,* Ilment Nru. 114/2015, l-24 ta' Jannar 2018.

520 Il-Kunsill tal-Ewropa (1977), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti, CETS Nru. 93, l-24 ta' Novembru 1977.

521 In-Nazzjonijiet Uniti, l-Assemblea Ġenerali (1966), Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, is-16 ta' Diċembru 1966, in-Nazzjonijiet Uniti, Sensiela ta' Trattati, Vol. 993, p. 3.

522 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2006), *Kumment Ġenerali Nru. 7 (2005): L-implimentazzjoni tad-drittijiet tat-tfal fit-tfulija bikrija,* Dok. tan-NU. CRC/C/GC/7/Rev.1, il-para. 27.

523 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2003), *Kumment Ġenerali Nru. 4 (2003): Saħħa u żvilupp tal-adolexxenti fil-kuntest tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal,* Dok. tan-NU. CRC/GC/2003/4, il-para. 28.

524 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2013), *Kumment Ġenerali Nru. 15 (2013) dwar id-dritt tat-tfal għat-tgawdija tal-ogħla standard ta' saħħa li jista' jintlaħaq (art. 24)*, Dok. tan-NU. CRC/C/GC/15, il-para. 24.

525 *Ibid.*, il-para. 31.

# 8.4. Dritt għal akkomodazzjoni

## Punti ewlenin

- Id-dritt għal akkomodazzjoni huwa garantit taħt l-Artikolu 31 tal-ESC.
- Għandu jkun ipprovdut post ta' kenn adegwat lil tfal li qed joqogħdu illegalment ġo pajjiż u l-kundizzjonijiet tal-ħajja fil-postijiet ta' kenn għandhom jirrispettaw lid-dinjità umana.
- Skont il-QEDB, akkomodazzjoni inadegwata ma tiġġustifikax it-tqegħid taħt ħarsien pubbliku.

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 34(3) tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali fih referenza dwar id-dritt tal-għajnuna għall-akkomodazzjoni bħala parti mill-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar. Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tinkludi l-akkomodazzjoni fost il-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku li għalihom għandhom jingħataw aċċess u provvista nondiskriminatorji[526]. Trattament mhux differenzjali fir-rigward tal-benefiċċji tal-akkomodazzjoni japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti fit-tul. Id-dritt tal-UE għandu l-għan li jiżgura li l-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jikkostitwixxux piż għas-sistemi ta' assistenza soċjali tal-Istati Membri.[527] Id-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja teħtieġ applikazzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja biex tipprovdi evidenza li sponser validu ta' riunifikazzjoni ta' familja (eż. ċittadin ta' pajjiż terz imħalli joqgħod għal perjodu ta' sena jew aktar u bi prospett raġonevoli li jakkwista d-dritt ta' residenza permanenti) għandu akkomodazzjoni meqjusa normali għal familja komparabbli fl-istess reġjun. L-akkomodazzjoni għandha tilħaq l-istandards tas-saħħa u s-sigurtà ġenerali fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat.[528]

Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza (l-Artikolu 24(2)) tobbliga lill-Istati Membri jakkomodaw lit-tfal mhux akkumpanjati li jkunu qed ifittxu

526 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2000), Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità, ĠU 2000 L 180, l-Art. 3.

527 Ara wkoll l-FRA u QEDB (2020), *Handbook on European law relating to asylum, borders and immigration*, is-17 ta' Diċembru 2020.

528 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2003), Id-Direttiva 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (id-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja), ĠU L 251, 3.10.2003, pp. 12–18, l-Art. 7(1)(a).

l-ażil ma' qraba, fil-kura tal-fostering jew f'akkomodazzjoni xierqa. Il-QĠUE ddeċidiet li l-kundizzjonijiet materjali tal-akkoljenza, inkluża l-akkomodazzjoni, ma jistgħux jiġu rtirati bħala sanzjoni, minħabba li dan iċaħħad lir-rikorrenti mill-ħtiġijiet bażiċi tagħhom.

Eżempju: Il-kawża ta' *Zubair Haqbin*[529] kienet tikkonċerna referenza għal deċiżjoni preliminari fil-proċedimenti bejn is-Sur Zubair Haqbin u l-Aġenzija Federali għall-Akkoljenza ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil, il-Belġju (Fedasil), dwar talba għal kumpens imressqa mis-Sur Haqbin kontra Fedasil, wara żewġ deċiżjonijiet ta' din tal-aħħar li eskludewh temporanjament mill-kundizzjonijiet materjali tal-akkoljenza. Is-Sur Haqbin, ta' nazzjonalità Afgana, wasal fil-Belġju bħala tifel mhux akkumpanjat u ppreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Huwa tqiegħed f'ċentru tal-akkoljenza fejn kien involut fi ġlieda ma' residenti oħrajn. Wara dak l-inċident, id-direttur taċ-ċentru tal-akkoljenza ddeċieda li jeskludi lis-Sur Haqbin minn għajnuna materjali għal 15-il jum. Il-QĠUE ddeċidiet għall-ewwel darba dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt mogħti lill-Istati Membri mill-Artikolu 20(4) tad-Direttiva 2013/33/UE li tistabbilixxi standards għall-akkoljenza tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali. Abbażi tal-interpretazzjoni tal-QĠUE, Stat Membru ma jistax japplika sanzjoni li tikkonsisti fl-irtirar, anki temporanjament, tal-kundizzjonijiet materjali tal-akkoljenza, fir-rigward tal-akkomodazzjoni, l-ikel jew il-ħwejjeġ, sa fejn dan ikollu l-effett li jċaħħad lir-rikorrent mill-possibbiltà li jissodisfa l-aktar ħtiġijiet bażiċi tiegħu. L-impożizzjoni ta' sanzjonijiet oħrajn trid, fiċ-ċirkostanzi kollha, tikkonforma mal-kundizzjonijiet li jikkonċernaw il-prinċipju tal-proporzjonalità u r-rispett għad-dinjità. Fil-każ ta' wild minuri mhux akkumpanjat, dawk is-sanzjonijiet iridu, f'dan id-dawl, jiġu ddeterminati billi jitqiesu b'mod partikolari l-aħjar interessi tal-minuri.

**Skont id-dritt tal-KtE**, m'hemm l-ebda dritt ġenerali li tingħata akkomodazzjoni taħt il-KEDB, imma jekk stat jiddeċiedi li jipprovdi akkomodazzjoni, għandu jagħmel hekk b'mod nondiskriminatorju.

529 QĠUE, C-233/18, *Zubair Haqbin vs Federaal Agentschap voor de opvang van asielzoekers*, it-12 ta' Novembru 2019.

Eżempju: F'*Bah vs ir-Renju Unit*[530] ir-rikorrenti, li kienet qed toqgħod legalment fir-Renju Unit, ingħatat permess li jingħaqad magħha binha bil-kundizzjoni li ma jirrikorrix għal fondi pubbliċi. Ftit wara l-wasla ta' binha, ir-rikorrenti fittxet assistenza biex issib akkomodazzjoni. Madankollu, għaliex binha kien soġġett għal kontroll ta' immigrazzjoni, hija ġiet mċaħħda l-prijorità li normalment kienet tkun intitolata għaliha minħabba l-istatus tagħha bħala persuna mhux intenzjonalment bla dar u b'tifel minuri. Finalment l-awtoritajiet għenuha ssib akkomodazzjoni ġdida u iktar tard tawha akkomodazzjoni soċjali. Ir-rikorrenti lmentat li r-rifjut li tingħata prijorità kien diskriminatorju. Il-QEDB sostniet li kien leġittimu li ddaħħal fis-seħħ kriterji għall-allokazzjoni ta' riżorsi limitati bħall-akkomodazzjoni soċjali, sakemm dawk il-kriterji ma kinux arbitrarji jew diskriminatorji. Ma kien hemm xejn arbitrarju fiċ-ċaħda tal-prijorità lir-rikorrenti, li ġabet lil binha fil-pajjiż b'għarfien totali tal-kundizzjoni marbuta mal-permess ta' dħul tiegħu. Barra dan, ir-rikorrenti qatt fil-fatt ma kienet bla dar u kien hemm dmirijiet statutorji oħrajn li kieku kienu jeħtieġu l-awtorità lokali biex jassistu lilha u l-binha kieku t-theddida ta' mingħajr dar fil-fatt kienet sostnuta. Konsegwentement, ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 14 meħud flimkien mal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Il-QEDB eżaminat ukoll każijiet ta' żgumbrament ta' familji Travellers minn siti tal-karavans.[531]

Eżempju: Il-kawża *Winterstein u Oħrajn vs Franza*[532] kienet tikkonċerna proċedimenti ta' żgumbrament imressqa kontra għadd ta' familji Travellers li kienu ilhom jgħixu fl-istess post għal ħafna snin. Il-qrati domestiċi ħarġu ordnijiet għall-iżgumbrament tal-familji, taħt piena għan-nuqqas ta' konformità. Għalkemm l-ordnijiet ma ġewx infurzati, ħafna mill-familji ħarġu minn djarhom. Erba' familji biss ġew ipprovduti b'akkomodazzjoni alternattiva fl-akkomodazzjoni soċjali; l-hekk imsejħa siti tal-familja fejn kellhom jiġu akkomodati l-familji li kien fadal baqgħu ma nħolqux. Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-prinċipju tal-proporzjonalità kien jirrikjedi li tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-konsegwenzi tal-iżgumbrament u r-riskju li l-familji jispiċċaw mingħajr dar. L-awtoritajiet domestiċi għall-ewwel kienu naqsu milli jagħmlu dan. Barra minn hekk, bosta strumenti internazzjonali

530 QEDB, *Bah vs ir-Renju Unit*, Nru. 56328/07, is-27 ta' Settembru 2011.

531 QEDB, *Connors vs ir-Renju Unit*, Nru. 66746/01, is-27 ta' Mejju 2004.

532 QEDB, *Winterstein u Oħrajn vs Franza*, Nru. 27013/07, is-17 ta' Ottubru 2013.

u tal-KtE enfasizzaw il-ħtieġa, fil-każ ta' żgumbrament furzat tar-Rom jew tat-Travellers, li tiġi pprovduta akkomodazzjoni alternattiva, filwaqt li jżommu f'moħħhom li dawn jappartjenu għal minoranza vulnerabbli. Għaldaqstant, il-Qorti sabet li d-drittijiet tar-rikorrenti skont l-Artikolu 8 kienu nkisru.

Il-QEDB ittrattat indirettament il-kwistjoni tal-kwalità ta' akkomodazzjoni, fejn iddikjarat li akkomodazzjoni inadegwata ma tiġġustifikax it-tqegħid tat-tfal taħt ħarsien pubbliku[533] (ara wkoll it-Taqsimiet 5.2 u 6.2). Il-QEDB kellha wkoll l-okkażjoni li tikkunsidra l-obbligi pożittivi ta' Stat, fil-kuntest tal-kundizzjonijiet tal-kura u tal-għajxien, lejn tfal barranin mhux akkumpanjati anki meta jkunu preżenti b'mod irregolari fil-pajjiż.

Eżempju: Il-kawża *Khan vs Franza*[534] kienet tikkonċerna n-nuqqas mill-awtoritajiet Franċiżi li jipprovdu kura lil wild minuri barrani mhux akkumpanjat qabel u wara ż-żarmar tal-kampijiet provviżorji mwaqqfa fis-sezzjoni tan-Nofsinhar tal-*lande de Calais* ("Calais heath"). Ir-rikorrent, li kien wasal fi Franza bħala tifel ta' 11-il sena, għex fil-kamp għal sitt xhur f'ambjent li kien manifestament mhux addattat għat-tfal, ikkaratterizzat b'mod partikolari minn kundizzjonijiet ħżiena għas-saħħa, prekarji u mhux sikuri. Is-sitwazzjoni marret għall-agħar wara ż-żarmar tal-kamp, li kien ifisser id-demolizzjoni tal-għarix li fih kien qed jgħix ir-rikorrent u deterjorament ġenerali tal-kundizzjonijiet tal-għajxien fuq il-post. Għalkemm ir-rikorrent kien soġġett għal ordni ta' tqegħid, l-awtoritajiet ma ħadu l-ebda azzjoni biex jipproteġuh. Filwaqt li l-awtoritajiet domestiċi ffaċċjaw biċċa xogħol kumplessa biex jidentifikaw it-tfal fost il-persuni kollha preżenti fis-sit u jipprovdulhom kura xierqa, il-Qorti ma kinitx konvinta li huma kienu għamlu dak kollu li seta' raġonevolment ikun mistenni minnhom biex jissodisfaw l-obbligu pożittiv tagħhom f'dan il-każ, filwaqt li żammet f'moħħha li r-rikorrent, bħala tifel barrani mhux akkumpanjat preżenti b'mod illegali fit-territorju, għalhekk kien jappartjeni għal waħda mill-aktar kategoriji vulnerabbli fis-soċjetà. Il-kombinazzjoni tal-ambjent tal-għajxien tar-rikorrent u n-nuqqas ta' infurzar tal-ordni ta' protezzjoni kienet tammonta għal trattament degradanti u ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB.

533 QEDB, *Wallová u Walla vs ir-Repubblika Ċeka*, Nru. 23848/04, is-26 ta' Ottubru 2006, il-punti 73–74; QEDB, *Havelka u Oħrajn vs ir-Repubblika Ċeka*, Nru. 23499/06, il-21 ta' Ġunju 2007, il-punti 57–59.

534 QEDB, *Khan vs Franza*, Nru. 12267/16, it-28 ta' Frar 2019.

Id-dritt għal akkomodazzjoni adegwata huwa garantit fl-Artikolu 31 tal-ESC. L-ECSR isostni li "[a]kkomodazzjoni adegwata skont l-Artikolu 31(1) tfisser abitazzjoni li hija sikura mill-qasam sanitarju u tas-saħħa, jiġifieri għandu jkollha s-servizzi bażiċi kollha, bħall-ilma, it-tisħin, ir-rimi tal-ilma, il-faċilitatjiet tas-sanità u l-elettriku u għandha wkoll tkun sikura strutturalment, mhux iffullata u b'żamma sikura sostnuta bil-liġi".[535] L-iżgumbramenti huma permissibbli, jekk ġustifikati, imwettqa f'kundizzjonijiet li jirrispettaw id-dinjità, u jekk akkomodazzjoni alternattiva ssir disponibbli.[536] Kundizzjonijiet ta' għajxien f'postijiet ta' kenn "għandhom ikunu b'tali mod li jagħmluha possibbli li tgħix fihom u b'ħarsien tad-dinjità umana [...] [u] għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-sigurtà, saħħa u iġjene, inklużi servizzi bażiċi, jiġifieri ilma nadif, dawl u tisħin suffiċjenti. Ir-rekwiżiti bażiċi ta' akkomodazzjoni temporanja jinkludu wkoll sigurtà tal-madwar immedjat."[537]

Fir-rigward ta' akkomodazzjoni għal tfal barranin f'sitwazzjoni irregolari, l-ECSR isostni li kemm in-nuqqas li tiġi pprovduta kwalunkwe forma ta' akkomodazzjoni kif ukoll jekk tiġi pprovduta akkomodazzjoni inadegwata f'lukandi, dawn jammontaw għal ksur tal-Artikolu 17(1) tal-ESC.[538] Barra dan, skont l-Artikolu 31(2) tal-ESC dwar il-prevenzjoni ta' persuni bla dar, l-istati huma meħtieġa jipprovdu post tal-kenn adegwat lil tfal f'sitwazzjoni irregolari mingħajr ma jirrikorru għad-detenzjoni.[539]

535 ECSR, *Defence for Children International (DCI) vs in-Netherlands*, Ilment Nru. 47/2008, l-20 ta' Ottubru 2009, il-punt 43.

536 ECSR, *Iċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Rom (ERRC) vs l-Italja*, Ilment Nru. 27/2004, is-7 ta' Diċembru 2005, il-punt 41; ECSR, *Médecins du Monde – International vs Franza*, Ilment Nru. 67/2011, il-11 ta' Settembru 2012, il-punti 74–75 u 80.

537 ECSR, *Defence for Children International (DCI) vs in-Netherlands*, Ilment Nru. 47/2008, l-20 ta' Ottubru 2009, il-punt 62; ECSR, *Il-Federazzjoni Ewropea tal-Organizzazzjonijiet Nazzjonali li jaħdmu mal-Persuni Mingħajr Dar (FEANTSA) vs in-Netherlands*, Nru. 86/2012, it-2 ta' Lulju 2014.

538 ECSR, *Defence for Children International (DCI) vs il-Belġju*, Ilment Nru. 69/2011, it-23 ta' Ottubru 2012, il-punti 82–83. Ara wkoll l-FRA (2010), *Separated, asylum-seeking children in European Union Member States* (Tfal mifrudin li jkunu qed ifittxu l-ażil fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea), is-7 ta' Diċembru 2010, p. 30.

539 ECSR, *Defence for Children International (DCI) vs in-Netherlands*, Ilment Nru. 47/2008, l-20 ta' Ottubru 2009, il-punt 64.

# 8.5. Dritt għal livell ta' ħajja adegwat u dritt għas-sigurtà soċjali

## Punti ewlenin

- L-aċċess għal benefiċċji tat-tfal u liv tal-ġenituri għandu jkun nondiskriminatorju.
- Skont id-dritt tal-UE, il-kopertura tas-sigurtà soċjali ta' ħaddiema żgħażagħ f'kuntratti ta' apprentistat m'għandhiex tkun tant baxxa li teskludihom mill-varjetà ġenerali ta' protezzjoni.
- Taħt l-ESC, is-sospensjoni ta' benefiċċji tal-familja f'każ ta' skartar huwa limitazzjoni sproporzjonata għad-dritt tal-familja għal protezzjoni ekonomika, soċjali u legali.

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 34(1) tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali jistipula li "l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għal benefiċċji ta' sigurtà soċjali u servizzi soċjali" f'każijiet li jikkorrispondu għall-fergħat tradizzjoni tas-sigurtà soċjali (maternità, mard, inċidenti industrijali, dipendenza jew xjuħija, jew telfien ta' impjieg). L-intitolament jestendi għal kull min qed joqgħod jew jiċċaqlaq legalment fi ħdan l-UE. Id-dritt għal assistenza soċjali huwa rikonoxxut biex jiżgura eżistenza diċenti għal dawk li neqsin minn riżorsi suffiċjenti u biex jiġġieldu esklużjoni soċjali u faqar. Dawn l-aspetti kollha huma kkwalifikati mir-"regoli stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali" (l-Artikolu 34(1) tal-Karta). L-Artikolu 10(3) tad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata jistipula d-dritt għal-liv tal-paternità, għal-liv tal-ġenituri u għall-ħin flessibbli.[540] L-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar ir-Residenza fit-Tul[541] jistipula li r-residenti fit-tul għandhom igawdu minn trattament ugwali maċ-ċittadini fir-rigward tas-sigurtà soċjali, l-assistenza soċjali u l-protezzjoni soċjali kif definiti mil-liġi nazzjonali. Abbażi tal-Artikolu 29 tad-Direttiva

540 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2019), Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE, ĠU 2019 L 188.

541 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, ĠU 2004 L 16.

dwar Standards għall-Kwalifika[542], il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom jirċievu, fl-Istat Membru li jkun ta tali protezzjoni, l-assistenza soċjali meħtieġa kif ipprovduta liċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza jkunu disponibbli għall-applikanti meta japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali.[543]

Il-QĠUE issostni li, fejn ċittadini tal-Istat Membru nnifsu huma meħtieġa biss li joqogħdu fi Stat Membru biex jaċċessaw benefiċċju għat-trobbija tat-tfal, iċ-ċittadini ta' Stati Membri oħrajn tal-UE ma jistgħux jintalbu jipproduċu permess ta' residenza formali biex jaċċessaw l-istess benefiċċji.[544] Ir-rifjut tal-liv parentali lil ċerti kategoriji ta' persuni, bħal ommijiet li għandhom tarbija permezz ta' arranġament ta' omm surrogata, huwa diskriminatorju.[545] L-istess japplika għal impjegati ċivili rġiel li jiġu rifjutati liv parentali jekk marthom ma taħdimx jew ma teżerċitax xi professjoni, sakemm in-nisa ma jkunux jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet relatati mat-trobbija tat-tfal minħabba marda sejra jew korriment.[546] B'mod simili, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġim ta' liv parentali f'każ ta' twelid ta' tewmin li jiżgura li dawn il-ġenituri jirċievu trattament partikolari għall-ħtiġijiet tagħhom. Dan jista' jiġi assigurat billi t-tul tal-liv parentali jiġi bbażat fuq in-numru tat-tfal imwielda, u jiġu ppreveduti miżuri oħrajn, bħal assistenza materjali u għajnuna finanzjarja.[547]

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB eżaminat diskriminazzjoni allegata fl-għoti tal-liv parentali u benefiċċji parentali f'diversi każijiet.

542 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2019), Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni), ĠU 2011 L 337.

543 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni), ĠU L 2013 L 180.

544 QĠUE, C-85-96, *María Martínez Sala vs Freistaat Bayern*, it-12 ta' Mejju 1998, il-punti 60–65.

545 QĠUE, C-363/12, *Z vs A Government Department u The Board of Management of a Community School* [GC], it-18 ta' Marzu 2014.

546 QĠUE, C-222/14, *Konstantinos Maïstrellis vs Ypourgos Dikaiosynis, Diafaneias kai Anthropinon Dikaiomaton*, is-16 ta' Lulju 2015, il-punt 53.

547 QĠUE, C-149/10, *Zoi Chatzi vs Ypourgos Oikonomikon*, is-16 ta' Settembru 2010, il-punti 72–75.

Eżempju: F'*Konstantin Markin vs ir-Russja*[548], kien rifjutat liv parentali lil raġel tas-servizz fl-armata Russa, filwaqt li nisa tas-servizz kienu intitolati għat-tali liv. Fl-opinjoni tal-Qorti, l-esklużjoni tal-irġiel tas-servizz mill-intitolament għal-liv parentali ma setgħetx tkun raġonevolment iġġustifikata. La l-kuntest tal-forzi armati speċjali u d-dikjarazzjonijiet dwar ir-riskju għall-effikaċja operattiva, u lanqas l-argumenti dwar ir-rwol speċjali tan-nisa fit-trobbija tat-tfal jew it-tradizzjonijiet prevalenti fil-pajjiż ma nstabu li jiġġustifikaw it-trattament differenzjali. Il-Qorti sabet li l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 8 tal-KEDB kienu ġew miksura.

Eżempju: F'*Yocheva u Ganeva vs il-Bulgarija,*[549] l-ewwel rikorrenti lmentat dwar diskriminazzjoni bħala omm weħidha. Hija ġiet miċħuda allowance ta' kull xahar mogħtija lil familji li fihom it-tfal għandhom ġenitur ħaj wieħed biss, minħabba li missier uliedha ma kienx magħruf. Il-QEDB sabet li l-liġi rilevanti kienet ibbażata fuq fehim antikwat u sterjotipiku tal-familji bħala li neċessarjament ikollhom żewġ ġenituri legali. Fl-istess ħin, tfal li missierhom ma kienx magħruf, f'termini oġġettivi, kienu mċaħħda mill-kura u l-protezzjoni ta' wieħed mill-ġenituri tagħhom bl-istess mod bħal tfal li wieħed mill-ġenituri tagħhom kien miet. Il-Qorti kkonkludiet li l-ewwel rikorrenti kienet sofriet diskriminazzjoni abbażi kemm tal-istatus tal-familja tagħha kif ukoll tas-sess tagħha u li kien hemm ksur tal-Artikolu 14 meħud flimkien mal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Aktar dispożizzjonijiet estensivi dwar id-dritt għas-sigurtà soċjali, id-dritt għal assistenza soċjali u medika u d-dritt li tibbenefika minn servizzi ta' assistenza soċjali jistgħu jinsabu fl-Artikoli 12–14 tal-ESC. L-Artikolu 16 tal-ESC espliċitament isemmi benefiċċji soċjali u familjari bħala mod ta' kif il-protezzjoni ekonomika, legali u soċjali tal-ħajja tal-familja tista' tkun promossa. L-Artikolu 30 tal-ESC jipprevedi għal dritt ta' protezzjoni kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.[550] Ċerti dikjarazzjonijiet tas-sigurtà soċjali jistgħu jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-Artikolu 1, Protkoll Nru. 1 għall-KEDB, sakemm il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġġenera interess proprjetarju billi tipprevedi għall-ħlas bħala dritt ta' benefiċċju soċjali, kemm kundizzjonali jew le fuq il-ħlas minn qabel tal-kontribuzzjonijiet.[551]

548 QEDB, *Konstantin Markin vs ir-Russja* [GC], Nru. 30078/06, it-22 ta' Marzu 2012.

549 QEDB, *Yocheva u Ganeva vs il-Bulgarija*, Nri. 18592/15 u 43863/15, il-11 ta' Mejju 2021.

550 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2019), Dikjarazzjoni mill-Kumitat tal-Ministri dwar l-indirizzar tal-faqar fost it-tfal, il-11 ta' Diċembru 2019.

551 QEDB, *Stummer vs l-Awstrija* [GC], Nru. 37452/02, is-7 ta' Lulju 2011, il-punt 82.

L-Artikolu 12 tal-ESC jeħtieġ li l-istati jistabbilixxu jew iżommu sistema ta' sigurtà soċjali, u li jagħmlu ħilithom biex jgħolluha b'mod progressiv għal livell ogħla.

L-Artikolu 16 tal-ESC jeħtieġ li l-istati jiżguraw protezzjoni ekonomika, legali u soċjali tal-familja b'mezzi xierqa. Il-mezz primarju għandu jkun benefiċċji tal-familja jew tat-tfal, ipprovduti bħala parti mis-sigurtà soċjali u disponibbli jew universalment jew soġġett għal test tal-mezzi. Dawn il-benefiċċji għandhom jikkostitwixxu suppliment adegwat ta' dħul għal numru sinifikanti ta' familji. L-ECSR jevalwa l-adegwatezza ta' benefiċċji tal-familja (parentali) fir-rigward tad-dħul ekwivalizzat medju (Eurostat).[552] L-ECSR isib li n-nuqqas ta' kwalunkwe sistema ġenerali ta' benefiċċji tal-familja mhuwiex f'konformità mal-ESC.[553]

L-ECSR jaċċetta, madankollu, li l-ħlas ta' benefiċċji tat-tfal jista' jintrabat ma' kundizzjoni bbażata fuq ir-residenza tat-tfal.[554] Isostni li l-introduzzjoni ta' protezzjoni ferm limitata biss kontra riskji soċjali u ekonomiċi mogħtija lil tfal (15–18-il sena) f'kuntratti ta' apprentistat speċjali (kienu intitolati biss għal benefiċċji tal-mard mhux finanzjarji u għal kopertura ta' inċident okkupazzjonali b'rata ta' 1%) effettivament teskludi kategorija distinta ta' ħaddiema (minuri) mill-"firxa ġenerali ta' protezzjoni offruta mis-sistema tas-sigurtà soċjali b'mod ġenerali". B'hekk qed tikser l-obbligu tal-istat li jgħolli b'mod progressiv is-sistema ta' sigurtà soċjali.[555]

Is-sospensjoni ta' benefiċċji tal-familja f'każ ta' skartar huwa wkoll limitazzjoni sproporzjonata għad-dritt tal-familja għal protezzjoni ekonomika, soċjali u legali.

Eżempju: Fi lment kontra Franza, il-Kumitat Ewropew għal Azzjoni ta' Prijorità bbażata fid-Dar għat-Tfal u għall-Familja (EUROCEF), argumenta li s-sospensjoni ta' benefiċċji tal-familja bħala miżura li tindirizza l-iskartar kienet ksur tad-dritt tal-familji għal protezzjoni soċjali, legali u ekonomika

552 ECSR (2020), Konklużjoni 2019 – l-Awstrija, Marzu 2020, p. 21.

553 ECSR (2011), Konklużjonijiet 2011 – it-Turkija (l-Art. 16), 2011/def/TUR/16//EN, id-9 ta' Diċembru 2011.

554 ECSR (2014), Konklużjonijiet XX-2 (Spanja), Novembru 2014, p. 23.

555 ECSR, *General Federation of Employees of the National Electric Power Corporation (GENOP-DEI) u Confederation of Greek Civil Servants' Trade Unions (ADEDY) vs il-Greċja*, Ilment Nru. 66/2011, it-23 ta' Mejju 2012, il-punt 48.

skont l-Artikolu 16 tal-ESC. Waqt li sab din il-miżura sproporzjonata mal-għan segwit, il-Kumitat innota li "il-miżura kontestata li tissospendi u possibilment trażżan il-benefiċċji tal-familja tagħmel lill-ġenituri esklussivament responsabbli li jsegwu l-għan li jitnaqqas l-iskartar u tiżdied il-vulnerabbiltà ekonomika u soċjali tal-familji kkonċernati".[556]

Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti[557] tipprevedi li ħaddiema migranti legalment impjegati fi stat ieħor kif ukoll il-familji tagħhom għandhom jirċievu aċċess ugwali għas-sigurtà soċjali (l-Artikolu 18) u "servizzi soċjali" oħrajn li jiffaċilitawlhom l-akkoljenza fl-istat ospitanti (l-Artikolu 10). B'mod simili, il-Konvenzjoni Ewropea dwar is-Sigurtà Soċjali tipproteġi d-drittijiet tar-refuġjati u persuni apolidi li jaċċessaw l-għoti ta' sigurtà soċjali fl-istat ospitant (inklużi benefiċċji tal-familja għat-tfal)[558].

Skont il-liġi internazzjonali, id-dritt għal livell ta' għajxien adegwat huwa ggarantit fl-Artikolu 11 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u l-Artikolu 27 tas-CRC.

556 ECSR, *Il-Kumitat Ewropew għall-Azzjoni ta' Prijorità bbażata fid-Dar għat-Tfal u għall-Familja (EUROCEF) vs Franza*, Ilment Nru. 82/2012, id-19 ta' Marzu 2013, il-punt 42.

557 Il-Kunsill tal-Ewropa (1977), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti, CETS Nru. 93, l-24 ta' Novembru 1977.

558 Il-Kunsill tal-Ewropa, Il-Konvenzjoni Ewropea dwar is-Sigurtà Soċjali, CETS Nru. 78, l-14 ta' Diċembru 1972.

# 9 Migrazzjoni u ażil



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| TFUE, l-Artikolu 21<br>Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 7 (ħajja tal-familja) l-Artikolu 45 (libertà ta' moviment)<br>Id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu (2004/38/KE)<br>Id-Direttiva dwar il-Proċeduri ta' Ażil (2013/32/UE)<br>Ir-Regolament ta' Dublin (Nru. 604/2013)<br>Ir-Regolament tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (562/2006), l-Anness VII, 6<br>QĠUE, C-129/18, *SM vs Uffiċjal għall-Approvazzjoni tad-Dħul*, 2019<br>QĠUE, C-91/20, *LW vs Bundesrepublik Deutschland*, 2021 | **Dħul u residenza** | KEDB, l-Artikolu 8 (ħajja tal-familja)<br>ESC, l-Artikolu 19 |
| Id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil (2013/32/UE), l-Artikolu 25(5) | **Valutazzjoni tal-età** | KEDB, l-Artikolu 8 (ħajja privata)<br>ECSR, *Il-Kumitat Ewropew għall-Azzjoni ta' Prijorità bbażata fid-Dar għat-Tfal u għall-Familja (EUROCEF) vs Franza*, Ilment Nru. 114/2015, 2018 |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Id-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja (2003/86/KE)<br>Id-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika (2011/95/UE), l-Artikolu 31<br>Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (2013/33/UE)<br>Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja (2001/55/KE)<br>Ir-Regolament ta' Dublin (Nru. 604/2013)<br>QĠUE, C-550/16, *A u S vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie*, 2018 | **Riunifikazzjoni tal-familja u tfal mifrudin** | KEDB, l-Artikolu 8 (dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja)<br>QEDB, *Jeunesse vs in-Netherlands* [GC], Nru. 12738/10, 2014 (ħajja tal-familja, l-aħjar interessi tat-tfal)<br>QEDB, *Gül vs l-Iżvizzera*, Nru. 23218/94, 1996 (deportazzjoni ta' familja)<br>QEDB, *Tuquabo-Tekle u Oħrajn vs in-Netherlands*, Nru. 60665/00, 2006 |
| Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (2013/33/UE), l-Artikolu 11<br>Id-Direttiva dwar ir-Ritorn (2008/115/KE), l-Artikolu 17<br>QĠUE, C-528/15, *Policie ČR, Krajské ředitelství policie Ústeckého kraje, odbor cizinecké policie vs Salah Al Chodor u Oħrajn*, 2017 | **Detenzjoni tat-tfal** | KEDB, l-Artikolu 5 (id-dritt għal-libertà)<br>QEDB, *Mubilanzila Mayeka u Kaniki Mitunga vs il-Belġju*, Nru. 13178/03, 2006 (detenzjoni bi prospetti ta' tkeċċija)<br>QEDB, *S.F. u Oħrajn vs il-Bulgarija*, Nru. 8138/16, 2017<br>QEDB, *A.M. u Oħrajn vs Franza*, Nru. 24587/12, 2016<br>QEDB, *Bistieva u Oħrajn vs il-Polonja*, Nru. 75157/14, 2018<br>QEDB, *R.R. u Oħrajn vs l-Ungerija*, Nru. 36037/17, 2021 (detenzjoni f'żona ta' tranżitu)<br>QEDB, *Moustahi vs Franza*, Nru. 9347/14, 2020 |
| Id-Direttiva dwar il-Libertà ta' Moviment (2004/38/KE), Preambolu (il-para. 24), l-Artikoli 7, 12, 13 u 28(3)(b)<br>TFUE, l-Artikolu 20<br>Id-Direttiva dwar ir-Ritorn (2008/115/KE)<br>Ir-Regolament ta' Dublin (604/2013)<br>QĠUE, C-112/20, *M.A. vs État belge*, 2021 | **Tkeċċija** | KEDB, l-Artikolu 8 (dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja)<br>QEDB, *Üner vs in-Netherlands* Nru. 46410/99, 2006<br>QEDB, *Tarakhel vs l-Iżvizzera* [GC], Nru. 29217/12, 2014 (deportazzjoni ta' tfal) |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| QĠUE, C-441/19, *TQ vs Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid*, 2021<br>QĠUE, C-648/11, *The Queen, fuq talba ta' MA et vs Secretary of State for the Home Department*, 2013 | | |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikoli 47–48 (dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt tad-difiża)<br>Ir-Regolament ta' Dublin (604/2013)<br>Id-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika (2011/95/UE), l-Artikolu 31<br>Id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil (2013/32/UE), l-Artikoli 7 u 25<br>Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE), l-Artikolu 8 | **Aċċess għall-ġustizzja** | KEDB, l-Artikolu 13 (dritt għal rimedju effettiv)<br>ESC, l-Artikolu 16<br>Il-Konvenzjoni dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti, l-Artikolu 6<br>QEDB, *Rahimi vs il-Greċja*, Nru. 8687/08, 2011 (rimedji effettivi biex jisfidaw il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni) |

L-UE għandna kompetenza ċara biex tilleġiżla fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil u għamlet dan b'mod estensiv. Dispożizzjonijiet li jkopru tfal migranti jirregolaw firxa ta' sitwazzjonijiet ta' migrazzjoni, inkluża migrazzjoni relatata max-xogħol fit-tul, ażil, u protezzjoni sussidjarja, u jindirizzaw ukoll is-sitwazzjoni ta' migranti f'sitwazzjoni irregolari. Minbarra l-protezzjoni li t-tfal kollha huma intitolati għaliha, inklużi t-tfal migranti, skont l-Artikolu 24 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikoli 18 u 19 tal-Karta jittrattaw b'mod speċifiku d-dritt għall-ażil u l-protezzjoni, it-tkeċċija jew l-estradizzjoni. L-UE tat każ ukoll tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' tfal mhux akkumpanjati, inkluż fir-rigward ta' aspetti legali bħal tutela legali u rappreżentanza legali, valutazzjoni tal-età, rintraċċar tal-familja u riunifikazzjoni, proċeduri ta' ażil, detenzjoni, u tkeċċija, kif ukoll aspetti li jirrelataw mal-kundizzjonijiet ta' għajxien tat-tfal, inkluż akkomodazzjoni, kura tas-saħħa, edukazzjoni u taħriġ, reliġjon, normi u valuri kulturali, rikreazzjoni u divertiment u interazzjoni soċjali u esperjenzi

ta' razziżmu.[559] Il-QĠUE għandha każistika estensiva dwar il-protezzjoni tat-tfal fil-kuntest tal-ażil u l-migrazzjoni.

Fi ħdan is-sistema tal-KtE, erbgħa konvenzjonijiet b'mod partikolari jappoġġaw id-drittijiet ta' tfal migranti f'kuntest differenti: il-KEDB, il-ESC, il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti u l-Konvenzjoni Ewropea dwar iċ-Ċittadinanza. Dan il-kapitolu prinċipalment jiffoka fuq l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-KEDB, notevolment l-Artikolu 3 (protezzjoni kontra trattament inuman u degradanti), l-Artikolu 5 (deprivazzjoni mil-libertà), u l-Artikolu 8 (dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja) meħud waħdu jew flimkien mal-Artikolu 14 (nondiskriminazzjoni). Dawn id-dispożizzjonijiet jintużaw biex jappoġġaw id-drittijiet ta' migranti, refuġjati u tfal li qed ifittxu ażil u l-membri tal-familja tagħhom, għar-riunifikazzjoni tal-familja, l-aċċess għal ġustizzja u r-residenza kontinwa fl-istat ospitanti. Il-Kumitat tal-Ministri tal-KtE adotta wkoll rakkomandazzjoni li titlob tutela effettiva għat-tfal mifrudin u mhux akkumpanjati fil-kuntest tal-migrazzjoni.[560]

Fil-livell internazzjonali, il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Istatus tar-Refuġjati[561] flimkien mal-Protokoll tagħha tal-1967 hija l-qofol tal-protezzjoni internazzjonali tar-refuġjati. Barra minn hekk, għadd ta' dispożizzjonijiet tas-CRC u kummenti ġenerali tal-Kumitat tas-CRC jirrispettaw id-drittijiet tat-tfal fil-kuntest tal-migrazzjoni u l-ażil u informaw l-iżvilupp ta' miżuri legali fil-livell

559 Ara wkoll, FRA (2010), *Separated, asylum-seeking children in European Union Member States* (Tfal mifrudin li jkunu qed ifittxu l-ażil fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea), is-7 ta' Diċembru 2010; FRA (2011), *Fundamental rights of migrants in an irregular situation in the European Union who are not removed* (Id-drittijiet fundamentali tal-migranti f'sitwazzjoni irregolari fl-Unjoni Ewropea li ma jitneħħewx), is-7 ta' April 2017, pp. 27–38; FRA (2011), *Migrants in an irregular situation: Access to healthcare in 10 European Union Member States* (Il-migranti f'sitwazzjoni irregolari: Aċċess għall-kura tas-saħħa f'10 Stati Membri tal-Unjoni Ewropea), il-11 ta' Ottubru 2011, pp. 26–30; FRA (2018), *Children's rights and justice – Minimum age requirements in the EU* (Id-drittijiet tat-tfal u l-ġustizzja – Ir-rekwiżiti tal-età minima fl-UE), il-25 ta' April 2018; FRA (2020), *Fundamental rights of refugees, asylum applicants and migrants at the European borders* (Id-drittijiet fundamentali tar-refuġjati, tal-applikanti għall-ażil u tal-migranti fil-fruntieri Ewropej), is-27 ta' Marzu 2020.

560 Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2019), Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2019)11 dwar tutela effettiva għat-tfal mifrudin u mhux akkumpanjati fil-kuntest tal-migrazzjoni, il-11 ta' Diċmebru 2019

561 In-Nazzjonijiet Uniti, l-Assemblea Ġenerali (1951), Il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, it-28 ta' Lulju 1951, in-Nazzjonijiet Uniti, Sensiela ta' Trattati, Vol. 189, p. 137.

Ewropew.[562] B'mod speċifiku, l-Artikolu 8 jipproteġi d-dritt tat-tfal għall-identità, inklużi n-nazzjonalità, l-isem u r-relazzjonijiet tal-familja; l-Artikolu 9 jiżgura li t-tfal mifrudin għandhom iżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri fejn dan ikun fl-aħjar interessi tagħhom; l-Artikolu 20 jiżgura l-għoti ta' protezzjoni speċjali lil kwalunkwe wild minuri li jkun imċaħħad temporanjament jew b'mod permanenti mill-ambjent tal-familja tiegħu; u l-Artikolu 22 jipprovdi lit-tfal refuġjati bid-dritt għal protezzjoni u assistenza speċjali. Il-biċċa l-kbira tal-ilmenti individwali li jikkunsidra l-Kumitat tas-CRC, skont it-tielet protokoll tas-CRC, jirreferu għall-qasam tal-migrazzjoni jew l-ażil.

It-taqsimiet li jmiss jiffukaw fuq dħul u residenza (it-Taqsima 9.1); valutazzjoni tal-età (it-Taqsima 9.2); riunifikazzjoni tal-familja għal tfal mifrudin (it-Taqsima 9.3); detenzjoni (it-Taqsima 9.4); tkeċċija (it-Taqsima 9.5) u aċċess għall-ġustizzja (it-Taqsima 9.6).

## 9.1. Dħul u residenza

**Punti ewlenin**

- Iċ-ċittadini tal-UE jgawdu d-dritt għal-libertà ta' moviment fi ħdan l-UE.
- Deċiżjonijiet fuq id-dħul u residenza ta' minuri għandhom jittieħdu fil-qafas ta' mekkaniżmi u proċeduri xierqa u fl-aħjar interessi tal-minuri.

**Skont id-dritt tal-UE**, in-natura u l-ambitu tad-drittijiet tat-tfal ivarjaw ħafna skont in-nazzjonalità tal-minuri u tal-ġenituri u skont jekk il-minuri hux qed jemigra mal-ġenituri tiegħu/tagħha jew indipendentement.

Il-migrazzjoni ta' ċittadini tal-UE lejn Stat Membru ieħor tal-UE titqies bħala moviment liberu u hija regolata minn diversi strumenti legali. Id-drittijiet mogħtija liċ-ċittadini tal-UE huma estensivi u jimmiraw li jistimolaw il-mobilità aħjar madwar l-UE. L-ewwel, l-Artikolu 21 tat-TFUE jipprevedi li ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom għandhom dritt li jiċċaqalqu u joqogħdu b'mod

562 In-Nazzjonijiet Uniti (2017), *Kumment ĠeneraliKkonġunt Nru. 3 (2017) tal-Kumitat dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji Tagħhom u Nru. 22 (2017) tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal fil-kuntest tal-migrazzjoni internazzjonali*, CMW/C/GC/3-CRC/C/GC/22, is-16 ta' Novembru 2017.

liberu fi ħdan it-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE. Minbarra dan, ladarba jaslu fl-Istat ospitanti, huma għandhom id-dritt li jiġu ttrattati b'mod ugwali għaċ-ċittadini nazzjonali ta' dak l-Istat b'rabta mal-aċċess tagħhom għal u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-benefiċċji soċjali u tas-sigurtà soċjali, l-iskola, il-kura tas-saħħa, eċċ. l-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiggarantixxi ugwalment il-libertà tal-moviment taċ-ċittadini tal-UE.

Id-drittijiet tat-tfal li jiċċaqilqu ma' ġenituri/indokraturi ċittadini tal-UE huma regolati mid-Direttiva dwar il-Moviment Liberu.[563] Din tistipula li l-membri tal-familja għandhom id-dritt li jidħlu u jirrisjedu fl-Istat ospitanti biċ-ċaqliq taċ-ċittadin tal-UE primarju hemmhekk jew warajh (l-Artikolu 5(1)). Membri familjari, għal fini ta' dan l-istrument, jinkludu kwalunkwe tfal bijoloġiċi jew tal-migrant tal-UE jew tal-konjugi jew sieħeb/sieħba tagħhom, sakemm ikunu taħt l-età ta 21 sena jew huma "dipendenti" (l-Artikolu 2(2)). Jistgħu jkunu kemm ċittadini tal-UE kif ukoll ċittadini mhux tal-UE, sakemm il-persuna primarja li magħha jkunu ċċaqalqu tkun ċittadina tal-UE. Għall-ewwel tliet xhur wara li jiċċaqilqu, id-dritt għar-residenza tal-familja huwa inkundizzjonat, iżda wara dan ċittadini tal-UE li jixtiequ li t-tfal tagħhom jibqgħu magħhom fl-istat ospitanti għandhom juru li għandhom riżorsi finanzjarji suffiċjenti u assigurazzjoni kontra l-mard komprensiva biex isostnuhom (l-Artikolu 7). Tfal u membri tal-familja oħra awtomatikament jiksbu residenza permanenti wara perjodu ta' ħames snin konsekuttivi ta' residenza fl-istat ospitanti maċ-ċittadin tal-UE (l-Artikoli 16(2) u 18). F'dak il-punt, ma jibqgħu soġġetti għal ebda kundizzjoni dwar riżorsi jew assigurazzjoni kontra l-mard.

Il-QĠE ddeċidiet ukoll dwar id-drittijiet tad-dħul u tar-residenza ta' tfal ċittadini ta' pajjiżi terzi taħt *kafala* ma' ċittadin tal-UE.

Eżempju: F'*SM vs Uffiċjal għall-Approvazzjoni tad-Dħul*[564], ċittadin Alġerin, SM, ġie rrifjutat l-approvazzjoni tad-dħul għat-territorju tar-Renju Unit bħala wild adottat ta' ċittadin taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) taħt is-sistema tal-*kafala* Alġerina. Skont il-QĠUE, il-kunċett ta' "dixxendent dirett"

563 Jekk jogħġbok innota li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva japplikaw ukoll fiż-ŻEE. Ara wkoll il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, it-2 ta' Mejju, Parti III, Moviment Liberu ta' Persuni, Servizzi u Kapital, u l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, iffirmat fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ġunju 1999, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002, ĠU 2002 L 114/6.

564 QĠUE, C-129/18, *SM vs Uffiċjal għall-Approvazzjoni tad-Dħul*, is-26 ta' Marzu 2019.

ta' ċittadin tal-Unjoni, skont id-Direttiva 2004/38/KE "irid jiġi interpretat bħala li ma jinkludix wild minuri li jkun tqiegħed fit-tutela legali permanenti ta' ċittadin tal-Unjoni taħt is-sistema tal-*kafala* Alġerina, minħabba li dak it-tqegħid ma joħloq l-ebda relazzjoni ġenitur–wild minuri bejniethom". Madankollu, huwa f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jiffaċilitaw id-dħul u r-residenza ta' wild minuri mqiegħed fit-tutela legali taċ-ċittadini tal-UE taħt is-sistema tal-*kafala* Alġerina bħala wieħed mill-"membri tal-familja l-oħrajn" ta' ċittadin tal-UE, skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38/KE u l-Artikolu 24(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Dan għandu jsir billi titwettaq valutazzjoni bilanċjata u raġonevoli taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li tqis l-aħjar interessi tat-tfal. Jekk il-valutazzjoni tistabbilixxi li l-wild minuri u t-tutur jitqiesu li jgħixu ħajja tal-familja ġenwina u li l-wild minuri huwa dipendenti fuq it-tutur, allura dak il-wild minuri għandu jingħata dritt ta' dħul u residenza.

Il-libertà ta' moviment għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jappartjenux għall-familja ta' migrant tal-UE hija soġġetta għal aktar restrizzjonijiet. Dan il-qasam huwa parzjalment regolat mid-dritt tal-UE u parzjalment regolat mil-liġijiet ta' immigrazzjoni nazzjonali.[565]

Fil-kuntest ta' proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, it-tfal huma meqjusa bħala "persuni vulnerabbli", u l-Istati Membri għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni speċifika tagħhom meta jimplimentaw id-dritt tal-UE.[566] Dan jeħtieġ li l-istati jidentifikaw u jakkomodaw kwalunkwe dispożizzjoni speċjali li tfal li qed ifittxu ażil, b'mod partikolari, jistgħu jeħtieġu meta jidħu fl-istat ospitanti. L-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE tapplika għar-rekwiżiti ta' dħul u residenza tal-*acquis* tal-UE dwar l-ażil hekk kif jirrelata mat-tfal. Dan jeħtieġ li fl-azzjonijiet kollha fir-rigward tat-tfal, kemm jekk meħudin minn awtoritajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet privati, l-Istati Membri tal-UE jiżguraw li l-aħjar interessi tal-minuri huma kunsiderazzjoni primarja.

565 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2003), Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, ĠU 2003 L 251.

566 Ara, b'mod speċifiku, l-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Id-Direttiva 2013/33/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi standards għall-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza (riformulazzjoni)), ĠU 2013 L 180, l-Art. 21, u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2008), Id-Direttiva 2008/115/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (id-Direttiva dwar ir-Ritorn), ĠU 2008 L 348, l-Art. 3(9).

Eżempju: F'*LW vs Bundesrepublik Deutschland*[567], it-talba għal deċiżjoni preliminari kienet tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2011/95/UE rigward l-istatus ta' residenza ta' wild minuri b'ċittadinanza Tuneżina, imwieled fil-Ġermanja minn missier refuġjat Sirjan rikonoxxut u omm Tuneżina, kollha residenti fil-Ġermanja. Il-Qorti ddeċidiet li Stat Membru ma jistax jiġi prekluż, taħt dispożizzjonijiet nazzjonali aktar favorevoli, milli jagħtu status ta' refuġjat lill-wild minuri ta' ċittadin ta' pajjiż terz bi status ta' refuġjat. Dan jinkludi każijiet li fihom dak il-wild minuri jkun twieled fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u anki jekk il-wild minuri jkollu ċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz li fih il-wild minuri ma jkunx f'riskju ta' persekuzzjoni, diment li l-wild minuri ma jkunx kopert minn raġuni ta' esklużjoni (l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva), u li l-wild minuri ma jkunx, skont iċ-ċittadinanza jew element ieħor tal-istatus legali personali, intitolat għal trattament aħjar f'dak l-Istat Membru minn dak li jirriżulta mill-għoti ta' status ta' refuġjat.

B'mod aktar speċifiku, il-prinċipji tal-aħjar interessi jsaħħu l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/32/UE dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil)[568] u r-Regolament li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema huwa l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ir-Regolament ta' Dublin) hekk kif jirrelataw mat-tfal.[569] Iż-żewġ testi wkoll fihom garanziji speċifiċi għal tfal mhux akkumpanjati, inkluża r-rappreżentanza legali tagħhom. Ir-Regolament (562/2006) dwar il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jeħtieġ gwardji tal-fruntiera biex jiċċekkjaw li persuni li qed jakkumpanjaw tfal għandhom drittijiet ta' ħarsien tal-ġenituri fuqhom, speċjalment meta t-tfal ikunu akkumpanjati minn adult wieħed biss u jkun hemm raġunijiet serji biex jissusspettaw li t-tfal setgħu tneħħew illegalment mill-kustodja tat-tutur(i) legali tagħhom. F'dan il-każ, il-gwardja tal-fruntiera għandu jinvestiga aktar biex jara jekk hemmx xi inkonsistenzi jew kontradizzjonijiet fl-informazzjoni mogħtija. Jekk tfal ikunu qed

567 QĠUE, C-91/20, *LW vs Bundesrepublik Deutschland*, id-9 ta' Novembru 2021.

568 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Id-Direttiva 2013/32/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, ĠU 2013 L 180/60, l-Art. 25(6).

569 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Ir-Regolament (UE) Nru. 604/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ĠU 2013 L. 180/31-180/59, l-Art. 6.

jivvjaġġaw mhux akkumpanjati, il-gwardji tal-fruntiera għandhom jiżguraw, permezz ta' verifiki bir-reqqa tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u ta' sostenn, li t-tfal mhux qed iħallu t-territorju kontra x-xewqat tal-persuna jew persuni li jkollhom ir-responsabbiltà tal-ġenituri fuqhom.[570]

**Skont id-dritt tal-KtE**, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja fl-Artikolu 8 tal-KEDB huwa ta' spiss invokat bħala salvagwardja kontra tkeċċija f'każijiet li jikkonċernaw tfal li nkella kienu jkunu evalwati bħala mhux fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, inkluża l-protezzjoni sussidjarja. Ksur tal-Artikolu 8 nstab f'każijiet li jinvolvu tfal, għaliex separazzjoni furzata minn membri tal-familja fil-qrib x'aktarx li jkollha impatt akut fuq l-edukazzjoni, l-istabbilità soċjali u ekonomika u l-identità tagħhom.[571]

L-Artikolu 19 tal-ESC jobbliga lill-Istati Membri jiffaċilitaw, kemm jista' jkun, ir-riunifikazzjoni tal-familja ta' ħaddiem barrani li jitħalla joqgħod fit-territorju.

Minbarra dan, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-KtE dwar it-tutela effettiva għat-tfal mifrudin u mhux akkumpanjati fil-kuntest tal-migrazzjoni tistabbilixxi prinċipji ta' gwida ċari biex jitpoġġew fuq quddiem nett il-protezzjoni, l-assistenza u s-sikurezza tat-tfal fil-migrazzjoni permezz ta' tutela, abbażi tal-konvinzjoni li l-ħatra fil-pront ta' tuturi u r-rwol tagħhom huma ta' importanza kbira biex jaġixxu fl-aħjar interessi tat-tfal, u biex jiġi żgurat li d-drittijiet u l-benesseri tat-tfal jiġu rrispettati.[572]

570 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2006), ir-Regolament (KE) Nru. 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU 2006 L 105, l-Anness VII, 6.

571 QEDB, *Şen vs in-Netherlands*, Nru. 31465/96, il-21 ta' Diċembru 2001; QEDB, *Tuquabo-Tekle u Oħrajn vs in-Netherlands*, Nru. 60665/00, l-1 ta' Marzu 2006.

572 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2019), Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2019)11 dwar it-tutela effettiva għat-tfal mifrudin u mhux akkumpanjati fil-kuntest tal-migrazzjoni, il-11 ta' Diċembru 2019.

## 9.2. Valutazzjoni tal-età

**Punti ewlenin**

- Il-valutazzjoni tal-età tirreferi għall-proċeduri li permezz tagħhom l-awtoritajiet ifittxu li jistabbilixxu l-età legali ta' migrant biex jiġu determinati liema proċeduri u regoli ta' immigrazzjoni jeħtieġ li jiġu segwiti.[573]
- Proċeduri tal-valutazzjoni tal-età għandhom jirrispettaw id-drittijiet tat-tfal.

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 25(5) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil jippermetti li l-Istati Membri jirreferu għal eżamijiet mediċi, imma jirrikjedi li dawn isiru "b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-individwu", għandhom ikunu "l-eżami l-inqas invażiv", u "għand[hom] [i]sir[u] minn professjonisti mediċi kwalifikati".[574] Din id-dispożizzjoni teħtieġ ukoll li l-individwi jiġu infurmati b'lingwa li jistgħu jifhmu li tali valutazzjoni tista' ssir u li għandu jinkiseb il-kunsens tagħhom għall-eżaminazzjoni, jew dak tar-rappreżentant legali. Ir-rifjut li jgħaddu minn valutazzjoni tal-età ma jistax jirriżulta f'ċaħda tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Il-prattiki rigward il-kunsens għall-eżami mediku fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-età jvarjaw fl-Istati Membri, li xi drabi jkunu jeħtieġu biss il-kunsens tal-wild minuri, jew tat-tutur biss, jew inkella tat-tnejn.[575]

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-prattiki partikolarment invażivi użati fil-kuntest tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-età jistgħu jqajmu kwistjoni skont l-Artikoli 3 jew 8 tal-KEDB. L-Artikolu 3 ġie interpretat bħala li jinkludi firxa wiesgħa ta' xenarji li jistgħu jiġu kkunsidrati inumani jew degradanti, inklużi eżamijiet

573 Ara wkoll l-FRA u l-QEDB (2020), *Manwal dwar id-dritt Ewropew relatat mal-ażil, il-fruntieri u l-immigrazzjoni*, is-17 ta' Diċembru 2020, it-Taqsima 10.

574 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Id-Direttiva 2013/32/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni), ĠU 2013 L 180.

575 FRA (2018), *Age assessment and fingerprinting of children in asylum procedures – Minimum age requirements concerning children's rights in the EU* (Valutazzjoni tal-età u teħid tal-marki tas-swaba' tat-tfal fil-proċeduri tal-ażil – Rekwiżiti tal-età minima li jikkonċernaw id-drittijiet tat-tfal fl-UE), il-25 ta' April 2018; ara wkoll l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil, *Age assessment practices in EU+ countries: updated findings* (Prattiki ta' valutazzjoni tal-età fil-pajjiżi tal-UE+: sejbiet aġġornati), Lulju 2021. Għal ħarsa ġenerali lejn id-diversi metodi applikati f'kull pajjiż, ara l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (2018), *Practical guide on age assessment* (Gwida prattika dwar il-valutazzjoni tal-età), Marzu 2018; l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (2021), *Rapport dwar l-Ażil 2021*, il-para. 5.1.2.

fiżiċi invażivi tat-tfal.[576] Skont l-Artikolu 8, applikat f'kuntest ta' immigrazzjoni, l-awtoritajiet jistgħu b'mod leġittimu jinterferixxu mad-dritt għal privatezza tal-minuri u jwettqu valutazzjonijiet tal-età jekk dan ikun skont il-liġi u meħtieġ biex jiġi protett wieħed mill-għanijiet leġittimi tal-Artikolu 8(2) tal-KEDB.

L-ESCR ikkunsidra diversi kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem tat-tfal fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-età.

> Eżempju: F'*EUROCEF vs Franza*[577], l-ECSR analizza l-użu tal-ittestjar tal-għadam biex tiġi ddeterminata l-età tat-tfal mhux akkumpanjati fi Franza u sab li kien hemm ksur tal-Artikolu 17(1) tal-ESC. B'mod partikolari, l-ECSR ikkunsidra l-użu ta' tali testijiet mediċi bħala kkontestat ħafna minħabba li dawn mhumiex affidabbli u jimminaw id-dinjità u l-integrità fiżika tat-tfal.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri dwar it-tutela tistabbilixxi li meta jkun inċert jekk persuna hijiex minuri jew le, u anki wara li jkunu saru l-proċeduri nazzjonali ta' valutazzjoni tal-età, l-Istati għandhom jiżguraw li jkollhom tutur jew li awtorità kompetenti ssostni garanzija ta' rispett għad-drittijiet tagħhom.[578] L-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa adottat ukoll rakkomandazzjoni li tipprovdi prinċipji u gwida dwar il-valutazzjoni tal-età tat-tfal għal tfal migranti mhux akkumpanjati.[579]

Skont il-liġi internazzjonali, l-Artikolu 8 tas-CRC jobbliga lill-istati li jirrispettaw id-dritt tal-minuri għal identità. Din timplika obbligu li jassisti lill-minuri biex jasserixxi l-identità tiegħu jew tagħha, li jista' jinvolvi l-konferma tal-età tal-minuri. Proċeduri tal-valutazzjoni tal-età, madankollu, għandha tkun l-aħħar rimedju.

Fi kwalunkwe każ, il-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal għandu jkun il-bażi tal-proċeduri nazzjonali dwar il-valutazzjoni tal-età. Il-Kumitat tan-NU dwar

576 QEDB, *Yazgül Yilmaz vs it-Turkija*, Nru. 36369/06, l-1 ta' Frar 2011.

577 ECSR, *Il-Kumitat Ewropew għall-Azzjoni ta' Prijorità bbażata fid-Dar għat-Tfal u għall-Familja (EUROCEF) vs Franza*, Ilment Nru. 114/2015, l-24 ta' Jannar 2018.

578 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2019), Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2019)11 dwar it-tutela effettiva għat-tfal mifrudin u mhux akkumpanjati fil-kuntest tal-migrazzjoni, il-11 ta' Diċembru 2019.

579 Il-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari (2017), Ir-Rakkomandazzjoni 2117, Valutazzjoni tal-età adattata għat-tfal għal tfal migranti mhux akkumpanjati, l-24 ta' Novembru 2017.

id-Drittijiet tat-Tfal jafferma li l-valutazzjoni tal-età għandha tikkunsidra l-apparenza fiżika tal-minuri u l-maturità fiżika tagħhom. Il-valutazzjoni għandha titwettaq b'mod xjentifiku, sikur, sensittiv għall-minuri u s-sess, u ġustu, u għandha tevita kwalunkwe riskju ta' ksur tal-integrità fiżika tal-minuri waqt li tagħti r-rispett dovut lid-dinjità tal-bniedem.[580] Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal eżamina diversi lmenti individwali rigward il-valutazzjoni tal-età. Il-kumitat enfasizza l-ħtieġa għal tutur jew rappreżentant legali li jappoġġa lill-wild minuri waqt il-valutazzjoni tal-età, u kkritika l-eżami tal-ġenitali bħala metodu ta' valutazzjoni tal-età.[581]

## 9.3. Riunifikazzjoni tal-Familja għal tfal mifrudin

### Punti ewlenin

- Dispożizzjonijiet fuq livell Ewropew jiffukaw prinċipalment fuq li jerġgħu jgħaqqdu lit-tfal b'mod sikur mal-ġenituri tagħhom, jew fil-pajjiż ospitanti jew fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom.
- Il-preferenza tingħata lill-ġenituri tal-minuri u/jew lil dawk li primarjament jieħdu ħsiebu jew ħsiebha meta jiġi ddeterminat liema membri tal-familja għandhom jerġgħu jingħaqdu mal-familja.
- L-aħjar interessi tat-tfal għandhom imexxu l-każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja.

**Skont id-dritt tal-UE**, l-aktar strument notevoli huwa d-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja, li tirrikjedi li l-Istati Membri jawtorizzaw id-dħul u r-residenza tal-ġenituri ta' tfal mhux akkumpanjati li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi — f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn ma jkunx fl-aħjar interessi tal-minuri li jingħaqad mal-ġenituri tiegħu jew tagħha barra mill-pajjiż minflok. Fin-nuqqas ta' ġenitur, l-Istati Membri għandhom id-diskrezzjoni li jawtorizzaw id-dħul

580 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2005), Kumment Ġenerali Nru. 6 (2005) dwar it-trattament ta' tfal mifrudin u mhux akkumpanjati barra mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom, CRC/GC/2005/6, l-1 ta' Settembru 2005, il-para. 31(A).

581 In-Nazzjonijiet Uniti (2021), Opinjoni approvata mill-Kumitat b'rabta mal-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar proċedura ta' komunikazzjoni, rigward il-komunikazzjoni Nru. 76/2019, CRC/C/86/D/76/2019, is-17 ta' Awwissu 2021.

u r-residenza tat-tutur legali tal-minuri jew kwalunkwe membru tal-familja ieħor.[582] Id-definizzjoni u d-drittijiet marbutin mal-"familja" huma b'hekk aktar ġenerużi fil-kuntest ta' tfal mhux akkumpanjati milli għall-maġġoranza ta' kategoriji oħra tat-tfal migranti.[583] Il-prinċipju tal-aħjar interessi għandu dejjem jiġi applikat meta tiġi kkunsidrata deċiżjoni li tikkonċerna riunifikazzjoni tal-familja.[584]

Skont il-QĠUE, id-data applikabbli għad-determinazzjoni tal-età tal-membri tal-familja li jitolbu r-riunifikazzjoni tal-familja ma għandhiex tiġi affettwata mit-tul tal-proċeduri. B'mod aktar speċifiku, id-data biex jiġi vvalutat jekk refuġjat huwiex wild minuri mhux akkumpanjat jew le għall-finijiet tad-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja hija d-data li fiha daħal fl-Istat Membru tal-UE u għamel l-applikazzjoni għall-ażil, u mhux id-data tal-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja[585].

Eżempju: Il-kawża *A u S vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie*[586] kienet tikkonċerna applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja ta' wild minuri mhux akkumpanjat li jkun laħaq l-età maġġuri matul il-proċedura tal-ażil. Is-Segretarju tal-Istat irrifjuta dik l-applikazzjoni, minħabba li l-wild minuri kien diġà sar adult meta kien ingħata l-istatus ta' refuġjat. Il-QĠUE ddeċidiet li l-Artikolu 2(f) tad-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni jrid jiġi interpretat bħala li jfisser li ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat taħt l-età ta' 18-il sena fil-mument tad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru u tal-applikazzjoni għall-ażil f'dak l-Istat, iżda li, matul il-proċedura tal-ażil, jilħqu l-età maġġuri u wara jingħataw status ta' refuġjat, iridu jitqiesu bħala minorenni għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni.

582 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Id-Direttiva 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, ĠU 2003 L 251, l-Art. 10(3)(a) u (b), rispettivament.

583 Ara wkoll l-FRA u l-QEDB (2020), *Manwal dwar id-dritt Ewropew relatat mal-ażil, il-fruntieri u l-immigrazzjoni*, is-17 ta' Diċembru 2020, it-Taqsima 6.3 dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja.

584 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Id-Direttiva 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, ĠU 2003 L 251, l-Art. 5(5).

585 L-istess interpretazzjoni ġiet segwita mill-QĠUE b'rabta mal-età tat-tfal ta' rikorrent adult li jitlob ir-riunifikazzjoni mat-tfal minuri tiegħu, *il-Kawżi Magħquda C-133/19, C-136/19 u C-137/19 B. M. M. (C-133/19 u C-136/19), B. S. (C-133/19), B. M. (C-136/19), B. M. O. (C-137/19) vs État belge*, is-16 ta' Lulju 2020.

586 QĠUE, C-550/16, *A u S vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie*, it-12 ta' April 2018, il-punti 55–60 u 64.

Fir-rigward ta' tfal li qed ifittxu ażil, id-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika tenfasizza l-ħtieġa li tiżgura, fejn possibbli, li minuri mhux akkumpanjat jitqiegħed ma' familjari adulti fl-istat ospitant, li hu jew hi jibqgħu ma' kwalunkwe aħwa, u li membri tal-familja neqsin jinsabu b'mod sensittiv u sikur hekk kif ikun prattikabbli (l-Artikolu 31). Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza tagħmel dispożizzjonijiet simili għal tfal mhux akkumpanjati li għadhom ma kisbux l-istatus ta' refuġjati (l-Artikolu 24).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja), ukoll tfittex li tħaffef ir-riunifikazzjoni ta' membri tal-familja (inkluż tfal) li ġew mifrudin minn xulxin wara evakwazzjoni f'daqqa mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom (l-Artikolu 15).[587] Madankollu, sal-lum, din id-Direttiva ma ġietx applikata, minħabba li għadha ma ttieħditx deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati, meħtieġa biex tiġi implimentata.

L-Artikolu 24(3) tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza jeħtieġ ukoll li Stati Membri jibdew jintraċċaw il-membri tal-familja tal-minuri mhux akkumpanjat, fejn neċessarju. Din issir bl-assistenza ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew oħrajn rilevanti malajr kemm jista' jkun wara li ssir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, filwaqt li jiġu protetti l-aħjar interessi tal-minuri. F'każijiet ta' theddida possibbli għall-ħajja jew l-integrità tal-minorenni jew il-qraba stretti tagħhom, b'mod partikolari jekk huma baqgħu fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, trid tingħata attenzjoni biex ikun żgurat li l-ġbir, l-ipproċessar u ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni li tikkonċernahom isiru fuq bażi kunfidenzjali, biex ikun evitat li s-sigurtà tagħhom titqiegħed fil-periklu. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 31(5) tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki (riformulazzjoni), l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali lill-minuri m'għandhiex tinterferixxi mal-bidu jew il-kontinwazzjoni tal-proċess tal-intraċċar.

Ir-Regolament ta' Dublin jipprevedi, addizzjonalment, li jekk minuri mhux akkumpanjat għandu qarib jew qraba joqogħdu fi Stat Membru ieħor li jistgħu

587 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2001), Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn, ĠU 2001 L 212.

jieħdu ħsiebu jew ħsiebha, l-Istati Membri huma obbligati, fejn possibbli, li l-minuri jingħaqad magħhom, sakemm dan ma jkunx kontra l-aħjar interessi tal-minuri (l-Artikolu 8).[588] Addizzjonalment, ir-Regolament jinkludi obbligu li jiġu intraċċati l-qraba fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jiġu protetti l-aħjar interessi tal-minuri (l-Artikolu 6). Barra minn hekk, id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza tinkludi obbligu li wieħed jibda jintraċċa l-membri tal-familja tal-minuri, fejn neċessarju bl-assistenza ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew oħrajn rilevanti (l-Artikolu 24). L-aħħar tip ta' assistenza huwa wkoll previst taħt ir-Regolament ta' Dublin (l-Artikolu 6).

Il-prinċipju tal-aħjar interessi għandu dejjem jiġi applikat meta tiġi kkunsidrata deċiżjoni li tikkonċerna riunifikazzjoni tal-familja. Pereżempju, il-ġenituri għandhom ikunu jistgħu jippruvaw li huma kapaċi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala ġenituri għall-benefiċċju tal-minuri. Il-qrati nazzjonali jsibu li r-ritorn tal-minuri fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu jew tagħha huwa illegali meta l-awtoritajiet ikunu naqsu milli jiġbru evidenza li hemm arranġamenti adegwati għall-akkoljenza u l-ħarsien tal-minuri f'dak il-pajjiż (l-Artikolu 10(2)).

**Skont id-dritt tal-KtE**, l-Artikolu 8 tal-KEDB ma jippermettix lill-migranti li jkunu ġenituri u lit-tfal tagħhom dritt assolut li jagħżlu fejn iridu jgħixu. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu b'mod leġittimu jiddeportaw jew jirrifjutaw id-dħul ta' membri tal-familja sakemm ma jkun hemm ebda ostaklu insuperabbli għall-istabbiliment ta' ħajja tal-familja xi mkien ieħor.[589] Tali deċiżjonijiet għandhom dejjem ikunu rispons proporzjonat għat-tħassib usa' ta' ordni pubbliku, inkluża x-xewqa li tiddeporta jew tipprevjeni d-dħul ta' ġenitur li kien involut f'attività kriminali.

Eżempju: Il-kawża *Jeunesse vs in-Netherlands*[590] tikkonċerna r-rifjut tal-awtoritajiet Daniżi li jħallu mara Surinama miżżewġa lil ċittadin Netherlandiż, li miegħu kellha tlett itfal, toqgħod fin-Netherlands abbażi tal-ħajja tal-familja tagħha fil-pajjiż. Il-QEDB ikkunsidrat li l-awtoritajiet ma

588 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Ir-Regolament (UE) Nru. 604/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, ĠU 2013 L 180.

589 QEDB, *Bajsultanov vs l-Awstrija*, Nru. 54131/10, it-12 ta' Ġunju 2012; QEDB, *Latifa Benamar u Oħrajn vs in-Netherlands*, Nru. 43786/04, il-5 ta' April 2005.

590 QEDB, *Jeunesse vs in-Netherlands*, [GC], Nru. 12738/10, it-3 ta' Ottubru 2014.

tawx biżżejjed attenzjoni lill-impatt tar-rifjut tagħhom fuq it-tfal tar-rikorrenti u l-aħjar interessi tagħhom. Il-QEDB sabet ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB minħabba li ma kienx intlaħaq bilanċ ġust bejn l-interessi personali tar-rikorrenti u l-familja tagħha fiż-żamma tal-ħajja tal-familja tagħhom fin-Netherlands u l-interessi tal-ordni pubbliku tal-gvern fil-kontroll tal-immigrazzjoni.

Eżempju: *Gül vs l-Iżvizzera*[591] tikkonċerna rikorrent li għex l-Iżvizzera ma' martu u bintu, li lkoll kienu ngħataw permessi ta' residenza għal raġunijiet umanitarji. Huwa xtaq ukoll iġib lil binhom minuri fl-Iżvizzera; huma kienu ħallew lil binhom warajhom fit-Turkija. L-awtoritajiet Żvizzeri rrifjutaw li jilqgħu din it-talba tiegħu, prinċipalment minħabba li r-rikorrent ma kellux biżżejjed mezzi biex jipprovdi għall-familja tiegħu. Il-QEDB sostniet li billi telaq mit-Turkija r-rikorrent innifsu kkawża s-separazzjoni minn ma' ibnu. Iż-żjarat reċenti tiegħu it-Turkija wrew li r-raġunijiet inizjali tiegħu għall-applikazzjoni għal ażil politiku fl-Iżvizzera ma kinux għadhom validi. Ma kienx hemm ostakli li jipprevjenu lill-familja milli tistabbilixxi ruħha fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, fejn binhom li kien minuri dejjem għex. Il-Qorti ma sabet l-ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Eżempju: Il-kawża *Tuquabo-Tekle u Oħrajn vs in-Netherlands*[592], b'paragun, kienet tinvolvi t-talba għar-riunifikazzjoni tal-familja ta' omm, żewġha u tlieta mit-tfal tagħha li jgħixu fin-Netherlands, sabiex jingħaqdu flimkien ma' bintha li tirrisjedi fl-Eritrea. L-omm l-ewwel kienet kisbet id-dritt ta' residenza fin-Norveġja u li tieħu magħha lil uliedha għal raġunijiet umanitarji. Kien biss l-akbar tifel tagħha li ġie biex jingħaqad magħha fin-Norveġja, sena wara, filwaqt li ż-żewġt itfal l-oħrajn tagħha baqgħu jgħixu fl-Eritrea, u kellhom jingħaqdu magħha fi stadju aktar tard. Wara, hija marret fin-Netherlands ma' binha biex tgħix ma' żewġha, u l-koppja kellha żewġt itfal. Sussegwentement, is-Sa Tuquabo-Tekle u żewġha kisbu ċ-ċittadinanza Netherlandiża. Bosta snin wara, is-Sa Tuquabo-Tekle applikat għal viża ta' residenza provviżorja għal bintha ta' 14-il sena, li kienet għadha qed toqgħod fl-Eritrea. L-awtoritajiet Netherlandiżi rrifjutaw it-talba abbażi tal-fatt li r-rabtiet familjari mill-qrib bejn l-omm u bintha sadanittant ma baqgħux jeżistu. Il-Qorti ddeċidiet li l-Istat kien kiser id-drittijiet skont l-Artikolu 8 tal-KEDB. Meta jitqies li r-rikorrenti kienu stabbilixxew rabtiet

591 QEDB, *Gül vs l-Iżvizzera*, Nru. 23218/94, id-19 ta' Frar 1996.

592 QEDB, *Tuquabo-Tekle u Oħrajn vs in-Netherlands*, Nru. 60665/00, l-1 ta' Marzu 2006.

b'saħħithom fin-Netherlands u żammew biss rabtiet laxki mal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, l-aħjar mod biex tiġi żviluppata l-ħajja tal-familja, skont il-QEDB, kien li l-bint tingħata d-dritt li toqgħod fin-Netherlands.[593]

Skont il-liġi internazzjonali, minuri għandu d-dritt li ma jinfiridx minn mal-ġenituri tiegħu jew tagħha sakemm din il-firda ma titqiesx li hija fl-aħjar interessi tal-minuri (l-Artikolu 9(1) tas-CRC). L-Artikolu 10 tas-CRC jipprevedi li minuri li l-ġenituri tiegħu joqogħdu f'pajjiżi differenti għandu jkun jista' jiċċaqlaq bejn dawk il-pajjiżi biex jibqa' f'kuntatt magħhom it-tnejn, jew biex jerġgħu jingħaqdu, soġġetti għal-liġi nazzjonali dwar l-immigrazzjoni. Il-prinċipju tal-aħjar interessi, kif stabbilit fl-Artikolu 3 tas-CRC issaħħaħ id-deċiżjonijiet kollha fir-rigward tar-riunifikazzjoni tal-familja ma' minuri jew minuri mhux akkumpanjat.

# 9.4. Detenzjoni

## Punti ewlenin

- Id-dritt Ewropew jawtorizza d-detenzjoni tat-tfal f'kuntest ta' immigrazzjoni biss bħala miżura tal-aħħar għażla u għall-iqsar perjodu ta' żmien possibbli.
- L-awtoritajiet nazzjonali huma obbligati li jqiegħdu lit-tfal f'akkomodazzjoni alternattiva xierqa.[594]

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza u l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar ir-Ritorn jirrikjedi li t-tfal għandhom jinżammu f'detenzjoni biss bħala l-aħħar rimedju u biss jekk ma jistgħux jiġu applikati miżuri inqas ripressivi b'mod effettiv. Dik id-detenzjoni għandha tkun għall-iqsar perjodu possibbli, u għandu jsir kull sforzi sabiex dawk miżmuma f'detenzjoni jinħelsu u jitqiegħdu f'akkomodazzjoni xierqa. Meta t-tfal jinżammu f'detenzjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' ħin liberu, inkluż attivitajiet ta' logħob u rikreazzjoni adattati għall-età tagħhom. Skont l-istess artikolu, it-tfal mhux akkumpanjati jistgħu jinżammu f'detenzjoni biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali, u għandu jsir kull sforz biex jinħelsu

593 QEDB, *Tuquabo-Tekle u Oħrajn vs in-Netherlands*, Nru. 60665/00, l-1 ta' Marzu 2006.

594 Għal aktar informazzjoni, ara l-FRA (2017), *Qafas legali u ta' politika Ewropew dwar id-detenzjoni tat-tfal fl-immigrazzjoni*, Ġunju 2017.

malajr kemm jista' jkun. M'għandhom qatt jinżammu f'akkomodazzjoni ħabs, iżda għandhom jingħataw akkomodazzjoni f'istituzzjonijiet attrezzati b'persunal u faċilitajiet ta' età xierqa. L-akkomodazzjoni tagħhom għandha tkun separata mill-adulti.

Tfal mhux akkumpanjati, miżmuma f'detenzjoni sakemm jitneħħew, għandhom jitqiegħdu f'istituzzjonijiet b'persunal u faċilitajiet li jistgħu jirrispondu għall-ħtiġijiet ta' persuni tal-età tagħhom (l-Artikolu 17(4) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn).

Eżempju: F'*Al Chodor*[595], il-pulizija Ċeka żammet lir-rikorrent u liż-żewġt itfal minuri tiegħu f'detenzjoni sakemm ġew ittrasferiti lejn l-Ungerija skont ir-regoli tar-Regolament ta' Dublin. Il-QĠUE sabet li applikant għal protezzjoni internazzjonali jista' jinżamm f'detenzjoni skont ir-Regolament ta' Dublin biss jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi kriterji oġġettivi biex jiġi ddeterminat jekk hemmx riskju li tali applikant jaħrab. Hija nnotat li kwalunkwe miżura dwar iċ-ċaħda tal-libertà trid tkun aċċessibbli, preċiża u prevedibbli, kif jirrikjedi l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Il-QĠUE kkonkludiet li, fin-nuqqas ta' dawn il-kriterji oġġettivi f'dispożizzjoni vinkolanti ta' applikazzjoni ġenerali skont il-liġi nazzjonali, id-detenzjoni hija illegali.

**Skont id-dritt tal-KtE**, id-detenzjoni ta' tfal migranti kienet indirizzata filkuntest tal-Artikoli 3 u 5 tal-KEDB.[596] Il-QEDB iddeċidiet b'mod konsistenti li t-tqegħid tat-tfal mal-familji tagħhom f'detenzjoni amministrattiva għandu jkun miżura tal-aħħar għażla u li l-awtoritajiet domestiċi għandhom jesploraw l-alternattivi vijabbli l-oħrajn kollha f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-KEDB.[597]

Eżempju: *Mubilanzila Mayeka u Kaniki Mitunga vs il-Belġju*[598] tikkonċerna tifla ta' ħames snin mhux akkumpanjata miżmuma f'ċentru ta' tranżitu

595 QĠUE, C-528/15, *Policie ČR, Krajské ředitelství policie Ústeckého kraje, odbor cizinecké policie vs Salah Al Chodor u Oħrajn*, il-15 ta' Marzu 2017.

596 Ara, pereżempju, il-QEDB, *H.A. u Oħrajn vs il-Greċja*, Nru. 19951/16, it-28 ta' Frar 2019; QEDB, *Bilalova u Oħrajn vs il-Polonja*, Nru. 23685/14, is-26 ta' Marzu 2020.

597 Ara wkoll l-ECSR (2020), Konklużjonijiet Annwali 2019, l-24 ta' Marzu 2020; il-Kunsill tal-Ewropa (2018), *Aspetti legali u prattiċi ta' alternattivi effettivi għad-detenzjoni fil-kuntest tal-migrazzjoni – Analiżi mill-Kumitat ta' Tmexxija għad-Drittijiet tal-Bniedem (CDDH)*, is-7 ta' Diċembru 2017.

598 QEDB, *Mubilanzila Mayeka u Kaniki Mitunga vs il-Belġju*, Nru. 13178/03, it-12 ta' Ottubru 2006.

għall-adulti għal xahrejn mingħajr appoġġ xieraq. It-tifla vvjaġġat mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo mingħajr il-karti tal-ivvjaġġar meħtieġa bix-xewqa li terġa' tingħaqad ma ommha, li kienet kisbet status ta' refuġjata fil-Kanada. It-tifla sussegwentement intbagħtet lura r-Repubblika Demokratika tal-Kongo, minkejja l-fatt li ma kellhiex membri tal-familja jistennewha hemm biex jieħdu ħsiebha. Il-QEDB iddeċidiet li fin-nuqqas ta' kwalunkwe riskju tat-tifla li tfittex li taħrab is-superviżjoni tal-awtoritajiet Belġjani, ma kienx hemm bżonn li tinżamm f'ċentru magħluq għall-adulti. Il-QEDB innutat ukoll li setgħu ttieħdu miżuri oħrajn — bħat-tqegħid tagħha f'ċentru speċjalizzat jew ma' foster parents — li kienu jwasslu aktar għall-aħjar interessi tal-minuri kif stabbilit fl-Artikolu 3 tas-CRC. Il-QEDB sabet ksur tal-Artikoli 3, 5 u 8 tal-KEDB.

Il-legalità tad-detenzjoni ġiet ittestjata wkoll fil-qorti, fejn il-wild minuri inkwistjoni kien akkumpanjat minn ġenitur.

Eżempju: F'*S.F. u Oħrajn vs il-Bulgarija*[599], il-QEDB ikkunsidrat id-detenzjoni ta' familja bi tlett itfal f'faċilità ta' detenzjoni tal-pulizija tal-fruntiera u t-tul tas-soġġorn tagħhom. Il-Qorti nnotat li d-detenzjoni tat-tfal fl-immigrazzjoni, kemm jekk akkumpanjati kif ukoll jekk le, tqajjem tħassib partikolari, minħabba li t-tfal huma estremament vulnerabbli u għandhom ħtiġijiet speċifiċi. Irrispettivament miż-żmien imqatta' f'detenzjoni, il-kundizzjonijiet fil-faċilità ta' detenzjoni tal-pulizija ma kinux adattati għat-tfal. B'hekk, il-QEDB sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB.

Eżempju: Il-kawża *A.M. u Oħrajn vs Franza*[600] kienet tikkonċerna d-detenzjoni amministrattiva ta' tfal akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom fil-kuntest ta' proċedura ta' deportazzjoni. Il-QEDB sabet li, għalkemm il-kundizzjonijiet materjali fiċ-ċentri ta' detenzjoni ta' qabel it-tneħħija kienu ġeneralment xierqa, il-kundizzjonijiet f'dawn iċ-ċentri kienu sors ta' ansjetà għat-tfal żgħar, b'mod partikolari l-istorbju u l-avviżi fuq il-loudspeaker li kienu esposti għalihom. It-tqegħid tat-tfal f'ċentri ta' detenzjoni kien jammonta għal trattament inuman u degradanti bi ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB minħabba l-konverġenza ta' tliet fatturi: l-etajiet żgħar tat-tfal, it-tul

599 QEDB, *S.F. u Oħrajn vs il-Bulgarija*, Nru. 8138/16, is-7 ta' Diċembru 2017.

600 QEDB, *A.M. u Oħrajn vs Franza*, Nru. 24587/12, it-12 ta' Lulju 2016.

tad-detenzjoni amministrattiva tagħhom u l-fatt li l-bini kkonċernat ma kienx adattat għat-tfal.[601]

Eżempju: F'*Bistieva u Oħrajn vs il-Polonja*[602], ir-rikorrent flimkien ma' żewġha u t-tfal tagħhom waslu fil-Polonja u applikaw għall-ażil. L-applikazzjoni għall-ażil ġiet miċħuda, u l-familja ħarbet lejn il-Ġermanja. Il-familja mbagħad intbagħtet lura lejn il-Polonja, fejn kienu detenuti għal aktar minn ħames xhur. Madankollu, għalkemm kien hemm riskju li l-familja tista' taħrab, il-Qorti sostniet li l-awtoritajiet kienu naqsu milli jipprovdu raġunijiet suffiċjenti u rilevanti għad-detenzjoni tal-familja għal tali perjodu twil ta' żmien. Għaldaqstant kien hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Eżempju: F'*R.R. u Oħrajn vs l-Ungerija*[603], familja bi tlett itfal inżammet għal kważi erba' xhur f'żona ta' tranżitu fil-fruntiera sakemm tistenna l-eżitu tat-talbiet għall-ażil. Il-Qorti sabet li dan kien jammonta għal ċaħda *de facto* tal-libertà, fid-dawl ta', fost l-oħrajn, in-natura u l-grad tar-restrizzjonijiet effettivament imposti fuqhom. Billi d-detenzjoni tagħhom kienet nieqsa minn bażi statutorja definita b'mod strett, hija kienet tammonta għal ksur tal-Artikolu 5(1) tal-KEDB. Il-Qorti indirizzat ukoll il-kundizzjonijiet li fihom kienu nżammu t-tfal. Għalkemm id-dritt tal-UE obbliga lill-awtoritajiet iqisu kwalunkwe ħtieġa ta' akkoljenza speċjali marbuta mal-istatus vulnerabbli tar-rikorrenti, il-faċilitajiet ma kinux adattati għat-tfal u kien hemm nuqqas ta' servizzi mediċi. Il-preżenza ta' elementi li jixbhu ambjent ta' ħabs u r-restrizzjoni inerenti matul il-konfinament iridu jkunu kkawżaw ukoll ansjetà u disturb psikoloġiku lit-tfal u ddegradaw l-immaġini tal-ġenituri f'għajnejn it-tfal. Fid-dawl tad-durata twila tas-soġġorn tal-familja, ir-repetizzjoni u l-akkumulazzjoni tal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq bilfors ikollhom konsegwenzi dannużi għal dawk esposti għalihom. It-tfal u l-omm rikorrenti kienu għaldaqstant soġġetti għal trattament degradanti, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB.

Il-legalità tad-detenzjoni meta l-wild minuri inkwistjoni kien akkumpanjat minn adult mhux relatat ġiet ittestjata wkoll fil-qorti.

601 Ara wkoll kawżi simili: QEDB, *A.B. u Oħrajn vs Franza*, Nru. 11593/12, it-12 ta' Lulju 2016; QEDB, *R.K. u Oħrajn vs Franza*, Nru. 68264/14, it-12 ta' Lulju 2016; QEDB, *R.C. u Oħrajn vs Franza*, Nru. 76491/14, it-12 ta' Lulju 2016.

602 QEDB, *Bistieva u Oħrajn vs il-Polonja*, Nru. 75157/14, l-10 ta' April 2018.

603 QEDB, *R.R. u Oħrajn vs l-Ungerija*, Nru. 36037/17, it-2 ta' Marzu 2021.

Eżempju: F'*Moustahi vs Franza*[604], l-awtoritajiet Franċiżi interċettaw żewġt itfal li kienu qed jivvjaġġaw lejn Mayotte f'dgħajsa improvizzata. Huma ġew detenuti, flimkien mal-adulti, qabel it-tneħħija immedjata tagħhom. Matul dan iż-żmien, it-tfal kienu assoċjati ma' adult mhux relatat u ġew inklużi fl-ordni ta' tneħħija tiegħu. Il-Qorti sabet li t-tfal rikorrenti kienu ġew assoċjati b'mod arbitrarju ma' adult, mhux sabiex jiġu protetti l-aħjar interessi tagħhom, iżda sabiex tiġi ffaċilitata d-deportazzjoni malajr tagħhom. Dan kien fattur rilevanti sabiex jiġi ddeterminat, *inter alia*, li l-kundizzjonijiet u d-detenzjoni tat-tfal kienu ammontaw għal ksur tal-Artikolu 3 u tal-Artikolu 5(1) u (4) tal-KEDB.

Skont id-dritt internazzjonali, l-Artikolu 37 tas-CRC jiddikjara li l-ebda wild minuri ma għandu jiġi mċaħħad mil-libertà illegalment jew b'mod arbitrarju, u li din għandha tkun miżura tal-aħħar għażla u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq. Meta tiġi kkunsidrata d-detenzjoni tat-tfal, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-aħjar interessi tat-tfal u l-obbligu tal-Istati Membri li jipproteġu lit-tfal u li jiżguraw il-benesseri tagħhom.[605] Il-Kumitat tas-CRC issuġġerixxa li kwalunkwe forma ta' detenzjoni għall-immigrazzjoni tat-tfal għandha tkun ipprojbita mil-liġi.[606]

604 QEDB, *Moustahi vs Franza*, Nru. 9347/14, il-25 ta' Lulju 2020.

605 Ara n-Nazzjonijiet Uniti (2019), *Children Deprived of Liberty – The United Nations Global Study* (Tfal Imċaħħda mil-Libertà – Studju Globali tan-Nazzjonijiet Uniti), 2019.

606 In-Nazzjonijiet Uniti (2017), *Kumment Ġenerali Konġunt Nru. 4 (2017) tal-Kumitat dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji Tagħhom u Nru. 23 (2017) tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar l-obbligi tal-Istat rigward id-drittijiet tal-bniedem tat-tfal fil-kuntest tal-migrazzjoni internazzjonali fil-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu, ta' destinazzjoni u ta' ritorn*, CMW/C/GC/4-CRC/C/GC/23, is-16 ta' Novembru 2017.

## 9.5. Tkeċċija

**Punti ewlenin**

- Il-vulnerabbiltà ta' tfal migranti għal tkeċċija hija intrinsikament marbuta mal-istat ta' residenza tal-ġenituri tagħhom fl-istat ospitant.
- Il-prinċipju tal-aħjar interess għandu jiggwida d-deċiżjonijiet kollha marbuta mat-tkeċċija ta' tfal migranti u l-familja/tuturi primarji tagħhom.
- Skont id-dritt tal-UE, hemm ċirkostanzi fejn tfal migranti jistgħu jibqgħu fl-istat ospitanti minkejja l-istat legali tal-ġenituri tagħhom, partikolarment fid-dawl tat-tlestija tal-edukazzjoni tagħhom jew meta l-istabbiliment tal-ħajja tal-familja xi mkien ieħor jista' jkun diffiċli.[607]

**Skont id-dritt tal-UE**, bħal oqsma oħra tal-liġi tal-migrazzjoni tal-UE, ir-regoli li jirregolaw t-tkeċċija tat-tfal ivarjaw skont in-nazzjonalità tagħhom, in-nazzjonalità tal-ġenituri tagħhom u l-kuntest tal-migrazzjoni tagħhom. Ladarba minuri jikseb aċċess għal Stat Membru taħt il-liġi tal-moviment liberu tal-UE, hu/hija x'aktarx ikunu jistgħu jibqgħu hemm, anka jekk il-ġenitur tal-migrant tal-EU li hu/hija oriġinarjament iċċaqlaq miegħu m'a jkunx għadu jikkwalifika għal residenza kontinwa jew ikun iddeċieda li jitlaq.

Speċifikament, skont id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu, tfal u membri tal-familja oħra jistgħu jibqgħu fl-istat ospitanti wara l-mewt tal-ġenitur li jkun ċittadin tal-UE li inizjalment ikunu ċċaqalqu miegħu (l-Artikolu 12(2)), sakemm ikunu għexu fl-istat ospitanti għal mill-inqas 12-il xahar qabel il-mewt tal-ġenitur tagħhom. B'mod simili, fil-prinċipju jistgħu jibqgħu fl-istat ospitanti wara t-tluq tal-ġenitur tagħhom. Madankollu, fiż-żewġ każijiet, jekk il-minuri/membru tal-familja jkun ċittadin ta' pajjiż terz, ir-residenza kontinwa tagħhom hija marbuta mal-kundizzjoni li jkunu kapaċi juru li għandhom flus biżżejjed biex imantnu lilhom infushom. Irid ikollhom ukoll assigurazzjoni kontra l-mard (l-Artikolu 7).

607 Għall-fini ta' dan il-kapitolu, it-terminu "tkeċċija" ser jintuża biex jiddefinixxi t-tneħħija legali ta' persuna mhux ċittadina jew persuna oħra minn stat. Imsejħa wkoll "ritorn", "tneħħija", "ripatrijazzjoni", "estradizzjoni", jew "deportazzjoni", skont il-kuntest legali. Ara wkoll l-FRA u l-QEDB (2020), *Manwal dwar id-dritt Ewropew relatat mal-ażil, il-fruntieri u l-immigrazzjoni – Edizzjoni 2020*, is-17 ta' Diċembru 2020, it-Taqsima 6.4.

Ir-regoli huma saħansitra aktar permissivi għal tfal irreġistrati f'faċilitajiet edukattivi fl-istat ospitanti. F'tali każijiet, huma u l-ġenitur ta' kustodja tagħhom jew min ikun jieħu ħsiebhom huma intitolati li jibqgħu fl-istat ospitanti wara l-mewt jew it-tluq tal-migrant ewlieni li jkun ċittadin tal-UE, irrispettivament min-nazzjonalità tal-minuri (l-Artikolu 12(3)). Filwaqt li oriġinarjament kien maħsub li din il-konċessjoni relatata mal-edukazzjoni tapplika biss għal tfal f'familji bi flus suffiċjenti biex imantnu lilhom infushom,[608] il-każistika sussegwenti kkonfermat li testendi għal tfal f'edukazzjoni li jistgħu jkunu dipendenti fuq appoġġ tas-sigurtà soċjali.[609]

Barra minn hekk, il-membri tal-familja u b'mod partikolari l-ġenituri ċittadini ta' pajjiżi terzi wkoll igawdu dritt li jibqgħu fl-UE, jekk ikollhom il-kustodja primarja tat-tfal tal-koppja jew ikunu ġew mogħtija drittijiet ta' aċċess għat-tfal li għandhom jiġu eżerċitati fl-istat ospitanti (l-Artikoli 13(2)(b) u 13(2)(d)). Il-membri tal-familja li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi se jżommu d-dritt ta' residenza fil-każ tal-mewt taċ-ċittadin tal-UE, jekk ikunu ilhom jirrisjedu fl-Istat Membru ospitanti, bħala membri tal-familja, għal mill-inqas sena qabel il-mewt (l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva). Inkella, jekk iċ-ċittadin tal-UE mill-Istat Membru ospitanti jitlaq mill-UE, il-membri tal-familja ta' pajjiżi terzi ma jżommux id-dritt ta' residenza tagħhom, jew għall-inqas id-Direttiva ma tipprevedi l-ebda regola preċiża għal sitwazzjoni bħal din. L-Artikolu 13 tad-Direttiva jippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, li l-membri tal-familja jżommu d-dritt li jibqgħu fil-każ ta' terminazzjoni ta' rabtiet familjari (divorzju, annullament taż-żwieġ jew terminazzjoni ta' sħubija rreġistrata).[610]

Il-QĠUE rreferiet għall-istatus ta' wild minuri bħala ċittadin tal-UE skont l-Artikolu 20 tat-TFUE. Il-Qorti sabet li l-għoti ta' permess lill-ġenituri tal-wild minuri li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu u jgħixu fl-Istat Membru tal-UE taċ-ċittadinanza tal-wild minuri jagħti ċ-ċans lill-wild minuri jgawdi b'mod effettiv id-drittijiet marbuta mal-istatus tiegħu bħala ċittadin tal-UE,

---

608 QĠUE, C-413/99, *Baumbast u R vs Secretary of State for the Home Department*, is-17 ta' Settembru 2002.

609 QĠUE, C-480/08, *Maria Teixeira vs London Borough of Lambeth u Secretary of State for the Home Department*, it-23 ta' Frar 2010; QĠUE, C-310/08, *London Borough of Harrow vs Nimco Hassan Ibrahim u Secretary of State for the Home Department* [GC], it-23 ta' Frar 2010. L-edukazzjoni tat-tfal migranti hija kkunsidrata f'aktar dettall fit-Taqsima 8.2.

610 Għal aktar dettalji, ara l-FRA (2018), *Making EU citizens' rights a reality: National courts enforcing freedom of movement and related rights* (Nagħmlu d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE realtà: Il-qrati nazzjonali jinfurzaw il-libertà ta' moviment u drittijiet relatati), l-20 ta' Awwissu 2018.

sa fejn il-wild minuri inkella jkollu jitlaq mill-UE biex jakkumpanja lill-ġenituri tiegħu.[611] Ġurisprudenza tal-QĠUE sussegwenti tindika, madankollu, li "is-sempliċi fatt li jista' jidher mixtieq għal ċittadin ta' Stat Membru, għal raġunijiet ekonomiċi jew sabiex iżomm il-familja tiegħu flimkien fit-territorju tal-Unjoni, għall-membri tal-familja tiegħu li m'għandhomx in-nazzjonalità ta' Stat Membru biex ikunu jistgħu joqogħdu miegħu fit-territorju tal-Unjoni, mhuwiex biżżejjed fih innifsu biex jappoġġa l-fehma li l-ċittadin tal-Unjoni se jkun imġiegħel jitlaq mit-territorju tal-Unjoni jekk tali dritt ma jingħatax".[612] Il-QĠUE ddeċidiet li l-aħjar interessi tal-wild minuri għandhom jiġu vvalutati f'kull każ, anki jekk id-deċiżjoni ta' ritorn tkun tikkonċerna biss lill-ġenitur.[613]

Eżempju: F'*M.A. vs il-Belġju*[614], il-QĠUE kkunsidrat il-każ ta' ċittadin ta' pajjiż terz b'tifla mwielda fil-Belġju. Il-ġenitur kien soġġett għal ordni biex jitlaq mill-Belġju u għal projbizzjoni fuq id-dħul minħabba t-twettiq ta' reati. Il-QĠUE sostniet li l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar ir-Ritorn (2008/115/KE), moqri flimkien mal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, irid jiġi interpretat bħala li jfisser li l-Istati Membri huma meħtieġa jqisu kif xieraq l-aħjar interessi tat-tfal qabel ma jadottaw deċiżjoni ta' ritorn akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, anki meta l-persuna li lilha tiġi indirizzata dik id-deċiżjoni ma tkunx minorenni iżda missier il-wild minuri.

Id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu espliċitament tipprovdi li kwalunkwe tkeċċija eċċezzjonali ta' tfal għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tas-CRC (il-Premessa 24). Barra dan, l-Artikolu 28(3)(b) jirrikonoxxi l-immunità tat-tfal minn tkeċċija ħlief jekk titqies li hija fl-aħjar interessi tagħhom u skont is-CRC.

Id-Direttiva dwar ir-Ritorn tispeċifika li l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinformaw id-deċiżjonijiet relatati mar-ritorn ta' tfal mhux akkumpanjati (l-Artikolu 10). Barra dan, qabel ineħħu minuri mhux akkumpanjat minn Stat Membru,

611 QĠUE, C-34-09, *Gerardo Ruiz Zambrano vs Office National de l'Emploi (ONEm)*, it-8 ta' Marzu 2011.

612 QĠUE, C-256/11, *Murat Dereci et vs Bundesministerium für Inneres* [GC], il-15 ta' Novembru 2011, il-punt 68. Ara wkoll QĠUE, C-4011, *Yoshikazu Iida vs Stadt Ulm*, it-8 ta' Novembru 2012. Ara wkoll il-FRA u l-QEDB (2020), *Manwal dwar id-dritt Ewropew relatat mal-ażil, il-fruntieri u l-immigrazzjoni*, is-17 ta' Diċembru 2020.

613 QĠUE, C-112/20, *M.A. vs État belge*, il-11 ta' Marzu 2021.

614 *Ibid.*

l-awtoritajiet ta' dak l-istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li l-minuri ser jittieħed lura lil membru tal-familja tiegħu/tagħha, tutur nominat jew faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati fil-pajjiż tar-ritorn (l-Artikolu 10(2)). Meta l-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva dwar ir-Ritorn, huma "għandhom jieħdu kont dovut ta': (a) l-aħjar interessi tat-tfal; (b) il-ħajja familjari; (c) l-istat tas-saħħa taċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat, u jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement".[615] Il-QĠUE ddeċidiet dwar il-ħtieġa li tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-pajjiż tar-ritorn qabel ma tittieħed deċiżjoni ta' ritorn dwar wild minuri mhux akkumpanjat. Jekk jinstabu faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati u d-deċiżjoni ta' ritorn tkun xierqa, il-QĠUE ssottolinjat l-importanza li tiġi implimentata d-deċiżjoni ta' ritorn sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' inċertezzi legali.

Eżempju: F'*T.Q. vs Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid*[616], il-QĠUE kkunsidrat il-każ ta' tifel mhux akkumpanjat mill-Guinea li daħal fin-Netherlands meta kellu 15-il sena u erba' xhur u kien obbligat jitlaq mill-pajjiż, minħabba li ma ngħatax permess ta' residenza. Il-QĠUE sostniet li l-Istati Membri jridu jwettqu valutazzjoni tal-aħjar interessi tal-wild minuri qabel ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn, irrispettivament mill-età tal-wild minuri mhux akkumpanjat. F'dan il-kuntest, l-Istat Membru jrid jiżgura li jkunu disponibbli faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati għall-minorenni mhux akkumpanjat fl-Istat tar-ritorn. Il-QĠUE sostniet ukoll li, meta Stat Membru jkun sodisfatt b'faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati u jkun adotta deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward ta' wild minuri mhux akkumpanjat, dak l-Istat Membru jkun prekluż mill-Artikolu 8(1) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn milli sussegwentement joqgħod lura milli jneħħi lil dak il-wild minuri sakemm jilħaq l-età ta' 18-il sena. Il-QĠUE ċċarat li, f'każ bħal dan, il-wild minuri jrid jitneħħa, sakemm ma jkunx hemm bidliet fis-sitwazzjoni tiegħu.

F'ċirkostanzi fejn tfal li qed ifittxu ażil jintbagħtu lura fi Stat Membru ieħor sabiex tiġi evalwata t-talba tagħhom għal ażil, ir-Regolament ta' Dublin jistipula li l-prinċipju tal-aħjar interess għandu jiggwida l-applikazzjoni tat-tali

615 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2008), Id-Direttiva 2008/115/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU 2008 L 348, l-Art. 5.

616 QĠUE, C-441/19, *TQ vs Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid*, l-14 ta' Jannar 2021.

deċiżjonijiet (l-Artikolu 6).[617] Barra minn hekk, ir-regolament jipprovdi lista ta' fatturi biex jassistu lill-awtoritajiet meta jiddeterminaw x'inhuma l-aħjar interessi tal-minuri. Din tinkludi attenzjoni xierqa għall-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja tal-minuri, il-benesseri u l-iżvilupp tal-minuri, kunsiderazzjonijiet ta' saħħa u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minuri jkun vittma ta' traffikar tal-bnedmin; u l-opinjonijiet tal-minuri, skont l-età u l-maturità tiegħu jew tagħha.

Eżempju: F'*The Queen, fuq talba ta' MA et vs Secretary of State for the Home Department*[618], il-QĠUE kellha tiddetermina liema stat kien responsabbli fil-każ ta' minuri mhux akkumpanjat li kien issottometta applikazzjoni għall-ażil fi Stati Membri differenti tal-UE u li ma kellu l-ebda familja jew qraba fi Stati Membri oħra tal-UE. Il-QĠUE kkjarifikat li fin-nuqqas ta' membru tal-familja legalment preżenti fi Stat Membru, l-istat li fih il-minuri huwa fiżikament preżenti huwa responsabbli biex jeżamina dik it-talba. F'dan ir-rigward, hija bbażat fuq l-Artikolu 24(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, fejn fl-azzjonijiet kollha fir-rigward tat-tfal, l-aħjar interessi tal-minuri għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja.[619]

**Skont id-dritt tal-KtE**, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, l-istati jistgħu jinterferixxu mad-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja b'mod konformi mal-Artikolu 8(2) tal-KEDB.

Eżempju: F'*Üner vs in-Netherlands*[620] ġie kkonfermat li għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-impatt li t-tkeċċija jista' jkollha fuq kwalunkwe tfal fil-familja meta jiġi ddeterminat jekk kienx hemm rispons proporzjonat. Dan involva l-konsiderazzjoni ta': "l-aħjar interessi u l-benesseri tat-tfal, b'mod partikolari s-serjetà tad-diffikultajiet li kwalunkwe tfal [...] x'aktarx

617 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Ir-Regolament (UE) Nru. 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ippreżentata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, ĠU 2013 L 180.

618 QĠUE, C-648/11, *The Queen, fuq talba ta' MA et vs Secretary of State for the Home Department*, is-6 ta' Ġunju 2013.

619 Ara wkoll il-QĠUE, C-441/19, *TQ vs Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid*, l-14 ta' Jannar 2021.

620 QEDB, *Üner vs in-Netherlands*, Nru. 46410/99, it-18 ta' Ottubru 2006, il-punti 57–58. Ara wkoll il-QEDB, *Boultif vs l-Iżvizzera*, Nru. 54273/00, it-2 ta' Awwissu 2001.

jiltaqgħu magħhom fil-pajjiż lil fejn ir-rikorrent se jitkeċċa; u s-solidità ta' rabtiet soċjali, kulturali, u familjari mal-pajjiż ospitanti u mal-pajjiż ta' destinazzjoni".[621]

Eżempju: Il-kawża *Tarakhel vs l-Iżvizzera*[622] tikkonċerna r-rifjut tal-awtoritajiet Żvizzeri li jeżaminaw l-applikazzjoni għall-ażil ta' koppja Afgana u s-sitt uliedhom, u d-deċiżjoni tagħhom li jibagħtuhom lura l-Italja. Il-QEDB sabet li, fid-dawl tas-sitwazzjoni kurrenti fir-rigward tas-sistema tal-akkoljenza fl-Italja, u n-nuqqas ta' informazzjoni dettaljata u affidabbli li tikkonċerna l-faċilità speċifika tad-destinazzjoni, l-awtoritajiet Żvizzeri ma kellhomx biżżejjed assigurazzjonijiet li, jekk jintbagħtu lura l-Italja, kien ser jittieħed ħsieb tar-rikorrenti b'mod adattat għall-età tat-tfal. Il-QEDB b'hekk sabet li jkun hemm ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB li kieku l-awtoritajiet Żvizzeri kellhom jibagħtu r-rikorrenti lura l-Italja skont ir-Regolament ta' Dublin II mingħajr ma l-ewwel jiksbu assigurazzjonijiet individwali mill-awtoritajiet Taljani li ser jittieħed ħsieb mir-rikorrenti b'mod adattat għall-età tat-tfal u li l-familja tinżamm flimkien.

Skont il-liġi internazzjonali, l-istat għandu fuq talba jipprovdi lill-ġenitur(i) jew lill-minuri b'informazzjoni essenzjali li tikkonċerna fejn jinsabu membru/i tal-familja neqsin f'każijiet ta' detenzjoni, priġunerija, eżilju, deportazzjoni jew mewt, sakemm ma jkunx ta' detriment għall-benesseri tal-minuri (l-Artikolu 9(4) tas-CRC).

621 Ara wkoll il-QEDB, *Assem Hassan Ali vs id-Danimarka*, Nru. 25593/14, it-23 ta' Ottubru 2018.

622 QEDB, *Tarakhel vs l-Iżvizzera* [GC], Nru. 29217/12, l-4 ta' Novembru 2014.

# 9.6. Aċċess għall-ġustizzja

**Punt ewlieni**

- It-tfal migranti għandhom id-dritt għal rimedju effettiv u għal assistenza legali f'ċerti proċedimenti[623].

**Skont id-dritt tal-UE**, id-drittijiet tat-tfal li jkollhom aċċess għall-ġustizzja f'kuntest ta' immigrazzjoni huma mniżżla f'varjetà ta' strument differenti. L-ewwel, id-dritt għal rimedju legali effettiv u għal proċess ġust imniżżel fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Dan tinkludi dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali, inkluż li jkollok il-possibbiltà għal parir, difiża u rappreżentanza legali xierqa taħt l-Artikolu 48. Għal tfal migranti, din hija rinfurzata minn firxa ta' dispożizzjonijet sekondarji leġiżlattivi. B'mod partikolari, ir-Regolament ta' Dublin jobbliga lill-Istati Membri li jiżguraw li minuri mhux akkumpanjat ikun rappreżentat minn professjonist kwalifikat xieraq li jkollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha fil-fajl tal-minuri (l-Artikolu 6). Dispożizzjonijiet paralleli, inklużi dwar assistenza legali, jinsabu fid-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika (l-Artikolu 31) u fid-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil (l-Artikolu 25). Id-dritt tat-tfal għal rappreżentanza legali huwa appoġġat ukoll mid-dritt tagħhom li jkollhom aċċess għas-servizzi tal-vittmi u għas-servizzi ta' appoġġ kunfidenzjali speċjali skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi.[624]

Madankollu, drittijiet assoċjati mal-aċċess għall-ġustizzja mhumiex mingħajr il-limitazzjonijiet tagħhom u jistgħu jkunu soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet tal-età. Pereżempju, id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil tippermetti lill-Istati Membri li "ma jaħtrux rappreżentant [legali] meta l-minorenni mhux akkumpanjat probabbilment jilħaq l-età ta' 18-il sena qabel ma tittieħed deċiżjoni fl-istadju ta' prima istanza" (l-Artikolu 25(2)).

623 Ara wkoll l-FRA u l-QEDB (2020), *Manwal dwar id-dritt Ewropew relatat mal-ażil, il-fruntieri u l-immigrazzjoni*, is-17 ta' Diċembru 2020, it-Taqsima 5.5 dwar l-assistenza legali fil-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn.

624 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2012), Id-Direttiva 2012/29/UE tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, ĠU 2012 L 315/55.

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB eskludiet l-applikabbiltà tal-Artikolu 6 (dritt għal proċess ġust) f'każijiet li jikkonċernaw deċiżjonijiet fuq dħul, residenza u deportazzjoni ta' barranin.[625] Madankollu, l-Artikolu 13 tal-KEDB (id-dritt għal rimedju effettiv) jista' jiġi invokat f'ċerti ċirkostanzi.

> Eżempju: *Rahimi vs il-Greċja*[626] tikkonċerna l-kundizzjonijiet li fihom minuri migranti mill-Afganistan, li daħal il-Greċja irregolarment, kien miżmum f''ċentru ta' detenzjoni u sussegwentement rilaxxat bil-ħsieb li jitkeċċa. Waqt li sabet ksur tal-Artikolu 13 tal-KEDB, il-QEDB innutat li l-fuljett ta' informazzjoni pprovdut lir-rikorrent ma indikax il-proċedura li għandha tiġi segwita biex isir ilment lill-kap tal-pulizija. Barra dan, ir-rikorrent ma kienx infurmat f'lingwa li jifhem fuq ir-rimedji disponibbli li seta' juża biex jilmenta dwar il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tiegħu. Hekk kif ibbażat fuq ir-rapporti tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u Trattament u Kastigi Inumani jew Degradanti, il-QEDB innutat in-nuqqas fil-Greċja ta' awtorità indipendenti għall-ispezzjoni tal-faċilitajiet tad-detenzjoni tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. Innutat ukoll li ma kien hemm ebda awtorità imparzjali biex tagħmel ir-rimedju effettiv. Għaldaqstant, sabet ksur tal-Artikolu 3, l-Artikolu 5 (il-paragrafi 1 u 4) u l-Artikolu 13 tal-KEDB.[627]

Fl-Artikolu 16 tagħha, l-ESC tirrikjedi li l-Istati jiżguraw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-iżvilupp sħiħ tal-familja billi jippromwovu l-protezzjoni ekonomika, legali u soċjali tal-ħajja tal-familja. Barra dan, l-Artikolu 19 (1) jeħtieġ li l-istati jżommu "servizzi adegwati u bla ħlas" u li jiżguraw li ħaddiema migranti u l-familji tagħhom jirċievu informazzjoni preċiża fir-rigward tal-emigrazzjoni u l-immigrazzjoni. Rekwiżit ta' "informazzjoni" simili (ċentrali għall-aċċess tal-migranti għall-ġustizzja) jinsab fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti, imma l-aktar dispożizzjonijiet estensivi li jirregolaw "id-dritt tal-aċċess għall-qrati u awtoritajiet amministrattivi" (l-Artikolu 26) huma indirizzati esklussivament lill-ħaddiema migranti iktar milli lill-membri tal-familja tagħhom.[628]

625 QEDB, *Maaouia vs Franza* [GC], Nru. 39652/98, il-5 ta' Ottubru 2000.

626 QEDB, *Rahimi vs il-Greċja*, Nru. 8687/08, il-5 ta' April 2011.

627 Ara wkoll il-QEDB, *Abdullahi Elmi u Aweys Abubakar vs Malta*, Nri. 25794/13 u 28151/13, it-22 ta' Novembru 2016; ara wkoll il-QEDB, *Moustahi vs Franza*, Nru. 9347/14, il-25 ta' Ġunju 2020, il-punti 65–67.

628 Il-Kunsill tal-Ewropa (1997), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti, CETS Nru. 93, l-24 ta' Novembru 1977.

Minbarra dan, il-*Linji gwida dwar il-ġustizzja adattata għat-tfal* komprensivi tal-KtE stabilixxew kif il-proċedimenti kollha tal-ġustizzja u dawk amministrattivi, inklużi proċedimenti ta' immigrazzjoni, għandhom ikunu adattati biex jilħqu l-ħtiġijiet tat-tfal.[629] Barra minn hekk, fl-2018, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri dwar it-tutela effettiva għat-tfal mifrudin u mhux akkumpanjati fil-kuntest tal-migrazzjoni rrikonoxxiet li tutur maħtur mill-Istat għandu rwol importanti biex jissalvagwardja d-drittijiet u l-aħjar interessi ta' tfal mifrudin u mhux akkumpanjati billi jinformahom, jassistihom, jappoġġahom u, fejn previst mil-liġi, jirrappreżentahom fil-proċessi li jaffettwawhom.[630]

Skont il-liġi internazzjonali, l-Artikolu 37 tas-CRC huwa partikolarment rilevanti għal tfal migranti mċaħħda mil-libertà tagħhom, għaliex jiżgura lil dawn it-tfal id-dritt ta' aċċess immedjat għal assistenza legali u oħrajn xierqa, kif ukoll id-dritt li jikkontestaw il-legalità tad-deprivazzjoni tal-libertà tagħhom quddiem il-qorti jew awtorità kompetenti, indipendenti u imparzjali oħra, li d-deċiżjoni tagħhom għandha barra minn hekk tingħata fil-pront.

629 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2010), *Linji gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal*, is-17 ta' Novembru 2010.

630 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2020), Ir-Rakkomandazzjoni Rec(2019)11 dwar it-tutela effettiva għat-tfal mifrudin u mhux akkumpanjati fil-kuntest tal-migrazzjoni, il-11 ta' Diċembru 2019.

# 10

# Il-protezzjoni tad-data personali u tal-konsumaturi



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
| --- | --- | --- |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikoli 7 (rispett tal-ħajja privata u tal-familja), 8 (protezzjoni tad-data personali) u 52 (ambitu u interpretazzjoni tad-drittijiet u prinċipji)<br>TFUE, l-Artikolu 16<br>Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (2016/679/UE) | **It-tfal u l-protezzjoni tad-data** | KEDB, l-Artikolu 8 (dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja)<br>Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali, (il-Konvenzjoni 108+)<br>QEDB, *Avilkina u Oħrajn vs ir-Russja*, Nru. 1585/09, 2013 (żvelar ta' rekords mediċi)<br>QEDB, *S. u Marper vs ir-Renju Unit [GC]*, Nri. 30562/04 u 30566/04, 2008 |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 38<br>TFUE, l-Artikolu 169<br>Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (2011/83/UE)<br>L-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà (2019/882)<br>Id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali fin-Negozju mal-Konsumatur (2005/29/KE)<br>Id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti (2001/95/KE)<br>Ir-Regolament dwar il-Provi Kliniċi (536/2014/UE) | **Il-protezzjoni tat-tfal bħala konsumaturi** | Il-Konvenzjoni dwar l-Elaborazzjoni ta' Farmakopea Ewropea<br>Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina, l-Artikolu 17, u l-Protokoll Addizzjonali dwar ir-Riċerka Bijomedika, il-Kapitolu V<br>Il-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Televiżjoni bejn il-Fruntieri |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
| --- | --- | --- |
| Ir-Regolament dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż (609/2013/UE)<br>Id-Direttiva dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli (2009/48/KE)<br>Id-Direttva dwar prodotti li, minħabba li jidhru li jkunu xi ħaġa oħra milli fil-fatt ikunu, jipperikolaw is-saħħa jew sigurtà tal-konsumaturi (87/357/KEE)<br>Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (riformulazzjoni) (2018/1808)<br>QĠUE, C-244/06, *Dynamic Medien Vertriebs GmbH vs Avides Media AG*, 2008 (bejgħ fuq l-internet ta' DVDs)<br>QĠUE, C-36/02, *Omega Spielhallen- und Automatenaufstellungs-GmbH vs Oberbürgermeisterin der Bundesstadt Bonn*, 2004 (liċenzja biex tilgħab logħba) | | |

Dan il-kapitolu jindirizza l-leġiżlazzjoni u l-każistika Ewropej fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur u tad-data. Hemm abbundanza ta' leġiżlazzjoni u każistika fuq livell tal-UE, hekk kif it-TFUE espressament tistabbilixxi l-kompetenzi tal-UE f'dawn il-materji. Il-kontribuzzjoni tal-KtE f'dan il-qasam hija aktar limitata. Fil-livell tat-trattati, hemm konvenzjonijiet ewlenin dwar il-media u l-protezzjoni tad-data u, f'termini tal-protezzjoni tal-konsumatur, il-Konvenzjoni tal-1964 dwar l-elaborazzjoni ta' Farmakopea Ewropea. Il-QEDB iddeċidiet ukoll fuq għadd ta' kawżi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data ta' individwi.

It-taqsimiet li ġejjin se jikkonċentraw fuq aspetti speċifiċi tal-protezzjoni tad-data (it-Taqsima 10.1) u l-liġi tal-konsumatur fir-rigward tat-tfal (it-Taqsima 10.2). Għal kull waħda minn dawn il-kwistjonijiet, il-qafas legali ġenerali u l-applikabbiltà tiegħu għat-tfal huwa analizzat, kif ukoll in-normi speċifiċi għall-protezzjoni tat-tfal, fejn rilevanti.

# 10.1. It-tfal u l-protezzjoni tad-data personali

## Punti ewlenin

- Skont id-dritt tal-UE u l-KtE, il-protezzjoni tad-data personali ġiet rikonoxxuta bħala dritt fundamentali. Skont id-dritt tal-UE, id-dritt għall-protezzjoni tad-data huwa dritt fundamentali distint u japplika għal kulħadd, inklużi t-tfal (l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali).
- Għall-biċċa l-kbira tas-servizzi online, se jkun meħtieġ il-kunsens tal-ġenituri għall-ipproċessar tad-data personali, skont l-età tat-tfal (il-limitu tal-età jvarja fost l-Istati Membri tal-UE bejn it-13 u s-16-il sena).
- L-Artikolu 8 tal-KEDB jinkludi d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

## 10.1.1. Id-dritt Ewropew dwar il-protezzjoni tad-data

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 8(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jirrikonoxxi l-protezzjoni tad-data personali bħala dritt fundamentali distint. Il-karta tagħti protezzjoni tad-data personali lil kulħadd, inklużi t-tfal. L-Artikolu 8(2) jagħti importanza b'mod espliċitu diversi elementi ta' dan id-dritt fil-karta (ipproċessar ġust għal skopijiet speċifikati, kunsens jew bażi leġittima oħra preskritta bil-liġi, dritt għal aċċess u rettifikazzjoni), filwaqt li l-Artikolu 8(3) jirrikjedi li l-konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data tkun soġġetta għall-kontroll minn awtorità indipendenti. Id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali stabbilit fl-Artikolu 8 jista' jkun limitat f'konformità mal-liġi. Kwalunkwe limitazzjoni bħal din trid tirrispetta l-essenza tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Dawn jistgħu jsiru biss jekk ikunu meħtieġa u ġenwinament jissodisfaw l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew ikunu meħtieġa biex jipproteġu l-libertajiet u d-drittijiet ta' oħrajn (l-Artikolu 52 tal-Karta).[631] L-UE għandha kompetenza leġiżlattiva fil-kwistjonijiet

631 QĠUE, il-Kawżi Magħquda C-468/10 u C-469/10, *Asociación Nacional de Establecimientos Financieros de Crédito (ASNEF) u Federación de Comercio Electrónico y Marketing Directo (FECEMD) vs Administración del Estado*, l-24 ta' Novembru 2011, il-punt 48; QĠUE, C-275/06, *Productores de Música de España (Promusicae) vs Telefónica de España SAU* [GC], id-29 ta' Jannar 2008, il-punt 68.

tal-protezzjoni tad-data (l-Artikolu 16 tat-TFUE).[632] Il-protezzjoni tad-data personali ħarġet bħala wieħed mill-oqsma ewlenin tad-dritt Ewropew relatat mad-drittijiet fundamentali. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR, General Data Protection Regulation), li ġie adottat fl-2016, huwa l-istrument ewlieni f'dan il-qasam.[633]

Il-GDPR, fil-premessa 75, jidentifika lit-tfal bħala individwi vulnerabbli u jirrikonoxxi li jistħoqqilhom protezzjoni speċifika fir-rigward tad-data personali tagħhom. Huma jistgħu jkunu inqas konxji tar-riskji, tal-konsegwenzi u tas-salvagwardji kkonċernati u tad-drittijiet tagħhom b'rabta mal-ipproċessar tad-data personali. Għal dan il-għan, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB, European Data Protection Board) qed jiżviluppa linji gwida dwar l-ipproċessar tad-data tat-tfal.[634] "Il-kunsens ta' min ikollu r-responsabbiltà ta' ġenitur m'għandux ikun meħtieġ fil-kuntest ta' servizzi preventivi jew ta' pariri offruti direttament lill-minorenni. [...] Minħabba li t-tfal jistħoqqilhom protezzjoni speċifika, kwalunkwe informazzjoni u komunikazzjoni, fejn l-ipproċessar huwa indirizzat lil xi minorenni, għandha tkun f'lingwaġġ ċar u sempliċi li l-minorenni jista' jifhem faċilment."[635] Il-GDPR jesiġi b'mod espliċitu li l-protezzjoni tad-data personali tat-tfal titqies meta l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq l-interess leġittimu tal-kontrollur jew ta' parti terza (l-Artikolu 6(1)(f)) u l-informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-data personali tiġi pprovduta lil wild minuri (l-Artikolu 12(1)). L-ipproċessar ta' data relatata mat-tfal huwa nnotat li jġorr ċerti riskji, u l-applikazzjoni ulterjuri tal-GDPR fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal tista' tiġi speċifikata fil-kodiċijiet ta' kondotta. Tali kodiċijiet ta' kondotta jistgħu, b'mod partikolari, jinkludu regoli dwar kif l-informazzjoni trid tiġi

632 Għal ħarsa ġenerali lejn id-dritt Ewropew dwar il-protezzjoni tad-data, ara l-KtE, il-Kumitat tal-Ministri (2018), *It-12-il Rapport Annwali tal-Kumitat tal-Ministri*; FRA (2018), *Manwal dwar id-dritt Ewropew dwar il-protezzjoni tad-data – edizzjoni tal-2018*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

633 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data). Id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi (id-Direttiva (UE) 2016/680) hija l-istrument ewlieni li jittratta l-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data.

634 EDPB, Programm ta' Ħidma 2021/2022, is-16 ta' Marzu 2021

635 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), il-premessi 38 u 58.

pprovduta lit-tfal u kif jinkiseb il-kunsens tad-detentur tar-responsabbiltà ta' ġenitur (l-Artikolu 41(2)).

Għall-biċċa l-kbira tas-servizzi online, fejn is-servizz ikun qed jiddependi fuq il-kunsens tat-tfal biex jipproċessa d-data tagħhom, il-kunsens tal-ġenitur jew tat-tutur huwa wkoll meħtieġ sa ċerta età. Dan japplika għas-siti tan-networking soċjali, kif ukoll għall-pjattaformi għat-tniżżil tal-mużika u x-xiri tal-logħob online. Il-limitu tal-età għall-kisba tal-kunsens tal-ġenituri jvarja fost l-Istati Membri tal-UE bejn it-13 u s-16-il sena.[636] Skont l-Artikolu 4(11) tal-GDPR, il-kunsens irid jingħata liberament, ikun speċifiku, infurmat u mhux ambigwu, u t-tfal jew il-ġenituri jew it-tuturi tagħhom għandhom jiġu pprovduti b'mekkaniżmi faċli biex jintużaw sabiex ikunu jistgħu jirtiraw il-kunsens fi kwalunkwe ħin. Il-kumpaniji għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli, filwaqt li jqisu t-teknoloġija disponibbli, biex jivverifikaw li huwa d-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri fuq il-wild minuri li jagħti jew jawtorizza l-kunsens. L-isforzi raġonevoli li jridu jagħmlu l-organizzazzjonijiet se jkunu jiddependu wkoll fuq in-natura tal-ipproċessar u r-riskji assoċjati miegħu għall-wild minuri. Dawn l-isforzi għandhom jinżammu taħt rieżami fid-dawl tat-teknoloġiji emerġenti f'dan il-qasam. Meta d-data personali tiġi pproċessata b'rabta mal-offerta ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni lil wild minuri, u tali pproċessar ikun jiddependi fuq il-kunsens tal-wild minuri jew tad-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri, it-tfal dejjem ikollhom id-dritt li d-data tagħhom titħassar (l-Artikolu 17(1)(f) tal-GDPR). Dan huwa magħruf bħala d-dritt li tkun minsi(ja).

Meta t-tfal jaċċessaw servizz online, irrispettivament mill-miżuri ta' verifika tal-età li tuża organizzazzjoni, l-organizzazzjoni trid tiżgura li jkun hemm fis-seħħ miżuri ta' protezzjoni tad-data speċifiċi għat-tfal biex jittejjeb il-livell ta' protezzjoni mogħti lill-utenti tfal kontra r-riskji li jinħolqulhom mill-użu tagħhom tas-servizz. Uħud minn dawn il-miżuri jistgħu jinkludu l-iżgurar li s-servizz jaderixxi mal-obbligu tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u l-inadempjenza (l-Artikolu 25 tal-GDPR), it-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt tal-protezzjoni tad-data (l-Artikolu 35), l-aderenza mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data u r-rieżami tal-konfigurazzjonijiet tat-tfassil tal-profil. Tfassil tal-profili tfisser kwalunkwe forma ta' pproċessar awtomatizzat ta' data personali li jikkonsisti fl-użu ta' data personali biex jiġu evalwati ċerti aspetti personali relatati ma' persuna fiżika, b'mod partikolari biex jiġu analizzati jew imbassra aspetti rigward il-prestazzjoni fuq ix-xogħol, is-sitwazzjoni ekonomika,

636 *Ibid.*, l-Artikolu 8.

is-saħħa, il-preferenzi personali, l-interessi, l-affidabbiltà, l-imġiba, il-lokalizzazzjoni attwali jew il-movimenti ta' dik il-persuna fiżika (l-Artikolu 4(4)).

Tali protezzjoni speċifika għandha, b'mod partikolari, tapplika għall-użu tad-data personali tat-tfal għall-finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni jew ta' ħolqien ta' profili tal-personalità jew tal-utenti, u l-ġbir ta' data personali dwar it-tfal meta jużaw is-servizzi offruti direttament lilhom (il-premessa 38 tal-GDPR).

Il-linji gwida li ħareġ l-EDPB[637] biex jimmira lejn l-utenti tal-media soċjali jindikaw li l-impatt negattiv tal-immirar jista' jkun konsiderevolment akbar fuq kategoriji vulnerabbli ta' individwi, bħat-tfal. L-immirar jista' jinfluwenza t-tiswir tal-preferenzi u l-interessi personali tat-tfal, u fl-aħħar mill-aħħar jaffettwa l-awtonomija tagħhom u d-dritt tagħhom għall-iżvilupp. Diversi istituzzjonijiet sostnew li, b'mod ġenerali, l-organizzazzjonijiet għandhom jevitaw it-tfassil tal-profili tat-tfal għall-finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, minħabba li t-tfal huma aktar vulnerabbli.[638] It-tfal jistgħu jkunu partikolarment suxxettibbli fl-ambjent online u jiġu influwenzati b'mod aktar faċli mir-reklamar tal-imġiba.[639]

Il-premessa 71 tal-GDPR tistipula li t-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat biss, inkluż it-tfassil ta' profili, b'effetti legali jew sinifikanti b'mod simili ma għandux japplika għat-tfal.

Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, issa l-EDPB[640], irrakkomanda li l-eċċezzjonijiet għar-regola kontra din il-forma ta' pproċessar ma għandhomx, b'mod ġenerali, jiġu invokati b'rabta mal-ipproċessar tad-data tat-tfal għajr f'ċirkostanzi limitati, bħal meta jkun meħtieġ biex jiġi protett il-benesseri tagħhom. F'dawn

637 EDPB (2020), *Linji Gwida 8/2020 dwar l-immirar tal-utenti tal-midja soċjali*, it-2 ta' Settembru 2020.

638 Ara, pereżempju, il-Kunsill tal-Ewropa (2018), *Linji Gwida għar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali*, CM/Rec(2018)7, p. 17; il-Kummissjoni Irlandiża għall-Protezzjoni tad-Data (2020), *Children front and centre: Fundamentals for a child-oriented approach to data processing* (It-tfal fuq quddiem u fiċ-ċentru: Prinċipji fundamentali għal approċċ orjentat lejn it-tfal għall-ipproċessar tad-data), Diċembru 2020, p. 54.

639 Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Data (2018), *Linji Gwida dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679*, it-22 ta' Awwissu 2018.

640 Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Data (2018), *Linji Gwida dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679*, it-22 ta' Awwissu 2018.

il-każijiet irid ikun hemm salvagwardji adattati fis-seħħ biex jiġi żgurat li dawn ikunu xierqa għat-tfal.

Ċerti kategoriji ta' data huma meqjusa sensittivi, bħad-data ġenetika, id-data bijometrika li tidentifika wild minuri b'mod uniku, id-data personali relatata ma' kundanni kriminali, u d-data personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew twemmin ieħor, is-saħħa mentali u fiżika, jew il-ħajja sesswali. L-ipproċessar tad-data tat-tfal f'tali kategoriji huwa permess biss fejn japplikaw eċċezzjonijiet xierqa (l-Artikolu 9 tal-GDPR).

Id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika[641] tipproteġi l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u t-tagħmir terminali tal-utent, inklużi t-tfal. Hija timplimenta d-dritt fundamentali għar-rispett għall-ħajja privata fir-rigward tal-komunikazzjonijiet (l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali).

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB qrat id-dritt għal protezzjoni ta' data personali skont l-Artikolu 8 tal-KEDB. Il-Qorti teżamina sitwazzjonijiet fejn tqum il-kwistjoni tal-protezzjoni tad-data, inkluża l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet[642], forom diversi ta' sorveljanza[643] u l-protezzjoni kontra l-ħażna tad-data personali minn awtoritajiet pubbliċi.[644] Barra minn hekk, il-QEDB iddeċidiet li l-liġi nazzjonali għandha tistabbilixxi miżuri xierqa biex tiżgura rimedji ġudizzjarji kontra ksur tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-data.

Eżempju: *Avilkina u Oħrajn vs ir-Russja*[645] tikkonċerna l-iżvelar ta' fajls mediċi ta' tifla ta' sentejn lill-prosekutur, wara t-talba tiegħu li jkun infurmat dwar ir-rifjuti kollha minn xhieda ta' Jehovah dwar trasfużjonijiet taddemm. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-interessi ta' pazjent u tal-komunità kollha fil-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tad-data jistgħu jingħelbu mill-interessi li

641 L-UE, il-Parlament Ewropew (2002), Id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), ĠU 2002 L 201.

642 Ara pereżempju l-QEDB, *Malone vs ir-Renju Unit*, Nru. 8691/79, is-26 ta' April 1985; QEDB, *Copland vs ir-Renju Unit*, Nru. 62617/00, it-3 ta' April 2007.

643 Ara pereżempju l-QEDB, *Klass u Oħrajn vs il-Ġermanja*, Nru. 5029/71, is-6 ta' Settembru 1978; QEDB, *Uzun vs il-Ġermanja*, Nru. 35623/05, it-2 ta' Settembru 2010.

644 Ara pereżempju l-QEDB, *Leander vs l-Iżvezja*, Nru. 9248/81, is-26 ta' Marzu 1987; QEDB, *S. u Marper vs ir-Renju Unit* [GC], Nri. 30562/04 u 30566/04, l-4 ta' Diċembru 2008.

645 QEDB, *Avilkina u Oħrajn vs ir-Russja*, Nru. 1585/09, is-6 ta' Ġunju 2013.

jiġi investigat reat, il-Qorti nnutat li r-rikorrenti ma kinitix suspettata jew akkużata f'xi proċedimenti kriminali. Minbarra dan, il-professjonisti mediċi li jipprovdu trattament lir-rikorrent setgħu applikaw għal awtorizzazzjoni ġudizzjarja għat-trasfużjoni tad-demm, li kieku ħasbu li kienet f'sitwazzjoni ta' theddida għal ħajjitha. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe ħtieġa soċjali urġenti biex jintalab l-iżvelar tal-informazzjoni medika kunfidenzjali li tikkonċerna r-rikorrenti, il-QEDB sabet ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Eżempju: F'*S. u Marper vs ir-Renju Unit*[646], il-marki tas-swaba' u d-DNA ta' tifel ta' ħdax-il sena meħuda b'rabta mas-suspett ta' attentat ta' serqa kienu miżmuma mingħajr żmien stipulat, anki jekk kien finalment liberat. Minħabba n-natura u l-ammont ta' informazzjoni personali fil-kampjuni ċellulari u l-profili tad-DNA, iż-żamma tagħhom fiha nfisha ammontat għal interferenza mad-dritt tal-ewwel rikorrent għar-rispett tal-ħajja privata. Il-prinċipji ewlenin tal-istrumenti rilevanti tal-KtE u l-liġi u l-prattika tal-istati kontraenti l-oħrajn jeħtieġu li l-konservazzjoni tad-data tkun proporzjonata fir-rigward tal-iskop tal-ġbir u limitati fiż-żmien, b'mod partikolari fis-settur tal-pulizija. Il-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 8 tal-KEDB tiddgħajjef b'mod inaċċettabbli jekk l-użu ta' tekniċi xjentifiċi moderni fis-sistema tal-ġustizzja kriminali jitħallew jintużaw akkost ta' kollox u mingħajr ma jiġu bbilanċjati b'attenzjoni l-benefiċċji potenzjali tagħhom kontra l-interessi importanti tal-ħajja privata. F'dak ir-rigward, in-natura sħiħa u indiskriminata tal-qawwa taż-żamma fl-Ingilterra u Wales kienet partikolarment impressjonanti, peress li ħalliet li d-data tinżamm għal perjodu mhux limitat ta' żmien u irrispettivament min-natura jew gravità tar-reat jew l-età tal-persuna ssuspettata. Iż-żamma tista' tkun dannuża speċjalment f'każ ta' minuri, minħabba s-sitwazzjoni speċjali tagħhom u l-importanza tal-iżvilupp u l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà. B'konklużjoni, iż-żamma tad-data kkostitwiet interferenza sproporzjonata mad-dritt tar-rikorrent għar-rispett tal-ħajja privata.

Il-Konvenzjoni modernizzata tal-KtE għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali[647] (il-Konvenzjoni 108+) tapplika

646 QEDB, *S. u Marper vs ir-Renju Unit* [GC], Nri. 30562/04 u 30566/04, l-4 ta' Diċembru 2008.

647 Il-Kunsill tal-Ewropa (1981), Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku tad-Data Personali, CETS Nru. 108, it-28 ta' Jannar 1981; il-Kunsill tal-Ewropa (2001), Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni 108 rigward l-awtoritajiet superviżorji u l-flussi transfruntiera tad-data, CETS Nru. 181, it-8 ta' Novembru 2001; il-Kunsill tal-Ewropa (2018), Il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku tad-Data Personali, CETS Nru. 223, l-10 ta' Ottubru 2018.

għal kull ipproċessar tad-data mwettaq fis-setturi privati u pubbliċi, u tipproteġi lill-individwi, inklużi tfal, kontra abbużi li jistgħu jakkumpanjaw l-ipproċessar tad-data personali. Il-Konvenzjoni 108+ għandha protokoll addizzjonali li jirregola l-istabbiliment ta' awtoritajiet ta' sorveljanza u l-fluss transfruntier ta' data personali lil dawk mhux Partijiet tal-konvenzjoni.[648]

Il-prinċipji stabbiliti fil-Konvenzjoni 108+ relatati mal-ipproċessar ta' data personali jikkonċernaw ġbir ġust u legali u l-ipproċessar awtomatiku ta' data, maħżuna għal għanijiet leġittimi speċifiċi u mhux għall-użu ta' skopijiet inkompatibbli ma' dawk l-għanijiet, u lanqas miżmuma għal aktar żmien milli hu meħtieġ. Jikkonċernaw ukoll il-kwalità tad-data. Fin-nuqqas ta' salvagwardji legali xierqa, l-ipproċessar ta' data "sensittiva", bħal dwar ir-razza, il-politika, is-saħħa, ir-reliġjon, il-ħajja sesswali, id-data ġenetika u bijometrika ta' persuna, kif ukoll id-data pproċessata għall-informazzjoni li jiżvelaw relatata mas-sħubija fit-trade unions, l-oriġini etnika jew ir-rekords kriminali, huwa pprojbit. Il-Konvenzjoni tistabbilixxi wkoll id-dritt tal-individwu, inklużi t-tfal, li jkun jaf li hemm informazzjoni maħżuna dwaru jew dwarha u, jekk meħtieġ, li tkun ikkoreġuta. Restrizzjonijiet fuq id-drittijiet stipulati fil-Konvenzjoni huma possibbli biss meta l-interessi prevalenti, bħas-sigurtà jew id-difiża tal-istat, ikunu fil-periklu. Il-Kumitat Konsultattiv tal-Konvenzjoni 108 adotta linji gwida dwar il-protezzjoni tad-data tat-tfal f'ambjent edukattiv[649] li jistabbilixxu l-prinċipji fundamentali u li jagħtu pariri lil-leġiżlaturi, lil dawk li jfasslu l-politika, lill-kontrolluri tad-data u lill-industrija dwar kif għandhom jirrispettaw dawn id-drittijiet.

Il-Linji Gwida tal-KtE dwar id-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali jistiednu lill-Istati jiżguraw li d-data personali tat-tfal tiġi pproċessata b'mod ġust, legali, preċiż u sigur, għal skopijiet speċifiċi u bil-kunsens liberu, espliċitu, infurmat u mhux ambigwu tat-tfal u/jew tal-ġenituri tagħhom, tal-persuni li jindukrawhom jew tar-rappreżentanti legali tagħhom, jew f'konformità ma' bażi leġittima oħra stabbilita mil-liġi. L-Istati għandhom jiżguraw li l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data li titqies sensittiva, bħal data ġenetika, data bijometrika li tidentifika wild minuri b'mod uniku, data personali relatata ma' kundanni kriminali, u data personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew twemmin ieħor, is-saħħa mentali u fiżika, jew il-ħajja

648 Il-Kunsill tal-Ewropa (2018), Il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-Rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali, CETS Nru. 223, l-10 ta' Ottubru 2018.

649 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat Konsultattiv tal-Konvenzjoni 108, *Il-protezzjoni tad-data tat-tfal f'ambjent edukattiv – Linji Gwida*, T-PD(2019)06BISrev5, l-20 ta' Novembru 2020.

sesswali, fil-każijiet kollha għandu jkun permess biss fejn ikun hemm salvagwardji xierqa minquxa fil-liġi.[650]

Taħt id-dritt internazzjonali, id-dritt għal protezzjoni tad-data huwa parti mid-dritt għall-privatezza tal-minuri fl-Artikolu 16 tas-CRC. Dan l-Artikolu jipprovdi li minuri m'għandux ikun soġġett għal interferenza arbitrarja jew illegali mal-privatezza, familja, dar jew korrispondenza tagħhom, u lanqas għal attakki illegali fuq l-unur u r-reputazzjoni tagħhom. Dan id-dritt għandu jkun rispettat minn kulħadd, inkluż ir-rappreżentant legali tal-minuri.[651]

650 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2018), *Linji Gwida għar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali, ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)7*, l-4 ta' Lulju 2018, it-Taqsima 3.4.

651 Ara wkoll in-Nazzjonijiet Uniti (2021), *Kumment Ġenerali Nru. 25 (2021) dwar id-drittijiet tat-tfal b'rabta mal-ambjent diġitali*, CRC/C/GC/25, it-2 ta' Marzu 2021.

# 10.2. Il-Protezzjoni tat-tfal bħala konsumaturi

## Punti ewlenin

- Skont il-QĠUE, l-aħjar interessi tal-konsumaturi minuri u l-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom jipprevalu fuq rekwiżiti tal-interess pubbliku, u dan jiġġustifika limiti għall-moviment liberu ta' oġġetti, persuni, servizzi u kapital.
- It-tfal bħala konsumaturi għandhom jingħataw informazzjoni rilevanti biex ikunu jistgħu jikkunsidraw il-fatti rilevanti kollha u jagħmlu għażla infurmata.
- Prattiċi kummerċjali żleali huma dawk li ma jikkonformawx mal-prinċipju ta' diliġenza professjonali u jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tranżazzjonali ta' konsumaturi adulti u tfal.
- It-tfal jistgħu jkunu inklużi fi provi kliniċi biss jekk il-prodott mediċinali amministrat jitqies li jkun ta' benefiċċju dirett għalihom, u b'hekk ikun ta' importanza akbar mir-riskji.
- Id-dritt tal-UE u l-KtE jillimitaw l-ammont ta' kummerċjalizzazzjoni li t-tfal jistgħu jkunu esposti għaliha, mingħajr ma tipprojbixxiha bħala tali.
- It-tfal huma intitolati għal protezzjoni speċifika, li timplika protezzjoni kontra kwalunkwe reklamar kif ukoll programmi ta' teleshopping li jistgħu jikkawżawlhom ħsara morali u fiżika.
- Ir-riklami ta' prodotti fi programmi tat-tfal huma pprojbiti.

## 10.2.1. Drittijiet tal-konsumatur

**Skont id-dritt tal-UE**, il-pilastri ewlenin tal-protezzjoni tal-konsumatur huma stabbiliti fl-Artikolu 169(1) tat-TFUE u l-Artikolu 38 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali. Il-QĠUE irrikonoxxiet li l-aħjar interessi tal-minuri jipprevalu fuq ir-rekwiżiti tal-interess pubbliku, li jiġġustifikaw limiti għal-libertajiet tas-suq komuni.

Eżempju: Il-kawża *Dynamic Medien*[652] tikkonċerna l-bejgħ fuq l-internet fil-Ġermanja ta' DVDs ta' cartoons Ġappuniżi. Il-cartoons kienu approvati għal tfal 'il fuq minn 15-il sena fir-Renju Unit. Ma kinux ġew ikklassifikati bħala xierqa mill-awtorità Ġermaniża rilevanti. Il-mistoqsija prinċipali quddiem il-QĠUE kienet jekk il-projbizzjoni fil-Ġermanja kinitx kontra l-prinċipju tal-libertà ta' moviment. Il-QĠUE sabet li l-għan prinċipali tal-liġi Ġermaniża kien biex jipproteġi lit-tfal minn informazzjoni li tista' tkun ta' detriment għall-benesseri tagħhom. Iddeċidiet li r-restrizzjoni fuq il-libertà ta' moviment ta' oġġetti ma kinitix sproporzjonata sakemm din ma tmurx lil hinn minn dak li kien meħtieġ biex jintlaħaq l-għan ta' protezzjoni tat-tfal segwit mill-Istat Membru kkonċernat.

Eżempju: Il-kawża *Omega*[653] tikkonċerna t-tħaddim ta' "laserdrome" fil-Ġermanja. Il-logħba li ntlagħbet fil-"laserdrome" inkludiet it-tilqit ta' miri sensorjali mqiegħda fuq il-ġkieket li ntlibsu minn dawk li lagħbu. L-apparat għal-logħba kien ipprovdut minn kumpanija Brittanika u kemm il-logħba kif ukoll it-tagħmir kienu kkummerċjalizzati legalment fir-Renju Unit. Il-logħba kienet ipprojbita fil-Ġermanja għar-raġunijiet li kienet kontra valuri fundamentali bħad-dinjità tal-bniedem. Il-QĠUE sabet li r-restrizzjoni imposta mill-awtoritajiet Ġermaniżi ma kintix kontra d-dritt tal-UE, peress li kienet ġiet iġġustifikata debitament għal raġunijiet ta' ordni pubbliku.

L-aktar proċess ta' reviżjoni reċenti tal-liġi tal-konsumatur tal-UE rriżulta fl-adozzjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur 2011/83/UE (CRD, Consumer Rights Directive), li għandha l-għan li tarmonizza bis-sħiħ liġijiet nazzjonali fuq bejgħ mill-bogħod u kuntratti barra mill-post tan-negozju, kif ukoll tipi oħra ta' kuntratti tal-konsumatur.[654] L-intenzjoni hija biex tibbilanċja livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u l-kompetittività tal-intrapriżi. Skont l-Artikolu 3(3)(a), is-CRD mhix applikabbli għal kuntratti għas-servizzi soċjali, inklużi l-akkomodazzjoni soċjali, il-kura tat-tfal u l-appoġġ ta' familji u persuni li huma fil-bżonn b'mod permanenti jew temporanju, inkluż kura fit-tul. Servizzi soċjali jinkludu servizzi għal tfal u żgħażagħ, servizzi ta' assistenza għal familji, ġenituri waħedhom u anzjani, u servizzi għal migranti. Is-CRD tiddedika attenzjoni speċifika għal informazzjoni prekuntrattwali. Jekk il-konsumaturi, inklużi

652 QĠUE, C-244/06, *Dynamic Medien Vertriebs GmbH vs Avides Media AG*, l-14 ta' Frar 2008.

653 QĠUE, C-36/02, *Omega Spielhallen- und Automatenaufstellungs-GmbH vs Oberbürgermeisterin der Bundesstadt Bonn*, l-14 ta' Ottubru 2004.

654 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/83/UE tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE, ĠU 2011 L 304/64.

t-tfal, jingħataw informazzjoni rilevanti u sufficjenti, huma jkunu jistgħu jikkunsidraw il-fatti rilevanti kollha u jagħmlu għażla infurmata; dawn ir-"rekwiżiti ta' informazzjoni" huma stabbiliti mis-CRD. Abbażi tad-Direttiva (UE) 2019/882 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, dawk ir-rekwiżiti japplikaw ukoll għall-konsumaturi taħt l-età.[655]

## 10.2.2. Prattiċi kummerjali żleali li għandhom fil-mira tagħhom lit-tfal

**Skont id-dritt tal-UE**, id-Direttiva 2005/29/KE, li tikkonċerna prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern[656], tkopri t-totalità tat-tranżazzjonijiet fin-negozju mal-konsumatur (kemm jekk isiru online jew offline, inklużi kemm oġġetti kif ukoll servizzi). It-tfal huma inklużi fid-Direttiva taħt il-kategorija ta' "konsumaturi vulnerabbli" (l-Artikolu 5(3)). Deċiżjonijiet tranżazzjonali ma jistgħux jittieħdu wara fastidju, sfurzar jew influwenza indebita jew informazzjoni mhux ċara, u konsumaturi minuri għandhom id-dritt li jagħmlu dawn id-deċiżjonijiet liberament. Id-Direttiva tipprojbixxi kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u attivitajiet ta' reklamar li joħolqu konfużjoni ma' prodott ieħor jew ma' trademark ta' kompetitur, u teħtieġ li l-informazzjoni neċessarja kollha għall-konsumaturi tkun ipprovduta lilhom b'mod ċar u li jinftiehem, u f'ħin xieraq (l-Artikoli 6 u 7).

Il-Kumitat tal-Ministri tal-KtE ħareġ *Linji Gwida għar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali*. Abbażi tagħhom, l-Istati għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li t-tfal ikunu protetti mill-isfruttament kummerċjali fl-ambjent diġitali, inkluż l-esponiment għal forom ta' reklamar u kummerċjalizzazzjoni mhux xierqa għall-età. Dan jinkludi l-iżgurar li l-intrapriżi tan-negozju ma jinvolvux ruħhom fi prattiki kummerċjali żleali lejn it-tfal, li jirrikjedi li r-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni diġitali lejn it-tfal ikunu distingwibbli b'mod ċar għalihom bħala tali, u li jirrikjedi li l-partijiet

655 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2019), Id-Direttiva 2019/882/UE tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, ĠU 2019 L 151/70.

656 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2005), Id-Direttiva 2005/29/KE tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE u r-Regolament (KE) Nru. 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU 2005 L 149/22.

ikkonċernati rilevanti kollha jillimitaw l-ipproċessar tad-data personali tat-tfal għal skopijiet kummerċjali.[657]

## 10.2.3. Is-sigurtà tal-prodott

**Skont id-dritt tal-UE**, hemm qafas komprensibbli biex jiżgura li prodotti sikuri jew altrimenti konformi biss ikunu disponibbli għall-bejgħ. B'mod partikolari, id-Direttiva 2001/95/KE dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti tiddedika attenzjoni speċjali lis-sigurtà tat-tfal billi tinkludihom fil-kategorija ta' konsumaturi li jistgħu jkunu partikolarment vulberabbli għar-riskji maħluqa mill-prodotti taħt kunsiderazzjoni (il-Premessa 8 tad-Direttiva). B'hekk, is-sikurezza tal-prodott teħtieġ li tkun evalwata, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-aspetti rilevanti kollha, b'mod partikolari l-kategoriji tal-konsumatur li għalihom huwa ddestinat il-prodott. Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat proposta għal Regolament Ġenerali ġdid dwar is-Sikurezza tal-Prodotti[658].

Id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE hija direttiva speċifika dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw prodotti li, minħabba li jidhru li huma dak li mhumiex, jipperikolaw is-saħħa jew sigurtà tal-konsumaturi.[659] Hija tipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura ta' prodotti li jidhru bħal oġġetti tal-ikel, imma ma jittiklux. L-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki biex jiżguraw li ebda prodott ta' dan it-tip ma jiġi kkumerċjalizzat. Jekk Stat Membru jipprojbixxi prodott taħt it-termini ta' din id-direttiva, għandu jinforma lill-Kummissjoni u jipprovdi dettalji biex tinforma Stati Membri oħra. Il-mistoqsija tas-sikurezza tal-ġugarelli b'mod partikolari hija diskussa f'aktar dettall taħt it-Taqsima 10.2.6.

*Il-linji gwida ħar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali* tal-Kumitat tal-Ministri tal-KtE jistabbilixxu li l-Istati għandhom jippromwovu u jħeġġu lin-negozji jimplimentaw is-sikurezza u l-privatezza

657 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2018), *Linji Gwida għar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali*, ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)7.

658 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2021), Proposta għal Regolament dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru. 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM(2021)346 final, it-30 ta' Ġunju 2021.

659 L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Id-Direttiva 87/357/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar prodotti li, minħabba li jidhru li jkunu xi ħaġa oħra milli fil-fatt ikunu, jipperikolaw is-saħħa jew s-sigurtà tal-konsumaturi, ĠU 1987 L 192/49.

mid-disinn fil-prodotti, il-karatteristiċi tas-servizzi u l-funzjonalitajiet immirati lejn it-tfal jew użati minnhom.[660]

## 10.2.4. Provi kliniċi li jinvolvu t-tfal

**Skont id-dritt tal-UE**, ir-Regolament (UE) Nru. 536/2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għat-tfal fil-kategorija tal-popolazzjoni vulnerabbli (l-Artikolu 10(1)).[661] Huwa jeħtieġ li applikazzjonijet għall-awtorizzazzjoni ta' provi kliniċi li jinvolvu tfal jiġu evalwati b'attenzjoni. Ir-rappreżentant legali ta' minuri għandu jagħti kunsens għal prova klinika fis-sens kif għandu jagħmel il-minuri jekk hu/hi kapaċi jiffurmaw opinjoni (l-Artikolu 29(1) u (8)). Ir-regolament jistabbilixxi kundizzjonijet speċifiċi biex jitwettqu provi kliniċi sikuri fuq tfal u jiżgura l-kunsens infurmat tagħhom (l-Artikolu 32). Dawn il-kundizzjonijiet huma li: ebda inċentiv ma jingħata lis-suġġett ħlief għal kumpens għall-ispejjeż u telf ta' qligħ relatat direttament mal-parteċipazzjoni fil-prova klinika; il-prova klinika hija maħsuba biex tinvestiga trattamenti għal kundizzjoni medika li sseħħ biss fit-tfal; u hemm raġunijiet xjentifiċi biex wieħed jistenna l-parteċipazzjoni fil-prova klinika ser tipproduċi: benefiċċju dirett għall-minuri konċernat jkun akbar mir-riskji u l-piżijiet involuti; jew xi benefiċċju għall-popolazzjoni rappreżentata mill-minuri kkonċernat u li dik il-prova klinika toħloq biss riskju minimu, u timponi piż minimu, għall-minuri kkonċernat meta mqabbel mat-trattament standard tal-kundizzjoni tal-minuri. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza biss jistgħu jsiru provi kliniċi fuq tfal mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħhom jew il-kunsens tar-rappreżentanti legali tagħhom minn qabel (l-Artikolu 35(1)).

**Skont id-dritt tal-KtE**, l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina fih prinċipji simili[662], bħalma fih il-Kapitolu V tal-Protokoll Addizzjonali tagħha dwar ir-Riċerka Bijomedika.[663]

660 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2018), *Linji Gwida għar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali,* ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)7, il-punt 54.

661 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2014), Ir-Regolament (UE) 536/2014 tas-16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ĠU 2014 L 158/1.

662 Il-Kunsill tal-Ewropa (1999), Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Dinjità tal-Bniedem fir-rigward tal-Applikazzjoni tal-Bijoloġija u l-Mediċina: Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina (il-Konvenzjoni ta' Oviedo), Nru. 164, l-1 ta' Diċembru 1999.

663 Il-Kunsill tal-Ewropa (2007), Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina, dwar ir-Riċerka Bijomedika, Nru. 195, l-1 ta' Settembru 2007.

### 10.2.5. Ikel maħsub għal trabi u tfal żgħar

**Skont id-dritt tal-UE**, ir-Regolament 609/2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż jiffoka fuq il-kompożizzjoni nutrizzjonali u s-sikurezza tal-ikel manifatturat speċifikament għat-trabi u għat-tfal żgħar taħt l-età ta' tliet snin.[664] Huwa jirregola t-tqegħid tal-prodotti fis-suq, l-informazzjoni meħtieġa dwar il-kompożizzjoni tal-ikel, ir-rekwiżiti għall-formula tat-trabi u x-xarbiet ibbażati fuq il-ħalib għat-tfal żgħar, eċċ. Ir-regolament jistabbilixxi wkoll definizzjonijiet tal-formula tat-trabi u tal-formula ta' prosegwiment, tal-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u tal-ikel tat-trabi, tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u ta' sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż.

### 10.2.6. Is-sigurtà tal-ġugarelli

**Skont id-dritt tal-UE**, id-Direttiva 2009/48/KE[665] tiddefinixxi l-ġugarelli fl-Artikolu 2 tagħha bħala "prodotti mfassla jew maħsuba, esklussivament jew le, għall-użu fil-logħob minn tfal taħt l-14-il sena".[666] L-Anness I jipprovdi lista mhux eżawrjenti ta' oġġetti li mhumiex ikkunsidrati ġugarelli, imma li jistgħu jkunu soġġetti għal konfużjoni. L-Artikolu 2(2) ukoll iniżżel xi ġugarelli li huma esklużi mill-firxa tal-azzjoni tagħha. Id-direttiva tinforza wkoll standards ta' saħħa u sikurezza billi tillimita l-ammont ta' ċerti kimiċi li jistà jkun hemm fil-materjal użat għal ġugarelli (l-Artikolu 10).[667]

664 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2014), Ir-Regolament (UE) Nru. 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru. 41/2009 u (KE) Nru. 953/2009, ĠU 2013 L 181/35.

665 L-Unjoni Ewropea (2009), Id-Direttiva 2009/48/KE tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, ĠU 2009 L 170.

666 *Ibid.*, l-Art. 2(1).

667 Il-Kummissjoni Ewropea inkludiet ukoll "ftehimiet volontarji" ma' industriji/kummerċjanti tal-ġugarelli Ewropej sabiex titjieb is-sikurezza tal-ġugarelli. Ara l-paġna web tal-Kummissjoni dwar is-suġġett għal aktar informazzjoni.

## 10.2.7. Tfal u reklamar

Skont it-dritt tal-UE, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva[668], riveduta fl-2018, tittratta l-limitazzjoni tal-ammont, il-kwalità u l-kontenut ta' kummerċjalizzazzjoni li t-tfal jistgħu jkunu esposti għalih, u tirregola t-tul tar-reklam (l-Artikoli 20, 24 u 27). Hija tipprojbixxi t-tqegħid tal-prodott fi programmi tat-tfal (l-Artikolu 11) u tawtorizza lill-Istati Membri li jipprojbixxu d-dehra ta' logos ta' sponsorizzazzjoni waqt programmi tat-tfal (l-Artikolu 10(4)). Ir-reviżjoni tad-direttiva fl-2018 estendiet dawn ir-regoli awdjoviżivi għall-pjattaformi ta' video-sharing, bħal YouTube u oħrajn.

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Televiżjoni bejn il-Fruntieri[669] kienet l-ewwel trattat internazzjonali li ħoloq qafas legali għaċ-ċirkulazzjoni bla ħlas ta' programmi tat-Televiżjoni bejn il-Fruntieri fl-Ewropa. Hija tipproteġi speċifikament t-tfal u ż-żgħażagħ (l-Artikolu 7(2)), pereżempju billi tipprojbixxi l-wiri ta' materjal pornografiku jew vjolenti u ta' programmi li jinċitaw il-mibegħda razzjali. Hija tidentifika l-istandards ta' reklamar u tirregola l-ħin ta' reklamar u l-pawżi tar-reklamar. Il-Linji Gwida tal-Kumitat tal-Ministri dwar id-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali jistiednu lill-Istati jiżguraw li t-tfal ikunu protetti mill-isfruttament kummerċjali fl-ambjent diġitali, inkluż permezz ta' esponiment għal forom ta' reklamar u kummerċjalizzazzjoni mhux xierqa għall-età.[670]

668 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2018), Id-Direttiva 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva), ĠU 2018 L 303.

669 Il-Kunsill tal-Ewropa (2002), Il-Konvenzjoni Ewropea dwar Televiżjoni bejn il-Fruntieri, CETS Nru. 132, il-5 ta' Mejju 1989. Emendata skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll, CETS Nru. 171, 2002.

670 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2018), *Linji Gwida għar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali*, ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)7, il-para. 57.

# 11

# Id-drittijiet tat-tfal fi ħdan il-ġustizzja kriminali u proċedimenti (mhux ġudizzjarji) alternattivi



| UE | Kwistjonijiet Koperti | KtE |
|---|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikoli 47 (dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, 48 (preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt tad-difiża) u 49 (prinċipju tal-legalità u proporzjonalità tar-reati kriminali u penali)<br>Id-Direttiva dwar id-Dritt għall-Interpretazzjoni u għat-Traduzzjoni (2010/64/UE)<br>Id-Direttiva dwar id-Dritt għall-Informazzjoni (2012/13/UE)<br>Id-Direttiva dwar Aċċess għal Avukat (2013/48/UE)<br>Id-Direttiva dwar il-Garanziji Proċedurali (2016/800) | **Garanziji ta' proċess ġust** | KEDB, l-Artikolu 6 (proċess ġust)<br>ESC, l-Artikolu 17<br>Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote<br>QEDB, *T. vs ir-Renju Unit* [GC], Nru. 24724/94, 1999 (tfal fil-qorti)<br>QEDB, *Panovits vs Ċipru*, Nru. 4268/04, 2008 (aċċess għal avukat) |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikoli 4 (projbizzjoni ta' tortura, trattament inuman u degradanti) u 6 (dritt għal-libertà)<br>Id-Direttiva dwar il-Garanziji Proċedurali (2016/800) | **Detenzjoni** | KEDB, l-Artikoli 3 (projbizzjoni ta' tortura, trattament inuman u degradanti) u 5 (dritt għal-libertà)<br>ESC, l-Artikolu 17<br>Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament jew Kastig Inuman u Degradanti<br>QEDB, *Nart vs it-Turkija*, Nru. 20817/04, 2008 (detenzjoni qabel il-proċess) |

| UE | Kwistjonijiet Koperti | KtE |
|---|---|---|
| | | QEDB, *Blokhin vs ir-Russja*, Nru. 47152/06, 2016<br>QEDB, *Bouamar vs il-Belġju*, Nru. 9106/80, 1988 (detenzjoni għal sorveljanza edukattiva)<br>QEDB, *D.G. vs l-Irlanda*, Nru. 39474/98, 2002 (detenzjoni għal sorveljanza edukattiva)<br>QEDB, *Güveç vs it-Turkija*, Nru. 70337/01, 2009 (kundizzjonijiet tad-detenzjoni)<br>QEDB, *Çoşelav vs it-Turkija*, Nru. 1413/07, 2012 |
| Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE)<br>Id-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal (2011/93/UE)<br>Id-Direttiva dwar it-Traffikar tal-Bnedmin (2011/36/UE)<br>QĠUE, C-105/03, *Proċedura kriminali kontra Maria Pupino*, 2005 (it-tressieq ta' tfal xhieda fil-qorti) | **Xhieda u vittmi tfal** | KEDB, l-Artikoli 3 (projbizzjoni ta' tortura, trattament inuman u degradanti) u 8 (ħajja privata)<br>Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote, l-Artikolu 31<br>QEDB, *Kovač vs il-Kroazja*, Nru. 503/05, 2007 (tfal xhieda)<br>QEDB, *S.N. vs l-Iżvezja*, Nru. 34209/96, Nru. 34209/96, 2002 (tfal xhieda)<br>QEDB, *R.R. u Oħrajn vs l-Ungerija*, Nri. 19400/11 u 36037/17, 2012 (esklużjoni ta' familja mill-programm tal-protezzjoni tax-xhieda)<br>QEDB, *X u Oħrajn vs il-Bulgarija*, Nru. 22457/16, 2021 (xhieda u vittmi minuri) |

Id-drittijiet tat-tfal fil-kuntest ta' proċedimenti tal-ġustizzja għall-minorenni jikkonċernaw tfal akkużati bi, imħarrka għal jew ikkundannati talli kkommettew reati kriminali, kif ukoll tfal li jipparteċipaw fi proċedimenti ġudizzjarji bħala vittmi u/jew xhieda. Il-pożizzjoni ta' tfal fil-kuntest ta' ġustizzja għall-minorenni hija regolata b'dispożizzjonijiet ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem rilevanti kemm għall-adulti u t-tfal.

Dan il-kapitolu jippreżenta ħarsa ġenerali tan-normi Ewropej rilevanti għal tfal involuti fi proċedimenti ġudizzjarji u alternattivi. Jindirizza garanziji ta' proċess ġust, inkluża parteċipazzjoni effettiva u aċċess għal avukat, id-drittijiet ta'

delinkwenti żgħar detenuti, inkluż detenzjoni qabel il-proċess (salvagwardji sostantivi u proċedurali), kundizzjonijiet ta' detenzjoni u protezzjoni kontra trattament ħażin, u l-protezzjoni ta' xhieda u vittmi tfal. L-aspetti ta' protezzjoni huma speċjalment rilevanti għal proċedimenti alternattivi mhux kontenzjużi, li għandhom jintużaw kull meta dawn jistgħu jaqdu l-aħjar interessi tal-minuri.[671] Fil-każ ta' tfal, objettivi ta' ġustizzja kriminali, bħal integrazzjoni soċjali, edukazzjoni u prevenzjoni li terġa' toffendi, huma prinċipji bażiċi li huma valutati.[672]

## 11.1. Garanziji ta' proċess ġust

### Punti ewlenin

- It-tfal fi proċedimenti kriminali huma intitolati li jkunu ttrattati b'mod ġust u b'mod adattat għat-tfal.
- Il-proċedimenti tal-Qorti għandhom ikunu aġġustati għall-ħtiġijiet tat-tfal biex jiżguraw il-parteċipazzjoni effettiva tagħhom.
- It-tfal għandhom id-dritt li jaċċessaw avukat mill-istadji bikrin tal-proċedimenti kriminali u mill-ewwel interrogazzjoni tal-pulizija.

Id-dritt għal proċess ġust huwa pilastru fundamentali ta' soċjetà demokratika. Tfal suspettati jew akkużati b'reat għandhom id-dritt għal proċess ġust, u jibbenefikaw mill-istess garanziji bħal kwalunkwe persuna oħra f'kunflitt mal-liġi. Garanziji ta' proċess ġust japplikaw mill-ewwel interrogazzjoni tat-tfal u jibqgħu preżenti matul il-proċess. Tfal f'kunflitt mal-liġi huma, madankollu, partikolarment vulnerabbli u jeħtieġu protezzjoni addizzjonali. Il-korpi Ewropej żviluppaw rekwiżiti speċifiċi biex jiżguraw li l-ħtiġijiet ta' dawn it-tfal jintlaħqu b'mod effettiv.

**Skont id-dritt tal-UE**, diversi dispożizzjonijiet tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali jistabbilixxu drittijiet bażiċi ta' aċċess għall-ġustizzja li jsostnu garanziji ta' proċess ġust kemm għall-adulti kif ukoll għat-tfal. L-Artikolu 47 jittratta speċifikament id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, li jistabbilixxi rekwiżiti ta' rilevanza partikolari għat-tfal, bħal smigħ ġust u pubbliku fi żmien

671 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2010), *Linji gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal*, is-17 ta' Novembru 2010, il-para. 24.

672 Ara wkoll l-FRA u l-QEDB (2016), *Manwal dwar id-dritt tal-Unjoni relatat mal-aċċess għall-ġustizzja*, it-22 ta' Ġunju 2016.

raġonevoli, id-drittijiet ta' difiża, rappreżentanza u pariri, kif ukoll id-dritt għall-għajnuna legali. B'mod simili, il-prinċipji tal-legalità u l-proporzjonalità tar-reati kriminali u l-penali stabbiliti fl-Artikolu 49 huma partikolarment rilevanti għat-tfal. Minbarra dan, diversi direttivi tal-UE jistabbilixxu garanziji speċifiċi ta' proċess ġust fi proċedimenti kriminali: id-Direttiva dwar id-Dritt għal Interpretazzjoni u Traduzzjoni,[673] id-Direttiva dwar id-Dritt għall-Informazzjoni[674], u d-Direttiva dwar Aċċess għal Avukat.[675] L-ewwel żewġ direttivi ma jinkludux garanziji speċifiċi għat-tfal, għalkemm id-Direttiva dwar id-Dritt għall-Informazzjoni fiha dispożizzjonijiet li jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' persuni vulnerabbli li jkunu ssuspettati jew akkużati b'mod aktar ġenerali. Id-dispożizzjonijiet relatati mat-tfal tad-Direttiva dwar Aċċess għal Avukat huma diskussi fit-Taqsima 11.1.2.

Anka fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għat-tfal, l-Istati Membri għandhom josservaw il-Karta meta jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-direttivi tal-UE. B'hekk, prinċipji bħall-aħjar interessi tat-tfal, stabbiliti fl-Artikolu 24, għandhom jingħataw piż xieraq f'każijiet fejn tfal huma s-suġġett ta' kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet tad-direttivi. Sal-lum, ma tressqet l-ebda kawża quddiem il-QĠUE dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Karta flimkien ma' waħda mid-direttivi msemmija.[676]

Id-Direttiva dwar il-Garanziji Proċedurali tistabbilixxi, għall-ewwel darba fil-livell tal-UE, garanziji proċedurali speċifiċi għat-tfal akkużati jew suspettati li wettqu reat. Hija tipprevedi d-dritt għal valutazzjoni individwali (l-Artikolu 7) li tivvaluta l-personalità u ċ-ċirkostanzi soċjoekonomiċi, familjari u personali tal-wild minuri, bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-wild minuri. L-Istati Membri jistgħu jużaw il-valutazzjoni individwali meta jiddeterminaw miżuri għall-wild minuri jew meta jieħdu kwalunkwe deċiżjoni fil-proċedimenti kriminali, inkluż meta tingħata s-sentenza. Tirrikjedi wkoll li t-tfal jibbenefikaw minn informazzjoni

673 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2010), Id-Direttiva 2010/64/UE tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, ĠU 2010 L 280/1.

674 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2012), Id-Direttiva 2012/13/UE tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali, ĠU 2012 L 142/1.

675 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, ĠU 2013 L 294/1.

676 Il-QĠUE indirizzat l-interpretazzjoni tal-Art. 24 fi proċedimenti fir-rigward ta' ħtif ta' minuri internazzjonali (ara t-Taqsima 5.4).

immedjata dwar id-drittijiet tagħhom, l-assistenza tal-ġenituri (jew persuni xierqa oħrajn) u interrogazzjoni bil-bibien magħluqa.[677] Minbarra dan, tfal imċaħħda mil-libertà għandhom ikunu intitolati li jirċievu edukazzjoni, tutela, taħriġ u kura medika xierqa, u li jinżammu mifrudin minn mal-adulti.[678]

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-garanziji ta' proċess ġust tal-KEDB huma stabbiliti fl-Artikolu 6 li jiġġenera l-aktar każistika estensiva tal-QEDB. L-Artikolu 6(1) tal-KEDB jinkludi xi garanziji ta' proċess ġust espressi: id-dritt għal smigħ/pronunzja ġusta u pubblika (sakemm mhux kontra għal, fost oħrajn, l-interessi ta' minorenni); id-dritt għal proċess fi żmien raġonevoli; id-dritt għal proċess minn tribunal indipendenti jew imparzjali;[679] u d-dritt għal proċess minn tribunal stabbilit bil-liġi. Inerenti fil-kunċett ta' proċess ġust, il-QEDB żviluppat garanziji: ugwaljanza ta' mezzi jew proċediment kontenjużi; id-dritt li tibqa' sieket; aċċess għal avukat; parteċipazzjoni effettiva; preżenza fis-smigħ; u deċiżjonijiet raġunati.

Kulħadd għandu jkun preżunt innoċenti sakemm jiġi ppruvat li huwa ħati, skont il-liġi (l-Artikolu 6(2) tal-KEDB). Barra minn hekk, kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jkollu d-drittijiet minimi li ġejjin: id-dritt li jkun infurmat minnufih dwar l-akkużi f'lingwa li hu/hi jifhem (l-Artikolu 6(3)(a) tal-KEDB); id-dritt għal żmien adegwat u faċilitajiet għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu/tagħha (l-Artikolu 6(3)(b) tal-KEDB); id-dritt għal assistenza legali tal-għażla tiegħu/tagħha (l-Artikolu 6(3)(c) tal-KEDB); id-dritt li jeżamina jew li x-xhieda jiġu eżaminati (l-Artikolu 6(3)(d) tal-KEBD); u d-dritt għal assistenza ta' interpretu bla ħlas (l-Artikolu 6(3)(e) tal-KEDB). Dawn il-garanziji japplikaw kemm għall-adulti kif ukoll għat-tfal. Madankollu, aspetti li jġġeneraw każistika speċifika għat-tfal jikkonċernaw prinċipalment id-dritt għal parteċipazzjoni effettiva u d-dritt ta' aċċess għal avukat. Dawn iż-żewġ garanziji speċifiċi ta' proċess ġust huma b'hekk żviluppati aktar f'dan il-kapitolu.[680]

---

677 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2016), Id-Direttiva (UE) 2016/800/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU 2016 L 132/1.

678 Ara wkoll it-Taqsima 11.2.Rilevanti wkoll għall-protezzjoni tat-tfal huma l-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2016), Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-għajnuna legali għall-persuni suspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għall-persuni mitluba fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, ĠU 2016 L 297.

679 QEDB, *Nortier vs in-Netherlands*, Nru. 13924/88, l-24 ta' Awwissu 1993; QEDB, *Adamkiewicz vs il-Polonja*, Nru. 54729/00, it-2 ta' Marzu 2010.

680 Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa (2007), Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali, CETS Nru. 201, il-25 ta' Ottubru 2007, il-Kapitolu VII.

L-Artikolu 17 tal-ESC jipproteġi speċifikament l-eżerċitar effettiv tad-dritt tal-ommijiet u tat-tfal għal protezzjoni soċjali u ekonomika, u jistabbilixxi li l-Partijiet Kontraenti se jieħdu l-miżuri xierqa u meħtieġa kollha għal dak il-għan, inkluż jistabbilixxu jew iżommu istituzzjonijiet jew servizzi xierqa. L-ECSR sab fil-każistika tiegħu ksur tal-Artikolu 17 abbażi ta' żewġ raġunijiet: l-ewwel kienet li l-Istat irid jiżgura assistenza legali obbligatorja għal tfal taħt l-età ta' responsabbiltà kriminali diġà fl-istadju ta' qabel il-proċess tal-proċedimenti; it-tieni kienet li d-devjazzjoni mill-proċedimenti ġudizzjarji (alternattivi għall-proċedimenti, bħal soluzzjoni jew terminazzjoni kundizzjonali jew irtirar ta' proċedimenti kriminali) għandha tkun il-mod ippreferut kif jiġu ttrattati t-tfal fil-biċċa l-kbira tal-każijiet. L-għażliet ta' devjazzjoni għandhom ikunu disponibbli mill-aktar fis possibbli wara kuntatt mas-sistema, qabel ma jibda proċess, u matul il-proċedimenti kollha. Il-prinċipju japplika għal grad saħansitra akbar meta tfal taħt l-età ta' responsabbiltà kriminali xorta jistgħu jiġu involuti fis-sistema tal-ġustizzja tat-tfal.[681]

*Il-Linji Gwida tal-KtE dwar ġustizzja adattata għat-tfal* huma direttament rilevanti għat-tfal li huma suspettati jew akkużati.[682] Għalkemm mhumiex legalment vinkolanti, il-linji gwida jirrappreżentaw pass 'il quddiem sabiex jiġi żgurat li proċedimenti ġudizzjarji, inklużi dawk parti mis-sistema tal-ġustizzja kriminali, jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal. Dawn jibnu fuq il-każistika eżistenti tal-QEDB u fuq standards legali Ewropej u internazzjonali oħrajn, bħas-CRC tan-NU, u huma għodda utli għall-professjonisti li jittrattaw mat-tfal. Skont it-Taqsima I(1), il-linji gwida japplikaw għal tfal fi proċedimenti ġudizzjarji (kriminali jew mhux kriminali) jew f'alternattivi għat-tali proċedimenti. It-taqsimiet li ġejjin huma ta' importanza speċifika għal tfal fi proċediment kriminali: id-dritt li jkollhom informazzjoni fuq akkużi kriminali spjegata kemm lill-minuri kif ukoll lill-ġenituri b'mod li jifhmu l-akkuża eżatta (it-Taqsima IV.A.1.5); id-dritt li jkunu interrogati biss fil-preżenza tal-avukat/ġenituri jew persuna ta' fiduċja (it-Taqsima C(30)); id-dritt għal proċedimenti mgħaġġla (it-Taqsima D(4)); u d-dritt għal intervisti jew smigħ sensittivi għat-tfal (it-Taqsima D(5)).

681 ECSR, *Il-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi (ICJ) vs ir-Repubblika Ċeka*, Ilment Nru. 148/2017, l-20 ta' Ottubru 2020.

682 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2010), *Linji gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal*, is-17 ta' Novembru 2010.

**Skont id-dritt internazzjonali**, l-Artikolu 40 tas-CRC jirrikonoxxi li kull minuri li kontrih ikun hemm allegazzjoni, akkuża jew rikonoxximent ta' ksur tad-dritt penali huwa intitolat li jkun ittrattat b'mod ġust li jieħu f'kunsiderazzjoni l-età tiegħu/tagħha. L-objettiv ewlieni tal-ġustizzja tal-minorenni skont l-Artikolu 40 tas-CRC huwa li jerġa' jintegra t-tfal fis-soċjetà, fejn jista' jkollhom rwol kostruttiv. L-Artikolu 40(2) tas-CRC jirrikonoxxi d-dritt tat-tfal għal proċess ġust u li t-tfal ikollhom l-istess intitolamenti addizzjonali, inkluż id-dritt li jkunu assistiti minn ġenituri, id-dritt li jappellaw u d-dritt li jkollhom il-privatezza tagħhom protetta bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-proċedimenti.

Strumenti oħrajn żviluppaw il-prinċipji tas-CRC ta' proċess ġust u d-dritt li jiġu ttrattati b'mod speċifiku għat-tfal, inkluż l-użu taċ-ċaħda tal-libertà bħala miżura tal-aħħar għażla u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq biss (ara l-Artikolu 37(b) tas-CRC), bħar-Regoli Minimi Standard tan-NU għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tal-Minorenni (ir-Regoli ta' Beijing);[683] il-Linji Gwida tan-NU għall-Prevenzjoni tad-Delinkwenza tal-Minorenni (il-Linji Gwida ta' Riyadh);[684] u r-Regoli tan-NU għall-Protezzjoni tal-Minorenni Mċaħħda mil-Libertà tagħhom (ir-Regoli ta' Havana)[685]. Ir-Regoli ta' Beijing jipprovdu tutela dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 40 tar-rekwiżiti ta' proċess ġust u trattament speċifiku għat tfal tas-CRC, inkluż l-għan tal-ġustizzja tal-minorenni, il-protezzjoni tal-privatezza, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, detenzjoni qabel il-proċess, aġġudikazzjoni u dispożizzjoni, u trattament istituzzjonali u mhux istituzzjonali. Ir-Regoli ta' Havana jikkonċernaw it-trattament ta' minorenni mċaħħda mil-libertà tagħhom u jinkludu regoli fir-rigward tad-definizzjoni tal-privazzjoni tal-libertà, kustodja tal-pulizija u detenzjoni qabel il-proċess, kundizzjonijiet ta' istituzzjoni għal minorenni, proċeduri dixxiplinarji, metodi ta' skrining u l-użu ta' forza jew trażżin, mekkaniżmi ta' lmenti, mekkaniżmi ta' inspezzjoni jew monitoraġġ u l-integrazzjoni mill-ġdid tal-minorenni. Fl-aħħar nett, il-Linji Gwida ta' Riyadh jipprovdu gwida dettaljata rigward il-politiki ta' prevenzjoni tad-delinkwenza tal-minorenni.

683 In-Nazzjonijiet Uniti, l-Assemblea Ġenerali (AĠ) (1985), Regoli Minimi Standard tan-NU għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja fil-Konfront tal-Minorenni, Dok. tan-NU. AĠ Res. 40/33, id-19 ta' Novembru 1985.

684 In-Nazzjonijiet Uniti, l-Assemblea Ġenerali (AĠ) (1990), *Linji Gwida tan-NU dwar il-Prevenzjoni tad-Delinkwenza fost il-Minorenni,* Dok. tan-NU. AĠ Res. 45/112, l-14 ta' Diċembru 1990.

685 In-Nazzjonijiet Uniti, l-Assemblea Ġenerali (AĠ) (1990), Regoli tan-NU għall-Protezzjoni tal-Minorenni Mċaħħda mil-Libertà, Dok. tan-NU. AĠ Res. 45/113, l-14 ta' Diċembru 1990.

Il-UNCRC ħareġ il-Kumment Ġenerali Nru. 10 dwar it-tfal u l-ġustizzja tal-minorenni, li joffri gwida dettaljata dwar kif għandha tiġi interpretata u implimentata s-CRC f'dak li jirrigwarda l-ġustizzja tal-minorenni.[686] Il-kumment jittratta l-prinċipji importanti tal-ġustizzja tal-minorenni, inkluż id-dritt għal parteċipazzjoni effettiva bħala parti mid-dritt għal proċess ġust (għal aktar informazzjoni, ara t-Taqsima 11.1.1), l-użu tat-tiċħid tal-libertà bħala l-aħħar rimedju u għall-iqsar żmien possibbli, l-użu tad-diverżjoni u l-prevenzjoni ta' delinkwenza minorenni, l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal u l-prinċipju tan-nondiskriminazjoni fis-sistema ġudizzjarja tal-minorenni, u l-limiti ta' età. Fil-Kumment Ġenerali tiegħu dwar id-drittijiet tat-tfal fis-sistema tal-ġustizzja (Nru. 24), il-UNCRC jirrakkomanda li l-età minima ta' responsabbiltà kriminali tiġi stabbilita għal 14-il sena, jew preferibbilment ogħla.[687] Jirrakkomanda wkoll li t-tfal kollha jingħataw id-dritt li jkunu ttrattati fi ħdan il-kuntest ta' ġustizzja tal-minorenni u tipprojbixxi t-trasferiment ta' tfal ta 16 u 17-il sena għas-sistema kriminali tal-adulti f'każijiet ta' reati serji.[688] Kummenti ġenerali oħrajn tal-Kumitat tas-CRC, pereżempju fir-rigward tad-dritt li wieħed jinstema'[689], li huwa marbut mad-dritt għal parteċipazzjoni effettiva fi proċedimenti tal-ġustizzja, u l-protezzjoni kontra kull forma ta' vjolenza[690], huma wkoll rilevanti għall-ġustizzja tal-minorenni.

## 11.1.1. Parteċipazzjoni effettiva

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 47 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali jistabbilixxi garanziji simili għal dawk ipprovduti taħt l-Artikolu 6 tal-KEDB, inkluż id-dritt għal smigħ ġust u pubbliku u fi żmien raġonevoli minn tribunali indipendenti u imparzjali, id-dritt għal rappreżentanza legali u d-dritt għal rimedji effettivi. Id-Direttiva dwar il-Garanziji Proċedurali dwar garanziji proċedurali

686 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2007), *Kumment Ġenerali Nru. 10 (2007) dwar id-drittijiet tat-tfal fil-ġustizzja għall-minorenni*, CRC/C/GC/07, il-25 ta' April 2007; in-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2016), *Kumment Ġenerali Nru. 19 (2016) dwar l-ibbaġitjar pubbliku għar-realizzazzjoni tad-drittijiet tat-tfal*, CRC/C/GC/19, l-20 ta' Lulju 2016.

687 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2019), *Kumment Ġenerali Nru. 24 (2019) dwar id-drittijiet tat-tfal fis-sistema tal-ġustizzja għat-tfal*, CRC/C/GC/24, it-18 ta' Settembru 2019, it-Taqsima C.

688 *Ibid.*

689 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC) (2009), *Kumment Ġenerali Nru. 12 (2009) dwar id-dritt tat-tfal li jiġu mismugħa*, CRC/C/GC/12, l-1 ta' Lulju 2009.

690 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2011), *Kumment Ġenerali Nru. 13 (2011) dwar id-dritt tat-tfal għal-libertà minn kull forma ta' vjolenza*, CRC/C/GC/13, it-18 ta' April 2011.

għal tfal suspettati jew akkużati kriminalment tinkludi d-dritt għal parteċipazzjoni effettiva, inkluż fil-valutazzjoni individwali, kif ukoll id-dritt għal rappreżentanza legali.[691]

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB elaborat skont l-Artikolu 6 tal-KEDB rekwiżiti speċifiċi sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni effettiva tat-tfal fi proċessi kriminali. Bħala regola ġenerali, il-proċedimenti għandhom jiżguraw li jitqiesu l-età, il-livell ta' maturità u l-kapaċitajiet emozzjonali tal-wild minuri.[692] Eżempji konkreti ta' rekwiżiti ta' "parteċipazzjoni effettiva" jinkludu l-preżenza tat-tfal waqt is-smigħ, laqgħat *in camera*, pubbliċità limitata waqt il-proċess, li jiġi żgurat li l-minuri jifhem x'hemm involut u formalità limitata tas-seduti tal-qorti. Sa issa l-QEDB ma ddeċidietx li l-istabbiliment ta' età baxxa wisq għar-responsabbiltà kriminali tikkostitwixxi fiha nfisha ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB. Meta tivvaluta jekk il-minuri setax jipparteċipa effettivament fil-proċedimenti nazzjonali l-QEDB tħares lejn iċ-ċirkostanzi konkreti ta' kull każ.

Eżempju: Il-kawża ta' *T. vs ir-Renju Unit*[693] tikkonċerna l-omiċidju ta' tarbija ta' sentejn minn żewġ subien ta' għaxar snin. Dawn tressqu għal proċess pubbliku taħt attenzjoni kbira mill-media. Il-proċedura tal-qorti kienet immodifikata parzjalment, fis-sens li saru sessjonijiet iqsar, il-ġenituri tar-rikorrent tħallew joqgħodu qribu, u żona tal-logħob kienet disponibbli waqt il-pawżi, eċċ. Madankollu, ir-rikorrent u l-koakkużat tiegħu kienu pproċessati f'qorti tal-adulti, u ħafna mill-formalitajiet tal-proċess kriminali nżammu. Il-QEDB sostniet li r-rikorrent ma setax jipparteċipa b'mod effettiv fil-proċedimenti minħabba l-pubbliċita' tas-sessjonijiet flimkien mal-livell għoli tal-attenzjoni tal-media u l-kapaċità limitata tiegħu li jordna l-avukati tiegħu u jipprovdi xiehda adegwati. Id-drittijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tal-KEDB b'hekk kienu miksura.

Ir-rikonoxximent tad-dritt għal parteċipazzjoni effettiva huwa wkoll fil-qofol tal-*Linji gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal* tal-KtE. Il-ġustizzja għat-tfal, inkluża l-gustizzja tal-minorenni, għandhom ikunu "aċċessibbli, ta' età xierqa, mgħaġġla, diliġenti, adattati għal u ffukati fuq il-bżonnijiet u d-drittijiet

691 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2016), Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU 2016 L 132/1.

692 QEDB, *T. vs ir-Renju Unit* [GC], Nru. 24724/94, is-16 ta' Diċembru 1999, il-punt 61.

693 QEDB, *T. vs ir-Renju Unit* [GC], Nru. 24724/94, is-16 ta' Diċembru 1999.

tat-tfal, waqt li jirrispettaw id-drittijiet tat-tfal inkluż id-dritt għal proċess xieraq, biex jieħdu sehem fil-proċeduri u jifhmuhom, b'rispetta għalll-ħajja privata u tal-familja u għall-integrità u d-dinjità".[694] Il-linji gwida jipprovdu tutela speċifika fuq kif it-tfal għandhom jiġu ttrattati waqt ġustizzja tal-minorenni jew proċedimenti oħra tal-ġustizzja. It-tfal għandu jkollhom aċċess għal qorti u proċedimenti ġudizzjarji, u d-drittijiet tagħhom għal konsulenza u rappreżentanza legali u li jkunu mismugħa u jesprimu l-opinjonijiet tagħhom għandhom ikunu salvagwardjati; dewmien żejjed għandu jkun evitat, il-proċedimenti għandhom ikunu organizzati b'mod adattat għat-tfal (li jaffettwa l-ambjent u l-lingwa) u salvagwardji speċjali għandhom ikunu fis-seħħ biex jieħdu u jirrispondu għal evidenza/dikjarazzjonijiet ipprovduti mit-tfal.[695] Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote tistipula li l-parteċipazzjoni effettiva tat-tfal fil-proċedimenti trid tkun "ittrattata bħala prijorità u titwettaq mingħajr dewmien mhux iġġustifikat". Hija tipprovdi wkoll regoli għall-intervisti mat-tfal, li jridu jitwettqu mingħajr dewmien mhux iġġustifikat, minn professjonisti mħarrġa għal dan l-iskop u f'bini maħsub għal dan l-iskop.

## 11.1.2. Aċċess għal avukat

**Skont id-dritt tal-UE**, id-Direttiva dwar l-Aċċess għal Avukat tinkludi referenza għat-tfal fil-premessi 52 u 55 tal-preambolu tagħha, kif ukoll fl-Artikolu 5(2)–(4).[696] Skont il-Premessa 55 u l-Artikolu 5(2), jekk minuri huwa mċaħħad mil-libertà, min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri għandu jkun mgħarraf u mogħti r-raġunijiet, sakemm dan ma jkunx kontra l-aħjar interessi tal-minuri. Fil-każ aħħari, adult xieraq ieħor għandu jkun infurmat. L-Artikolu 3(3) jistabbilixxi li aċċess għal avukat jinkludi d-dritt tal-persuni suspettati/akkużati li jiltaqgħu u jikkomunikaw mal-avukat fil-privat, inkluż qabel l-ewwel interrogazzjoni, il-preżenza u l-parteċipazzjoni effettiva tal-akkużat waqt l-interrogazzjoni u l-preżenza tal-avukat waqt diversi atti investigattivi jew ta' ġbir ta' evidenza. Skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Garanziji Proċedurali, it-tfal iridu jiġu assistiti minn avukat, mill-aktar punt kmieni minn dawn li ġejjin: (a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew

694 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2010), *Linji gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal*, is-17 ta' Novembru 2010, il-para. II. C.

695 *Ibid.*, it-Taqsima D.

696 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2013), id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, ĠU 2013 L 294/1.

ġudizzjarja; (b) meta l-awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħrajn iwettqu att investigattiv; (c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà; (d) meta jkunu ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li jkollha ġuriżdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien xieraq qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.[697] Jekk ma jkunx hemm avukat preżenti, l-awtoritajiet kompetenti jridu jipposponu l-interrogazzjoni tal-wild minuri, jew atti investigattivi jew ta' ġbir ta' provi oħrajn, għal żmien raġonevoli biex jippermettu l-wasla tal-avukat jew, jekk il-wild minuri ma jkunx innomina avukat, sabiex jiġi ingaġġat avukat għall-wild minuri (l-Artikolu 6(7)).

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB tikkonsidra l-aċċess għal avukat bħala wieħed mill-elementi fundamentali tad-dritt għal proċess ġust.[698] Individwi akkużati b'reati kriminali għandhom id-dritt għal aċċess għal avukat mill-istadji bikrin ta' investigazzjoni tal-pulizija. Dak id-dritt jista' jkun limitat f'ċirkostanzi eċċezzjonali, sakemm il-limitazzjonijiet ma jippreġudikawx indebitament id-drittijiet tal-akkużat. L-iskrutinju tal-QEDB dwar jekk rikorrent kellux aċċess effettiv għal avukat huwa iktar strett f'każijiet li jinvolvu tfal.[699]

Eżempju: Il-kawża *Panovits vs Ċipru*[700] tikkonċerna żagħżugħ ta' 17-il sena li kien akkużat b'omiċidju u serqa. Huwa ttieħed l-għassa tal-pulizija, akkumpanjat minn missieru. Imbagħad kien arrestat u meħud f'kamra separata għal interrogazzjoni, fin-nuqqas ta' missieru jew avukat. Filwaqt li r-rikorrent kien qed ikun interrogat, missieru kien infurmat bid-dritt tar-rikorrent li jikkuntattja avukat. Ftit minuti wara, il-missier kien mgħarraf li sadattant ibnu kien ammetta li wettaq ir-reat. Il-QEDB sabet li, fid-dawl tal-età tiegħu, ir-rikorrent ma setax ikun ikkunsidrat li huwa konxju tad-dritt tiegħu għal rappreżentanza legali qabel jagħmel kwalunkwe dikjarazzjoni. Kien ukoll improbabbli li seta' evalwa b'mod raġonevoli l-konsegwenzi li jkun hemm jekk jiġi interrogat mingħajr l-assistenza ta' avukat

697 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2016), Id-Direttiva 2016/800/UE tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU 2016 L 132/1, l-Artikolu 6.

698 QEDB, *Salduz vs it-Turkija* [GC], Nru. 36391/02, is-27 ta' Novembru 2008, il-punt 51; QEDB, *Ibrahim u Oħrajn vs ir-Renju Unit* [GC], Nri. 50541/08 et al., it-13 ta' Settembru 2016; QEDB, *Beuze vs il-Belġju*, Nru. 71409/10, id-9 ta' Novembru 2018.

699 QEDB, *Salduz vs it-Turkija* [GC], Nru. 36391/02, is-27 ta' Novembru 2008, il-punt 60; ara wkoll l-ECSR, *il-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi (ICJ) vs ir-Repubblika Ċeka*, Ilment Nru. 148/2017, l-20 ta' Ottubru 2020.

700 QEDB, *Panovits vs Ċipru*, Nru. 4268/04, il-11 ta' Diċembru 2008.

fi proċedimenti kriminali li jikkonċernaw omiċidju. Għalkemm l-awtoritajiet dehru li kienu l-ħin kollu lesti li jippermettu lir-rikorrent li jkun assistit minn avukat jekk jitlob hekk, huma naqsu milli jgħarrfuh dwar id-dritt tiegħu li jitlob l-assenjazzjoni ta' avukat mingħajr ħlas jekk meħtieġ. M'hemm l-ebda evidenza li r-rikorrent jew missieru rrinunzjaw id-dritt tagħhom għal assistenza legali espressament u b'mod inekwivoku. Konsegwentement, il-Qorti sabet ksur tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-KEDB.

## 11.2. Drittijiet ta' delinkwenti żgħażagħ fir-rigward ta' detenzjoni

### Punti ewlenin

- It-tfal jistgħu jiċċaħħdu mil-libertà tagħhom biss bħala l-aħħar rimedju u għall-iqsar żmien possibbli fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti ġudizzjarji.
- Jekk jinżammu f'detenzjoni, it-tfal għandhom ikunu ttrattati b'mod xieraq skont l-età tagħhom u b'rispett għad-dinjità tagħhom.
- It-tfal m'għandhomx jinżammu f'detenzjoni flimkien ma' adulti.
- L-alternattivi għad-detenzjoni għandhom dejjem jiġu kkunsidrati.

Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà. It-tiċħid mill-libertà b'hekk tikkostitwixxi eċċezzjoni u tinkludi kwalunkwe forma ta' tqegħid f'istituzzjoni b'deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, li minnha l-minorenni mhuwiex permess li jitlaq minn jeddu.[701] Minħabba l-importanza li tissalvagwardja d-drittijiet tat-tfal, inkluż l-aħjar interessi tagħhom, sitwazzjonijiet ta' tiċħid tal-libertà għandhom ikunu kkunsidrati minn dik il-perspettiva partikolari meta jikkonċernaw tfal.

Filwaqt li d-detenzjoni sseħħ f'diversi ċirkostanzi, din it-taqsima tiffoka fuq tfal f'kuntatt mas-sistemi tal-ġustizzja kriminali.

701 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2008), Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2008)11 dwar ir-Regoli Ewropej għal delinkwenti minorenni soġġetti għal sanzjonijiet jew miżuri, il-5 ta' Novembru 2008, ir-Regola 21.5.

Strumenti internazzjonali universali jaffermaw li d-detenzjoni għandha tkun l-aħħar rimedju. Dan ifisser li awtoritajiet statali affaċċjati bil-kwistjoni tat-tqegħid ta' minuri f'detenzjoni għandhom l-ewwel jagħtu kunsiderazzjoni adegwata lil alternattivi biex jipproteġu l-aħjar interessi tal-minuri, kif ukoll biex ikomplu l-integrazzjoni mill-ġdid tal-minuri (l-Artikolu 40(1) tas-CRC). Alternattivi jistgħu jinkludu, pereżempju: "ordnijiet ta' ħarsien, gwida u superviżjoni; pariri; probation; foster care; programmi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ vokazzjonali" (l-Artikolu 40(4) tas-CRC). Id-detenzjoni għandha tiġi kkunsidrata biss meta l-alternattivi ma jkunux vijabbli. Barra dan, id-detenzjoni għandha tkun ordnata biss għall-iqsar żmien possibbli u taħt garanziji sostantivi u proċedurali xierqa. Fid-dawl tal-età u l-vulnerabbiltà tagħhom, it-tfal jibbenefikaw minn drittijiet u garanziji speċjali meta mqiegħda f'detenzjoni.

## 11.2.1. Forom ta' detenzjoni (garanziji sostantivi u proċedurali)

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Garanziji Proċedurali jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li ċ-ċaħda tal-libertà ta' wild minuri fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti tkun limitata għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq.[702] Għandhom jitqiesu kif xieraq l-età u ċ-ċirkostanzi individwali tal-każ. L-Istati Membri jridu jiżguraw li d-detenzjoni tiġi imposta fuq it-tfal biss bħala miżura tal-aħħar għażla u li kwalunkwe detenzjoni tkun ibbażata fuq deċiżjoni motivata, soġġetta għal rieżami ġudizzjarju minn qorti. Tali deċiżjoni trid tkun soġġetta wkoll għal rieżami perjodiku, f'intervalli ta' żmien raġonevoli, minn qorti, *ex officio* jew wara talba. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn possibbli, l-awtoritajiet kompetenti jirrikorru għal miżuri alternattivi għad-detenzjoni.[703]

**Skont id-dritt tal-KtE**, l-Artikolu 5 tal-KEDB jipprevedi li kulħadd għandu d-dritt għal-libertà. Id-detenzjoni hija eċċezzjoni li għandha tkun prevista mil-liġi nazzjonali u m'għandhiex tkun arbitrarja. Minbarra dan, id-detenzjoni għandha tkun iġġustifikata taħt waħda mis-sitt sitwazzjonijiet eżawrjenti mniżżla taħt l-Artikolu 5(1)(a) sa (f). Id-detenzjoni tat-tfal f'kuntatt mas-sistema tal-ġustizzja kriminali tista' tkun ġustifikata taħt il-paragrafi (a) detenzjoni wara

702 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2016), Id-Direttiva 2016/800/UE tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU 2016 L 132/1, l-Artikolu 10.

703 *Ibid.*, l-Artikolu 11; ara wkoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 6.

kundanna minn qorti kompetenti; (c) detenzjoni qabel il-proċess; jew (d) detenzjoni għall-għan ta' superviżjoni edukattiva b'mod partikolari. L-aħħar tnejn għandhom ikunu analizzati, peress li taw lok għal dmirijiet speċifiċi għall-awtoritajiet statali.

## Detenzjoni qabel il-proċess

"Detenzjoni qabel il-proċess" tirreferi għal sitwazzjonijiet fejn individwi jittieħdu fil-kustodja tal-pulizija fuq suspett li kkomettew reat kriminali, jew jinżammu f'kustodja proviżorja. Tibda meta individwu jittieħed f'kustodja u tispiċċa bid-determinazzjoni fuq il-merti tal-każ minn qorti tal-prim'istanza.[704] Fil-waqt li t-tfal jibbenefikaw mill-istess garanziji bħal adulti, il-QEDB stabbilixxiet diversi prinċipji addizzjonali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tat-tfal fi proċedimenti kriminali domestiċi.

Il-QEDB ġeneralment interpretat l-Artikolu 5(1)(c) u l-Artikolu 5(3) bħala li jeħtieġu li persuna titqiegħed f'detenzjoni qabel il-proċess biss jekk hemm suspett raġonevoli li hija kkommettiet reat kriminali. Barra minn hekk, detenzjoni qabel il-proċess m'għandhiex taqbeż żmien raġonevoli u għandha tkun riveduta f'intervalli raġonevoli. Iktar ma jkun twil il-perjodu ta' detenzjoni, iktar għandhom ikunu b'saħħithom ir-raġunijiet imressqa mill-awtoritajiet biex jiġġustifikawh. Skont il-każistika tal-QEDB, persuna akkużata b'reat għandha dejjem tkun rilaxxata sakemm tkun pendenti l-kawża, ħlief jekk l-istat jista' juri li hemm raġunijiet "rilevanti u suffiċjenti" li jiġġustifikaw id-detenzjoni kontinwa.[705]

Xi wħud mir-raġunijiet aċċettabbli għar-rifjut ta' pleġġ lid-detenut f'każijiet ta' detenzjoni qabel il-proċess jinkludu r-riskju ta' ħarba, li tiġi ppreġudikata l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u li jiġu kommessi aktar reati jew tiġi kkawżata diżordni pubblika. Minbarra dan, il-kontinwazzjoni tad-detenzjoni qabel il-proċess għandha tkun strettament neċessarja, u l-istat għandu jeżamina l-fatti kollha li jargumentaw favur jew kontra l-eżistenza ta' rekwiżit ġenwin ta' interess pubbliku li jiġġustifika tiċħid kontinwu tal-libertà.[706]

704 QEDB, *Idalov vs ir-Russja*, Nru. 5826/03, it-22 ta' Mejju 2012, il-punt 112.

705 QEDB, *Smirnova vs ir-Russja,* Nru. 46133/99 u 48183/99, l-24 ta' Lulju 2003, il-punt 58.

706 *Ibid.*, il-punti 58–59; QEDB, *Ladent vs il-Polonja*, Nru. 11036/03, it-18 ta' Marzu 2008, il-punt 55.

F'każijiet li jinvolvu tfal, il-QEDB tinkariga li l-awtoritajiet statali għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-età tal-minuri meta qed jibbilanċjaw l-argumenti rilevanti favur jew kontra d-detenzjoni qabel il-proċess; għandha tintuża bħala l-aħħar rimedju u għall-iqsar żmien possibbli.[707] Dan jimplika li l-awtoritajiet għandhom jikkunsidraw alternattivi għad-detenzjoni qabel il-proċess.[708] Barra minn hekk, l-awtoritajiet statali għandhom juru diliġenza speċjali sabiex it-tfal jiġu pproċessati fi żmien raġonevoli.[709]

Eżempju: F'*Nart vs it-Turkija*[710], r-rikorrent ta' 17-il sena kien arrestat fuq suspett li seraq ħanut tal-merċa. Huwa tqiegħed f'detenzjoni qabel il-proċess, f'ħabs tal-adulti, għal 48 ġurnata. B'referenza partikolari għall-fatt li r-rikorrent kien minuri, il-QEDB ddikjarat li "detenzjoni qabel il-proċess ta' minuri għandha tkun użata biss bħala l-aħħar rimedju; għandha tkun l-iqsar possibbli u, fejn id-detenzjoni hija strettament neċessarja, il-minuri m'għandhomx jinżammu mal-adulti".[711] F'dan il-każ partikolari l-awtoritajiet ippruvaw jiġġustifikaw id-detenzjoni qabel il-proċess fuq il-bażi tal-'istat ta' evidenza', imma l-QEDB sabet li din ir-raġuni waħedha ma setgħetx tiġġustifika t-tul tad-detenzjoni tar-rikorrent. Konsegwentement, il-Qorti sabet ksur tal-Artikolu 5 (3) tal-KEDB.

## Detenzjoni għall-għan ta' sorveljanza edukattiva

Din il-forma ta' detenzjoni ġiet ordnata f'sitwazzjonijiet fejn il-minuri għandu ħtieġa partikolari għal sorveljanza edukattiva minħabba personalità mfixkla u mġiba vjolenti. L-Artikolu 5(1)(d) tal-KEDB primarjament jimmira forom ta' detenzjoni barra mill-ambitu tas-sistema ta' ġustizzja tal-minorenni.

707 QEDB, *Korneykova vs l-Ukrajna*, Nru. 39884/05, id-19 ta' Jannar 2012, il-punti 43-44. Ara wkoll il-QEDB, *Selçuk vs it-Turkija*, Nru. 21768/02, l-10 ta' Jannar 2006, il-punti 35–36; QEDB, *J.M. vs id-Danimarka*, Nru. 34421/09, it-13 ta' Novembru 2012, il-punt 63.

708 QEDB, *Dinç u Çakır vs it-Turkija*, Nru. 66066/09, id-9 ta' Lulju 2013, il-punt 63; QEDB, *Güveç vs it-Turkija*, Nru. 70337/01, l-20 ta' Jannar 2009, il-punt 108.

709 QEDB, *Kuptsov u Kuptsova vs ir-Russja*, Nru. 6110/03, it-3 ta' Marzu 2011, il-punt 91; ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2020), Konklużjonijiet Annwali 2019, l-24 ta' Marzu 2020.

710 QEDB, *Nart vs it-Turkija*, Nru. 20817/04, is-6 ta' Mejju 2008.

711 *Ibid.*, il-punt 31.

Eżempju: Fil-kawża *Blokhin vs ir-Russja*[712], tifel ta' 12-il sena li jbati minn kundizzjoni ta' iperattività u nuqqas ta' konċentrazzjoni ġie arrestat u ttieħed f'għassa tal-pulizija fuq suspett ta' estorsjoni ta' flus mingħand tifel ieħor. Billi huwa ma setax jiġi mħarrek skont il-liġi domestika, qorti ordnat it-tqegħid tiegħu f'ċentru ta' detenzjoni temporanju għal delinkwenti minorenni għal 30 jum biex "jikkoreġi l-imġiba tiegħu" u jinżamm milli jikkommetti aktar atti ta' delinkwenza. Filwaqt li fakkret li d-detenzjoni għall-iskop ta' superviżjoni edukattiva trid issir f'faċilità xierqa bir-riżorsi biex jintlaħqu l-objettivi edukattivi u r-rekwiżiti tas-sigurtà meħtieġa, il-QEDB innotat li l-ebda waħda mill-qrati domestiċi ma kienet iddikjarat li t-tqegħid tar-rikorrent fil-faċilità ta' korrezzjoni kien għal skopijiet edukattivi. Hija lanqas ma rat kif tista' tiġi pprovduta kwalunkwe superviżjoni edukattiva sinifikanti biex tinbidel l-imġiba tat-tifel u jiġu offruti trattament u riabilitazzjoni xierqa matul perjodu massimu ta' 30 jum. Instab ksur tal-Artikolu 5.

Eżempju: Il-kawża *Bouamar vs il-Belġju*[713] tikkonċerna t-tqegħid ta' minuri f'ħabs f'disa' okkażjonijiet għal perjodi ta' madwar 15-il ġurnata. Ir-rikorrent kien adolexxenti kkunsidrat li għandu personalità mfixkla u mġiba vjolenti. Il-Gvern Belġjan issottometta li kien imqiegħed fil-ħabs għall-iskop ta' sorveljanza edukattiva. Il-QEDB innutat li tqegħid interim f'ħabs mhuwiex fih innifsu kontra l-Artikolu 5(1)(d), sakemm l-awtoritajiet isegwu l-għan ta' tqegħid tal-minorenni taħt sorveljanza edukattiva. Madankollu, il-QEDB sabet li fil-każ tar-rikorrent, l-awtoritajiet naqsu milli juru li kellhom l-intenzjoni jew il-possibbiltà li jqiegħduh f'istituzzjoni fejn seta' jibbenefika minn sorveljanza edukattiva. Konsegwentement, il-QEDB sabet ksur tal-Artikolu 5(1)(d) tal-KEDB.

Eżempju: *D.G. vs l-Irlanda*[714] tikkonċerna t-tqegħid ta' wild minuri f'ċentru ta' detenzjoni, mingħajr akkuża jew kundanna. Ir-rikorrent kellu disturb serju tal-personalità. Il-QEDB sostniet li, fil-kuntest tad-detenzjoni tat-tfal, il-kunċett ta' "superviżjoni edukattiva" ma għandux jiġi assimilat strettament ma' kunċetti ta' tagħlim fil-klassi. Sorveljanza edukattiva timplika ħafna aspetti tal-eżerċitar tad-drittijiet tal-ġenituri mill-awtorità lokali u għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-wild minuri. Il-QEDB sostniet ukoll

712 QEDB, *Blokhin vs ir-Russja*, Nru. 47152/06, it-23 ta' Marzu 2016.

713 QEDB, *Bouamar vs il-Belġju*, Nru. 9106/80, id-29 ta' Frar 1988.

714 QEDB, *D.G. vs l-Irlanda*, Nru. 39474/98, is-16 ta' Mejju 2002.

li huwa permissibbli għall-awtoritajiet domestiċi li jqiegħdu minorenni f'faċilitajiet ta' detenzjoni fuq bażi temporanja sakemm tinsab akkomodazzjoni xierqa, kemm-il darba dan iseħħ malajr. Fil-każ tar-rikorrent ir-rekwiżit ta' ħeffa ma ntlaħaqx peress li huwa tqiegħed f'akkomodazzjoni xierqa iktar minn sitt xhur wara l-ħelsien tiegħu mid-detenzjoni. Għalhekk, il-QEDB ikkonkludiet li d-detenzjoni tar-rikorrent ma kinitx kompatibbli mal-Artikolu 5(1)(d) tal-KEDB.

## Appelli għal detenzjoni, ħeffa tar-reviżjoni u aċċess għal avukat

Il-QEDB teħtieġ diliġenza partikolari minn awtoritajiet nazzjonali f'każijiet li jinvolvu tfal f'detenzjoni. B'żieda mal-garanziji msemmija hawn fuq, awtoritajiet statali għandhom jiżguraw li t-tfal ikollhom id-dritt li jikkontestaw il-legalità tad-detenzjoni f'intervalli raġonevoli, u li jkollhom aċċess għal avukat matul il-proċedimenti li jiddeterminaw il-legalità tad-detenzjoni tagħhom. Barra minn hekk, dawn l-isfidi legali għandhom ikunu deċiżi malajr minn qrati domestiċi. Il-QEDB toħroġ dawn il-garanziji proċedurali mit-test tal-Artikolu 5(4) tal-KEDB.

Eżempju: F'*Bouamar vs il-Belġju*[715], il-QEDB sabet ksur tal-Artikolu 5(4) għaliex: is-smigħ għad-determinazzjoni tad-detenzjoni tar-rikorrent seħħ fin-nuqqas tal-avukati tiegħu, ma kinux deċiżi malajr; ma kien hemm ebda deċiżjoni attwali tal-"legalità tad-detenzjoni", peress li l-qrati nazzjonali ma laqgħux l-appelli tar-rikorrent għaliex saru mingħajr skop.

# 11.2.2. Kundizzjonijiet tad-detenzjoni

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jipprojbixxi t-tortura u t-trattament inuman jew degradanti. Madankollu, peress li l-Karta tapplika biss fi ħdan id-dritt tal-UE, din id-dispożizzjoni għandha tintrabat ma' strument legal ieħor tal-UE li jittratta d-detenzjoni sabiex torbot lill-Istati Membri f'dan ir-rigward.

Id-Direttiva dwar il-Garanziji Proċedurali tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li t-tfal miżmuma f'detenzjoni jinżammu separatament mill-adulti, sakemm ma jitqiesx li jkun fl-aħjar interessi tat-tfal li ma jsirx dan, inkluż waqt li jkunu taħt

715 QEDB, *Bouamar vs il-Belġju*, Nru. 9106/80, id-29 ta' Frar 1988.

il-kustodja tal-pulizija.[716] Meta wild minuri detenut jilħaq l-età ta' 18-il sena, l-Istati Membri jridu jipprevedu l-possibbiltà li jkomplu jżommu lil dik il-persuna separatament minn adulti detenuti oħrajn biss jekk dan ikun kompatibbli mal-aħjar interessi tat-tfal li jkunu detenuti ma' dik il-persuna. Meta t-tfal ikunu detenuti, l-Istati Membri jridu jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw is-saħħa u l-iżvilupp fiżiku u mentali tagħhom; id-dritt tagħhom għall-edukazzjoni u t-taħriġ; id-dritt tagħhom għall-ħajja tal-familja; l-aċċess għal programmi ta' riintegrazzjoni; u r-rispett għal-libertà ta' reliġjon jew twemmin tagħhom. Il-miżuri meħuda jridu jkunu proporzjonati u xierqa għad-durata tad-detenzjoni.

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB sabet li d-detenzjoni tat-tfal flimkien ma' adulti tista' twassal għal ksur tal-Artikolu 3[717] jew tal-Artikolu 5 tal-KEDB.[718] Barra minn hekk, nuqqas ta' kura medika f'detenzjoni tista' wkoll tqajjem kwistjonijiet skont l-Artikolu 3.[719] Aspetti oħra li jistgħu potenzjalment iqajmu kwistjonijiet skont l-Artikolu 3 jinkludu spazju disponibbli fiċ-ċella, dawl u attivitajiet rikreattivi.[720] Fil-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni mal-istandards tal-Artikolu 3 tal-KEDB, il-QEDB ħafna drabi toqgħod fuq is-sett ta' standards żviluppati mill-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u ta' Trattament jew Kastigi Inumani jew Degradanti, li jħares il-kundizzjonijiet tal-ħabs taħt il-kappa tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Prevenzjoni tat-Tortura u ta' Trattament jew Kastigi Inumani jew Degradanti billi jagħmel żjarat fuq il-post lil Stati membri tal-KtE.

> Eżempju: F'*Güveç vs it-Turkija*[721], tifel ta' 15-il sena kien arrestat fuq suspett ta' sħubija fil-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (PKK). Huwa kien miżmum mill-Qorti tas-Sigurtà Statali f'ħabs għal adulti għall-ħames snin. Il-QEDB osservat li d-detenzjoni tiegħu kisret regolamenti u obbligi Torok taħt it-trattati internazzjonali, inkluż, fost oħrajn, l-Artikolu 37(c) tas-CRC, li jeħtieġ li t-tfal jinżammu separati mill-adulti. Il-Qorti nnutat ukoll li r-rikorrent beda jkollu problemi psikoloġiċi fil-ħabs, u b'riżultat ta' dan huwa

716 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2016), Id-Direttiva (UE) 2016/800/UE tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU 2016 L 132/1, l-Artikolu 12.

717 QEDB, *Güveç vs it-Turkija*, Nru. 70337/01, l-20 ta' Jannar 2009.

718 QEDB, *Nart vs it-Turkija*, Nru. 20817/04, is-6 ta' Mejju 2008.

719 QEDB, *Güveç vs it-Turkija*, Nru. 70337/01, l-20 ta' Jannar 2009.

720 QEDB, *Kuptsov u Kuptsova vs ir-Russja*, Nru. 6110/03, it-3 ta' Marzu 2011, il-punt 70.

721 QEDB, *Güveç vs it-Turkija*, Nru. 70337/01, l-20 ta' Jannar 2009.

pprova ripetutament jikkommetti suwiċidju. Minbarra dan, l-awtoritajiet naqsu milli jipprovdu r-rikorrent b'kura medika adegwata. Konsegwentement, minħabba l-età tar-rikorrent, it-tul tad-detenzjoni tiegħu f'ħabs flimkien ma' adulti, in-nuqqas tal-awtoritajiet li jipprovdu kura medika adegwata għall-problemi psikoloġiċi tiegħu, u n-nuqqas tagħhom li jieħdu passi biex jipprevjenu l-attentati ripetuti tiegħu li jikkommetti suwiċidju, il-QEDB ma kellhiex dubju li r-rikorrent kien soġġett għal trattament inuman u degradanti. Għaldaqstant kien hemm ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB.

L-ECSR konsistentement interpreta l-Artikolu 17 tal-ESC fis-sens li jekk tfal ikunu detenuti jew f'ħabs, għandhom ikunu separati mill-adulti.[722]

Ir-Regoli Ewropej tal-KtE għal delinkwenti minorenni soġġetti għal sanzjonijiet jew miżuri jipprovdu gwida dettaljata dwar il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni. Jipprevedu wkoll li minorenni m'għandhomx jinżammu f'istituzzjonijiet għal adulti, imma f'istituzzjonijiet imfassla speċjalment għalihom.[723]

Skont id-dritt internazzjonali, is-CRC fiha dispożizzjoni separata fuq id-deprivazzjoni tal-libertà tat-tfal, li tiddikjara li t-tfal għandhom jinżammu separati mill-adulti, sakemm ma jkunx fl-aħjar interessi tagħhom li jsir hekk (l-Artikolu 37(c) tas-CRC). Dan l-artikolu jistipula wkoll li t-tfal, fil-prinċipju, għandhom id-dritt li jżommu kuntatt mal-familja tagħhom permezz ta' korrispondenza jew żjarat.

## 11.2.3. Protezzjoni kontra abbuż jew trattament ħażin

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB ripetutament saħqet li l-awtoritajiet domestiċi huma responsabbli li jipproteġu persuni f'detenzjoni minn mewt, abbuż jew trattament ħażin ikkawżat minn ħabsin oħra jew mill-awtoritajiet stess. L-obbligi tal-Istati f'dan ir-rigward huma partikolarment b'saħħithom, minħabba li d-detenuti huma taħt l-awtorità u l-kontroll tal-istat.[724] Minbarra li jieħdu miżuri

722 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2020), Konklużjonijiet Annwali 2019, l-24 ta' Marzu 2020, l-Art. 17(1).

723 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2008), Rakkomandazzjoni CM/Rec(2008)11 dwar ir-Regoli Ewropej għal delinkwenti minorenni soġġetti għal sanzjonijiet jew miżuri, il-5 ta' Novembru 2008, ir-Regola 59.1.

724 QEDB, *Anguelova vs il-Bulgarija*, Nru. 38361/97, it-13 ta' Ġunju 2002; QEDB, *H.Y. u Hü.Y. vs it-Turkija*, Nru. 40262/98, is-6 ta' Ottubru 2005.

raġonevoli biex jipproteġu ħabsin, l-awtoritajiet statali għandhom ukoll iwettqu investigazzjonijiet effettivi dwar allegazzjonijiet dibattibbli ta' trattament ħażin jew mewt.

Eżempju: Il-kawża *Çoşelav vs it-Turkija* tikkonċerna s-suwiċidju ta' adolexxenti ta' 16-il sena fil-ħabs,[725] li qabel kien prova mingħajr suċċess jikkommetti suwiċidju f'diversi okkażjonijiet. Wara dawn l-attentati, l-awtoritajiet ittrasferewh minn sezzjoni għall-minorenni għal faċilità ta' detenzjoni għall-adulti. Wara li l-ewwel stabilixxew li l-awtoritajiet kienu jafu jew suppost kellhom ikunu jafu dwar l-eżistenza ta' riskju reali u immedjat għall-ħajja ta' iben ir-rikorrent, il-Qorti mbagħad innutat li l-awtoritajiet naqsu milli jieħdu miżuri responsabbli biex jipprevjenu r-riskju ta' suwiċidju. Il-QEDB qiegħdet enfażi b'saħħitha fuq l-età tad-deċedut u l-fatt li kien miżmum flimkien ma' adulti. Konsegwentement, il-QEDB sabet ksur tal-aspett sostantiv tal-Artikolu 2 tal-KEDB. Minbarra dan, il-Qorti sabet ukoll ksur tal-parti proċedurali tal-Artikolu 2 minħabba n-nuqqas tal-awtoritajiet li jwettqu investigazzjoni effettiva dwar il-mewt ta' iben ir-rikorrent. Ir-raġunijiet li jappoġġaw dawn is-sejbiet jinkludu: in-nuqqas tal-awtoritajiet li jinfurmaw minnufih lir-rikorrent dwar il-mewt ta' ibnu, in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li teżamina l-allegati fallimenti fil-prevenzjoni tas-suwiċidju, u t-tul eċċessiv tal-proċediment amministrattiv li segwa.

# 11.3. Protezzjoni ta' vittmi u xhieda minuri

## Punt ewlieni

- Vittmi u xhieda minuri huma intitolati għal protezzjoni kontra aktar vittimizzazzjoni, għall-irkupru u l-integrazzjoni mill-ġdid u għal parteċipazzjoni effettiva fi proċedimenti kriminali u alternattivi.

**Skont id-dritt tal-UE**, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi 2012/29/UE espliċitament tirrikonoxxi l-pożizzjoni ta' vittmi minuri. Tipprevedi li, meta l-vittma tkun minuri, l-aħjar interessi tiegħu jew tagħha huma kunsiderazzjoni

725 QEDB, *Çoşelav vs it-Turkija*, Nru. 1413/07, id-9 ta' Ottubru 2012.

primarja u għandhom ikunu valutati fuq bażi individwali.[726] Minbarra dan, għandu jipprevali approċċ sensittiv għat-tfal, li jfisser li l-età, il-maturità, l-opinjonijiet, il-ħtiġijiet u l-ħsibijiet tat-tfal għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni. Barra dan, id-direttiva għandha l-għan li tiżgura li l-minuri u min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri (jew rappreżentant legali ieħor) jkun infurmat bi kwalunkwe miżura jew drittijiet iffukati speċifikament fuq il-minuri (l-Artikolu 1(2)). Tfal vittmi wkoll għandhom id-dritt li jiġu mismugħa waqt proċedimenti kriminali, u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jistgħu wkoll jipprovdu evidenza. Għandhom jitqiesu l-età u l-maturità tat-tfal (l-Artikolu 10(1)). Barra minn hekk, id-direttiva għandha l-għan li tipproteġi l-privatezza u l-identità ta' vittmi minuri waqt proċedimenti kriminali, biex tipprevjeni vittimizzazzjoni sekondarja, fost raġunijiet oħrajn (l-Artikolu 21(1), ara wkoll l-Artikolu 26). Barra minn hekk, id-Direttiva tistabbilixxi dispożizzjoni speċjali dwar id-dritt għall-protezzjoni tal-vittmi minuri matul il-proċedimenti kriminali (l-Artikolu 24). Din tikkonċerna r-reġistrazzjoni awdjoviżiva tal-intervisti mal-vittmi minuri u l-użu tagħha bħala evidenza fi proċedimenti kriminali, il-ħatra ta' rappreżentanti speċjali, u d-dritt għal rappreżentanza legali f'isem il-minuri stess jekk ikun hemm kunflitt ta' interessi bejn il-vittma minuri u dawk li jkollhom ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Id-direttiva barra minn hekk fiha diversi dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tal-vittmi b'mod ġenerali, bħal aċċess għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. Fil-każ ta' tfal jew gruppi vulnerabbli oħra, servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għandhom ikunu disponibbli (ara t-Taqsima 38 tar-riżoluzzjoni li takkumpanja d-direttiva).[727]

726 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2012), Id-Direttiva 2012/29/UE tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, ĠU 2012 L 315/55.

727 Ara UE, FRA (2014), *Victims of crime in the EU: The extent and nature of support for victims* (Il-vittmi tal-kriminalità fl-UE: Il-firxa u n-natura tal-appoġġ għall-vittmi), it-12 ta' Jannar 2015, p. 36; FRA (2015), *Child-friendly justice – Perspectives and experiences of professionals on children's participation in civil and criminal judicial proceedings in 10 EU Member States* (Ġustizzja adattata għat-tfal – Il-perspettivi u l-esperjenzi tal-professjonisti dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili u kriminali f'10 Stati Membri tal-UE), il-5 ta' Mejju 2015; FRA (2017), *Child-friendly justice: Perspectives and experiences of children involved in judicial proceedings as victims, witnesses or parties in nine EU Member States* (Ġustizzja adattata għat-tfal: Il-perspettivi u l-esperjenzi tat-tfal involuti fil-proċedimenti ġudizzjarji bħala vittmi, xhieda jew partijiet f'disa' Stati Membri tal-UE), it-22 ta' Frar 2017; FRA (2018), *Children's rights and justice – Minimum age requirements in the EU* (Id-drittijiet tat-tfal u l-ġustizzja – Rekwiżiti tal-età minima fl-UE); FRA (2018), *Mapping minimum age requirements: Children's rights and justice* (Immappjar tar-rekwiżiti tal-età minima: Id-drittijiet tat-tfal u l-ġustizzja), il-25 ta' April 2018.

Id-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal teħtieġ approċċ komprensiv għal reati kriminali serji bħall-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija[728]. L-Istati Membri jridu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fl-investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe wieħed mir-reati konnessi mal-abbuż sesswali, l-intervisti kollha mal-vittma minuri jew, fejn xieraq, ma' xhud minuri jistgħu jiġu rreġistrati b'mod awdjoviżiv u li dawn l-intervisti rreġistrati b'mod awdjoviżiv jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti tal-qorti kriminali (l-Artikolu 20(4)).

Skont id-Direttiva dwar it-Traffikar tal-Bnedmin, vittma minuri trid tirċievi konsulenza legali u rappreżentanza legali mingħajr ħlas[729]. Minbarra l-miżuri disponibbli għall-vittmi kollha tat-traffikar tal-bnedmin, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu disponibbli assistenza, appoġġ u miżuri protettivi speċifiċi għall-vittmi tfal. Il-vittmi minuri tat-traffikar huma partikolarment vulnerabbli, għalhekk għandhom ikunu disponibbli miżuri protettivi addizzjonali biex jipproteġuhom fl-intervisti waqt l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali. Pereżempju, f'każijiet ta' tfal mhux akkumpanjati, għandu jinħatar tutur u/jew rappreżentant biex jissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal. Deċiżjoni dwar il-futur ta' kull vittma minuri mhux akkumpanjata għandha tittieħed fl-iqsar żmien possibbli bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni dejjiema bbażata fuq valutazzjoni individwali tal-aħjar interessi tal-minuri, li għandha tkun kunsiderazzjoni primarja.

Qabel kienet sostitwita bid-Direttiva tal-Vittmi, id-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI dwar id-drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali kienet tkopri fost affarijiet oħra l-parteċipazzjoni tal-vittmi, id-drittijiet tagħhom u trattament ġust. Irrikonoxxiet il-pożizzjoni speċjali ta' vittmi vulnerabbli, għalkemm ma rreferietx espliċitament għat-tfal. Skont din id-deċiżjoni qafas, il-QĠUE ddeċidiet li t-tfal jistgħu jkunu kkwalifikati bħala vulnerabbli meta jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-età u r-reati li jqisu li kienu vittmi tagħhom. Din konsegwentement tintitolahom għal miżuri speċjali ta' protezzjoni, bħal li jinstemgħu barra l-qorti tal-proċess qabel iseħħ il-proċess.[730] Il-QĠUE ddeċidiet ukoll li l-miżuri

728 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/93/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI, ĠU 2011 L 335.

729 L-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011), Id-Direttiva 2011/36/UE tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI, ĠU 2011 L 101.

730 QĠUE, C-105/03, *Proċedura kriminali kontra Maria Pupino* [GC], is-16 ta' Ġunju 2005, il-punt 53.

kollha meħudin biex jipproteġu l-vittmi għandhom ikunu mfassla b'tali mod li l-akkużat xorta jingħata proċess ġust. Fi kliem ieħor, il-protezzjoni tal-vittmi u tax-xhieda ma tistax tipperikola d-dritt tal-persuna akkużata għal proċess ġust.[731]

Eżempju: Fil-kawża ta' *Pupino*[732], għalliema ta' skola Taljana kienet mixlija li ttrattat ħażin lil student. Taħt il-Kodiċi Taljana tal-Proċedura Kriminali, ix-xhieda għandhom, bħala regola, jixhdu fil-qorti waqt il-proċess. F'ċerti ċirkostanzi, madankollu, l-evidenza tagħhom tista' tittieħed quddiem imħallef qabel proċess permezz ta' proċedura speċjali (*incidente probatorio*). F'dan il-każ, il-prosekutur pubbliku staqsa lill-qorti nazzjonali biex tippermetti x-xhieda mogħtija qabel minn tfal żgħar bħala prova, imma l-qorti nazzjonali rrifjutat. Għall-ewwel darba, il-QĠUE tat l-interpretazzjoni tagħha ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet rilevanti għad-drittijiet tat-tfal bħala vittmi u xhieda fi proċedimenti kriminali. Enfasizzat li d-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI teħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw il-protezzjoni speċifika ta' vittmi vulnerabbli, li jfisser li l-qorti nazzjonali għandha tkun tista' tawtorizza li vittmi vulnerabbli jixhdu b'mod li jiggarantixxi l-protezzjoni tagħhom, pereżempju barra l-proċess u qabel iseħħ. Il-QĠUE saħqet: "Madankollu, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-fatt li l-vittma ta' reat kriminali hija minuri huwiex biżżejjed, bħala regola ġenerali, sabiex tali vittma tiġi kkwalifikata bħala partikolarment vulnerabbli skont id-deċiżjoni-qafas, ma jistax jiġi kkontestat li meta, bħal fil-kawża prinċipali, tfal ta' età żgħira jallegaw li kienu soġġetti għal maltrattamenti, fuq kollox minn għalliema, dawn it-tfal jistgħu jiġu kkwalifikati bħala tali, partikolarment fid-dawl tal-età tagħhom, kif ukoll tan-natura u tal-konsegwenzi tar-reati li huma jsostni [*sic*] li kienu vittmi tagħhom".[733] Barra minn hekk, il-QĠUE ddeċidiet li l-miżuri kollha li jikkonċeraw il-protezzjoni u l-prevenzjoni ta' vittimizzazzjoni sekondarja għandhom ikunu mfassla b'tali mod li l-konvenut xorta jingħata proċess ġust.[734]

**Skont id-dritt tal-KtE**, il-QEDB iddeċidiet li l-Istat għandu dmir li jipproteġi l-interessi tal-vittmi, inklużi l-vittmi li jipparteċipaw bħala xhieda fi proċedimenti kriminali. L-interessi tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tal-QEDB,

731 *Ibid.*; ara wkoll il-QĠUE, C-507/10, *Proċedura kriminali kontra X*, il-21 ta' Diċembru 2011.

732 QĠUE, C-105/03, *Proċedura kriminali kontra Maria Pupino* [GC], is-16 ta' Ġunju 2005.

733 *Ibid.*, il-punt 53.

734 *Ibid.*, il-punt 59.

bħall-Artikolu 2 u l-Artikolu 8 għandhom ikunu bbilanċjati kontra l-interessi tad-difiża.[735] Il-QEDB għandha numru ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw reati sesswali li fihom tfal xehdu kontra l-allegati awturi. Il-Qorti rrikkonoxxiet li proċedimenti kriminali li jikkonċernaw reati sesswali "huma ħafna drabi meqjusa bħala esperjenza mill-vittma, b'mod partikolari meta din tal-aħħar kienet konfrontata kontra r-rieda tagħha mill-konvenut" u li din kienet saħansitra aktar prominenti meta tfal kienu kkonċernati.[736] Konsegwentement, il-Qorti aċċettat li fit-tali każijiet ċertu miżuri jistgħu jittieħdu għall-iskop li jipproteġu tfal vittmi. Madankollu, innutat ukoll li t-tali miżuri ma jistgħux jipperikolaw l-eżerċitar adegwat u effettiv tad-drittijiet tad-difiża, u l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu b'hekk ikunu meħtieġa li jieħdu miżuri li jikkontrobbilanċjaw l-iżvantaġġi li taħthom topera d-difiża.[737]

Eżempju: F'*Kovač vs il-Kroazja,*[738] tifla ta' 12-il sena xehdet quddiem imħallef inkwerenti li r-rikorrent kien ikkommetta atti indiċenti fuqha. Ir-rikorrent ma kienx preżenti jew rappreżentat waqt l-imsemmija testimonjanza, u lanqas ingħata l-opportunità li jikkontesta l-istqarrija tal-vittma. Il-QEDB tenniet li, bħala regola, l-evidenza kollha għandha tingħata fil-preżenza tal-akkużat fi smigħ pubbliku biċ-ċans għal argumenti kontradittorji. Jekk jintużaw bħala provi stqarrija li jkunu ngħataw fl-istadju tal-inkjesta tal-pulizija jew l-investigazzjoni ġudizzjarja, dan mhuwiex fih innifsu inkonsistenti mal-Artikolu 6 tal-KEDB, sakemm il-konvenut jingħata opportunità adegwata u xierqa li jisfida u jistaqsi lill-vittma konċernata, jew fil-ħin li qed tagħmel l-istqarrijiet jew fi stadju aktar tard tal-proċedimenti. Fil-każ tar-rikorrent, l-istqarrijiet tal-vittma kienu l-unika evidenza diretta tal-fatti allegati kontra r-rikorrent, u din l-evidenza kienet deċiżiva fid-deċiżjoni tal-qorti li toħroġ verdett ta' ħtija. Madankollu, ir-rikorrent ma setax jikkontesta jew jikseb risposta minn qrati domestiċi li jikkonċernaw l-ilment tiegħu f'dak ir-rigward. Barra minn dan, l-istqarrija attwali tal-vittma qatt ma kienet inqrat quddiem il-qorti tal-proċess. Minflok, l-imħallef innota biss li l-vittma kkonfermat l-istqarrija li kienet għamlet quddiem l-imħallef

735 QEDB, *Doorson vs in-Netherlands*, Nru. 20524/92, is-26 ta' Marzu 1996.

736 QEDB, *S.N. vs l-Iżvezja*, Nru. 34209/96, it-2 ta' Lulju 2002, il-punt 47.

737 QEDB, *Bocos-Cuesta vs in-Netherlands*, Nru. 54789/00, l-10 ta' Novembru 2005; QEDB, *A.L. vs il-Finlandja*, Nru. 23220/04, is-27 ta' Jannar 2009; QEDB, *W. vs il-Finlandja*, Nru. 14151/02, l-24 ta' April 2007; QEDB, *Kovač vs il-Kroazja*, Nru. 503/05, it-12 ta' Lulju 2007.

738 QEDB, *Kovač vs il-Kroazja*, Nru. 503/05, it-12 ta' Lulju 2007.

inkwerenti. B'hekk, il-QEDB ikkonkludiet li r-rikorrenti ma ngħatatx proċess ġust, bi ksur tal-Artikolu 6(1) flimkien mal-Artikolu 6(3)(d) tal-KEDB.

Eżempju: F'*S.N. vs l-Iżvezja*[739], tifel ta' 10 snin xehed mal-pulizija li kien sesswalment abbużat mir-rikorrent. It-tifel kien intervistat darbtejn minn spettur tal-pulizija b'esperjenza sinifikanti f'każijiet ta' abbuż tat-tfal. L-ewwel intervista kienet vidjoreġistrata, it-tieni awdjoreġistrata. L-avukat tar-rikorrent ma attendiex it-tieni intervista, imma qabel mal-ispettur tal-pulizija dwar il-kwistjonijiet li kellhom jiġu diskussi. Waqt il-proċess, il-Qorti tad-Distrett semmgħet ir-reġistrazzjonijiet tal-intervisti tat-tifel, imma ma eżaminatux in persona. Il-qorti finalment ikkundannat lir-rikorrent, billi bbażat ruħha kważi għalkollox fuq ix-xiehda tat-tifel. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-kundanna. Hija sabet li l-intervisti tal-pulizija pprovdew biżżejjed evidenza biex tiġi stabbilita l-ħtija tar-rikorrent, minkejja li għarfet li ma kien hemm ebda evidenza teknika li tappoġġa l-allegazzjonijiet tat-tifel, li kultant ma kinux preċiżi. Il-QEDB aċċettat li, f'każijiet ta' reati sesswali, kontroeżami tax-xhud mhux dejjem possibbli u li, fit-tali każijiet, it-testimonjanzi tax-xhud għandhom ikunu trattati b'attenzjoni kbira. Għalkemm id-dikjarazzjonijiet magħmula mit-tifel kienu virtwalment l-unika evidenza kontra l-akkużat, il-proċedimenti fit-totalità tagħhom kienu ġusti. Il-vidjoreġistrazzjoni ntweriet matul il-proċess u s-smigħ tal-appell u t-transkizzjoni tat-tieni intervista nqrat quddiem il-Qorti tad-Distrett; l-awdjoreġistrazzjoni ssemmgħet ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell. Din tat opportunità suffiċjenti lir-rikorrent biex jisfida t-testimonjanza u l-kredibbiltà tat-tifel fil-kors tal-proċedimenti kriminali. Konsegwentement, ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 6(3)(d) tal-KEDB.

Il-każistika tal-QEDB ma tirrigwardax biss l-ibbilanċjar tal-protezzjoni tal-vittmi minuri u d-dritt tal-konvenut għal proċess ġust, imma wkoll il-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja tax-xhieda u l-familji tagħhom, inklużi tfal, skont l-Artikolu 2 tal-KEDB, kif muri fl-eżempju li ġej.

Eżempju: *R.R. u Oħrajn vs l-Ungerija*[740]tikkonċerna priġunier li xehed f'qorti miftuħa dwar l-attivitajiet tiegħu ta' traffikar tad-droga u li kien, flimkien ma' martu u ż-żewġ uliedu, imqiegħed fil-programm uffiċjali tal-protezzjoni tax-xhieda għar-riskju ta' tpattija. Meta l-awtoritajiet irrealizzaw li

739 QEDB, *S.N. vs l-Iżvezja*, Nru. 34209/96, it-2 ta' Lulju 2002.

740 QEDB, *R.R. u Oħrajn vs l-Ungerija*, Nru. 19400/11, l-4 ta' Diċembru 2012.

l-priġunier kien għadu f'kuntatt ma' ċirki kriminali, neħħew lilu u lill-familja tiegħu mill-programm tal-protezzjoni tax-xhieda talli kiser it-termini tiegħu. Skont l-Artikolu 2 tal-KEDB, il-familja ddikjarat li l-esklużjoni tagħhom mill-programm tal-protezzjoni tax-xhieda poġġitilhom ħajjithom f'riskju ta' tpattija mill-mafja. Il-Qorti aċċettat li l-inklużjoni tar-rikorrent fil-programm tal-protezzjoni tax-xhieda u l-kollaborazzjoni tal-missier mal-awtoritajiet fissret li ħajjet r-rikorrenti kienet f'riskju meta l-miżura kienet oriġinarjament fis-seħħ. Minħabba li l-kanċellazzjoni tal-protezzjoni tagħhom mill-programm ma kinitx immotivata bit-tnaqqis ta' dak ir-riskju, iżda mill-ksur tat-termini tiegħu, il-Qorti ma kinitx konvinta li l-awtoritajiet ppruvaw li r-riskju waqaf jeżisti. Barra minn hekk, ma kienx irraġonevoli li jiġi kkunsidrat li, wara t-tneħħija tal-identitajiet ta' kopertura tal-familja, l-identitajiet tagħhom u fejn kienu jinsabu saru aċċessibbli għal kull min xtaq jagħmlilhom ħsara. B'dak il-mod, l-awtoritajiet potenzjalment esponew lill-familja għal periklu b'theddida għal ħajjithom, bi ksur tal-Artikolu 2 tal-KEDB.

Eżempju: Il-kawża *X u Oħrajn vs il-Bulgarija* kienet tikkonċerna allegazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal f'orfanatrofju. Fir-rigward tal-parti proċedurali, il-Qorti ddeċidiet li l-awtoritajiet Bulgari kienu kisru l-obbligu proċedurali tagħhom skont l-Artikolu 3 tal-KEDB, li jirrikjedi li l-awtoritajiet iwettqu investigazzjoni effettiva dwar allegazzjonijiet kontestabbli ta' tortura jew ta' trattament inuman jew degradanti.[741] Għalkemm l-awtoritajiet Bulgari kienu ħadu serje ta' passi investigattivi, il-Qorti sabet li dawn ma kinux laħqu l-livell meħtieġ ta' "effettività". Waħda mir-raġunijiet għal dan kienet in-nuqqas ta' teħid ta' passi sabiex il-vittmi jiġu involuti fl-investigazzjoni. Fl-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 3, il-Qorti qieset strumenti internazzjonali applikabbli oħrajn u, b'mod partikolari, il-Konvenzjoni ta' Lanzarote.

L-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Lanzarote jindika liema miżuri ġenerali ta' protezzjoni għandhom jieħdu l-Istati Membri biex jipproteġu d-drittijiet u l-interessi tal-vittmi, inklużi l-ħtiġijiet speċjali tagħhom bħala xhieda, fl-istadji kollha tal-investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali (l-Artikolu 31(1)). Dawn il-miżuri jinkludu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom bħala vittmi, id-disponibbiltà ta' servizzi u l-progress ġenerali tal-investigazzjoni jew proċedimenti,

741 QEDB, *X u Oħrajn vs il-Bulgarija*, Nru. 22457/16, it-2 ta' Frar 2021, il-punti 192 u 228; ara wkoll it-Taqsima 7.1.1.

il-protezzjoni tal-privatezza u s-sigurtà tagħhom (inkluża informazzjoni dwar il-ħelsien tal-persuna mħarrka jew ikkundannata) u li jiġi evitat kuntatt bejn il-vittmi u l-awturi fil-qorti u fil-bini tal-aġenzija tal-infurzar tal-liġi. Minbarra dan, l-Artikolu 31 jipprrevedi li l-vittmi għandu jkollhom aċċess għal għajnuna legali (l-Artikolu 31(3)). L-informazzjoni mogħtija għandha tkun adattata għall-età u l-maturità tat-tfal u tkun f'lingwa li huma jkunu jifhmu (l-Artikolu 31(6)).

Il-*Linji gwida tal-KtE dwar ġustizzja adattata għat-tfal*[742] jagħtu attenzjoni wkoll għall-protezzjoni tal-vittma jew xhud minuri, partikolarment meta tingħata evidenza fi proċedimenti ġudizzjarji. Il-Linji gwida jappellaw lill-Istati membri biex jagħmlu "'[k]ull sforz [...] sabiex it-tfal jagħtu evidenza fl-aktar ambjent favorevoli u taħt l-aktar kundizzjonijiet xierqa, meta jitqiesu l-età tagħhom, il-maturità u kemm jifhmu u kwalunkwe diffikultajiet ta' komunikazzjoni li jista' jkollhom".[743] Għal dan il-għan, għandhom ikunu involuti professjonisti mħarrġa, u, pereżempju, għandhom ikunu mħeġġa stqarrijiet awdjoviżivi. It-tfal għandu wkoll ikollhom l-opportunità li jagħtu evidenza f'każijiet kriminali mingħajr il-preżenza tal-allegat awtur. Il-linji gwida jagħrfu wkoll li dan l-approċċ adattat għat-tfal għandu jirrispetta d-dritt ta' partijiet oħrajn biex jikkontestaw il-kontenut tad-dikjarazzjonijet tat-tfal. Minbarra dan, il-linji gwida jipprevedu li l-privatezza u l-ħajja tal-familja ta' xhieda minuri għandhom ikunu protetti (it-Taqsima IV(a)(9)) u l-proċedimenti għandhom preferibbilment jinstemgħu *in camera*.

Skont id-dritt internazzjonali, il-ħtieġa li jiġu protetti t-tfal vittmi ġiet espliċitament rikonoxxuta fl-Artikolu 39 tas-CRC. Din id-dispożizzjoni tistipula li l-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jippromwovu l-irkupru fiżiku u psikoloġiku u l-integrazzjoni soċjali mill-ġdid ta' vittmi minuri. Dan l-irkupru u l-integrazzjoni mill-ġdid jridu jseħħu f'ambjent li jħares is-saħħa u d-dinjità tal-minorenni kif ukoll ir-rispett tiegħu nnifsu.

---

742 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2010), *Linji Gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal*, is-17 ta' Novembru 2010; ara wkoll l-UE, FRA (2015), Ġustizzja adattata għat-tfal – Il-perspettivi u l-esperjenzi ta' professjonisti dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili u kriminali f'10 Stati Membri tal-UE, il-5 ta' Mejju 2015.

743 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2010), *Linji gwida dwar ġustizzja adattata għat-tfal, is-17 ta' Novembru 2010*, il-para. 64.

Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li n-NU addottaw l-*Linji gwida dwar ġustizzja fi kwistjonijiet li jinvolvu t-tfal bħala vittmi u bħala xhieda tar-reati*.[744] Dawn il-linji gwida jappellaw biex il-vittmi u x-xhieda minuri jjkunu ttrattati "b'mod sensittiv għat-tfal", li "jindika approċċ li jibbilanċja l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal u li jieħu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġijiet u l-opinjonijiet individwali tat-tfal".[745] Il-linji gwida jipprovdu tutela ferm dettaljata fuq kif timplimenta dawn l-aspetti. Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal enfasizza wkoll ir-rilevanza ta' dawn il-Linji gwida tan-NU taħt l-Artikolu 12 tas-CRC (id-dritt li jiġi mismugħ) fil-Kumment Ġenerali tiegħu.[746] Skont il-kumitat, vittmi minuri u xhieda minuri ta' reat għandhom jingħataw l-opportunità li jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberament, li b'mod partikolari "jfisser li għandu jsir kull sforz biex jiżguraw li l-vittma u/jew xhud minuri jkunu kkonsultati fuq il-materji rilevanti fir-rigward tal-involviment fil-każ taħt skrutinju, u jitħallew jesprimu liberament, u fil-manjiera tagħhom stess, opinjonijiet u ħsibijiet fir-rigward tal-involviment tagħhom fil-proċess ġudizzjarju".[747] Il-Kumitat jargumenta wkoll li "id-dritt tal-vittma jew xhieda minuri huwa [...] marbut mad-dritt li jkun infurmat dwar kwistjonijiet bħad-disponibbiltà ta' servizzi tas-saħħa, psikoloġiċi u soċjali, ir-rwol ta' vittma u/jew xhieda minuri, il-mod kif titmexxa l-"interrogazzjoni", mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti fis-seħħ għall-minuri meta jissottometti lment u jipparteċipa f'investigazzjonijiet u proċedimenti tal-qorti, il-postijiet speċifiċi u l-ħinijiet tas-smigħ, id-disponibbiltà ta' miżuri protettivi, il-possibbilitajiet li jirċievi kumpens, u d-dispożizzjonijiet għal appell".[748]

744 Il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU, Riżoluzzjoni 2005/20, *Guidelines on Justice in Matters involving Child Victims and Witnesses of Crime* (Linji gwida dwar il-ġustizzja fi kwistjonijiet li jinvolvu t-tfal bħala vittmi u bħala xhieda tar-reati), it-22 ta' Lulju 2005.

745 *Ibid.*, il-para. 9(d).

746 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2009), *Kumment Ġenerali Nru. 12 (2009) dwar id-dritt tat-tfal li jiġu mismugħa*, CRC/C/GC/12, l-1 ta' Lulju 2009, il-paragrafi 62–64; in-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2019), *Kumment Ġenerali Nru. 24 (2019) dwar id-drittijiet tat-tfal fis-sistema tal-ġustizzja tat-tfal*, CRC/C/GC/24, it-18 ta' Settembru 2019.

747 In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2019), *Kumment Ġenerali Nru. 24 (2019) dwar id-drittijiet tat-tfal fis-sistema tal-ġustizzja tat-tfal*, CRC/C/GC/24, it-18 ta' Settembru 2019, il-para. 63.

748 *Ibid.*, il-para. 44.

# Aktar qari



## Kapitolu 1
## Introduzzjoni għal-liġi Ewropea li għandha x'taqsam mad-drittijiet tat-tfal: kuntest u prinċipji ewlenin


Il-Kunsill tal-Ewropa (2016), Disability Strategy 2017-2023 (Strateġija dwar id-diżabilità 2017–2023), it-30 ta' Novembru 2016.

Il-Kunsill tal-Ewropa (2018), Counter-Terrorism Strategy (2018-2022) (Strateġija kontra t-terroriżmu (2018–2022)), l-4 ta' Lulju 2018.

Il-Kunsill tal-Ewropa (2018), Gender Equality Strategy 2024-2029 (Strateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2018–2023), is-7 ta' Marzu 2018.

Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2020), Strategic Action Plan for Roma and Traveller Inclusion (2020-2025) (Pjan ta' azzjoni strateġiku tal-Kunsill tal-Ewropa għall-inklużjoni tar-Rom u tat-Travellers (2020–2025)), it-22 ta' Jannar 2020.

Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2020), Youth Sector Strategy 2030 (Strateġija tas-settur taż-żgħażagħ 2030), it-22 ta' Jannar 2020.

Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2022), Strategy for the Rights of the Child (2022-2027) (Strateġija tal-Kunsill tal-Ewropa għad-drittijiet tat-tfal (2022–2027)), it-23 ta' Frar 2022.

Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2021), Action Plan on Protecting Vulnerable Persons in the Context of Migration and Asylum in Europe (2021-2025) (Pjan ta' azzjoni dwar il-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli fil-kuntest tal-migrazzjoni u l-ażil fl-Ewropa (2021–2025)), il-5 ta' Mejju 2021.

Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat dwar il-Bijoetika (2019), Strategic Action Plan on Human Rights and Technologies in Biomedicine (2020–2025) (Pjan ta' azzjoni strateġiku dwar id-drittijiet tal-bniedem u t-teknoloġiji fil-bijomediċina (2020–2025)), it-18 ta' Diċembru 2019.

ECSR (2018), *Digest of the case law of the European Committee of Social Rights* (Ġabra tal-każistika tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali), Diċembru 2018.

L-UE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2021), Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal, ĠU 2021 L 223, it-22 ta' Ġunju 2021.

L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2012), *Strateġija Ewropea għal internet aħjar għat-tfal*, COM(2012) 196 final, it-2 ta' Mejju 2012.

L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2021), L-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, 2021.

L-UE, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea (2007), Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ĠU 2007 C 303, l-14 ta' Diċembru 2007.

FRA (2010), *Developing indicators for the protection, respect and promotion of the rights of the child in the European Union (L-iżvilupp ta' indikaturi għall-protezzjoni, ir-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-Unjoni Ewropea)*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet), Ottubru 2010.

UNICEF, Innocenti Research Centre (2007), *Law reform and the implementation of the convention on the rights of the child* (Riforma tal-liġi u l-implimentazzjoni tal-konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal), Diċembru 2007.

UNICEF, Innocenti Research Centre (2013), *Championing children's rights: A global study of independent human rights institutions for children*

(Il-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal: Studju globali ta' istituzzjonijiet indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem għat-tfal), Ottubru 2012.

In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2009), *General Comment No. 12 (2009): The right of the child to be heard* (Kumment ġenerali Nru. 12 (2009): Id-dritt tat-tfal li jinstemgħu), CRC/C/GC/12, l-1 ta' Lulju 2009.

In-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2013), *General comment No. 14 (2013) on the right of the child to have his or her best interests taken as a primary consideration (art. 3, para. 1)* (Kumment Ġenerali Nru. 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li l-aħjar interessi tagħhom jittieħdu bħala kunsiderazzjoni primarja (l-art. 3, il-para. 1)), CRC/C/GC/14, id-29 ta' Mejju 2013.

## Kapitolu 2
## Id-drittijiet u l-libertajiet ċivili

Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2010), *Guidelines of the Committee of Ministers of the Council of Europe on child-friendly justice* (Linji Gwida tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ġustizzja adattata għat-tfal), is-17 ta' Novembru 2010.

Il-Kunsill tal-Ewropa (2016), *Child Participation Assessment Tool* (Għodda għall-valutazzjoni tal-parteċipazzjoni tat-tfal), Marzu 2016.

Il-Kunsill tal-Ewropa (2019), *Media Regulatory Authorities and Protection of Minors* (L-awtoritajiet regolatorji tal-media u l-protezzjoni tal-minuri), Strażburgu, Council of Europe Publishing, l-10 ta' April 2019.

Il-Kunsill tal-Ewropa (2020), *Listen – act – change – Council of Europe handbook on children's participation for professionals working for and with children* (Isma' – aġixxi – biddel – Manwal tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal għal professjonisti li jaħdmu għat-tfal u magħhom), Ottubru 2020.

FRA (2010), *Developing indicators for the protection, respect and promotion of the rights of the child in the European Union* (L-iżvilupp ta' indikaturi għall-protezzjoni, ir-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-Unjoni Ewropea), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, l-4 ta' Novembru 2010.

FRA (2014), *Child-friendly justice: Key terms* (Ġustizzja adattata għat-tfal: Termini ewlenin), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, id-29 ta' Settembru 2014.

FRA u QEDB (2018), *Il-Manwal tad-dritt Ewropew tan-nondiskriminazzjoni*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-21 ta' Marzu 2018.

## Kapitolu 3
## Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni

Il-Kunsill tal-Ewropa (2014), LGBTI children have the right to safety and equality (It-tfal LGBTI għandhom id-dritt għas-sikurezza u l-ugwaljanza), Kumment dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, it-2 ta' Ottubru 2014.

Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat Konsultattiv fuq l-FCNM (2006), *Commentary on education under the Framework Convention for the Protection of National Minorities* (Kummentarju dwar l-Edukazzjoni skont il-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni ta' Minoranzi Nazzjonali), ACFC/25DOC(2006)002, it-2 ta' Marzu 2006.

L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni*, COM(2020) 620 final, is-7 ta' Ottubru 2020.

L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020–2025*, COM(2020) 698 final, it-12 ta' Novembru 2020.

L-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2021), *Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità ("id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali") u tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ("id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg")*, COM(2021) 139 final, id-19 ta' Marzu 2021.

Network Ewropew ta' Esperti Legali fil-qasam tan-nondiskriminazzjoni, O'Dempsey, D. u Beale, A. (2011), *Age and Employment* (L-Età u l-Impjieg), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, is-17 ta' Novembru 2011.

FRA (2011), *Migrants in an irregular situation: Access to healthcare in 10 European Union Member States* (Migranti f'sitwazzjoni irregolari: Aċċess għall-kura tas-saħħa f'10 Stati Membri tal-Unjoni Ewropea), Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-11 ta' Ottubru 2011.

FRA (2016), *Second European Union Minorities and Discrimination Survey: Roma – Selected findings* (It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni: ir-Rom – Sejbiet magħżula), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, id-29 ta' Novembru 2016.

FRA (2017), *Second European Union Minorities and Discrimination Survey – Main results* (It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni – Riżultati ewlenin), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, is-6 ta' Diċembru 2017.

FRA (2020), *A long way to go for LGBTI equality* (Triq twila lejn l-ugwaljanza tal-LGBTI), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, l-14 ta' Mejju 2020.

